

Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema L-Imġarr A.D. 2011

Festa 2013

# Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema

## L-Imġarr A.D. 2011

# *Festa 2013*

# Werrej


Messaġġ mill-President ..... 5
Kumitat Eżekuttiv 2011-2013 ..... 6
Formazzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv 2011-2013 ..... 7
Messaġġ mis-Segretarju Ġenerali ..... 8
Messaġġ mill-Kaxxiera ..... 12
Messaġġ mill-Viċi President ..... 13
Messaġġ mis-Sindku ..... 17
Messaġġ mill-Kappillan u Direttur Spiritwali ..... 21
Messaġġ mill-Assistent Segretarju u Rappreżentant taż-Żgħażagħ ..... 24
Messaġġ mill-Assistenta Kaxxiera u Rappreżentanta tan-Nisa ..... 25
Messaġġ mill-P.R.O. ..... 28
Messaġġ minn President Onorarju ..... 29
Messaġġ mis-Surmast Direttur u Għalliem tal-Istrumenti tal-Qasba ..... 32
Messaġġ mill-Assistent Surmast u Għalliem tal-istrumenti tar-ram ..... 33
Messaġġ mis-Segretarju, Għaqda Każini tal-Banda ..... 35
Messaġġ mill-President, Fondazzjoni Kultura Festi Mġarr ..... 37
Messaġġ minn President Onorarju ..... 38
It-Tberik u l-Inawgurazzjoni tal-Banda ..... 40
Wara l-Inawgurazzjoni… ..... 51
Bdejna naħsdu l-frott ..... 67
L-Allievi tas-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr ..... 73
Manifestazzjoni Esterna ..... 74
L-Ewwel Programm Vokali u Strumentali
mis-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema" ..... 77
Tagħrif fuq il-mużika li se tindaqq fil-Programm Vokali u Strumentali ..... 78
Servizz "Corpus Christi" ..... 83
Marċi li se jindaqqu mis-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema" ..... 84
Servizzi Mużikali mis-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema" ..... 85
Bħalma l-Madonna ttellgħet is-Sema bir-ruħ u bil-ġisem, hekk aħna li
nsalvaw, għad immorru s-Sema bir-ruħ u bil-ġisem ..... 88
L-Ideal Romantiku fil-Kitba tal-Kurunelli u l-Innijiet Popolari ..... 92
Liturġija, l-Assunzjoni tal-Verġni, u Papa Piju Tnax ..... 97
Mitt Sena miċ-Ċentinarju tal-Kungress Ewkaristiku ..... 102
L-importanza tal-eżerċizzju fiżiku għal saħħa aħjar ..... 107
Żammitellu – Il-Leġġenda, il-Personalità u l-Kastell ..... 129
Ir-Raħal Ta' Skorba ..... 134
Lazzaro Pisani ..... 142
Messaġġi mingħand ħutna l-emigranti Mġarrin fl-Amerika ..... 144
Victoria Lines – Fortifikazzjonijiet Ingliżi li ma ntużawx fil-Gwerra ..... 146
Carmelo Pace (1906 – 1993) ..... 150
L-istatwarju James Azzopardi u x-xogħlijiet tiegħu ..... 153
It-Trobbija tan-Naħal ..... 156
Rev. Dr Edgar Vella ..... 164
Aktar ħidma u riżultati pożittivi mill-Imġarr Karate Club ..... 168
Il-Ħidma tal-Mġarr United F.C. ..... 172
It-Tim tat-Tfajliet tal-Imġarr United F.C. ..... 173
Imġarr Volleyball Club ..... 176
Salve Reġina ..... 180
L-Imġarr Iben Marija ..... 181
Messaġġ mill-President Onorarju u Konslu tal-Amerika ..... 184
Xewqati!! ..... 189
Ir-Riżenja li ħadd ma kien qed jistenna tal-Papa Benedittu XVI ..... 192
Innu tal-Banda Soċjetà Filarmonika 'Marija Mtellgħa s-Sema' ..... 201
Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni ..... 208



Pubblikazzjoni tas-
**Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema", tal-Imġarr A.D.2011**

Fl-okkażjoni tal-Festa titulari ta' Santa Marija, Awwissu 2013

Editur:
Joseph Caruana Dip Oper.Mgt.

Qari tal-provi:
Joseph Caruana Dip Oper.Mgt.
Vanessa Caruana
Kav. Ġorġ Bianchi

Ġbir tar-reklami:
Joseph Caruana
Giovanni Gatt
Marija Vella

Ritratti:
Raymond Muscat
Fredrick Muscat
Awturi tal-artikli
Kumitat Eżekuttiv
Arkivji

Ħajr: Lill-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjetà, lil dawk li ġabru r-reklami, kontributuri tal-artikli, u tar-ritratti, lid-ditti u lill-kumpaniji li rreklamaw u lilkom li tapprezzaw din il-pubblikazzjoni.



Ħadd ma jista' jikkopja jew juża parti minn din il-pubblikazzjoni mingħajr il-permess bil-miktub tal-kumitat eżekuttiv tas-Soċjetà.


Il-kontenut tal-artikli mhux bilfors jirrifletti l-opinjoni tas-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema", tal-Imġarr.

Kull reklam li jidher f'din il-pubblikazzjoni huwa donazzjoni lis-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa S-Sema", tal-Imġarr.

Din il-pubblikazzjoni qed titqassam bla ħlas. Kull donazzjoni tiġi apprezzata.


Issettjat u Stampat
**Best Print Co. Ltd, Qrendi**

In-Nutar

# Dr Tony Abela

(Anthony Abela)



jawgura kull suċċess

lis-Soċjetà Filarmonika

Marija Mtellgħa s-Sema

tal-Imġarr

u jitlob li ningħaqdu

u nagħtuha sapport tassew.

Tel:
21454008

Fax:
21456114

Mob:
99493541

E-mail:
tony@nutarabela.com


For All Your Grocery Needs...
Ambient Foods
Baby Club
Smart
Supermarket
A. Smart Supermarket, Naxxar Road, Birkirkara
T. 2144 2728 | E. info@smart.com.mt
www.smart.com.mt


RPJ
New Tyres:
Car
4x4
Light Truck and Van
Heavy Truck
Agriculture
Off the Road
Earth Moving
Alloy Wheels
All Tyre Repairs
Wheel Balancing
Car Care Products
Sole Agents for:
LASSA
Radar
petlas
Alloy Wheels:
MAK
Arcasting
Also Available Brands:
Firestone
GOODYEAR
Hankook
MICHELIN
BRIDGESTONE
BFGoodrich
PIRELLI
DUNLOP
TOYO TIRES
RPJ
Mobile: 99 042 285 / 99 448 417
Email: rpjtyresandwheels@gmail.com
Website: www.rpjtyres.com
Address: 236, Triq iz-Zebbiegh, Mgarr, MGR 9030
Opening Hours:
Monday – Friday: 7:00 – 18:00
Saturday: 7:00 – 13:30



# Fassalna l-futur ta' wliedna. Futur mimli opportunitajiet ġodda.

**Giovanni Gatt**
**President**



Imġarrin insellmilkom.

Mat-twaqqif tal-banda tagħna f'Ottubru 2011, fassalna l-futur ta' wliedna. Futur mimli opportunitajiet ġodda. Opportunitajiet li qabel, uliedna kienu mċaħħda minnhom.

Issa li wasalna s'hawn importanti li ningħaqdu flimkien biex inkomplu mexjin fid-direzzjoni t-tajba. Nappella lill-ġenituri tal-allievi biex ikomplu jinkuraġġuhom u jibqgħu jistudjaw il-mużika. Jeħtieġ li jħossuhom parti minn din is-Soċjetà, l-għajnuna tagħhom hi ferm neċċessarja. Matul is-sena norganizzaw diversi attivitajiet. L-attendenza tagħkom hi ferm importanti għalina. Dan għaliex filwaqt li nissoċjalizzaw flimkien, tkunu qed tgħinuna biex nagħmlu tajjeb għall-ispejjeż kbar li għandna.

Hu ta' sodisfazzjon kbir għalina, li din is-sena numru sabiħ ta' ħdax-il alliev se jibdew idoqqu mal-banda tagħna. Minn barra dan grupp sabiħ ta' madwar 25 alliev ieħor qed jitgħallmu jdoqqu mal-banda Mġarrija. Dan jawgura futur sabiħ lill-Għaqda Mużikali żagħżugħa tagħna.

Imġarrin l-għajnuna tagħkom hi ferm meħtieġa. Għandna bżonn l-appoġġ tagħkom kontinwament. Kif dejjem għamiltu, importanti li tagħtuna l-appoġġ finanzjarju. Fl-istess waqt għinuna ħalli flimkien insibu post biex nagħmluh każin tal-banda. Każin kif jixraq lill-Għaqda tagħna. Imbagħad inkunu nistgħu nimxu iktar 'il quddiem. Bl-akkwist tal-post nieħdu spinta 'l fuq u din tissarraf f'ġid għal uliedna.

Fil-festa ta' din is-sena se nieħdu sehem billi ser nagħmlu erba' servizzi mużikali matul il-jiem tal-festa. Dan kollu se jkun possibli frott il-ftehim milħuq bejn l-Għaqda tagħna u l-kumitat tal-festa. Ftehim li żgur se jkun ta'ġid għall-festa sabiħa tagħna.

Fl-aħħar nett nixtieq nirringrazzja lil sħabi kollha tal-kumitat għall-ħidma tagħhom, lis-Surmast Direttur u l-Assistent Surmast għad-dedikazzjoni li għandhom biex iħarrġu l-allievi tagħna. Finalment nixtieq inrodd ħajr lilkom talli dejjem sibniekom hemm meta kellna bżonnkom. Nawguralkom il-festa t-tajba.

Viva l-patruna tagħna Santa Marija.

**It-tagħlim tal-mużika jkattar il-kultura**
**għalhekk ħajjar lil uliedek**
**jitgħallmu strument**
**mal-banda tal-Imġarrin**
**– Il-Banda l-ġdida**




Wara mix-xellug: Chris Vella, Mary Abela (Kaxxiera), Anġela Muscat u Marija Vella
Quddiem mix-xellug: Clayton Gauci (Viċi President), Giovanni Gatt (President)
u Joseph Caruana (Segretarju Ġenerali).

# Kumitat Eżekuttiv 2011-2013

*Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema", L-Imġarr A.D.2011*

**Presidenti Onorarji**
In-Nutar Tony Abela
L-Onor. Dr.Godfrey Farrugia MP
L-Onor. Dr. Ian Borg MP
Is-Sur Louis Vella Konslu ta' Malta fl-Amerika
Is-Sindku s-Sur Paul Vella
Is-Sur Michael Attard

**Membri Onorarji**
Is-Sur Nazju Schembri
Is-Sur Tony Vella
Is-Sinjura Doris Vella
Il-Kavallier Ġorġ Bianchi
Is-Sur Raymond Muscat

**Segretarju Ġenerali**
Is-Sur Joseph Caruana
Dip. Oper. Mgt.

**President**
Is-Sur Giovanni Gatt

**Kaxxiera**
Is-Sra Mary Abela

**Assistent Segretarju**
Is-Sur Christ Vella

**Viċi President**
Is-Sur Clayton Gauci

**Asst. Kaxxiera**
Is-Sra Anġela Muscat

**P.R.O**
Is-Sra.Maria Vella

**Rapp. Nisa**
Is-Sra Anġela Muscat

**Rapp. Żgħażagħ**
Is-Sur Christ Vella

**Rapp. Għaqda Każini tal-Banda**
Is-Sur Joseph Caruana Dip. Oper. Mgt.
Is-Sur Christ Vella

**Delegat tal-Banda**
Is-Sur Joseph Caruana Dip. Oper. Mgt.

**Surmast Direttur u Għalliem Strumenti tal-qasba**
Mro Nicholas Vella ALCM

**Assistent Surmast u Għalliem Strumenti tar-Ram**
Mro Tancred Grech B.A. (Hons)Music,LLCM. PGCE

**Direttur Spiritwali**
Rev. Fr.Antoine Borg

**Awdituri**
Is-Sur Sandro Muscat u s-Sinjura Simone Galea

**Nutar tal-Każin**
In-Nutar Tony Abela

**Rapp. Legali**
L-Avukat Chris Cilia

**Perit tal-Każin**
Il-Perit David Vassallo

**Fotografu tal-Każin**
Is-Sur Raymond Muscat

# Festa unika, b'karatteristika tipikament Imġarrija. Aħna l-Imġarrin kuntenti u kburin bil-festa tagħna



**Joseph Caruana** Dip. Oper. Mgt.
Segretarju Ġenerali

Kemm hu sabiħ ix-xahar t'Awwissu. Kemm ikun ilna nistennewh. Mingħajr dubju dan hu wieħed mill-iktar xhur mistennija matul is-sena. Għalkemm ħafna jassoċjawh mal-vaganzi, żgur li l-importanza tiegħu tissostanzja ruħha meta ngħidlek li hu daqshekk mistenni għal raġuni oħra. Fih niċċelebraw il-festa għażiża għall-Maltin u l-Għawdxin kollha, dik ta' Ommna Marija Mtellgħa s-Sema. Din hija festa universali. Fil-fatt din il-festa tiġi ċċelebrata wkoll f'disa' lokalitajiet fil-gżejjer tagħna u juri kemm hi festa maħbuba. Kull belt u raħal jifraħ fil-jiem tal-festa tiegħu, imma aħna li niċċelebraw il-festa tal-Assunta, għandna nħossuna kburin. Ikolli nistqarr li l-festa tal-Imġarr hija festa unika, b'karatteristika tipikament Imġarrija. Aħna l-parruċċani kuntenti u kburin bil-festa tagħna. Niċċelebraw festa sabiħa u qaddisa. Festa ħielsa minn piki żejda u bla esaġerazzjoni. Festa li tgħaqqad ir-raħal u għad li forsi fil-lenti tad-dilettanti ma tingħatax l-importanza xierqa, hi festa mfittxija mill-iktar. Tattira folol kbar ta' nies. Festa li żgur mhux forsi, bit-twaqqif tal-banda tagħna żiedet tieħu żvolta ġdida.

Is-Soċjetà tagħna ġiet stabbilita biex tkompli ssebbaħ u tkabbar il-festa u qatt ma kellna skop li b'xi mod jew ieħor infixklu jew noħolqu xi pika. Il-ftehim li lħaqna matul din is-sena mal-'Fondazzjoni Kultura u Festi Mġarr' hu xhieda ta' dan. Ir-rieda tajba ta' dawn iż-żewġ entitajiet ħarġet fil-beraħ u mill-ewwel dehru r-riżultati. Sabiħ meta tiftihem, għax taħdem b'sinkronizzazzjoni u jinġibed ħabel wieħed. Aħna l-Imġarrin irridu nuru li mhux verità li l-festa tikber biss fejn ikun hemm il-pika. Jingħad li l-piki jaqtgħu l-aptiti u aħna mhux se nintroduċuhom. M'iniex qed ngħid li problemi u ostakli ma jinħolqux, imma dawn faċilment jistgħu jiġu megħluba.

Il-festa ta' din is-sena għandha tkun waħda memorabbli. Kollu frott li sar bis-saħħa tal-ftehim li ntlaħaq. Se nieħdu sehem sħiħ fil-festa b'diversi servizzi mużikali. Liema servizzi se jagħmlu ġieħ lill-banda tagħna. M'hemmx għalfejn noqgħod indur mal-lewża, li ddoqq mal-patruna u takkumpanjaha fil-purċissjoni kollha mill-ħruġ sad-dħul, huwa unur kbir u barka. Hawn nagħmel spunt żgħir. Naħseb ħafna għadhom jiftakru fis-servizz li għamilna f'"Coprus Christi" f'Ġunju li għadda. Barka akbar minn dik li takkumpanja bil-banda lis-Sagrament tul il-purċissjoni, ma nafx kemm jista' jkollok. Mhux biss, imma rċevejna l-Barka Sagramentali wkoll. Kemm kienet okkażjoni sabiħa. Issa fil-festa sa nkunu onorati wkoll, billi se nipparteċipaw fil-purċissjoni ta' nhar il-festa, bil-ġawhra tagħna Santa Marija tkun magħna. Inżid ngħid li se ndoqqu wkoll waqt it-transulazzjoni. Minbarra dawn iż-żewġ servizzi, se nagħmlu wkoll il-marċ tal-Ġimgħa. Imbagħad is-Sibt se nibdew b'marċ u wara ntellgħu programm vokali u strumentali fuq il-planċier. Għalina din il-festa se tkun speċjali għax għall-ewwel darba fl-istorja żagħżugħa tagħna se nibdew naħsdu l-frott. Fil-jiem tal-festa grupp ta' ħdax-il alliev li bdew jitgħallmu n-noti mużikali fi ħdan l-għaqda tagħna, se jnaqqxu isimhom bħala l-ewwel bandisti mal-Banda "Marija Mtellgħa s-Sema". Aħna sodisfatti tabilħaqq bil-progress li wrew u nirringrazzjawhom għas-sagrifiċċju li għamlu flimkien magħna. Hawn ma nistax ma

nirringrazzjax lis-Surmast Direttur Mro Nicholas Vella u lill-Assistent Surmast Mro Tancred Grech li ħadu ħsieb it-taħriġ tagħhom. Imma l-ħajr speċjali ngħaddih lilkom li emmintu fina sa minn meta ħlomna li nagħmlu banda. Kontu ġenerużi magħna bid-donazzjonijiet tagħkom. Grazzi mill-qalb u dejjem grati lejkom.

M'iniex se noqgħod insemmi kemm organizzajna attivitajiet matul is-sena għax dan se taqrawh iktar 'il quddiem f'dan il-ktieb, imma naf ċert li tistgħu tobsru kemm ħdimna, sħabi u jien biex bqajna mexjin 'il quddiem. Ħbieb, mhux faċli li twaqqaf għaqda mużikali fil-ġranet tal-lum. Din titlob spejjeż kbar u wara kollox kuraġġ kbir. Għalkemm din mhux l-ewwel banda, li jien kont involut fil-fondazzjoni tagħha, nistqarr li fil-ġranet li qegħdin fihom kienet għadma iebsa biex wasalna s'hawn. Waqtiet kont nitlob lill-Patruna tagħna u ngħidilha jekk veru trid li nagħmlulek banda ħu ħsiebna int, għax ninsabu f'salib it-toroq. Ma nafux liema direzzjoni se naqbdu. Il-ħniena ta' Ommna Santa Marija hija nfinita. Mhux l-ewwel darba li konna naħsbu li se niffaċċjaw xi ostaklu u b'għaġeb kbir is-soluzzjoni tasal waħedha. Mhux qed ngħid li miraklu, imma ċert li jkun hemm l-intervent tal-Madonna. Meta niftakar f'dan iktar inżomm quddiem għajnejja l-fatt li l-banda ġiet imwaqqfa biex tagħti ġieħ lill-Patruna u kull meta nħaddnu dan l-ideal nirnexxu. Il-ftehim li lħaqna dwar is-sehem tal-banda fil-festa wasal bir-rieda tajba u bl-ideal li semmejt.

Matul is-sena wettaqna bosta preparamenti biex ikollna festa sabiħa. Din is-sena peress li se norganizzaw il-marċ tal-Ġimgħa ħadna ħsieb ukoll li nibdew nagħmlu xi proġetti li jsaħħu l-briju. Għamilna wkoll CD bil-kant biex tkunu tistgħu titgħallmu l-kant tal-marċi u flimkien inkantawhom mal-banda. Se tkun festa impenjattiva u kif qalulna ħafna ma stajniex nilħqu ftehim isbaħ minn dak li wettaqna. Il-banda tagħna se tieħu sehem bil-kbir fil-festa billi se tagħmel is-servizzi prinċipali. Mhux hekk biss għandna wkoll l-għażla f'idejna li nagħmlu żewġ servizzi oħra meta jkun l-waqt. Wieħed irid jifhem li kull meta ndoqqu tinvolvina bosta flus għalhekk ridna nkunu kawti u ma nesaġerawx fl-ammont ta' servizzi li nagħmlu. Il-moderazjoni hi sabiħa f'kollox. Tajjeb li timxi pass pass biex kull sena tkompli tibni fuq dak tas-snin l-imgħoddija.

Bla ebda dubju l-iktar servizz impenjattiv se jkun dak ta' lejlet il-festa. Qed nirreferi għall-programm vokali u strumentali li se nesegwixxu fuq il-planċier fil-pjazza tal-knisja. Minn dawn il-versi qed nistedinkom biex tattendu ħalli taraw xi preparajna għalikom.

It-tagħlim tal-mużika minn dejjem tajnieh prijorità. Nemmnu li dan għandu jkun il-predament tal-banda. Il-fatt li grupp sabiħ ta' ħdax-il alliev se jibdew idoqqu mal-banda hu ta' kuraġġ kbir. B'sodisfazzjon kbir ngħid li dawn jammontaw għal ħamsa u għoxrin.

F'egħluq kitbieti rrid inrodd ħajr minn qalbi lil sħabi kollha tal-kumitat għal ħidmithom. Kulħadd kien importanti biex wasalna s'hawn u nħeġġiġhom biex jibqgħu jaħdmu għall-ġid tal-banda u raħalna. Nirringrazzja kif ġa għamilt iktar 'il fuq lill-għalliema tal-allievi tagħna u lilkom sostenituri tagħna. Magħhom inżid lill-għaqdiet lokali li kollha jikkoperaw magħna, lid-ditti u l-benefatturi li bid-donazzjonijiet tagħhom inwettqu l-ħolm tagħna. Inkun qed nonqos jekk ma nirringrazzjax lill-wisq Reverendu Kappillan tagħna, Fr. Antoine Borg għall-ħidma siewja tiegħu u nawguralu iktar snin fostna biex ikompli jkattar il-ġid li qed jagħmel.

Nagħti merħba lil ħutna l-emigranti, kemm lil dawk li ngħaqdu magħna u se jiċċelebraw il-festa magħna kif ukoll lil dawk li ma jistgħux jattendu. Insellem ukoll lill-morda u lill-anzjani li minħabba raġunijiet ta' saħħa mhux se jipparteċipaw fil-festa magħna. Nitlobkom tiftakru fihom fit-talb tagħkom. Jalla jkollna festa li tagħmlilna ġieħ u tkompli tgħaqqadna.

Il-festa t-tajba.

Viva Santa Marija Mtellgħa s-Sema

Viva l-banda tal-Imġarrin!



*Lilek Ommna nqimu*
*Wassal faraġ f'ruħna*
*Żommna sħaħ fil-fidi,*
*Rażżan drawwiet artna,*
*Ħelwa saltan fuqna*
*Issa w għala dejjem.*

Il-President
is-**Sur Giovanni Gatt**
jawgura kull suċċess
lill-Banda
**"Marija Mtellgħa s-Sema"**
u jwiegħed lill-Imġarrin
l-appoġġ
sħiħ tiegħu biex tissokta
tikber u tissaħħaħ.

Viva l-Banda
**"Marija Mtellgħa
s-Sema"**,
tal-Imġarr



# Nagħmlu ħilitna kollha biex intom tħossukom kburin bil-banda tagħkom



**Mary Abela**
**Kaxxiera**

Ħuti Mġarrin,

Nixtieq nieħu din l-opportunità biex nirringrazzjakom għall-ġenerożità tagħkom. Tul is-sena li għaddiet filwaqt li kontu ġenerużi bid-donazzjonijiet tagħkom, attendejtu bi ħġarkom għall-attivitajiet li organizzajna bil-għan li nlaħħqu mal-ispejjeż li kellna.

Kieku ma kienx għal din l-għajnuna tagħkom ma kienx jirnexxilna nagħmlu tajjeb għall-ispejjeż biex ngħallmu l-mużika bla ħlas u wisq inqas biex nixtru l-istrumenti.

Matul din is-sena xtrajna diversi strumenti. Wara li s-sena l-oħra xtrajna l-katuba u l-platti, xtrajna wkoll baxx, kornu, ewfonju, klarinett, kurunetta u tanbur. Kif qed taraw komplejna nkabbru l-istrumentatura tagħna. Filwaqt li wħud minn dawn l-istrumenti tħallsu minn benefatturi diversi, oħrajn xtrajniehom bil-flus li jibqgħalna mill-attivitajiet li norganizzaw.

Dawn l-istrumenti huma essenzjali għall-allievi tagħna li ta' min jgħid li qed juru progress mhux żgħir. B'sodisfazzjon kbir nixtieq ngħidilkom li din is-sena se jiddebuttaw ħdax-il bandist ġdid mal-banda tagħna.

Aħna qed nagħmlu ħilitna kollha biex intom tħossukom kburin bil-banda tagħkom, il-banda li intom stess qed issostnu.

Hawn nappellalkom biex tissieħbu membri fil-Għaqda tagħna u dawk l-imsieħba li għadhom lura fil-menswalità nħeġġiġhom biex jirregolaw ruħhom. Dan tistgħu tagħmluh billi tavviċinaw lili jew lil xi membru tal-kumitat.

F'din il-festa se nagħmlu erba' servizzi mużikali. Dawn jinvolvulna ħafna impenn u ħtieġa ta' bosta fondi. Għalhekk nitlobkom tkunu ġenerużi u tgħinuna b'donazzjonijiet xierqa. Aħna nixtiequ li nkomplu ninvolvu ruħna iktar fl-attivitajiet soċjali u reliġjużi tar-raħal, imma dan irid isir b'pass meqjus minħabba l-limitazzjonijiet finanzjarji li għandna.

F'din is-sena ddeċidejna li l-iskema tal-ġbir mid-djar permezz tal-*envelopes* tibda ssir darbtejn f'sena. Dawn se jkunu fil-jiem ta' qabel il-festa u fix-xhur ta' Diċembru – Marzu. B'hekk ma ndejqukomx u fl-istess waqt tifhmu li l-ispejjeż huma kbar u neħtieġu s-sapport tagħkom kontinwament.

Nagħlaq billi nawguralkom il-festa t-tajba u nħeġġiġkom tingħaqdu magħna biex niċċelebraw festa sabiħa flimkien.

Ħajr lilkom mill-ġdid.

# Il-banda li ħarġet minn frott ir-raħal tagħna, ser tkun qed takkumpanja għall-ewwel darba l-Patruna tagħna



**Clayton Gauci**
**Viċi President**

Ħbieb Imġarrin,

Waslet festa oħra u flimkien b'sens ta' għaqda u armonija, f'dan r-raħal żgħir tagħna nagħtu qima kif jixraq lill-Patruna tagħna Santa Marija. Żgur lir-raħal kollu jingħaqad f'familja waħda għal din il-festa wisq maħbuba magħna l-Imġarrin. Din is-sena żgur li ser tibqa' titfakkar għal bosta snin għax issa, il-Banda li ħarġet minn frott ir-raħal tagħna, ser tkun qed takkumpanja għall-ewwel darba l-Patruna tagħna f'dan iż-żmien tal-festa. Żgur li biex wasalna sa hawn kien hemm ħidma kontinwa minn kumitat b'saħħtu u magħqud li dejjem ħadem u stinka biex flimkien, f'isem l-Imġarrin ħutna jkollna l-banda tar-raħal bħal irħula oħra. Ħidma li qed tiffjorixxi minn sena għal sena. Biżejjed insemmu l-allievi li huma l-futur tal-banda li għada pitgħada għad ikunu huma li jmexxu u jakkumpanjaw din il-banda. Però l-ħidma tal kumitat ma tiqafx hemm hekk biss u minn hawn hekk nixtieq inselli għal sħabi tal-kumitat li bis-saħħa tagħhom wasalna fejn wasalna llum. Ħidma kontinwa li nammetti, mhix faċli però d-determinazzjoni ta' sħabi tgħatini kuraġġ biex dejjem nibqa' naħdem għal din is-Soċjetà. Wieħed mill-ikbar impenji li għandu l-kumitat huwa li jsib post addattat biex fih ikun jista' jsir it-tagħlim tal-mużika lill-allievi u anke jkollna l-każin tal-banda biex b'hekk inkomplu nkabbru din s-Soċjetà. Mhux ser tkun xi ħaġa faċli u li ser narawha mil-lum għal għada imma żgur li l-kumitat ser jibqa' jaħdem biex fl-aħħar din il-ħolma ssir realtà. Ħafna minnkom jafu li bħalissa t-tagħlim qed jsir fil-bini tal-kunsill lokali, grazzi għas-Sindku u għall-kunsilliera li offrewlna l-post biex ikun jista' jsir it-tagħlim. Matul is-sena nagħmlu diversi attivitajiet biex niġbru l-fondi. Intom tafu li aħna m'għandna l-ebda dħul għajr il-menswalità annwali, fejn minn hawn nagħmel appell biex intom l-Imġarrin tidħlu membri f'din s-Soċjetà tagħkom, għalhekk minn żmien għal żmien norganizzaw diversi attivitajiet biex flimkien niltaqgħu u filwaqt li nieħdu pjaċir, inkunu nistgħu niġbru dik ix-xi ħaġa biex biha nħallsu lis-surmastrijiet tagħna ħalli jibqgħu jgħallmu lill-allievi u nkomplu ninvestu f'iktar strumenti wkoll. Liema strumenti jipprattikaw bihom l-istess allievi.

Jien ser nagħlaq hawn il-messaġġ tiegħi. Minn qalbi nibgħat ix-xewqat għall-festa t-tajba lilkom Imġarrin kollha u flimkien ngħidu "Viva Santa Marija".


SCS
Sammut Concrete Supplies
READY MIXED CONCRETE,
BRICKS MANUFACTURING,
CONCRETE PUMP HIRE,
&,
PROPERTY NEGOTIATION.
CIFA
MARSASKALA
4TH FLOOR 3 BEDROOM APARTMENT
FULLY FINISHED WITH EXTRA ORDINARY SEA VIEWS.
AT ONLY LM 79,000
GROUND FLOOR 2 BEDROOM MAISONETTE –
SHELL FORM, IN QUITE PART OF B'KARA
AT ONLY LM 47,000
BIRKIRKARA
QAWRA
3RD FLOOR 3 BEDROOM APARTMENTS –
FULLY FINISHED, JUST OFF TRIQ IT TURISTI.
STARTING AT ONLY LM 76,000
WIED IL– GHASEL, BURMARRAD,
L/O NAXXAR — MALTA.
Phone: 21 575 680, Mob: 9949 2755, Fax: 21 423 595
E-Mail : matsam@keyworld.net
FOR MORE INFORMATION REGARDING YOUR PROPERTY NEEDS CONTACT US ON : 79492755 / 70002755



The freshness of a sheet...

the softness of a towel, the whiteness of a napkin...
as discerning customers, we all decide on that little detail which matters to us!
At Swan, we strive to provide this detail which distinguishes us from all the others.

Our advanced technology, our technical expertise, our impeccable service... have all been enhanced to offer our clients the possibility of providing their own customers with that...

'every little detail'

SWAN
LAUNDRY & DRY CLEANING CO. LTD.

Proven Standards | Proven Satisfaction

BLB 044 Industrial Estate Bulebel ZTN 3000 Malta T +356 2169 1414 E admin@swanlaundry.com.mt

WWW.SWANLAUNDRY.COM.MT


New free
instant SMS
notification
service*
BOV Internet
Banking
security, convenience,
peace of mind
Your success is our goal.
BOV INTERNET
BANKING
2131 2020 | bov.com
* Terms and conditions apply.
BOV
Bank of Valletta


Ta' L-Ingliz
Fenkata
Restaurant
59, Triq il-Kbira Mgarr
Tel: 2157 4605
Mob: 7970 4490


Taċ-Ċanti
BAR & RESTAURANT
Traditional Maltese Cuisine
Triq il-Kbira, Mġarr
Tel: 2157 9496
Mob: 7970 4489

# Unur għall-banda tagħna li f'din il-festa se jiddebuttaw l-ewwel bandisti Mġarrin

**Paul Vella**
Sindku



Ħuti Mġarrin,

Reġgħet għaddiet sena oħra minn meta ktibt kelmtejn għal dan il-ktejjeb annwali li l-banda tagħna toħroġ fl-okkażjoni tal-festa għażiża tal-Assunta. Nirringrazzja lill-membri tal-kumitat ta' din il-Banda Mġarrija talli reġa' għoġobhom jistidnuni nagħmel messaġġ f'din il-pubblikazzjoni. Pubblikazzjoni ta' livell tajjeb u tassew informattiva.

Issa li erġajt ġejt elett sindku tar-raħal, jien u sħabi l-kunsilliera eletti, se nkomplu fuq dak li ħalla l-Kunsill ta' qabel, u se nibqgħu nallokaw is-sit tal-kunsill bla ħlas biex fih jiġu mgħallma l-allievi tal-banda. Dan il-Kunsill jagħmlu għax jemmen fil-ħtieġa li dawk li jixtiequ jitgħallmu l-mużika għandu jkollhom il-faċilitajiet kollha neċessarji biex dan isir.

Huwa pjaċir tiegħi li l-banda tagħna se tieħu sehem attiv fil-jiem tal-festa titulari tar-raħal għall-ewwel darba. Dan jixhed il-ħidma sfiqa li qed issir min din l-għaqda mużikali. Huwa ta' unur għall-banda tagħna li f'din il-festa se jiddebuttaw l-ewwel bandisti Mġarrin. Fil-fatt 11-il alliev se jibdew idoqqu mal-banda tagħna. Dawn tħarrġu fi ħdan l-istess Banda Mġarrija. Minn hawn nifirħilhom u nagħmlilhom kuraġġ fil-ħidma tagħhom.

Huwa ħsieb tal-Kunsill li lejn l-aħħar tas-sena d-dieħla jibda jkun hemm attivitajiet konġunti bejn il-kunsill u l-Banda tal-Imġarr. Ix-xewqa ta' kulħadd hija li din il-banda tkompli titkattar fejn l-element kulturali jifjorixxi aktar fir-raħal tagħna.

Nixtieq nagħlaq billi nirringrazzja lill-kumitat tal-Banda talli għoġbu jonorani bil-ħatra ta' President Onorarju. Inwiegħed l-appoġġ tiegħi għall-ħidma li qed issir mill-Banda "Marija Mtellgħa s-Sema" u x-xewqa tiegħi hija li jkun hemm aktar koperazzjoni bejn il-kunsill u din il-Banda Mġarrija.

**ADD & ALT**

**Ironmongery & Household Goods**

Fisher Street, Mġarr • Tel: 2157 7334







**MENU**

APPETIZERS

FTIRA BIŻ-ŻEJT

PLATTER

(BIGILLA, SALAMI, FETA CHEESE, STUFFED OLIVES, QOFFA GALLETTI)

SPICY CHICKEN WINGS

LIVER IN GRAVY

**MAIN**

SUCKLING PIG €14

RIBEYE €17.50

SPARE RIBS €15

CHICKEN BREAST €12

PORK BELLY (STUFFED) €15.50

(GAMMON, SAUSAGE MEAT, PRUNA)

MALTESE RABBIT €10

2 PIECES OF PORK NECK €12

FRESH FISH €16

KING PRAWNS €16

ALL DISHES SERVED WITH POTATO WEDGES
MEDITERRANEAN ROASTED VEG & FRESH GREEN SALAD

**DESSERT**

ĦELWA TAT-TORK

BETTIEĦ

BIRTHDAY CAKES OR ANY OCCASION ON ORDER
(IT'S ON THE HOUSE)


care
Cuts
UNISEX SALON
'Arc En Ciel', Triq l-Imqades, Mgarr
tel : 21574552


LAND-ROVER
Ciapella
garage
www.ciapella.com
At Malta's largest Land Rover vehicles only workshop, we will be pleased to assist you with any of the following:
Mechanical servicing, repairs and total rebuilds. Computer systems diagnostics and electronic faults clearing. Accident damage repairs, spray painting, and complete restorations. Very reasonable hourly rates and warranty on the repairs. Stockists/vehicles spare parts and accessories.
We represent the following brands:
BEARMACH PLC • T - MAX MAXIMUM OFF-ROAD RECOVERY • WARN • HI-LIFT • PRO COMP • MANTEC • EQUIPE • K&N PREFORMANCE FILTERS • DETROIT LOCKER • BRITPART • GOODRIDGE • SAFARI • ARB AIR LOCKER • EXMOORTRIM • RING AUTOMOTIVE
BF GOODRICH TYRES • SILVERSTONE TYRES • GENERAL TYRES • ALLMAKES • TERRAFIRMA
Ta' Hagrat Street – Mgarr MST 10. Tel: 2157 4615/2157 2504 – Email: adrian@ciapella.com
Mosta Road – Lija LJA 9012. Tel: 2141 4441 Fax: 2141 6837 – Email: info@ciapella.com
Join us on Facebook

# Il-mużika hija okkażjoni li biha nifirħu u nferrħu



**Fr Antoine Borg**
Kappillan u Direttur Spiritwali

Fuq il-kori tal-Anġli…'' Hekk inlissnu meta ngħidu u nitkellmu fuq ir-raba' misteru minn tal-glorja li jfakkar il-festa li qed niċċelebraw u min jaf kemm drabi rajna anġli mpittra madwar Santa Marija biex hekk ifakkru din il-ġrajja tal-fidi tagħna?

L-artisti biex ikomplu jesprimu dan il-ferħ għall-miġja tal-Madonna fis-sema dejjem pittru strumenti mużikali f'idejn l-anġli għax tassew il-mużika hija okkażjoni li biha nifirħu u nferrħu. Il-mużika hija wkoll dik li tgħolli fl-ispirtu u l-fidi, speċjalment meta din tkun mużika sagra miktuba minn kompożituri li kienu jemmnu f'dak li huma qegħdin jimmużikaw. Artisti bħal Allegri bil-Miserere tiegħu fejn jgħolli l-vuċi lejn Alla b'sinjal ta' maħfra. Xi ngħidu mbagħad għal Vivaldi fil-Glorja jew il-Kredu fejn qisu s-sema niżel biex ikanta fostna. Ma nistgħux lanqas inħallu lil Mozart fejn juri tassew il-fidi tiegħu fl-Ewkaristija fl-Ave Verum Corpus mużika mimlija fidi lejn Ġesù moħbi fl-Ostja. Ma nistax inħalli barra lil George Fredrick Handel li ta' Protestant li kien, kien jaf tant tajjeb l-Iskrittura li ħallielna dak l-Oratorio sabiħ -Messiah - speċjalment fl-Alleluja tiegħu li ġiegħlet li Re Ġorġ iqum bilwieqfa meta semmagħha l-ewwel darba fit-teatru.

Inkompli nawgura biex din l-Banda tagħna tkompli timxi 'l quddiem speċjalment fit-tagħlim tal-mużika lil uliedna għax il-mużika wkoll tista' tkun mezz biex insaħħu l-fidi tagħna, mezz biex noqorbu lejn Alla u l-qaddisin tiegħu b'mod speċjali l-Madonna.

Nawguralkom festa qaddisa.



**Mario Calleja**
**Crane Services**
**for Hire**
**Mob: 99265419**


BBQ
BUFFET NIGHT
JOIN US EVERY FRIDAY FROM 19.00HRS
AT LES JARDINS TERRACE & GARDEN POOL
€17.50
PER ADULT
€8.75
PER CHILD
INCLUDING LIVE ENTERTAINMENT
GROUP PACKAGES ALSO AVAILABLE
For further information contact
us on 2152 0923 or info@maritim.com.mt
MARITIM
Antonine Hotel & Spa
Malta

# Mario Sammut

Kunsillier / L-Imġarr



jawgura l-festa t-tajba
lill-Imġarrin kollha

79289301 | msam0019@gmail.com



# Festa Ħielsa minn Piki Żejda



**Chris Vella**
**Assistent Segretarju u Rappreżentant taż-Żgħażagħ**

Għaddiet sen'oħra u reġgħet waslet il-festa ta' Santa Marija. Festa li ġġib magħha ħafna xogħol u għaliex le, festa sabiħa kif nafu nagħmlu aħna l-Imġarrin. Aħna l-Imġarrin nagħmlu l-festa b'karatteristika differenti minn bliet u rħula oħra. Dan għaliex aħna kburin li għandna festa ħielsa minn piki żejda li ma jwasslu għalxejn ħlief biex jaqsmu l-familji, għaqdiet u saħansitra rħula.

Peress li din is-sena, il-banda tagħna se tieħu sehem fil-festa, b'erba' servizzi mużikali kien jeħtieġ li nagħmlu bosta preparamenti. Bħala rappreżentant taż-żgħażagħ ħadt ħsieb li nikkoordina l-briju. Biex dan ikun suċċess, flimkien ma' sħabi tal-kumitat u xi partitarji ħsibna biex nagħmlu CD bil-kant. L-iskop kien biex il-ġemgħa tkun taf tkanta l-marċi li ddoqq il-banda u b'hekk tinħoloq atmosfera sabiħa. Din is-CD tinsab għall-bejgħ u nħeġġiġkom tixtru kopja, biex filwaqt li jkollkom tifkira tkunu qed tgħinu lis-Soċjetà. Nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lil kull min tana donazzjoni biex issir din is-cd.

Biex inżidu l-briju ħadna ħsieb nagħmlu numru ta' bnadar kbar. Dawn se jintużaw waqt il-marċ tal-Ġimgħa, l-aħħar jum tat-tridu. Hu l-ħsieb tagħna li kull sena nagħmlu xi ħaġa ġdida biex dejjem inżidu. B'hekk bil-mod il-mod nibdew insebbħu l-briju waqt il-marċi. Barra dawn il-bnadar se nagħmlu ammont ta' pajpijiet bil-bżieżaq biex noħolqu atmosfera pjaċevoli kif nafu nagħmlu aħna l-Imġarrin.

Fl-aħħar nett nixtieq inħeġġeġ liż-żgħażagħ li jħobbu l-festa biex jissieħbu magħna u jgħinuna nkomplu nsebbħu din il-ġmiel ta' festa li għandna.

Nawguralkom l-festa t-tajba.



# Il-poplu Mġarri se jkun qed igawdi mill-frott li nibtet il-banda ġdida fl-Imġarr



**Anġela Muscat**
**Assistenta Kaxxiera u Rappreżentanta tan-Nisa**

Issa li beda l-istaġun tas-sajf ilkoll kemm aħna nkunu qegħdin nistennew li niċċelebraw il-Festa ta' Santa Marija. Hemm bosta modi ta' kif aħna nistgħu nesprimu d-devozzjoni lejn il-Patruna tagħna. Eżempju ta' dan huwa permezz tal-mużika. B'sodisfazzjon kbir ngħid li din is-sena l-poplu Mġarri se jkun qed igawdi mill-frott li ħawlet il-banda ġdida fl-Imġarr. Għall-ewwel darba l-banda se tkun qed iddoqq fil-festa u se jkollna xi bandisti minn tagħna stess.

Ninfurmakom ukoll li l-entużjażmu tal-allievi li jitgħallmu l-istrumenti mużikali għadu jinħass. Ilkoll sodisfatti bil-progress li qegħdin jagħmlu. Nirringrazzjaw lil kull min qed jgħin lil din il-banda sabiex tibqa' miexja dejjem 'il quddiem.

Il-poplu Mġarri għandu tassew biex ikun kburi għaliex wara kollox din hi l-banda li l-poplu stess welled. Insellmilkom.

Viva Santa Marija u Viva l-Banda tal-Imġarrin!



**Abela Grocery**

*...For all your grocery needs!*

Proprietor: Mr. B. Abela

15, Wesgħet il-Ġublew, Mġarr MGR 1040
**Tel: 2157 4817**

*Free Delivery*


Raymond Muscat Photography
AFIAP, FMPS
e-mail: muscray@gmail.com
324

# Tal-Plitt






Ħaxix u frott frisk kuljum
Triq Sir Temi Zammit,
Żebbiegħ, l-Imġarr.
**Mob: 99236219 jew 77776287**

Il-Ħin tal-Ftuħ: 10am sa filgħaxija
L-affarijiet lokali jinqatgħu
kuljum qabel il-ħin tal-ftuħ.
Niftħu wkoll il-Ħdud u Festi Pubbliċi.



# Ħdax-il alliev Imġarri li ser joħorġu jdoqqu għall-ewwel darba



**Marija Vella**
P.R.O.

Għaddiet sena oħra u l-festa reġgħet magħna. Din is-sena ser ikollna ħdax-il alliev Imġarri li ser joħorġu jdoqqu għall-ewwel darba. Nawgurawlhom bil-quddiem.

Aħna bħala membri fil-Kumitat, kull xahar norganizzaw xi attività biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż li tirrikjedi l-banda. Nixtieq inħeġġiġkom biex tattendu, b'mod speċjali lill-ġenituri tal-allievi għax l-attendenza tagħhom tkun ta' kuraġġ għalina. Grazzi tmur għal kull min jattendi.

Fl-aħħar nett nixtieq nawgura l-festa t-tajba lill-Imġarrin u kull suċċess lill-Banda tagħna.

Viva Santa Marija



# Sheet Metal Art Works





Għal xogħol ta' gaġeġ, tilari u affarijiet oħra relatati
Armar tal-festi bħal pilandri u dekorazzjoni oħra
Għal xogħol ta' armar tal-festi u tiswijiet ta' strumenti

***M. Baldacchino***
*"Stamford" 121, Triq San Filippu, Għaxaq.*
*Tel: 2180 6272 • Mob: 9986 1448*




# Issa l-Imġarr għandu l-Banda tiegħu



**In-Nutar Dr. Tony Abela**
**President Onorarju**

Minkejja li l-Imġarr hu raħal tassew Malti, pittoresk u mimli kemm bi storja, kultura u għaqda, sfortunatment qatt ma kellu l-banda tiegħu. Għalkemm kull Imġarri jirrikonoxxi l-importanza tal-Parroċċa u x-xogħol fejjiedi li tagħmel il-Knisja fl-istess lokalità, sa ftt snin ilu qatt ma kien hemm grupp li kien lest jidħol għall-inkarigu tat-twaqqif ta' Għaqda Mużikali.

Allura, li kien jiġri, kull sena matul il-festa ta Santa Marija, l-organizzaturi tal-festa kienu joqogħdu jġibu baned minn barra l-Imġarr biex jieħdu sehem fil-festa titulari b'daqq ta' marċi brijużi.

Issa reġgħet waslet il-festa, però b'differenza favorevoli għax issa għandna l-banda tagħna.

Bis-saħħa tal-kumitat li daħal għal din il-biċċa xogħol, ċioè l-organizzazzjoni ta' Għaqda Mużikali, dan mhux se jibqa' l-każ. Minn din is-sena se tibda tieħu sehem il-banda tagħna. L-istess banda qed toffri wkoll it-tagħlim tal-mużika lill-allievi Mġarrin bla ħlas. Fl-istess waqt ukoll x-xiri ta' strumenti għall-istess allievi u bandisti. Issa, ir-raħal tal-Imġarr għandu l-banda tiegħu . Din hija frott id-dedikazzjoni u x-xogħol kbir li assuma l-kumitat tal-banda b'responsabbilità kbira biex jagħti lill-Imġarr waħda mill ftit affarijiet li kien jonqsu. Frott ukoll il-kontribuzzjoni ta' dawk li għenu finanzjarament. Flimkien mal-istess nies tal-Imġarr li qegħdin iħajru lil uliedhom biex jipparteċipaw u jibdew jitgħallmu strument mal-banda tagħhom. Ma rridx ninsa nsemmi u niringrazzja minn qalbi lis-Sindku, is-Sur Paul Vella u lilll-Kunsill Lokali għall-għajnuna kontinwa tagħhom.

Minkejja li sallum l-istess Għaqda Mużikali għad ma għandhiex każin jew post tagħha, xorta qegħdin jagħmlu minn kollox biex ikollna banda serja, tajba, effiċjenti u ta' kalibru għoli.

Dawn matul is-sena tħarrġu biżżejjed biex ser jagħmlu programmi sħaħ ta' akkumpanjament matul il-jiem tal-Festa.

Jalla jibqgħu jsibu s-sapport ta' kulħadd.

Find us on Facebook

# Ingħaqad magħna fuq facebook

https://www.facebook.com/bandamgarr.malta
https://www.facebook.com/pages/Soċjetà-Filarmonika-Marija-Mtellgħa-s-Sema-L-Imġarr-AD-2011/224433234354317


B.Grima & Sons Ltd.
Building . Turnkey . Road Marking . Traffic Signs Contractors
STOP
CAUTION
B.Grima & Sons Ltd.
At Work
"We do road markings & road signage properly"
Importers & Suppliers of :
Traffic Signs, Road Marking Paint - Plastic Barriers - Crash Barriers - Road Safety Equipment
Solar Powered Signs - Illuminated Bollards - Plastic Barriers - Car Park Markings - Playing Ground Markings
B. Grima & Sons, Jean De La Cassiere Street,
St. Paul's Bay - SPB 3138 - Malta - Europe Tel: +356 21582659
Mob: +356 79477682/3/4/5 Fax: +356 21579597 - www.bgs.com.mt - E-mail: info@bgs.com.mt


FREE DELIVERY
to your home or office
When spending €75 or more!
maltasupermarket.com
Malta's Largest
Online Supermarket
• Same or next day delivery
• Over 20,000 products listed
• Fully refrigerated vans
• Live Support (chat with real people)
• Multi-Search and Reorder function
Supported by:
superstore
tower
Carrefour

**L-Onor. Tony Agius Decelis MP**
**u l-familja**

jawgura l-festa t-tajba
lill-Imġarrin kollha.
Fejn ikun jista' jgħin ċempillu
fuq **7970 2248**,
e-mail: **tony4mp@gmail.com**
jew sibu fuq face book

www.agiusdecelis.com



**Deputat Laburista**
**Ġerontolugu**
**Konsulent tal-Gvern**
**għall-Anzjani**

**tal malti**
PRODOTTI LOKALI

PRODUCED BY
MALTA POULTRY PRODUCERS
ORGANISATION
9939 7272

# Il-festa ta' din is-sena se tkun waħda speċjali għar-raħal tal-Imġarr



**Mro Nicholas Vella** ALCM
**Surmast Direttur u Għalliem tal-Istrumenti tal-Qasba**

Għaddiet sena oħra u reġa' wasal ix-xahar ta' Awwissu, ix-xahar li fih niċċelebraw il-festa ta' Marija Santissima mtellgħa s-sema.

Matul din is-sena komplejna naħdmu bla heda għal din is-soċjetà biex inkomplu nsaħħuha u nkabbruha. Komplejna nkabbru t-tixrid tal-kultura mużikali ġor-raħal sabiħ tal-Imġarr. In-numri tat-tfal, żgħażagħ u adulti li jattendu għall-lezzjonijiet tal-mużika kompla jikber. B'unur u bi pjaċir ngħid li din is-sena għall-festa tagħna se jkollna l-bandisti tagħna. Bandisti li tgħallmu l-mużika u llum jinsabu lesti li joħorġu jdoqqu. Nieħu din l-okkażjoni biex inħeġġeġ lill-istudenti l-oħra li għadhom ma ħarġux idoqqu din is-sena biex ikomplu jistudjaw. Sena oħra, jekk il-Bambin irid ikunu magħna wkoll u jakkumpanjaw lill-Banda taghna fil-festa. Din is-sena se noħorġu 11-il alliev li jdoqqu strumenti differenti.

Il-festa ta' din is-sena se tkun waħda speċjali għar-raħal tal-Imġarr u għas-Soċjetà Filarmonika 'Marija Mtellgħa s-Sema', għaliex fil-festa se tieħu sehem il-Banda tar-raħal. Avveniment li żgur ha jibqa' mnaqqax fl-istorja tar-raħal tagħna. Għal dan nixtieq nirringrazzja lill-kumitat responsabbli mill-festi esterni tal-Imġarr li laqa' l-proposta tagħna biex nieħdu sehem fil-festa. Speċjalment lill-Kappillan li sibna kooperazzjoni kbira u għajnuna mingħandu. Il-Banda tagħna se tkun qed tagħmel marċ il-Ġimgħa ta' qabel il-festa mat–toroq Imġarrin bid-daqq ta' Innijiet Marjani fit-Translazzjoni ta' lejlet il-festa. Wara jsir marċ qasir segwit bi Programm Mużikali fil-Pjazza ta' quddiem il-Knisja. Dan il-programm se jkun imżewwaq b'kull ġeneru ta' mużika bħal *Overture*, *soundtracks*, kanzunetti u marċ militari. Il-Banda se tagħti sehemha wkoll nhar il-festa filgħaxija, billi ddoqq Innijiet Marjani fil-purċissjoni bl-istatwa tant għażiża għalina ta' Santa Marija.

Din is-sena wkoll il-Banda ħadet sehem bid-daqq ta' Innijiet Ewkaristiċi fil-festa ta' *Corpus Christi*. Il-Banda tagħna akkumpanjat il-purċissjoni minn ħdejn il-knisja mat-toroq Imġarrin.

Minn hawnhekk nixtieq nuri l-apprezzament tiegħi lill-istudenti u lill-familji tagħhom għall-koperazzjoni li jiena u l-Assistent Surmast Tancred Grech insibu mingħandhom. Nieħu din l-okkażjoni biex inkompli nħeġġeġ lill-ġenituri u anke l-adulti biex jingħaqdu mas-Soċjetà tagħna u jibdew jitgħallmu l-mużika fi ħdan il-Banda tagħna. Infakkarkom li dan is-servizz ta' tagħlim tal-mużika qed jingħata b'XEJN. Nixtieq inrodd ħajr lill-Kunsill Lokali tal-Imġarr li qed jagħtina ċ-ċans li nagħtu dan it-tagħlim fil-bini tal-kunsill.

Nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja minn qalbi lill-President u lill-Kumitat kollu għall-għajnuna u l-kooperazzjoni li dejjem sibt mingħandhom. Inkun qed nonqos jekk ma nirringrazzjax lill-Assistant Surmast Tancred Grech tal-kooperazzjoni li sibt matul din is-sena.

Nagħlaq dan il-messaġġ billi nawgura lill-President, lill-Kumitat, lill-Assistent Surmast, lill-bandisti, l-Allievi tagħna, u lill-poplu Mġarri kollu, il-festa t-tajba.

# Naraw il-Familja Mużikali tas-Soċjetà Tagħna Tikber

Mro Tancred Grech B.A.(Hons) Music, LLCM, PGCE
Assistent Surmast u Għalliem tal-istrumenti tar-ram



Nagħtikom merħba,

Kif itir iż-żmien, għaddiet sena mindu ktibt l-ewwel darba f'din l-pubblikazzjoni annwali li din s-Soċjetà żagħżugħa tagħna bdiet toħroġ b'tant dedikazzjoni u mpenn. Għal darba oħra ġejt mitlub biex bħala għalliem u assistent surmast nagħti dan il-messaġġ tiegħi.

Nistqarr li tul dawn ix-xhur li ili fil-kariga nħoss li kien ta' sodisfazzjon kbir għalija. L-allievi li attendew kienu ta' nkoraġġiment kemm fil-għadd kif ukoll għax ħadu l-lezzjonijiet bis-serjetà. Fuq kollox għax jidher li x-xogħol tiegħi qed iħalli l-frott mixtieq. Jekk il-Bambin irid ma jdumx ma nibdew naraw il-familja mużikali tas-Soċjetà tagħna tikber. Ftit iktar minn sena wara t-twelid ta' din l-ewwel banda ġewwa l-Imġarr ser naraw numru sabiħ t'allievi li ser jilħqu l-għan tagħhom. Frott tal-istudju li għamlu matul is-sena. Dawn il-bandisti l-ġodda ser jibdew idoqqu kull darba li l-banda jkollha s-servizzi kemm fl-Imġarr kif ukoll barra r-raħal. Il-kumitat qed jaħdem bis-sħiħ u jagħmel minn kollox biex jagħmel u jara lill-bandisti u lill-allievi kuntenti. Bis-saħħa t'hekk tissaħħaħ dejjem aktar din l-Għaqda Mużikali li għad tkun ta' ġid għall-Imġarrin kollha.

Grazzi kbira tmur għall-ġenituri tas-sapport kontinwu li dejjem juru matul is-sena. Inkun qed nonqos jekk ma nirringrazzjax ukoll lill-kumitat kollu b'mod speċjali lil Marija Vella u lil Joseph Caruana li ta' kull ġimgħa jiġu jagħmlu ħin twil qrib tagħna biex josservaw kif isiru l-lezzjonijiet.

Nixtieq nawgura lill-poplu Mġarri kollu l-festa t-tajba u jalla jkollna festa sabiħa kif tixtraq li jkollha Ommna Marija Mtellgħa s-Sema.

Viva Santa Marija Mtellgħa s-Sema!

**MĠARR SNACK BAR** (Tal-Baġlu)
*Sir Harry Luke Street, L-Imġarr*
Open daily for Tea, toast & light snacks
Appetizers are served with drinks
Wish all clients a happy feast


David WOODWORKS
Specialises in all types of made to measure loose furniture, doors, kitchens, bedrooms, etc…
David Woodworks
Mobile: 79050807
e-mail: dgrech85@gmail.com


DINEWEST
A La Carte & Pizzeria
Take away Pizza
60, Fisher Road,
Mgarr Malta
T: (356) 2143 4014



# Fil-festi jsir ħafna xogħol fuq bażi volontarja għall-ġid tal-Bliet u l-irħula



**Joseph C. Azzopardi**
**Segretarju, Għaqda Każini tal-Banda**

L-Għaqdiet u s-Soċjetajiet tal-Banda kienu u għadhom punt importanti fil-komunità tagħna anke jekk illum, fi żminijietna, minħabba diversi raġunijiet din l-importanza naqset xi ftit. Madankollu meta wieħed jirrifletti, jirrealizza kemm għadhom, matul is-sena kollha b'mod partikolari fil-festi jagħmlu ħafna xogħol fuq bażi volontarja għall-ġid tal-Bliet u l-irħula tagħna. Dan l-involviment kontinwu tagħna għandu jkun wieħed imsejjes fuq rispett reċiproku għal kull min huwa involut speċjalment fil-festi tagħna għaliex dawn huma espressjoni reliġjuża u fl-istess waqt kulturali u tradizzjoni tal-poplu tagħna. Mhuwiex ħaġa ta' ġid li bħala Għaqda jew Soċjetà tħossha li hija nferjuri lejn xi ħadd jew lejn xi entità oħra. Huwa dritt li hija tħossha ugwali għal kull min għandu xi sehem fl-organizzazzjoni tal-festa iżda bl-obbligu li tirrispetta dak li jiġi deċiż minn kull min huwa involut. Huwa importanti li kull Għaqda u Soċjetà tagħraf li l-aġir tagħha jinsab dejjem taħt skrutinju. Għalhekk irridu nuru s-serjetà f'dak li nkunu qegħdin nagħmlu.

Irridu nuru li filwaqt li ngħożżu t-tradizzjonijiet tagħna, nafu wkoll naġġornaw irwieħna mingħajr ma ninsew minn fejn bdejna u kemm impenjaw irwieħhom missirijietna biex l-Għaqda jew Soċjetà hi li hi llum. Huwa proprju għalhekk li rridu noqogħdu attenti li ma nħallux lil min jipprova jkisser ix-xogħol siewi li jsir, anke minn dawk li jagħtu l-impressjoni li għandhom għal qalbhom l-Għaqdiet u s-Soċjetajiet tal-Banda. Huwa ferm importanti li wieħed ifakkar li kull soċjetà jew għaqda hija parti mis-sistema edukattiva ta' pajjiżna. It-tagħlim, li jsir mingħajr ħlas, speċjalment dak tal-mużika, huwa fih innifsu formazzjoni edukattiva mhux formali li jgħin biex membru tal-komunità jkattar l-intelliġenza tiegħu u anke sens ta' dixxiplina.

Barra minn hekk it-tagħlim tal-mużika fih nnifsu jgħin mhux biss biex jitkattar l-apprezzament lejn il-mużika imma huwa terapija għas-saħħa.

Fl-Għaqdiet u Soċjetajiet isir ħafna ġid, jekk dawn jitmexxew kif jixraq u jirrifletti l-veru sens ta' dixxiplina, integrità u kontabilità. Dawn huma tliet pilastri biex l-Għaqdiet u s-Soċjetajiet ikomplu jikbru u hekk ikunu ta'eżempju għall-komunità. Ma dawn wieħed iżid is-solidarjetà għaliex meta tingħata l-għajnuna lil min ikollu bżonn, anke jekk tkun Għaqda jew Soċjetà oħra, il-ġid li jkun qed isir ikollu effett li jitwessa u jgħin biex il-ħidma tkompli tinfirex.

Għalhekk filwaqt li nawgura l-festa t-tajba nfakkar biex l-impenn tal-Għaqda jew Soċjetà jkun wieħed matur u dixxiplinat, biex bil-prattika tintwera r-rieda li l-festa tkompli tikber b'mod moderat u mingħajr esaġerazzjonijiet mhux biss mill-lat reliġjuż imma wkoll mill-aspett kulturali u tradizzjonali tagħha.

# **DAVID AGIUS**

**Ħidma b'Lealtà ... Dejjem għas-Servizz Tiegħek**

***Whip tal-Grupp Parlamentari Nazzjonalista u Shadow Minister għall-Kunsilli Lokali***



David u l-familja tiegħu jawguraw lilek u l-familja tiegħek il-Festa t-tajba



[illegible], Triq Santa Katarina, H'Attard
7942 3101 jew 2141 7807
E-mail: david.agius@gov.mt
Website: www.davidagius.org
Facebook: David Agius MP
Twitter: davidagiusmp

Available on the App Store | Google play

**7 Distrett** HAD-DINGLI, L-IMDINA, L-IMĠARR, L-IMTARFA, IR-RABAT, HAŻ-ŻEBBUĠ
**11-il Distrett** H'ATTARD, HAL BALZAN, IL-MOSTA



# Frott tal-Għaqda fil-Festa

**Michael Farrugia**
**President, Fondazzjoni Kultura Festi Mġarr**

Kemm għaddiet tiġri din is-sena u għalkemm sar ħafna xogħol u għad fadal xi jsir, irnexxielna nilħqu diversi miri.

Matul din is-sena, l-Kumitat tal-Festa wasal f'numru ta' arranġamenti mal-għaqdiet relatati mal-festa. Fosthom, arranġament storiku li hu l-ftehim li sar mas-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema"; tal-Imġarr b'għajnuna siewja tal-Onor. Dr Godfrey Farrugia. Tajjeb li ngħidu li din is-sena l-Banda tal-Imġarr sa tieħu sehem fil-jiem kollha tal-festa, fejn aħna ninsabu sodisfatti u kburin b'dan il-qbil.

Bħala kumitat organizzattiv tal-festa aħna nagħmlu l-almu tagħna biex ikollna għaqda bejn l-għaqdiet fir-raħal speċjalment dawk relatati mal-festa u nagħtu sapport kif nistgħu. Aħna nagħmlu mezz biex xi membri mill-kumitat jattendu għall-attivitajiet soċjali ta' dawn l-għaqdiet minn żmien għall-żmien. Kemm inħossni kburi li b'rieda tajba mill-membri u uffiċjali tal-għaqdiet tal-festa, inħolqot ċerta rieda tajba għall-ġid tal-festa u tar-raħal. Ir-riżultati qegħdin jidru mir-rispons tan-nies. Aħna qiegħdin nimxu id f'id mal-kumitat tal-banda u nħarsu 'l quddiem biex ikollna festa akbar u isbaħ milli għamilna s'issa.

Nawgura festa mill-isbaħ u ħienja lill-membri tal-kumitat tal-banda kollha u li fil-ħidma intensa f'dawk il-jiem insibu ftit ċans biex ingawdu ftit minn dak li qegħdin naħdmu għalih. Inħarsu u nitolbu lill-omm tagħna Marija li naħdmu għaliha biex iżżommna magħqudin għal għan wieħed u għall-ġid tar-raħal.

Viva Santa Marija.



# Ftehim li jagħmel ġieħ… lill-festa b'ġejjieni sabiħ

*Din l-għaqda sabet u qed issib post importanti u ċentrali fl-organizzazzjoni tal-festa ta' Santa Marija*



**Onor Godfrey Farrugia MP.**
**President Onorarju**

Reġa' wasal ix-xahar ta' Awwissu, xahar importanti għal ħafna għax fih niċċelebraw waħda mill-aktar festi mistennija u maħbuba mill-Maltin u l-Għawdxin – 'Il-festa ta' Santa Marija'. Ix-xahar ta' Awwissu huwa wkoll għall-qalb ħafna l-Imġarrin għax fih ir-raħal jilbes il-libsa tal-festa u wlied dan ir-raħal jinġabru lkoll flimkien għalenija madwar il-patruna tagħhom Santa Marija. Dak kollu li jsir f'dawn il-ġranet jixhed imħabba u entużjażmu lejn din il-festa u lejn il-patrimonju Mġarri.

Dan il-ferħ u l-entużjażmu hu rifless ukoll fit-twaqqif tas-Soċjetà Filarmonika " Marija Mtellgħa s-Sema"; li fil-ġranet tal-festa timla l-qlub tal-Imġarrin b'ferħ, malli jinstemgħu n-noti ferrieħa tal-marċi tagħha. Bi pjaċir u sodisfazzjon din l-Għaqda sabet u qed isib post importanti u ċentrali fl-organizzazzjoni tal-festa ta' Santa Marija kif ukoll fl-attivitajiet kulturali li jittellgħu f'dan ir-raħal pittoresk.

Dan hu ferm xieraq u jixhed apprezzament għall-pass kuraġġuż li wassal għall-fundazzjoni ta' banda – L-ewwel banda Mġarrija. Għaliex ngħiduha kif inhi trid kuraġġ u determinazzjoni biex tasal li twaqqaf banda fi żminijiet tal-lum f'sitwazzjonijiet mhux daqstant faċli bħall-imgħoddi. Diġà hu pass kuraġġuż li twaqqaf soċjetà mużikali, aħseb u ara kemm trid kuraġġ u ħeġġa biex iżżommha ħajja u biex issibilha lir-rwol u l-post li jixirqilha fil-ħajja tal-komunità.



**Jidhru fir-ritratt rappreżentanti taż-żewġ entitajiet involuti flimkien mal-medjatur l-Onor. Dr Godfrey Farrugia. MP. Wara l-ftehim, li permezz tiegħu s-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema", ngħatat d-dritt li tieħu sehem sħiħ fil-festa titulari ta' Santa Marija ċċelebrata fl-Imġarr.**

Il-bidu dejjem tqil u iebes imma fejn ikun hemm is-saħħa u d-determinazzjoni tasal. Jien ċert li din il-banda għandha futur sabiħ. Jien ċert li din il-banda se tikseb is-suċċess u l-istima li kisbu baned oħra li twaqqfu fi żminijiet imgħoddija u anke fil-qrib madwar Malta u Għawdex.

Jien ċert li la meddet l-ewwel passi tagħha ħadd mhu se jżomm lill-Banda tal-Imġarr milli tibqa' tavvanza u tkabbar isimha u isem ir-raħal li twieldet fih.

Ċertament li għalija kien ta' sodisfazzjon kbir ħafna li kelli x-xorti naħdem u nkun sehem fil-qbil biex din l-Għaqda ssib u tingħata rwol ċentrali fil-festa ta' Santa Marija. Dan ir-rwol mhux biss jixhed apprezzament għall-kuraġġ tal-fundaturi tal-Banda u l-ammiraturi u s-sostenituri tagħha, imma jixhed ukoll ir-rispett li akkwistat fi żmien qasir u r-rispett li tgawdi u se tibqa' tgawdi. Kien ta' sodisfazzjon kbir li fil-jum storiku tal-24 ta' Frar li għadda kont ix-xhud u l-medjatur biex jintlaħaq il-fethim tant mixtieq bejn il-partijiet konċernati, jiġifieri l-'Fondazzjoni Kultura Mġarr' u s-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema". Dan għamiltu b'dover u sodisfazzjon, mhux biss billi kelli r-rwol ta' segretarju tal-Għaqda Piroteknika Maltija u l-President ta l-Għaqda Armar tal-festi fit-toroq, imma għax verament inħobb il-festi u emmint f'din il-kawża. Hawn irrid infaħħar lill-partijiet li fehmu l-importanza li jaħdmu flimkien, li riedu jaħdmu u jikkoperaw ma' xulxin u li fehmu aktar r-rwol tagħhom fil-festa Mġarrija. Dan l-għaqal mill-partijiet konċernati għandu jgħin biex tikber u jitħarsu l-aħjar interessi tal-festa titulari Mġarrija. Fuq kollox dan il-ftehim ta prijorità u r-rwol ċentrali, għal-lum u għall-ġejjieni, lill-Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema" billi se tkun hi li tibda tesegwixxi l-marċijiet, il-programmi mużikali ewlenin tal-festa u fuq kollox li takkumpanja l-istatwa tant għażiża u maħbuba ta' Santa Marija – L-Omm u l-għaxqa tal-Imġarrin

ENTRAL CEMENT LIMITED
*Incorporating* **Jumbo Bags Ltd.**

Suppliers of Bulk Cement
Packed Cement in
1500kg, 50kg & 25kg
Suppliers of other types of Cement

FOR BEST QUALITY
AND SERVICE

CemHouse, National Road,
Blata l-Bajda, HMR 9011, Malta
Tel: 21232282, 21232920
Fax: 21221659
email: centralcement@euroweb.net.mt





# It-Tberik u l-Inawgurazzjoni tal-Banda

Joseph Caruana Dip.oper.Mgt

## Introduzzjoni

Il-jum tal-11 ta' Awwissu 2012 imnaqqax f'qalb l-Imġarrin, żgur se jibqa' jiġi mfakkar bil-kbir. Għall-fatt li dakinhar sar it-tberik u l-inawgurazzjoni tal-banda tagħhom.

Il-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjetà kien ilu xhur sħaħ għaddej bil-preparamenti biex dan il-jum ikun wieħed storiku. Kien hemm bżonn li jsir dak kollu li tirrikjedi soċjetà mużikali għax kif jaf kulħadd kellna nibdew kollox mill-bidu nett.

Sa mill-ewwel jiem tat-twaqqif tas-Soċjetà, il-kumitat mill-ewwel kellu x-xewqa li jikkuntenta lill-Imġarrin li jaraw il-banda tagħhom iddoqq fit-toroq ta' raħalhom. Għalkemm ma xtaqniex li ngħaġġlu, ma stajniex inħallu iktar żmien biex ninawguraw il-banda. Inkella konna nkunu qisna radju dejjem mitfi. Fi kliem ieħor konna nkunu qisna qegħdin hemm biex ngħidu għamilna banda. Mhux hekk biss, aħna tal-kumitat dejjem emminna li kif indoqqu l-ewwel darba l-entużjażmu tal-Imġarrin kien se jikber u b'riħet hekk jiżdiedu sostanzjalment l-allievi.



Il-membri tal-kumitat eżekuttiv waqt iċ-ċerimonja.

## Permess

Inizjalment ix-xewqa kienet li ninawguraw il-banda fl-aħħar jum tat-tridu, għalkemm offrejna lill-'Għaqda Festi u kultura Mġarr' li nagħmlu dan is-servizz bla ħlas, huma rrifjutaw l-istedina tagħna. Għalhekk wara ntervent f'waqtu mill-'Għaqda Każini tal-Baned', li ġejna mogħtija l-parir biex ninawguraw il-banda ġimgħa qabel il-festa, proprju fil-11 ta' Awwissu 2012.

Jien bħala Segretarju Ġenerali ktibt lill-Pro Vigarju Ġenerali Mons. Anton Gouder biex jagħtina permess inbierku u ninawguraw il-banda fil-jum imsemmi. Mons. Gouder mill-ewwel aċċetta u bil-permess ġentili tiegħu stajna nintensifikaw ħidmietna biex dan il-jum ikun memorabbli.

Wara l-permess mill-Awtoritajiet Ekklesjastiċi nfurmajt lill-Wisq Reverendu Kappillan Kan. Antoine Borg bid-deċiżjoni tal-Kurja u fl-istess waqt stedintu biex ikun hu li jbierek il-banda tagħna l-Imġarrin. F'ittra datata 23 ta' Ġunju 2012, Il-kappillan infurmana li la l-Kurja ma ssib l-ebda oġġezzjoni lanqas hu ma jsib. Ġentilment aċċetta li jbierek il-banda.

## *Il-Banda u ħtiġietha*

Kien hemm bżonn li jsiru diversi affarijiet biex il-banda tkun tista' ddoqq. Tiftakar biss ukoll ma temminx li f'inqas minn xahrejn irnexxielna nwettqu din il-ħidma kollha. Kien jeħtieġ li nagħmlu l-istandard tas-Soċjetà, il-libretti biex indoqqu fuqhom, naqilgħu l-bandisti u nħejju programm xieraq għal din l-okkażjoni storika.

Id-disinn tal-istandard kien diġà lest għad li kien hemm bżonn li jinstab min se jħitu. Ix-xewqa kienet li nsibu lil xi ħadd mill-Imġarr biex jinkariga ruħu min dan ix-xogħol. Wara li fittixna u staqsejna diversi ħajjata Mġarrin, ħadd minnhom ma xtaq jidħol għal din il-biċċa xogħol delikata. Billi kien daħal iż-żmien ġie deċiż li nfittxu xi ħadd li qiegħed fuq dan ix-xogħol. Wara li ndagajna, l-għażla marret fuq Antoine Farrugia mill-Belt Valletta. Personalment jien kont diġà assenjajt xogħol simili lil dan l-artist u għalhekk serraħna moħħna meta aċċetta hu li jagħmel ix-xogħol tal-ħjata. Fl-ewwel jiem ta' Lulju, wara li sar il-ftehim ma' Antoine, għaddejtlu l-materjal biex jibda x-xogħol. Madwar ġimgħa wara ix-xogħol kien lest u għaddejnieh lill-Artist Albert Borda li ddisinja l-arma tas-Soċjetà biex pitter dan l-istandard. Fl-istess żmien fuq disinn ta' Albert Borda stess, l-artiġjanist Twanny Zammit ta' Ħal Qormi beda x-xogħol fuq l-arpa għall-kruċetta tal-lasta tal-istandard. Ix-xogħol tal-pittura kif ukoll ix-xogħol fuq l-arpa u l-lasta kellhom ikunu lesti sal-ewwel ġimgħa t'Awwissu 2012.



L-istandard tas-Soċjetà

Filwaqt li kien għaddej dan ix-xogħol, kien hemm bżonn li naqilgħu l-bandisti kollha biex jdoqqu mal-banda tagħna dakinhar tal-inawgurazzjoni. Battikata sħiħa għax dakinhar kienu se jdoqqu numru konsiderevoli ta' baned u l-bandisti jkunu mpenjaw ruħhom ma' dawn il-baned. Għal min hu midħla tal-banda jaf x'biċċa uġigħ ta' ras. Dawn il-bandisti ikunu diġà taw kelma lil ħaddieħor. Għalhekk inħasset il-ħtieġa li naħdmu id f'id mas-Sur Denis Grech tal-Banda Marija Reġina biex insibu l-bandisti. Primarjamnet kienet diffiċli però bid-determinazzjoni min kulħadd u bil-għajnuna tal-patruna tagħna Santa Marija rnexxielna. Għaqqadna banda xierqa mimlija bl-elementi kollha neċessarji għal dan l-avveniment importanti.

Il-bandisti kienu jeħtieġu l-partituri mużikali biex idoqqu fuqhom. Is-Soċjetà ma setgħetx tonfoq flus biex tixtri l-marċi u ħtieġli bħala segretarju responsabbli nagħmel wiċċi billi nitlob lill-kompożituri u l-familjari tagħhom biex jirregalawlna xi marċi bla ħlas. L-għajnuna kienet kbira ħafna, tant li kellna problema liema marċi se ndoqqu. Meta ntgħażlu l-marċi ordnajt il-qoxra tal-libretti bl-arma tas-Soċjetà kif inhu xieraq u saru l-fotokopji. Meta kelli l-kopji lesti bdejt inwaħħal dawn il-partijiet u nifforma libretti. Dan ix-xogħol għamiltu kollu waħdi minħabba li sħabi tal-kumitat kien għad ma kellhomx idea x'jirrikjedi u wisq anqas kif irid isir dan ix-xogħol.

Barra l-marċi brijużi kien hemm bżonn li niksbu l-permess biex indoqqu l-Innu popolari 'L-Imġarr iben Marija'. Miegħu ħtiġilna nżidu l-innu tal-banda. Wara sensiela ta' korrispondenza mal-Kappillan u l-'Għaqda Festi u Kultura Mġarr' f'ittra bid-data 13 ta'

Lulju 2012 li ntbagħtet lilna minn din l-Għaqda Mġarrija ġejna mogħtija l-permess biex indoqqu l-innu popolari ferm għażiż għall-Imġarrin –'L-Imġarr Iben Marija' li għandu mużika tas-Surmast Vincenzo Ciappara u versi tas-Surmast Ġanni Cilia.

Ix-xogħol fuq l-innu tal-banda kien ilu li nbeda sa mill-aħħar jiem tas-sena 2011. Fil-fatt l-ewwel saret il-lirika ta' dan l-innu, liema xogħol ġie fdat f'idejn il-Kavallier Ġorġ Bianchi bniedem magħruf f'dan il-qasam. Huwa niseġ dawn il-versi għas-sodisfazzjon tagħna b'tant dedikazzjoni u mħabba. Il-mużika ta' dan l-Innu saret mill-ewwel Surmast li kellha s-Soċjetà tagħna, Mro Mario Testa. Ix-xogħol kemm tal-lirika kif ukoll tal-kompożizzjoni saru bla ħlas.


L-uniformi tas-soċjetà

Id-dehra dejjem kienet element fundamentali f'kull aspett tal-ħajja. Għalhekk ħsibna biex għal din l-okkażjoni nżanżnu parti mill-uniformi tal-bandisti. Bil-għajnuna tal-volontiera, Odette Muscat u Lily Sammut għamilna l-ispalletti u l-faxex tal-brieret tal-bandisti. B'hekk żidna element ieħor ma' dak tal-istandard u l-Innu tal-banda biex is-Soċjetà jkollha l-identità tagħha.

Il-kumitat kien ilu jiġbor fondi biex jixtri l-istrumenti tal-perkussjoni. Kien fadal bilanċ ta' €700 x'jitħallas fuq il-katuba. Dan il-bilanċ għamilna tajjeb għalih mir-reklami li ġbarna għall-ktieb ta' tifkira. Il-platti ġew imħallsa mill-President Onorarju u n-nutar tal-Każin Tony Abela Il-karru li fuqu tinġarr il-katuba silfuhulna ġentilment il-kumitat tal-Banda Marija Reġina tal-Marsa.


In-Nutar Tony Abela, President Onorarju jippreżenta sett platti lis-Soċjetà

Jien li ħadt ħsieb il-koordinament ta' dawn ix-xogħlijiet kollha nista' naċċertakom li x-xogħol kollu sar mill-qalb u fl-aħjar interess tas-Soċjetà. Il-varjetà f'dawn ix-xogħlijiet kienet vaga ħafna, mill-ħjata għall-pittura, mill-istampar għat-twaħħil tal-marċi, mill-kompożizzjoni għal-kitba tal-versi, xogħol fl-artiġjanar għal-artitistrija fil-pittura, kulħadd għamel dak li seta' biex kollox ikun l-aħjar possibli.

## Il-programm fl-okkażjoni tat-tberik u l-inawgurazzjoni tal-banda

Kien jeħtieġ li dawn il-preparamenti kollha jkunu minsuġa f'vetrina sabiħa biex titgawda mill-Imġarrin. Kif ukoll minn kull min qasam il-ferħ magħna dakinhar ta' dan l-avveniment eċċezzjonali. Għalhekk ħejjejna programm sabiħ u nista' ngħid professjonali għal-aħħar li




**Ktieb ta' tifkira**




**Il-manifest**

laħaq il-qofol tiegħu waqt iċ-ċerimonja tat-tberik u l-inawgurazzjoni tal-banda.

Għal din l-okkażjoni ħsibna li nagħmlu pubbliċità tajba. Bħalha Soċjetà ppubblikajna ktieb ta' tifkira li tqassam lir-residenti kollha Mġarrin.

Dan il-ktieb ta stampa ċara ta' ħidmet is-Soċjetà mit-twaqqif tagħha sal-jum tal-inawgurazzjoni. Barra minn hekk kien jinkludi diversi artikli interessanti dwar l-Imġarr, il-Festa ta' Santa Marija u l-Banda. Barra din il-pubblikazzjoni ppubblikajna manifest li twaħħal fil-ħwienet kollha tal-Imġarr u ġie mqassam lill-Każini tal-baned kollha ta' Malta u Għawdex.

Il-pubbliċità għal dan il-jum storiku marret oltre minn hekk. Il-President, is-Surmast u jien bħala Segretarju Ġenerali ġejna mistiedna waqt il-programm tar-radju 'Mill-Briju tal-Festa' li jixxandar fuq l-istazzjon tar-radju 'One' waqt programm rrekordjat li xxandar proprja l-Erbgħa 8 ta' Awwissu 2012 wara nofsinhar. Fl-istess jum il-President u jien konna mistiedna biex nipromwovu din l-ġrajja storika f'xandira diretta fuq Net Tv waqt il-programm 'Sajf Flimikien'. Waqt il-bulettin tal-aħbarijiet tan-Net Tv tal-istess jum ixxandret intervista mal-President Giovanni Gatt. Liema servizz ġie ukoll ippubblikat fuq il-ġurnal elletroniku *Maltarightnow.com*. Fil-ġurnali ta'kuljum L-Oriżżont u In-Nazzjon tal-ġranet 9,10 u 11 ta'Awwissu wkoll ingħatajna pubbliċità għall-attivitajiet li saru f'din l-okkażjoni.

Permezz ta' invit formali l-kumitat stieden diversi persuni distinti, għaqdiet lokali, soċjetajiet muzikali u persuni oħra biex jattendu għat-tberik u l-inawgurazzjoni tal-Banda.

Il-programm taċ-ċelebrazzjonijiet infetaħ l-Ħamis 9 ta'Awwissu 2012 billi wara l-quddiesa tas-7pm, il-membri tal-kumitat flimkien mas-soċi nġbarna għar-rużarju quddiem l-Istatwa titulari ta' Santa Marija fil-knisja parrokkjali.

L-għada l-Ġimgħa 10 t'Awwissu wara li bdejna nqasmu l-ktieb ta' tifkira ħadna sehem waqt il-quddiesa organizzata għall-għaqdiet fil-parroċċa. Wara organizzajna 'Pasta Night' f'Tal-*Barri Bar & Restaurant*.

Il-jum tant mistenni tal-11 ta' Awwissu 2012 wasal. Minn kmieni filgħodu komplejna

# Titwaqqaf l-ewwel banda fl-Imġarr

**Is-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema ddoqq is-Sibt li ġej**

minn Charles Muscat

Nhar is-Sibt li ġej se tkun ġurnata importanti fl-istorja tar-raħal tal-Imġarr hekk kif għall-ewwel darba fl-istorja ta' dan ir-raħal, se titnieda uffiċjalment u titbierek is-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema.

Din il-banda twaqqfet fuq l-inizjattiva ta' diversi nies mill-Imġarr fosthom Giovanni Gatt li se jkun l-ewwel President tagħha.

L-ewwel passi biex twaqqfet saru f'Ottubru tas-sena l-oħra meta tfassal l-istatut u bdew jinkitbu l-membri. Beda wkoll it-tagħlim tal-bandisti tant li bħalissa hemm madwar 30 bandisti, tfal, żgħażagħ u xi adulti li qed jitgħallmu l-mużika u l-istrumenti. It-tagħlim qed isir darbtejn fil-ġimgħa fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

F'kummenti lil IN-NAZZJON, Giovanni Gatt qal li fl-Imġarr kien ilu jinħass il-bżonn li titwaqqaf banda biex it-tfal u ż-żgħażagħ ikunu jistgħu jitgħallmu jdoqqu xi strument mużikali filwaqt li l-banda tipparteċipa fl-attivitajiet tal-parroċċa.

Il-programm ta' nhar is-Sibt li ġej meta l-banda se ddoqq għall-ewwel darba fit-toroq tal-Imġarr, filgħaxija se jkun hemm quddiesa u wara jsir it-tberik tal-banda u jsiru l-preżentazzjonijiet tal-istrumenti mużikali u tal-istandardi.

Wara, is-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema se ddoqq għall-ewwel darba fit-toroq tal-Imġarr.

It-tagħlim tal-bandisti qed isir mis-Surmast Direttur Nicholas Vella mis-Siġġiewi, u mill-Assistent Direttur Tancred Grech.

Il-baned u s-soċjetajiet mużikali huma parti integrali mill-ħajja ta' kważi kull belt u raħal f'pajjiżna u huma wkoll parti mill-wirt kulturali u l-festi ta' pajjiżna.

Għalhekk tajjeb li ttieħdet l-inizjattiva biex anke fl-Imġarr għall-ewwel darba jkun hemm banda biex tkun tista' tkompli ssebbaħ lil dan ir-raħal b'mod speċjali l-festa ta' Santa Marija.

Skont stħarriġ li sar sentejn ilu, f'Malta u f'Għawdex kien hawn 90 banda attiva li bejniethom kellhom madwar 4,123 bandist jew apprendist. Il-membri tal-kumitat f'dawn il-baned kienu jlaħħqu aktar minn 1,400.

B'kollox bejn bandisti, apprendisti, membri fil-kumitati u membri, il-baned u s-soċjetajiet mużikali kellhom aktar minn 30,100 membru.

Il-kuluri tal-banda se jkunu ċelesti fuq l-abjad biex jirriflettu r-rabta ma' Marija Mtellgħa s-Sema jew aħjar Santa Marija li għaliha hu ddedikat l-Imġarr.

L-IMĠARR

# Inawgurazzjoni tal-Banda tas-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema

Illejla fl-Imġarr se jsir it-tberik kif ukoll l-Inawgurazzjoni tal-Banda tas Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema l-Imġarr A.D. 2011.

Il-programm tal lejla jibda b'quddiesa li tibda fis-7am u din se ssir fil-Knisja Parrokkjali. għall-ħabta tat-7.45am jindaqq l-Innu popolari bl-isem *L-Imġarr* Jben Marija Mużika tas-Surmast Mro Vincenzo Ciappara u versi tas-Surmast Ganni A. Cilia.

Isir it-tberik tal-Banda mill-Kappillan u Direttur Spiritwali l-Kanonku Dun Antoine Borg u jindaqq l-Innu tal-Banda li għandu l-mużika ta' Mro Mario Testa fuq versi tal-Kavallier Ġor[...] Bianchi.

Wara l-Banda Marija Mtellgħa s-Sema se ddoqq għall-ewwel darba fit-toroq tal-Imġarr u se tgħaddi minn dawn it-toroq. Wesgħat il-Ġublew, il-Kbira, Vitale, San Pawl, Dun Edgar, Wesgħat il-Ġublew, Sir Harry Luke, San Pawl, Santa Marija, Fisher u Wesgħat il-Ġublew.

Is Surmast Direttur tal-[...] Nicholas Vella.

## Tberik tal-Banda

■ Il-programm ta' attivitajiet li s-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr qiegħda torganizza fl-okkażjoni tat-tberik u l-inawgurazzjoni tal-banda tagħha, jilħaq il-qofol tiegħu illum is-Sibt, 11 ta' Awwissu.

Fis-7.00 p.m. issir Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-Knisja Parrokjali tal--Imġarr; fit-7.45 p.m. issir iċ-ċerimonja tat-tberik tal-Banda mill-Kappillan u Direttur Spiritwali Dun Antroine Borg, segwita b'marċ fit-toroq tar-raħal.

## Tberik tal-banda

■ Bħala parti mill-programm ta' attivitajiet li s-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr, fl-okkażjoni tat-tberik u l-inawgurazzjoni tal-banda tagħha, illum il-Ġimgħa, 10 ta' Awwissu, fis-7.00 p.m. il-Kumitat u l-Membri se jieħdu sehem fil-quddiesa għall-għaqdiet lokali fil-Knisja Parrikjali tal-Imġarr. Fit-8.15 p.m. isir 'buffet pasta night' fil-Barri Bar & Restaurant, fl-Imġarr. Prezz: Kbar – €14 u t-tfal – €6. Biex tirriserva post ċempel fuq 9944 1502, 7747 1560 jew 7967 4678.

## Tberik tal-banda

■ Bħala parti mill-programm ta' attivitajiet li s-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr, fl-okkażjoni tat-tberik u l-inawgurazzjoni tal-banda tagħha, illum il-Ħamis, fis-7.30 p.m., se jingħad ir-Rużarju quddiem l-istatwa titulari ta' Santa Marija Mtellgħa s-Sema fil-Knisja Parrokjali.

Mill-ġurnali lokali…

bil-ħidma biex kollox imur kif ippjanat. Kienet ġurnata twila imma li ħalliet sodisfazzjon kbir. Mas-sbieħ komplejna nqassmu l-aħħar ftit kotba li kien fadal. Imbagħad ikkuntatjajna lil kull min kien involut biex nikkonfermaw l-aħħar dettalji għal filgħaxija.Wara nofsinhar jien u Christ Vella ppreparajna fir-residenza tiegħi l-istandardi biex ikunu lesti. Fl-istess waqt Marija Vella, Anġela Muscat u Doris Micallef kienu qed jippreparaw xi 'refreshments' għall-bibita ta' waqt il-marċ.



Il-kongregazzjoni waqt il-quddiesa ta' radd il-ħajr



Il-konċelebrant Fr David Muscat waqt il-quddiesa ta' radd il-ħajr.

Fis-6pm Giovanni Gatt, Clayton Gauci, Christ Vella u jien ħejjejna s-siġġijiet fuq iz-zuntier għal waqt iċ-ċerimonja. Fl-istess waqt wasal tas-'sound' u beda jipprepara.

Fis-7pm bdiet il-quddiesa ta' radd il-ħajr fil-knisja parrokkjali ta' Santa Marija Imtellgħa s-sema. Il-konċelebrant Fr David Muscat, waqt il-quddiesa semma dan l-avveniment bosta drabi u ħeġġeġ lill-Imġarrin biex jgħinuna ħalli l-banda tibqa' miexja 'l quddiem.

Malli ntemmet il-quddiesa kulħadd ħa postu fuq iz-zuntier. Ġemgħa sabiħa ta' nies attendew biex jaqsmu l-ferħ magħna f'din l-okkażjoni importanti.

Is-Sinjorina Claudine Muscat ippreżentat is-serata. Wara introduzzjoni qasira, sejħet lill-membri tal-Kumitat Eżekuttiv biex jingħaqdu magħha. Il-banda kienet diġà f'postha u l-allievi tagħna biswita biex filwaqt li juru s-sodisfazzjon tagħhom li jiffurmaw parti minn din il-banda l-ġdida jħajru oħrajn jingħaqdu magħhom.

Wara l-introduzzjoni kien imiss li l-Banda tal-Imġarr ddoqq l-ewwel noti tagħha. Għalhekk taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Nicholas Vella ndaqq l-Innu popolari 'L-Imġarr Iben Marija'. Dan l-Innu li għandu mużika ta' Mro Vincenzo Ciappara u versi tas-Surmast Ġanni Cilia żied isaħħar lil dawk kollha preżenti bil-vuċi sabiħa tat-tfajla Imġarrija Lucienne Calleja.

Wara l-applaws li ngħata fi tmiem l-eżekuzzjoni ta' dan l-Innu, Il-President Giovanni Gatt għamel id-diskors tal-okkażjoni. F'diskors sabiħ u ppreparat ferm tajjeb, il-President ħeġġeġ lill-Imġarrin biex



Il-compère tas-serata, is-Sinjorina Claudine Muscat



Il-kantanta Lucienne Calleja waqt li qed tkanta l-Innu popolari "l-Imġarr Iben Marija"

issa li għandna l-banda tagħna, ninvestu fiha. Hu saħaq li l-investiment fil-banda hu investiment f'uliedna. Il-President ħeġġeġ lil kulħadd biex jiġi jitgħallem il-banda, il-fatt li t-tagħlim hu bla ħlas hi opportunità li mhux ta' min jitlifha. Hu żied jgħid li qatt mhu tard biex wieħed jitgħallem. Hu temm id-diskors tiegħu billi rringrazzja lil kull min ta' sehmu biex twaqqfet il-banda u lil kull min attenda għal din l-okkażjoni. Fl-aħħar nett bi kliem imqanqal hu tenna l-kliem 'Viva l-Banda tal-Imġarrin għal dejjem, għal dejjem'.

Wara d-diskors tal-okkażjoni saru xi preżentazzjonijiet. Il-President is-Sur Giovanni



Il-President tal-Għaqda s-Sur Giovanni Gatt waqt id-diskors tal-okkażjoni



Il-President is-Sur Giovanni Gatt jippreżenta l-istandard tas-Soċjetà



Is-Sur Louis Vella, President Onorarju jippreżenta Standard ta' Malta lill-Għaqda tagħna.



L-Onor.Dr.Godfrey Farrugia, President Onorarju jippreżenta standard tal-Imġarr lis-Soċjetà



Il-President jirringrazzja lin-Nutar Tony Abela għall-għotja tiegħu u għall-appoġġ li jagħtina.

Gatt ppreżenta l-istandard tas-Soċjetà lis-Segretarju f'isem is-Soċjetà. Wara saru dawn il-preżentazzjonijiet lill-President tal- Banda 'Marija Mtellgħa s-Sema': il-President Onorarju s-Sur Louis Vella ppreżenta l-istandard ta' Malta. Kif qal hu stess dan l-istandard għalkemm hu ta' Malta ġabu miegħu mill-Amerika.

Il-President Onorarju t-Tabib Godfrety Farrugia ppreżenta l-istandard tal-Imġarr.

Il-President Onorarju u n-Nutar tal-Każin Tony Abela ppreżenta sett platti lis-Soċjetà kif ukoll għotja ta' elf ewro biex jinxtraw l-istrumenti bihom.



**Il-President jagħti tifkira tal-okkażjoni lill-Kappillan f'isem il-parroċċa.**



**Is-Surmast Direttur Mro Nicholas Vella jirċievi tifkira mingħand il-President.**



**Il-President jagħti tifkira tal-okkażjoni lill-Assistent Surmast Mro Tancred Grech**



**Il-Kavallier Ġorġ Bianchi jagħmel kelmtejn ta' apprezzament wara li rċieva tifkira mingħand il-President b' ringrazzjament għax-xogħol li għamel fl-insiġ tal-lirika tal-Innu tal-Banda.**

Wara l-president ta tifkira tal-okkażjoni lil dawn il-persuni:

Lis-Surmast Direttur Ncholas Vella, lill-Assistent Surmast Tancred Grech,lill-Kavallier Ġorġ Bianchi li niseġ il-lirika tal-Innu tal-Banda u lilll-Kappillan f'isem il-parroċċa tal-Imġarr.

Wara l-preżentazzjonijiet il-Kappillan Rev Antoine Borg flimkien ma' Fr David Muscat akkumpanjati min numru sabiħ ta' abbatini bierku l-istandard tas-Soċjetà u l-banda.

Wara t-tberik tal-Banda kien xieraq li l-Banda ssemmalna għall-ewwel darba l-Innu tagħha. L-Innu tal-banda għandu kompożizzjoni ta' Mro. Mario Testa u versi tal-Kavallier Ġorġ Bianchi. Mal-banda żanżnet l-Innu l-kantanta Mġarrija Lucienne Calleja. Waqt d-daqq tal-innu deher is-sodisfazzjon fuq wiċċ l-ġemgħa preżenti tant li ħafna minnhom qamu bil-wieqfa jċapċpu waqt l-eżekuzzjoni tiegħu. Fl-istess waqt inħaraq salut li kien ġentilment maħdum u rregalat mis-Sur Emanuel Vella.



Il-Kappillan Fr.Antoine Borg flimkien ma' Fr David Muscat u l-abbatini tal-paroċċa qabel it-tberik tal-Banda.



It-tberik tal-Banda



Il-Banda "Marija Mtellgħa s-Sema' ddoqq l-Innu tagħha għall-ewwel darba.

Wara d-daqq tal-Innu tagħha l-banda ssokktat bid-daqq tal-marċi brijużi għall-ewwel darba fit-toroq Imġarrin. Il-banda kienet akkumpanjata bl-istandardi l-ġodda li kien għadhom kif ġew irregaltati. Dawn l-istandardi nżammu minn Nathaniel Barbara, Nazzarenu Micallef u David Abela. Is-soċjetajiet mużikali Nicolò Isouard tal-Mosta, Sagra Familja tal-Kalkara, Marija Reġina tal-Marsa u Spinola ta' San Ġiljan akkumpanjaw il-marċ bl-istandardi rispettivi tagħhom.

Il-marċ għadda min dawn it-toroq,Wesgħat il-Ġublew, il-Kbira, Vitale, San Pawl, Dun Edgar, Wesgħat il-Ġublew, Sir Harry Luke, San Pawl, Santa Marija, Fisher u Wesgħat il-Ġublew. Il-banda temmet dan l-ewwel servizz tagħha bid-daqq tal-Innu popolari "l-Imġarr Iben Marija". Dan is-servizz ġie fi tmiem tiegħu fl-10pm.

## Konklużjoni

Il-11 ta' Awwissu 2012 żgur ġie mnaqqax b'ittri tad-deheb fl-istorja tal-Imġarr u fl-istorja ta 'Malta.Proprju f'dan il-jum l-Imġarr ngħaqad mal-kumplament tal-irħula li



**L-istandardi tas-Soċjetà tagħna mal-bqija tal-istandardi tal-għaqdiet li attendew għall-okkażjoni.**



**Il-Banda Mġarrija hekk kif bdiet l-ewwel marċ fit-toroq ta' raħalha wara l-inawgurazzjoni.**

għandhom is-soċjetà mużikali tagħhom. Bit-tberik u l-inawgurazzjoni tal-banda nfetħet epoka ġdida li permezz tagħha se jibbenifikaw l-Imġarrin tal-lum u ta' għada. Issa jeħtieġ li nkomplu nħarsu 'l quddiem u nġeddu dak li ksibna sa issa. Il-bidu ma kien faċli xejn anzi pjuttost kien wieħed iebes ħafna, però kif bil-għajnuna tagħkom u tal-patruna tagħna wasalna sa hawn, aħna fiduċjużi li nibqgħu mexjin 'l quddiem. Id-determinazzjoni u s-serjetà li ħaddanna sa issa turi li l-futur quddiemna hu ċert u sabiħ. Bl-inklużjoni ta' kull wieħed u waħda minkom mas-sostenn li qed ningħataw minn kull qasam tal-ħajja u parti huma garanzija ta' ġejjieni stabbli. Persważ li min jaqra din il-kitba jerġa' jġedded il-memorji sbieħ li għexna jien u sħabi flimkien, aħna l-uffiċjali u intom is-sena li għaddiet. Memorji li żgur qatt mhu se ninsew u se nibqgħu ngħożżu għal dejjem. Issa li l-Imġarr għandu bint li tista' tfaħħru u tonorah jeħtieġ li din il-bint li għandu ddedikata lil Ommu, "Santa Marija Mtellgħa s-Sema tilqà fi ħdanha 'l uliedu kollha u tgħinhom biex ikattru l-arti mużikali tagħhom li għal tant u tant snin konna mċaħħdin minnha.





**Il-Banda "Marija Mtellgħa s-Sema" fit-toroq Imġarrin fl-ewwel dehra tagħha.**

# Eclipse Stationery

9, Fisher Road,
L-Imġarr Malta
Tel: 2152 5248

*Stationery, Toys
& Gifts
Photocopy Service
Binding & Book
Covering Service,
etc.*



**V&A Detergent Shop**
**Fisher Road cw St. Mary Street**
**Mġarr**
**Tel: 2701 3380**

For all your toiletry needs, detergents, household, swimming equipment, costume jewellery etc.

*We make Gift Vouchers*

We give €**11.65** voucher when you spend €**349.06**

# Elmo INSURANCE

Car
Health
Home
Boat
Travel
Commercial
Personal Accident
Cargo

***We provide our customers with a comprehensive range of high quality insurance service.***

RABAT BRANCH
23A, Is-Saqqajja, Rabat RBT 11927
✆ 2343 0332

**www.elmoinsurance.com**

Elmo Insurance Ltd., Abate Rigord Street, Ta' Xbiex, XBX 1111 - Tel: 2343 0000



# Wara l-Inawgurazzjoni…

Joseph Caruana Dip.oper.Mgt

Wara l-inawgurazzjoni u t-tberik tal-banda tagħna l-Imġarrin, il-Banda 'Marija Mtellgħa s-Sema' li seħħew fil-11 t'Awwissu, 2012, il-ħidma kompliet. Se nagħti rendikont ta' dak li wettaqna.

B'dan l-avveniment tajna bidu għal sensiela ta' attivitajiet u opportunitajiet li nawguraw ma jintemmu qatt. F'kull jum li jgħaddi s-Soċjetà tagħna dejjem qed tikber u timmatura u wara kollox tkompli tistabilixxi l-pożizzjoni tagħha fl-Imġarr, raħalha.



Bukkett fjuri mill-isbaħ

Permezz ta' dawn il-paragrafi rrid inreġġa' l-arloġġ lura u flimkien ngħixu l-attività u l-ħidma li saret b'risq din l-għaqda tant għażiża għalina l-Imġarrin. Il-Banda 'Marija Mtellgħa s-sema', bi twelidha stagħna r-raħal kif qal proprju l-awtur li niseġ il-lirika tal-Innu tal-Banda, il-ħabib tiegħi l-Kavallier Ġorġ Bianchi. B'dawn il-kliem hu litteralment irrefera għall-bibien t'opportunitajiet li nfetħu għalina l-Imġarrin u għal uliedna meta twaqqfet din is-Soċjetà. Għaqda li qed tkattar il-kultura f'raħalna u b'riħet hekk tbiegħed lil ulied l-Imġarr mill-vizzji koroh li jdawruhom.

Ftit jiem wara l-inawgurazzjoni tal-banda kien imiss il-festa titulari ta' Santa Marija. Għalkemm ma ħadniex sehem b'dawk li huma servizzi mużikali, mhux għax ma xtaqniex imma għax iċ-ċirkustanzi ma ppermettewx, xorta pparteċipajna. Il-Kumitat ħa ħsieb li jordna bukkett fjuri mill-isbaħ biex permezz tiegħu jagħti qima lill-patruna Marija Mtellgħa s-Sema. Dan il-bukkett inħadem b'dedikazzjoni kbira mis-Sinjuri Giovanna Bugeja u Marija Micallef li kienu megħjuna mis-Sur John Bugeja.




Il-kejk tal-okkażjoni



Il-President flimkien mal-allievi preżenti jaqsmu l-kejk f'għeluq l-ewwel anniversarju tal-Banda

## L-ewwel Anniversarju

Fit-13 ta' Ottubru 2012 iċċelebrajna l-ewwel anniversarju mit-twaqqif tal-banda. Minħabba l-limitazzjonijiet li għandna organizzajna ikla għand "Ta' Soldi Bar & Restaurant" fl-Imġarr. Il-President tagħna għamel kelmtejn tal-okkażjoni u wara, flimkien ma' xi allievi

li attendew għal din l-attività qasam il-kejk li tħejja għal din il-lejla speċjali. Kienet attività sempliċi imma fl-istess ħin sabiħa u se nibqgħu niftakruha. Ix-xena li ħolqu l-allievi bl-entużjażmu kienet tassew sabiħa u għadha mpinġija f'moħħ dawk kollha li attendew.

## Il-Propoganda u s-*Social Media*

Bla dubju ta' xejn fid-dinja tal-lum il-pubbliċità għandha rwol ferm importanti 'L-għajta nofs il-bejgħ' kif ngħidu. Kull attività li nagħmlu jeħtieġ nagħtuha propaganda tajba. Dan qed nagħmluh billi nqassmu l-*posters* fil-ħwienet kollha tal-lokal. Kif ukoll nibagħtu avviż lill-ġurnali u l-istazzjonijiet tar-radju li jxandru l-attivitajiet organizzati mill-baned lokali. Is-*social media* hi mezz importantissimu li jagħti kontribut siewi meta jkun użat kif għandu jkun. Peress li minħabba nuqqas ta' fondi għad m'għandniex websajt, naħdmu ħafna bil-*Facebook*. Il-*Facebook* illum il-ġurnata jilħaq tista' tgħid lil kulħadd. B'iktar minn 1400 *friend* fuq il-*Facebook* tas-Soċjetà nħabbru attivitajiet u nġibu avviżi importanti li jkollna minn żmien għal żmien. Nittamaw li ma ndumux ma nkunu f'sitwazzjoni li tippermetti li jkollna l-websajt tagħna. Din tkun għodda importantissima u tgħinna nkomplu nevolvu.



Il-faċċata tal-flyer li qassamna f'Marzu,2013.

F'Malta jsiru diversi programmi relatati mal-baned u l-festi Maltin. Wara li fi żmien it-tberik u l-inawgurazzjoni tal-banda konna mistiedna fuq l-istazzjon tar-radju "One" u tat-televiżjoni "Net", nhar il-Ħadd 28 ta' Ottubru 2012, waqt il-Programm Marċi Fest li xxandar fuq "Radju Malta 1" ingħata tagħrif dwar il-Banda tagħna u ndaqqu marċi mir-repertorju tagħha.

F'Marzu 2013, ippubblikajna *flyer* li tqassam fid-djar kollha Mġarrin. Dan il-*flyer* minbarra l-messaġġi mill-membri tal-kumitat kien jinkludi r-rendikont finanzjarju sa Settembru 2012. B'hekk kulħadd seta' jara mnejn waslu u fejn intefqu l-flus tal-Għaqda. Hu maħsub li dan il-*flyer* jibqa' jiġi ppubblikat minn żmien għal żmien biex inżommu lil kulħadd infurmat b'dak li jkun qed isir u fl-istess waqt nibqgħu kontabbli fil-ħidma tagħna.

## Milied 2012


Uħud minn dawk li attendew għall-Christmas Buffet

Fl-okkażjoni tal-Festi tal-Milied u l-ewwel tas-sena organizzajna sensiela ta' attivitajiet. Dawn raw il-bidu tagħhom f'nhar il-Festa tal-Kunċizzjoni, jiġifieri fit-8 ta' Diċembru 2012 b'attività organizzata fil-lukanda "Maritim" il-Mellieħa. Dakinhar għamilna '*Christmas Buffet*'. Kulħadd kellu kliem ta' tifħir għal din l-attività.

Il-Ġimgħa 28 ta' Diċembru, 2012,



Waqt il-party li għamilna lit-tfal għal żmien il-Milied



Waqt il-party tal-Milied għat-tfal

wettaqna żewġ attivitajiet. It-tnejn li huma saru fil-bini tal-kunsill lokali. Kmieni wara nofsinhar, għamilna festin għat-tfal. Għal dan il-festin ġew mistiedna l-allievi tas-Soċjetà. Bil-għajnuna ta' diversi sponsers dan il-festin kien suċċess u ngħata rigal sabiħ lil dawk li attendew. Barra minn hekk ġibna grupp li ħa ħsieb l-animazzjoni.

Filgħaxija organizzajna bibita għall-membri tal-kumitat, allievi li m'għadhomx tfal, u l-benefatturi tas-Soċjetà. Dawn iż-żewġ attivitajiet intlaqgħu tajjeb ħafna.




Post li dehret fuq il-paġna tal-facebook tas-Soċjetà biex tawgura l-isbaħ xewqat għas-sena l-ġdida

Il-membri tal-kumitat tas-Soċjetà kienu wkoll mistiedna biex jattendu diversi riċevimenti. Fil-fatt nhar is-7 ta 'Diċembru 2012, delegazzjoni mill-kumitat magħmula minni, mill-Kaxxiera Mary Abela u l-P.R.O. Marija Vella attendejna riċeviment organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Imġarr li segwa bi ftuħ ta' wirja ta' pittura u fotografija.

Nhar il-Ħadd 23 ta' Diċembru, 2012 filgħodu, il-President Giovanni Gatt u l-Kaxxiera Mary Abela rrappreżentaw l-Għaqda tagħna waqt il-bibita organizzata mill-"Imġarr United F.C".

## It-Tagħlim tal-Mużika lill-Allievi

It-tagħlim tal-mużika baqa' għaddej. Fil-fatt wara pawsa qasira fil-ġimgħa tal-festa, is-Surmast u l-Assistent komplew bil-ħidma tagħhom. Wara l-avveniment tal-11 t'Awwissu kif kien mistenni, tkattru l-allievi li bdew jitħarrġu fl-arti mużikali fi ħdan is-Soċjetà. Mal-milja tal-ġimgħat, iktar allievi bdew joqorbu għall-istrument. Għalhekk il-kumitat ried jara kif se jagħmel tajjeb għall-ispejjeż li kien se jiffaċċja. Il-ġenerożità ma naqset qatt. Bosta ġenituri xtraw l-istrument lil uliedhom huma





Il-kurunetta u l-ewfonju li nxtraw bid-donazzjoni ta' elf ewro li tana n-Nutar Tony Abela waqt l-inawgurazzjoni tal-Banda



It-Tanbur



Il-kornu li nxtara din is-sena



Il-baxx

stess. Oħrajn peress li kellhom iktar minn wild wieħed jitgħallem, il-banda ma setgħetx tagħmel tajjeb għall-ispejjeż, għalhekk il-kumitat ħass li kellu jixtri l-istrumenti minn butu. L-ikbar spiża kienet biex inxtraw il-kornu u l-baxx. Dawn iż-żewġ strumenti bejniethom swew €2400. Somma kbira għalina li għadna qed insibu saqajna. Madankollu ma qtajniex qalbna. Filwaqt li l-kornu tħallas f'daqqa, għamilna ftehim mal-aġent biex il-baxx jitħallas f'pagamenti ta' €200 kull xahar. Din l-ispiża żdiedet mal-ispiża kurrenti tas-Soċjetà. Wieħed irid jifhem li kull xahar inħallsu l-għalliema tal-mużika kif ukoll ikollna diversi spejjeż amministrattivi li ma jistgħux jiġu evitati.

Iktar ma beda jgħaddi ż-żmien, il-Kumitat flimkien mal-għalliema, ħassew il-ħtieġa li tinżamm laqgħa mal-allievi u l-ġenituri. Din il-laqgħa saret fit-2 t'April, 2013, fil-bini tal-Kunsill Lokali. Għal din il-laqgħa l-attendenza kienet tajba. Waqt din il-laqgħa l-kelliema li kienu l-għalliema, u l-uffiċjali tal-kumitat taw rapport ta' kif kienu sejrin l-allievi fit-taħriġ kif ukoll informazzjoni oħra relatata mas-Soċjetà. Il-ġenituri u l-allievi staqsew ukoll xi mistoqsijeit u taw suġġerimenti biex inkomplu nimxu 'l quddiem.

## Laqgħa Ġenerali Annwali



Uffiċjali tal-kumitat waqt il-laqgħa ġenerali annwali

Kif indikat fl-istatut tas-Soċjetà, kull sena għandha tinżamm laqgħa ġenerali annwali. F'din il-laqgħa għandhom jinqraw, ir-Rapport Amministrattiv u r-Rapport Finanzjarju. Barra minn hekk ikun jeħtieġ li jiġu approvati u meta jkun il-każ isiru emendi għall-istatut kif ukoll jiġu approvati karigi onorarji ġodda. Kull sentejn imbagħad għandu jinħatar kumitat eżekuttiv ġdid biex imexxi l-għaqda għas-sentejn suċċessivi.

Il-Laqgħa Ġenerali Annwali għas-sena 2012 inżammet nhar il-Ġimgħa 23 ta' Novembru, 2012 fil-kunsill lokali. L-attendenza għalkemm kienet ftit fqira, ipparteċipat sew. Waqt din is-seduta nqraw ir-rapporti msemmija iktar 'il fuq f'din il-kitba u saret l-approvazzjoni tagħhom. Waqt ir-rapport amministrattiv, jien bħala Segretarju Ġenerali tajt indikazzjoni

ċara tal-ħidma li twettqet matul s-sena. Spjegajt l-attendenza tal-membri tal-kumitat għas-seduti kif ukoll l-kisbiet li għamilna matul l-ewwel sena tagħna.

Fir-Rapport Finanzjarju li nqara minni fl-assenza tal-Kaxxiera u l-Assistenta Kaxxiera rajna fih kemm il-kumitat ħadem bil-għaqal biex għamel tajjeb għall-ispejjeż li kellu. Għalaqna s-sena b'bilanċ ta' iktar minn €3,000. Dan seħħ filwaqt li d-dħul kien ta' ftit iktar minn €13,000. Il-parti sostanzjali ta' dan id-dħul waslet mid-donazzjonijiet ġenerużi li rċevejna u mill-attivitajiet soċjali li organizzajna. Waqt il-laqgħa tressqu u ġew approvati diversi emendi għall-istatut tas-Soċjetà. Hawn ta' min isemmi li l-età tas-sħubija tal-membri niżlet għal 16-il sena. Ġew miżjuda wkoll emendi ġodda biex jirregolaw l-allievi u l-bandisti l-ġodda.

Fl-istess laqgħa ġew maħtura żewġ awdituri. Dawn huma s-Sur Sandro Muscat u s-Sinjura Simone Galea. In-Nutar Tony Abela, l-Onor. Dr Godfrey Farrugia u s-Sur Louis Vella ġew ikkonfermati bħala Presidenti Onorarji. Filwaqt li is-Sinjuri Nazju Schembri, Tony u Doris Vella ġew ikkonfermati Membri Onorarji. Is-Sindku s-Sur Paul Vella flimkien mas-Sur Michael Attard ġew approvati bħala Presidenti Onorarji ġodda. Il-Kavallier Ġorġ Bianchi ġie maħtur Membru Onorarju.

## Sħubija fl-Għaqda

Hu ferm importanti li jkollna numru sabiħ ta' soċi fl-Għaqda tagħna. Biex wieħed jidħol membru kull m'għandu jagħmel hu li jimla applikazzjoni apposta u jgħaddiha lil xi membru tal-kumitat. Il-ħlas tal-menswalità hu ta' €5 fis-sena. Persuni b'diżabbilità jissieħbu bla ħlas. L-età biex tkun membru hi dik ta' 16-il sena.

Meta tissieħeb fl-Għaqda jingħatalek id-dritt tal-vot fil-laqgħat ġenerali kollha. Dan ifisser li int tkun tista' tipparteċipa fid-deċiżjonijiet importanti li jittieħdu.

Minn hawn inħeġġeġ lilkom qarrejja biex tissieħbu magħna u jekk diġà għamiltu dan nitolbukom tħajru lil qrabatkom jagħmlu bħalkom. Minn din is-sena bdiet tingħata t-tessera tas-sħubija f'forma ta' *card* tal-plastik.

## Iktar Reġistrazzjonijiet

Matul din is-sena komplejna nirreġistraw f'iktar entitajiet. Issa kien imiss li ninkitbu mall-"Aġenzija Żgħażagħ". L-"Aġenzija Żgħażagħ" għandha l-irwol importanti li tgħin liż-żgħażagħ fil-formazzjoni tagħhom. Huma joffru diversi għajnuniet oħra Ii nistgħu nibbenefikaw minnhom.

## Għaqda Każini tal-Banda

Matul is-sena, bħala msieħba, nattendu diversi laqgħat u kunsilli organizzati mill-Għaqda Każini tal-Baned Maltin. Matul il-perjodu li qed insegwu, saru diversi laqgħat. Ta' min igħid li sa fejn ikun possibbli jien nattendi dawn il-laqgħat kollha. Fil-fatt attendejt żewġ seduti importanti li fil-21 u 28 ta' Settembru 2012. Waqt dawn il-laqgħat ġie diskuss ir-rapport li pprepara t-*task force* tal-Assoċjazzjoni tal-baned biex jirregola l-festi Maltin. Fl-1 t'Ottubru, 2012, jien u l-Viċi President Clayton Gauci attendejna għal-laqgħa tal-kunsill tal-Għaqda li matulha nħatar il-kunsill il-ġdid għas-sentejn li ġejjin.

Il-Ġimgħa 15 ta' Frar, 2013 saret laqgħa oħra tal-Assoċjazzjoni. Għal din il-laqgħa attendejt jien u fiha nqraw u ġew approvati r-rapporti ta' ħidma għas-sena li kienet għadha kif intemmet. Dawn il-laqgħat apparti li fihom nieħdu deċiżjonijiet importanti għall-baned, huma mezz tajjeb biex tagħmel ħbiberija ma' għaqdiet mużikali oħra.

**Ftehim bejn il-Fondazzjoni Kultura Mġarr u s-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema Mġarr A.D.2011**

Bis-saħħa ta' dan id-dokument qed niftehmu li fil-festa titulari ta' Santa Marija Mtellgħa s-Sema ċċelebrata fl-Imġarr, Malta jsir dan miktub hawn taht. Dan il-ftehim sar fl-ahjar interess tal-Imġarr u l-festa titulari tiegħu.

L-Aħħar Jum tat-Tridu

1. F'dan il-jum is-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr tagħmel marċ brijjuż fit-toroq tar-raħal.
2. Dan is-servizz jiġi mħallas mill-istess soċjetà.
3. F'dan il-jum ma jistgħux jiġu mistiedna baned.

Lejlet il-Festa

1. Is-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr takkumpanja t-translazzjoni.
2. Tagħmel marċ qasir u wara tesegwixxi programm mużikali fuq il-planċier tal-Fondazzjoni Kultura Mġarr.
3. Waqt li s-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr tkun qed tagħmel il-programm mużikali/marċ, il-Fondazzjoni Kultura Mġarr tista tistieden banda biex tagħmel marċ brijjuż fit-toroq. Jekk tiġi mistiedna banda, l-banda mistiedna tidħol ddoqq fil-pjazza wara li jintemm il-programm mużikali. Għalhekk f'dawn iċ-ċirkustanzi l-programm mużikali ghandu jintemm ta' l-inqas 30 minuta qabel jibda jinharaq in-nar tal-art biex ikun hemm hin biex il-banda mistiedna ddoqq marċi fil-pjazza tal-knisja.
4. Is-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr tagħmel dan is-servizz tagħha bla ħlas anke f'dan il-jum.

Jum il-Festa

1. Filgħaxija se jsir hekk: il-banda mistiedna mill-Fondazzjoni Kultura Mġarr tagħmel marċ qabel il-hruġ tal-purċissjoni u wara tieħu posta fuq il-planċier.
2. Il-Banda tas-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr ddoqq waqt il-hruġ tal-vara titulari ta' Santa Marija u takkumpanja l-purċissjoni sal-planċier. Hemm il-banda barranija ddoq l-innu fuq l-planċier. Wara l-banda Mġarrija tkompli takkumpanja l-purċissjoni. Kif il-purċissjoni tasal fi Triq Sir Harry Luke, il-banda barranija tingħaqad mal-banda Mġarrija u jkomplu jakkumpanjaw il-purċissjoni billi jdoqqu marċ kull wieħed. Kif il-purċissjoni terġa tasal fejn il-planċier, il-banda barranijja terġa ddoqq l-innu minn fuq il-planċier. Wara l-banda Mġarrija takkumpanja l-vara titulari ta' Santa Marija sad-dhul fil-knisja. Is-servizz li se tagħmel waqt il-purċissjoni l-banda Mġarrija se jkun mħallas mill-Fondazzjoni Kultura Mġarr bir-rata stabbilita mill-Għaqda Każini tal-Banda.

Għażliet oħra li jistgħu jitwettqu fil-ġejjieni.

*Hruġ tal-vara minn niċċa.*

24/2/13

1. Is-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr iddoqq waqt il-quddiesa u wara tagħmel marċ qasir fil-qalba tar-raħal.

*It-Tieni Jum tat-Tridu*

2. F'dan il-jum il-Fondazzjoni Kultura Mġarr għandha d-dritta li tistieden banda biex tagħmel marċ brijjuż.

*Egħluq tal-Festa*

3. Wara d-dħul tal-purċissjoni u tingħata l-barka, l-banda Mġarrija tagħmel marċ brijjuż.

Eghluq

1. Dan il-ftehim intlaħaq bis-saħħa tal-medjazzjoni ta' Dr. Godfrey Farrugia u r-rieda tajba tal-uffiċċjali ta' dawn iż-żewġ entitajiet għall-ġid tal-Imġarr u l-festa titulari ta' Santa Marija.
2. Dwar ir-rotot tal-marċi għandu jintlaħaq ftehim bejn l-entitajiet ikkonċernati. Fejn dan ma jintlaħaqx jibqgħu fis-seħħ ir-rotot applikati sas-sena 2012.
3. Dan il-ftehim għandu jiġi mibdul, miżjud jew emendat bi qbil bejn iż-żewġ partijiet.
4. Dan il-ftehim se jidħol fis-seħħ mill-festa titulari 2013.

Aħna hawn taħt iffirmati, uffiċċjali tal-entitajiet rispettivi, wara li ġejna awtorizzati mill-kumitati rispettivi tal-entita tagħna, naqblu mal-kundizzjonijiet ta' dan il-ftehim.

**Fondazzjoni Kultura Mġarr**

**Mr. Michael Farrugia**
President

**Ms. Margaret Vella**
Segretarja

**Dr. Godfrey Farrugia**
Xhud u Medjatur
Seġretarju tal-Għaqda Piroteknika Maltija
President tal-Għaqda Armar tal-Festi fit-Toroq

**Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema l-Imġarr A.D.2011**

**Mr. Giovanni Gatt**
President

**Mr. Joseph Caruana**
Segretarju Ġenerali

24/2/13

Illum erbgħa u għoxrin ta' Frar is-sena elfejn u tlettax

Kopja tal-ftehim milħuq

## Ftehim mal-"Fondazzjoni Kultura Mġarr"

Frar 2012 żgur se jibqa' jiġi mfakkar. Dan għaliex proprju f'dan il-perjodu tas-sena ntlaħaq ftehim importanti għalina u għall-futur tas-Soċjetà. Grazzi għall-intervent f'waqtu tal-President Onorarju tagħna l-Onorevoli Dr Godfrey Farrugia, li minkejja fil-quċċata ta' kampanja elettorali, sab il-ħin u kien medjatur bejn l-Għaqda tagħna u l-"Fondazzjoni Kultura Mġarr". Permezz tal-medjazzjoni tiegħu ntlaħaq ftehim biex kif inhu xieraq il-banda tagħna tieħu sehem sħiħ fil-festa titulari ta' Santa Marija, Patruna tal-Imġarr. Ir-rieda tajba min-naħa taż-żewġ Għaqdiet Imġarrin wasslet biex jekk il-Bambin irid min din is-sena 'l quddiem il-Banda tagħna tibda tagħmel ebra' servizzi mużikali u bl-għażla libera li tista' tagħmel żewġ servizzi oħra. Il-ftehim intlaħaq nhar il-Ħadd 24 ta' Frar, 2013. Is-Sur Michael Farrugia u s-Sinjura Margaret Vella ffirmaw f'isem il-"Fondazzjoni u Kultura Mġarr", filwaqt li jien u s-Sur Giovanni Gatt iffirmajna f'isem is-"Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema". Iffirma wkoll dan il-ftehim il-medjatur l-Onor. Dr Godfrey Farrugia, Ministru tas-Saħħa.


Waqt l-iffirmar tal-ftehim

Bis-saħħa ta' dan il-ftehim din is-sena se nieħdu sehem attiv fil-festa billi se nagħmlu erba' servizzi mużikali. Dawn se jkunu marċ brijuż fl-aħħar Jum tat-Tridu, daqq ta 'Innijiet Marjani u reliġjużi f'lejlet il-festa waqt it-transulazzjoni solenni bir-relikwa ta' Santa Marija, u marċ u programm fuq il-pjanċier wara l-quddiesa tat-transulazzjoni. F'nhar il-festa mbagħad se nakkumpanjaw il-purċissjoni bl-istatwa tant għażiża ta' Santa Marija. Dan se jkun unur kbir għalina billi se ndoqqu mal-patruna tagħna tul il-purċissjoni kollha.

## "L-Imġarr mall-Imġarrab"

Żgur li kull Imġarri u Imġarrija jkunu qed jistennew li tasal il-Ġimgħa Mqaddsa biex f'raħalna norganizzaw il-*Via Sagra* ferm devota "L-Imġarr mal-Imġarrab". Din daħlet sew fil-kalendarju Mġarri u jkun hemm preparamenti kbar.

Din is-sena l-*Via Sagra* "L-Imġarr mal-Imġarrab" saret nhar it-Tlieta, 26 ta'Marzu, 2013. Din id-data żgur li se tibqa' mfakkra minħabba żewġ fatturi partikolari. L-ewwel nett għaliex għall-ewwel darba f'din il-purċissjoni żdiedet mal-vari l-oħra l-istatwa devota tal-'Pietà' kif ukoll għall-fatt li s-Soċjetà tagħna ħadet sehem fil-*Via Sagra* bl-istandard tal-Għaqda. L-istandard inġarr mis-Sur Nazzareno Micallef. Delegazzjoni magħmula minni Joseph


Il-ħruġ tal-Via Sagra "l-Imġarr mal-Imġarrab".



Il-vara tal-Pietà ħierġa għall-ewwel darba fil-Via Sagra.



F'dan ir-ritratt jidher is-Sur Nazzareno Micallef jerfa' l-istandard tas-Soċjetà waqt il-Via Sagra "L-Imġarr mal-Imġarrab".

Caruana, is-Sinjuri Mary Abela u Marija Vella akkumpanjat f'isem il-Għaqda tagħna.

## Festa ta' Corpus Christi

Kien proprju fl-aħħar ġimgħa ta' Mejju meta ġejna avviċinati mis-Sur Michael Farrugia Ii qalilna li l-Kummissjoni Liturġija kienet qed tistieden lis-Soċjetà tagħna biex takkumpanja bil-banda l-purċissjoni solenni ta' *Corpus Christi*.

Wara li ddiskutejna mas-Surmast Direttur aċċettajna dan is-servizz. Minħabba l-ammont ta' daqq li kien hawn dakinhar tal-Ħadd 2 ta' Ġunju, 2013 ma kienx faċli xejn għalija biex insib il-bandisti u ngħaqqad il-banda. Però bil-għajnuna tal-Bambin irnexxieli.

Minbarra li naqla' l-bandisti kien hemm bżonn li nipprepara l-libretti bl-Innijiet Ewkaristiċi wkoll. Il-Banda "San Piju X" ta' Ħal Lija ġentilment irregalawlna sett ta' Innijiet Ewkaristiċi u flimkien mal-fanfarra li kkompona s-Surmast Direttur tagħna Mro Nicholas Vella, ġbarna sett ta' innijiet tassew sabiħ. Kienet ġlieda maż-żmien biex inlesti l-partituri kollha sal-jum tt-2 ta' Ġunju imma meta jkun hemm ir-rieda l-impossibbli jseħħ.

Il-jum tat-2 ta' Ġunju wasal u kif l-Imġarrin bdew deħlin il-knisja għall-quddiesa tas-6pm bdew jintebħu li kienet se tiġri xi ħaġa differenti mis-soltu. Bandisti mill-erbat rjieħ ta' Malta bdew jinġabru fuq iz-zuntier biex idoqqu mal-Banda Mġarrija.



Il-Banda waqt is-servizz fil-festa ta' Corpus Christi.

Kien għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija meta n-noti tal-fanfarra laqgħu l-ħruġ tas-Sagrament mill-knisja parrokkjali ddedikata lil Santa Marija Mtellgħa s-Sema. Wara l-fanfarra l-Banda "Marija Mtellgħa s-Sema" akkumpanjat il-purċissjoni li għaddiet minn dawn it-toroq: Triq il-Kbira, Vitale, San Pawl, Dun Edgar, San Pawl, Santa Marija, Fisher u Wesgħat il-Ġublew. Tul il-purċissjoni ndaqqu l-Innijiet Ewkaristiċi u f'kull waqfa għall-Barka Sagramentali, jiġifieri, fi Triq Dun Edgar, Triq San Pawl mill-gallarija tal-Oratroju "Qalb bla Tebgħa ta' Marija", u minn residenza privata fi Triq Santa Marija, daqqejna l-fanfarra. Is-Servizz intemm bid-daqq tal-fanfarra wara li ngħatat il-barka sagramentali fil-knisja fi tmiem il-purċissjoni.



Waqt il-Barka Sagramentali fi Triq Dun Edgar

## Partituri tal-Mużika

Kif għadni kif semmejt minħabba s-servizz ta' "Corpus Christi" kellna nagħmlu librett bl-Innijiet Ewkaristiċi. Barra minn hekk għamilna wkoll librett bl-innijiet proċessjonali. Dan il-librett jinkludi innijiet Marjani u reliġjużi. Liema librett se jintuża waqt il-purċissjoni tat-transulazzjoni u waqt il-purċissjoni bl-istatwa ta' Santa Marija f'nhar il-festa.

Peress li din is-sena se nagħmlu wkoll programm mużikali lejlet il-festa kien hemm bżonn li nieħdu ħsieb nippreparaw il-partijiet tal-mużika. Dan ix-xogħol kollu għamiltu jien waħdi peress li ħadd minn sħabi tal-kumitat għadu ma tħarreġ biżżejjed kif isir dan ix-xogħol. Nirringrazzja b'mod speċjali lis-Surmast Direttur Mro Nicholas Vella u l-Assistent Surmast Mro Tancred Grech li ħadu ħsieb jakkwistawli l-mużika li flimkien għażilna għal dan l-ewwel programm mużikali li se tesegwiexxi s-Soċjetà tagħna fl-istorja tagħha.

## Attivitajiet Soċjali

Naħseb intom u taqraw dan l-artiklu staqsejtu kemm-il darba lilkom nfuskom, imma l-flus minn fejn iġibuhom. Ħbieb mis-sema ma jaqgħux żgur. Biex nagħmlu tajjeb għal dan kollu norganizzaw sensiela ta' attivitajiet. Iktar 'il fuq diġà semmejt bosta minnhom. Ma' dawk li diġà semmejt organizzajna bosta oħrajn. Fil-fatt l-ewwel attività soċjali li għamilna wara l-inawgurazzjoni tal-banda kienet l-ikla li saret fl-"Imġarr United Youth Nursery" fid-29 ta' Settembru, 2012.



Waqt l-ikla tal-anniverarju

Kif diġà għedt fit-13 t'Ottubru għamilna l-ikla tal-anniversarju. Imbagħad segwiet l-ikla li għamilna għand "Taċ-Ċanti" . Din saret il-Ħamis, 15 ta' Novembru, 2012. Inżidu ngħidu li














**Powsters ta' wħud mill-attivitajiet li organizzajna matul is-sena.**

f'Diċembru kellna diversi attivitajiet oħra. Bl-ispejjeż li jkollna ma tistax titnikker, wieħed irid ixammar il-kmiem u jaħdem.

F'Jannar ma sarux attivitajiet soċjali. L-attivitajiet issoktaw is-Sibt 23 ta' Frar, 2013 b'ikla organizzata fis-"Sunny Bar & Restaurant". F'Marzu ma sarux attivitajiet soċjali. Fid-19 t'April 2013 organizzajna *Pasta Night* fid-"*Dine West Bar & Restaurant"*.



**Il-pasta night li saret fid-"Dine West"**

Segwew żewġ ikliet oħra waħda fl-10 ta' Mejju meta għamilna ikla għand il-"*Bennej Restaurant"* u l-oħra fil-31 ta' Mejju 2013 meta għamilna ikla fil-Klabb tal-"Imgarr United Youth Nursery".

Fit-22 ta' Ġunju, 2013 organizzajna *Pizza Buffet,* fil-Lukanda "Maritim" il-Mellieħa. Imbagħad is-Sibt 13 ta' Lulju, 2013 għamilna BBQ għal darb'oħra fil-Klabb tal-"Imġarr

United Youth Nursery".

Nhar is-Sibt 27 ta' Lulju, 2013, għamilna ġita ta' ġurnata fil-gżira ta' Sqallija. F'din il-mawra qasira żorna Catania, Taormina, Noto u Pozzallo. Veru ħadna pjaċir u dħakna flimkien. Nisperaw li fil-futur norganiżżaw attivitajiet oħra simili.



Dawk li ġew magħna ġurnata Sqallija nhar is-Sibt, 27 ta' Lulju 2013.

Kif tistgħu taraw ħdimna kemm flaħna biex stajna nsostnu l-proġetti tagħna. Minbarra l-ħidma tagħna kienet importanti l-attendenza tagħkom għal dawn l-attivitajiet. Jekk int, għażiż qarrej, s'issa għadek ma attendejtx għal xi attività li organizzajna, inħeġġek biex int ukoll tagħmel bħal ħafna oħrajn. Wara tħossok sodisfatt għax filwaqt li tkun ħadt pjaċir magħna, tintebaħ li tkun qed tgħin kawża ġusta. Bil-qligħ li jibqgħalna mill-attivitajiet li norganizzaw, nistgħu nibqgħu nħarsu 'l quddiem u nibqgħu ngħallmu l-mużika lil uliedkom.

## Festa Speċjali 2013

Mingħajr ebda dubju, l-attività ewlenija tibqa' l-festa titulari ta' Santa Marija li din is-sena se tiġi ċċelebrata l-Ħadd 18 t'Awwissu, 2013.

Il-festa tinvolvi ħafna preparamenti li nagħmlu matul is-sena. Barra dan, il-festa hija l-vetrina tagħna. Matulha nesponu dak kollu li nkunu preparajna. Iktar ma jgħaddi ż-żmien iktar qed jiżdiedu d-dilettanti tal-festa u dan żgur jawgura festa isbaħ fil-futur qarib.

Minbarra s-servizzi mużikali msemmija, il-festa ġġib magħha x-xogħol biex nippubblikaw dan il-ktieb li għandkom f'idejkom. Ħidma kbira li teħtieġ ħidma sfiqa għal siegħat twal. Xogħol li nieħu pjaċir nagħmlu u nistqarr li jagħtini sodisfazzjon. Ma rridx ninsa rrodd ħajr lil sieħbi Ġorġ Bianchi li dejjem sibtu ta' għajnuna kull meta fittixtu f'dan il-qasam. Hu fatt inkoraġġanti li din is-sena żdiedu l-kittieba Mġarrin u nħeġġiġkom biex intom ukoll fil-futur tipparteċipaw fih ukoll. Tistgħu tikkontribwixxu b'materjal u anke billi tgħinu fil-ġbir tar-reklami li huma ferm importanti biex dan il-ktejjeb ikun jista' jiġi ppubblikat. Kieku mhux għall-fatt li kollox isir fuq bażi volontarja, din il-pubblikazzjoni kieku żgur ma tkunx vijabbli minħabba kif tennejt qabel tinvolvi siegħat twal ta' ħidma.

Semmejna s-servizzi mużikali u din il-pubblikazzjoni. Din is-sena peress li se nagħmlu l-marċ tal-aħħar jum tat-tridu, ħsibna biex noħorġu CD bil-kant. Kienet xewqa li kellu s-Sur Chris Vella r-rappreżentant taż-Żgħażagħ fil-kumitat Eżekuttiv. B'ħidmietu, u bl-għajnuna li sab



Il-kantant Stephen Mizzi waqt ir-recording tas-CD



**Membri tal-kumitat flimkien mal-kantant Stephen Mizzi u r-recording engineer tas-CD, is-Sur Charles Dalli.**

mingħand xi membri oħra tal-kumitat, din is-CD hija ħolma li saret realtà. Jien ħadt ħsieb li nagħmel il-lirika tal-marċi u fejn stajt għentu jiġbor xi donazzjonijiet biex inkopru l-ispejjeż. Din is-cd li tkantat mill-kantant popolari Stephen Mizzi qed tinbigħ għall-prezz ta' €10. Inħeġġiġkom takkwistaw kopja biex filwaqt li titgħallmu l-kant tal-marċi tkunu qed tgħinu lis-Soċjetà.

Minbarra s-cd tal-kant li żgur se tgħin biex jiżdied il-briju, għamilna diversi bnadar biex iżidu fl-atmosfera sabiħa waqt il-marċ.

Din is-sena wkoll fil-jiem tal-festa, il-bandisti se jilbsu l-ingravata ġdida. Din l-ingravata kompliet issebbaħ l-uniformi tal-bandisti. Dan is-sett ta' ingravajjet bl-arma tas-Soċjetà rrakmata fuq kull waħda ġentilment tħallas mill-President Onorarju l-Onor. Dr.Godfrey Farrugia.

Imma għaliex il-festa 2013 se tkun festa speċjali? Se tkun festa speċjali għax minbarra li għall-ewwel darba se nieħdu sehem sħiħ fil-festa, fil-jiem tal-festa se nibdew naħsdu dak li żrajna.

B'sodisfazzjon kbir ngħid li din is-sena se jiddebutta mal-banda l-ewwel grupp ta' bandisti li tħarrġu fl-arti mużikali fi ħdan l-Għaqda tagħna. Dan il-grupp ta' ħdax-il bandist ħadem bis-sħiħ biex wasal s'hawn. Isem kull wieħed minnhom se jinżel fl-istorja ta' raħalna bħala l-ewwel bandisti fl-ewwel grupp li kellha l-banda Mġarrija. Dawn il-bandisti jdoqqu strumenti varji. Minn hawn nawguralhom kull suċċess u nħeġġeġ lill-allievi l-oħra biex isegwu l-passi tagħhom biex sena oħra huma wkoll jingħaqdu mal-Banda tagħna u jieħdu sehem fis-servizzi mużikali.

Sa fejn naf jien ma nsejt xejn u semmejt dak kollu li sar fi ħdan is-Soċjetà matul din is-sena. Ovvjament semmejt biss dak kollu importanti. Dak li hu ovvju ħallejtu barra biex ma ntawwalx. Naħseb ma kienx hemm il-ħtieġa nsemmi l-laqgħat tal-kumitat eżekuttiv u lanqas il-ġbir tad-donazzjonijiet mit-toroq, għax dawn huma fatti magħrufa u għalhekk ma tajthomx importanza.

Nispera li permezz ta' dawn il-versi fakkartkom jew jekk ma kontux tafu bihom għarraftkom bil-ħidma fejjieda li wettaqna. Ħidma li flimkien ħadna pjaċir nagħmlu għall-ġid tal-Għaqda tant għażiża għalina, "Is-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema". Inħeġġiġkom kif diġà għamilt, biex tissieħbu magħna. Dan tistgħu tagħmluh billi tidħlu membri jew tiġu titgħallmu ddoqqu. Fl-aħħar nett naħseb li ndunajtu li għadna mingħajr każin, għax ma semmejtu qatt. Għalhekk kif għamilt s-sena l-oħra nitlobkom tgħinuna biex ma jdumx ma jkollna post biex nitrasformawh f'każin. Imbagħad ħidmietna tieħu żvolta differenti u nkunu f'pożizzjoni ferm aħjar biex inwettqu l-pjanijiet tagħna. Inħalli f'idejkom u minn qalbi u f'isem kull min għandu għal qalbu din il-Banda nroddilkom ħajr.

**JIMMY VASSALLO (Ta' Fellusa)**




**JIMMY: 99 478 188**

- Ghall Prezzijiet Realistici u Servizz fil-pront
- Ghall Qtugh ta' Blat - Xoghol ta' Thammil
-Twaqqiegh Ta' Bini - Xoghol bil Jack Hammer
- Kiri ta' Dumper

Gino Flats/1, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MGR 1507, Malta

# il-Barri
RESTAURANT

Church Square
Mġarr, Malta
Tel: 2157 3235
2157 4054

***Exquisite food in an informal atmosphere***

***Traditional Maltese dishes and fresh fish***

***Speciality of the house: Fenkata***

**www.il-barri.com.mt**



JAMES DEBONO
(Binu Iz-Zanu)
FLOOR POLISHER &
FLOOR MAINTENANCE
REPOLISHING
OF STAIRCASES
TEL: 2157 4824 - MOB: 9949 2819
FOR SALE
Spare Parts for Vintage & Classic Cars
NEW & SECOND HAND
(Binu Iz-Zanu)
ROSSO NERO GARAGE, Triq l-Iskorba, Mgarr
Garage: 2152 5109
Residence: 2157 4824
Mob: 9949 2819




# **Mġarr** *Daily Fresh*

**Vjal ir-Riħan San Ġwann SGN 9020**
**Tel: 2137 8282**

**For daily fresh fruit & vegetables**

*Opening Hours:*
*Mon to Sat from 7am to 7pm*
*Wednesday Half Day*

# Bdejna naħsdu l-frott

**Joseph Caruana** Dip.oper.Mgt
**Delegat tal-banda**

Huwa fatt magħruf li mal-milja taż-żmien il-bandisti qed jonqsu. Għall-grazzja t'Alla dan mhux il-każ tagħna. Inħossuna ffortunati li għandna grupp sabiħ ta' Allievi jitħarrġu fl-Arti Mużikali fi ħdan is-Soċjetà tagħna. Issa li qed noqorbu biex niċċelebraw it-tieni anniversarju minn meta twaqqafna, wasalna biex nibdew ingawdu frott ħidmietna. Inħossni ferm kburi u kuntent li fil-festa ta' din is-sena, għall-ewwel darba fl-istorja tagħna u ta' raħalna, se jiddebuttaw ħdax-il bandisti ġdid.

Kollu frott it-tagħlim mogħti mill-banda tagħna. Id-dedikazzjoni tas-Surmast tagħna Mro Nicholas Vella u l-Assistent Surmast Mro Tancred Grech bdiet tagħti r-riżultati. Iktar 'l isfel, filwaqt li se nagħtikom ftit tagħrif dwar dawn l-ewwel bandisti li se jibdew idoqqu mal-banda Mġarrija. Se tindunaw bil-varjetà ta' strumenti li jdoqqu. F'isimkom u f'isem sħabi ta-kumitat nawguralhom kull suċċess mal-banda tagħna, u nħossuna kburin bihom li waslu s'hawn.

## Rosemary Abela

Rosemary twieldet l-Awstralja u għandha 37 sena. Hija miżżewġa lil Emvin u għandhom tifel, Andrew. Rosemary, tħajjret biex tibda titgħallem il-banda, bis-saħħa ta' binha. Fil-fatt Andrew ukoll huwa alliev tal-banda tagħna. Ommu sabet inkoraġġiment mis-Surmast tal-banda u l-qraba tagħha komplew iħajruha titgħallem ukoll. Damet ittella' u tniżżel mhux ftit għax ħasbet li biex titgħallem il-banda wieħed irid ikun ċkejken fl-età u jkollok moħħok frisk. Però llum il-ġurnata ndunat li ma kienx il-każ, anzi jekk tkun matur ikun aħjar



Rosemary, li taħdem bħala għalliema tal-Matematika, qed titħarreġ fil-banda għand is-Surmast Direttur Mro Nicholas Vella. Qed iddoqq il-Flawt. Strument li hi stess għażlet u li llum sar parti mir-rutina tagħha.

Rosemary tipprattika madwar nofs siegħa kuljum. Normalment, ma tkunx problema biex issib dan il-ħin. Niftiehmu xi drabi jkun iżjed diffiċli, imma billi dan huwa ħin ta' gost u rilassament, tkun qed tistennih b'ħerqa kbira.

Ix-xewqa ta' Rosemary hija li l-banda tkompli tikber u li iżjed żgħar u kbar jitħajru jingħaqdu mas-Soċjetà. B'hekk, fil-ġejjieni qrib, il-banda tkun tista' tikkontribwixxi ferm iktar lejn il-festa u r-raħal tagħna.

## Semira Galea

Twieldet fis-7 ta' Jannar, 2002 u għandha ħdax-il sena. Mat-twaqqif tal-banda fl-Imġarr, l-għalliema tal-iskola għarrfitha b'dawn l-opportunitajiet ġodda u saħqet li kien hemm bżonn li t-tfal u ż-żgħażagħ Imġarrin biex jagħmlu parti minn din il-banda. Semira ma ħasbithiex darbtejn u malajr ingħaqdet mall-banda. Bdiet titħarreġ fl-arti mużikali u sejra tajjeb ukoll.Wara ftit li bdiet titgħallem iddeċidiet li tibda tipprattika bil-Flawt.

Kif tistqarr Semira stess kultant tiltaqa' ma' xi diffikultajiet mużikali li ma tkunx tista' tifhem, imma bl-għajnuna tas-Surmast Nicholas Vella, l-għalliem tagħha, issir tifhimhom. Xi daqqiet minħabba l-impenji tal-iskola jkun diffiċli għal Semira biex tipprattika bl-istrument, però minn hawn u minn hemm Semira qaltilna li dejjem sabet il-ħin mixtieq.

Illum il-ġurnata t-tagħlim tal-mużika saret passatemp ieħor għal Semira. Din it-tfajla tistqarr li l-mużika huwa passatemp sabiħ u tħeġġeġ lill-qarrejja biex jissieħbu mal-banda u bħalha jitgħallmu xi strument. L-għażla tkun f'idejhom. Qatt mhu tard li titgħallem.



## Joelle Marie Sammut

Twieldet fis-27 ta' April 2005 u għandha tmien snin. Kif twaqqfet il-banda Mġarrija, Lily, omm Joelle Marie, ħajritha biex tibda titgħallem xi strument. Ħadet il-parir ta' ommha u fl-età ta' sitt snin Joelle Marie bdiet titgħallem l-ewwel noti mużikali fi ħdan il-banda Mġarrija "Marija Mtellgħa s-Sema".

Joelle Marie għażlet li tiba ddoqq il-kwartin. Fil-preżent qed tieħu t-taħriġ tagħha għand is-Surmast Direttur Mro Nicholas Vella. Joelle Marie tħobb ħafna l-mużika u għandha widna tajba wkoll għaliha. Apparti dan, hija tħobb taqra, tkanta u tiżfen. Mill-isports mhix nieqsa lanqas.

Joelle Marie tattendi l-Iskola Primarja tal-Imġarr li tagħmel parti mill-Kulleġġ San Nikola u għadha kemm temmet it-tielet sena.



## Maylene Muscat

Maylene twieldet fl-24 ta' Jannar, 2002 u għandha ħdax-il sena. Hi ngħaqdet mal-Banda "Marija Mtellgħa s-Sema", tal-Imġarr mat-twaqqif tagħha, jiġifieri fis-sena 2011. Din it-tfajla ġejja minn familja li l-membri tagħha huma dilettanti tal-festa. Oħtha Onishia wkoll titgħallem strument mal-Banda Imġarrija.



L-istrument li ddoqq Maylene huwa l-Klarinett. Hi qed titgħallem taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Nicholas Vella.

Minbarra l-Klarinett, Maylene għandha għal qalbha id-daqq tal-Kitarra wkoll.

Maylene tattendi l-Iskola Santa Monika. Is-suġġetti favoriti tagħha huma l-Arti u l-P.E. Bħala passatempi Maylene għandha l-kant u t-tpinġija. Dawn minbarra l-mużika li hija ferm għal qalbha.

## Jade Marie Falzon



Jade Marie Falzon twieldet fl-10 ta' Ġunju 2002 u għandha ħdax-il sena. Tattendi l-Iskola Primarja San Nikola tal-Imġarr u għadha kemm temmet is-sitt sena. Malli ġriet l-aħbar li fl-Imġarr, kienet qed tittwaqqaf banda, Jade Marie mill-ewwel interessat ruħha. Kien ilha tixtieq li titgħallem is-Saksofon u għalhekk issa b'din l-oportunità ġdida li nħolqot kienet se taqta' xewqitha.

Mingħajr telf ta' żmien, bdiet tattendi l-lezzjonijiet tal-banda.

Fil-preżent Jade Marie qed titgħallem iddoqq taħt is-Surmast Nicholas Vella. Hi tipprattika s-Saksofon Alto.

Jade Marie minbarra d-daqq tal-istrument favorit tagħha, tħobb l-għawm u tippreferi tisma' l-mużika.

Jade Marie tħeġġeġ 'it-tfal u ż-żgħażagħ l-oħra biex jagħmlu bħalha u tħajjarhom jiġu jitgħallmu xi strument mal-Banda "Marija Mtellgħa s-Sema" tal-Imġarr.

## Nicholas Apap Bologna

Nicholas twieled fil-25 ta' Marzu 1999 u llum għandu erbatax-il sena. Hu beda jattendi l-Iskola Primarja tal-Imġarr. Wara kompla l-istudji tiegħu fl-Iskola ta'"St. Benilds"f'tas-Sliema. Fil-preżent qiegħed jattendi l-Kulleġġ ta' "Stella Maris" fil-Gżira u għadu kemm temm it-tielet sena.



Nicholas kien għamel ħames snin jittrenja l-*karate* mal-"Imġarr Karate Club" taħt Sensei James Galea fejn wasal sal-"blue belt". Dan it-tfajjel kien għamel ukoll kors fid-drama mal-kumpanija *"Helen O'Grady Drama Academy"*.

Hekk kif twaqqfet il-Banda tagħna "Marija Mtellgħa s-Sema", f'Ottubru 2011 hu ssieħeb magħha u beda jitgħallem il-Kurunetta. Preżentament qiegħed jitħarreġ bl-akbar impenn taħt id-direzzjoni tas-Surmast Tancred Grech.

Bħalissa Nicholas jifforma parti minn grupp li jieħdu ħsieb id-dwal tal-palk tal-Kulleġġ Stella Maris. Il-passatempi tiegħu jinkludu l-kompjuter, l-elettronika, u l-ħruġ bir-rota.

Matul dan is-sajf Nicholas qed jattendi kors fil-'*ethical hacking*' mal-*STC Training* f'Pembroke.

## Luca Galea

Luca Galea li għandu 12-il sena, twieled fit-13 t'Awwissu, 2000. Hu ġej minn familja Mużikali. Jattendi l-Kulleġġ Sant Albert, fil-Belt Valletta u għadu kemm temm it-tieni sena sekondarja. Ghandu bażi tajba ta' perkussjoni. Hu kien jitgħallem l-iskola tal-mużika "Johann Strauss". Fil-ħin liberu li jkollu tarah dejjem jipprattika t-tnabar.



Luca ħa sehem f'bosta kunċerti li saru l-iskola, permezz tad-drama u l-kant. Ħa sehem wkoll fil-kor tat-tfal ta' Joseph Calleja u ta' "Spiteri Lucas Band". Diversi drabi ħa sehem fil-"Lejla Mġarrija" fid-drama, kanta mal-kor, u fid-daqq ukoll.

Beda jitgħallem il-kurunetta mal-Banda "NocoIò lsouard", tal-Mosta. Kif twaqqfet il-Banda tal-Imġarr, Luca ngħaqad magħha mill-bidu nett. Fil-preżent qiegħed jitħarreġ mill-Assistent Surmast Mro Tancred Grech u qiegħed għal qalbu ħafna. Iħares'il quddiem biex pass pass ikompli l-studju tiegħu bil-kurunetta. Il-ħajra għall-banda bdiet meta oħtu kienet qed tieħu sehem fi programm televiżiv fejn fl-istess ħin kien hemm residenti banda *live*. Luca kien ikun regolari fl-udjenza.

Dan it-tfajjel ilu abbati fil-Parroċċa tal-Imġarr sitt snin u jagħti s-sehem tiegħu fl-attivitajiet reliġjużi li jsiru fir-raħal. Luca għandu għal qalbu ħafna l-festa tar-raħal u huwa voluntier mal-grupp tal-armar tal-festa wkoll. Il-festa tal-Ġimgha l-Kbira għandha sinifikat kbir għalih u jagħmel anke riċerki dwarha. Hu ħa sehem f'diversi purċissjonijiet tal-Ġimgha l-Kbira. Fil-fatt hu libes fil-purċissjonijiet tal-Mosta, tal-Belt Valletta u ppartecipa fil-purċissjoni tal-*Via Sagra* "L-Imġarr mal-Imġarrab" li ssir fir-raħal tagħna.

Luca għandu kollezzjoni tal-istatwi. Bħala passatempi oħra huwa jħobb ħafna l-baħar u s-sajd. Bħala sport qed jipprattika fil-logħba tar-*rugby*. L-għaxqa tiegħu jisma' l-mużika varjata, minn marċi sa mużika moderna, għalkemm m'għandux għażla oħra għax id-dar tindaqq il-mużika kważi l-ħin kollu. Suġġetti għal qalbu huma l-Malti, l-Ingliż u l-Istudju Ambjentali.



## Owen Galea

Owen twieled fil-5 ta' Frar 2001 u llum għandu 12-il sena. Jattendi l-Iskola Sekondarja tas-Subien, fin-Naxxar li tagħmel parti mill-Kulleġġ San Nikola u għadu kemm temm l-ewwel sena.

Owen minn dejjem kienet taffaxxinah il-banda u dejjem xtaq li jitgħallem idoqq xi strument. Meta sar jaf li fl-Imġarr ser ikollna banda ħa ħafna gost. Owen kien wieħed minn tal-ewwel fost ħafna tfal oħra, li beda jattendi għal-lezzjonijiet mużikali fi ħdan il-banda Mġarrija.

Illum il-ġurnata Owen qed jitħarreġ bil-kurunetta u sejjer tajjeb ħafna. Tant li se jkun fost l-ewwel grupp ta' bandisti Mġarrin li sa jiddebuttaw mal-banda għażiża

tagħna, il-banda tal-Imġarr iddedikata lil Santa Marija Mtellgħa s-Sema.

Minn mindu beda jitħarreġ fl-arti mużikali. Owen sab ħafna nies li għamlulu l-kuraġġ biex ikompli. Fosthom sab il-ġenituri tiegħu, u lill-għalliem stess l-Assistent Surmast Mro Tancred Grech.

Owen ilu għal diversi snin jipprattika l-*karate*. Hu jitgħallem dan l-isport mal-"Imġarr *Karate Club*". Dan it-tfajjel imsieħeb ukoll mar-Rabat *Scouts Group*.

Owen jixtieq jirringrazzja lill-kumitat kollu li jaħdem ħafna biex il-banda tkun suċċess.

## Matthew Vella



Matthew twieled fit-18 ta' Mejju, 2003 u għandu 10 snin. Sat-tieni sena primarja hu kien jattendi l-Iskola Primarja San Nikola tal-Imġarr. Wara beda jattendi s-Seminarju tal-Virtù fir-Rabat fejn għadu kemm temm il-ħames sena.

Kif sar jaf li fl-Imġarr se jkun hawn banda, Matthew mill-ewwel wera x-xewqa li jingħaqad magħha u jibda jitgħallem xi strument. Fil-fatt, Matthew kien wieħed minn tal-ewwel li bdew jattendu l-lezzjonijiet tal-mużika mal-banda tal-Imġarr. Fil-preżent, qed jitħarreġ taħt l-Assistent Surmast, Mro Tancred Grech. L-istrument li Matthew qed jitgħallem huwa l-kurunetta li se jiddebutta bih fil-festa ta' din is-sena.

Matthew jipprattika l-istrument kuljum. Minbarra l-banda hu għandu diversi passatempi oħrajn fosthom jilgħab il-futbol, juża l-kompjuter, jaqra u jħobb jara d-dokumentarji fuq it-televiżjoni. Matthew għandu għal qalbu ħafna l-istorja.

## Andrè Muscat



Andrè Muscat twieled fis-27 ta' Awwissu 2000 u għandu 12-il sena. Hu attenda l-Iskola Primarja tal-Imġarr li tifforma parti mill-Kulleġġ San Nikola. Fil-preżent qiegħed jattendi l-Iskola Sekondarja tan-Naxxar.

Andrè tinteressah ħafna l-istorja ta' pajjiżna. Hu jħobb jattendi l-attivitajiet tal-*Iscouts*. L-għaxqa tiegħu meta jara l-banda għaddejja. Malajr jitlaq kollox min idejh u jersaq fil-qrib tagħha. Issa qata' xewqtu għax sa jkun jifforma parti mill-banda tagħna.

Kif twaqqfet il-Banda fl-Imġarr, Andrè kien minn tal-ewwel li beda jattendi l-lezzjonijiet. Fil-preżent hu qed jitħarreġ taħt l-Assistent Surmast Mro Tancred Grech. L-istrument favorit ta' Andrè hu t-tambur. Strument tabilħaqq għal qalbu u nistgħu ngħidu li llum sar il-passatemp ewlieni tiegħu.

## Onishia Muscat



Onishia rat l-ewwel dawl tax-xemx erbatax-il sena ilu jiġifieri fit-12 ta' Settembru, 1998. Onishia ngħaqdet mal-Banda tal-Imġarr is-sena l-oħra. Billi ġejja minn familja li tħobb il-festa ma setax jonqos li din it-tfajla tiddakkar ukoll. Fil-fatt anke oħtha Maylene qed titgħallem strument mal-Banda "Marija Mtellgħa s-Sema".

Fil-banda Onishia xtaqet u qed titgħallem it-tanbur. Hija tieħu t-taħriġ tagħha taħt Mro Tancred Grech bl-akbar serjetà. Minbarra dan l-istrument Onishia bħal oħtha ddoqq ukoll il-Kitarra.

Onishia hija studenta fl-Iskola Santa Monika. Is-suġġetti favoriti tagħha huma l-Arti u t-Taljan. Id-diversi passatempi ta' Onishia huma li tilgħab il-futbol, tirreċta, tkanta, tiżfen u tpinġi.




# L-Allievi tas-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr



## Allievi tas-sezzjoni strumenti tal-qasba:

**Wara mix-xellug**
**Martina Gatt (klarinett), Nicole Farrugia (klarinett), Oriana Farrugia (klarinett), Mariah Muscat (klarinett) u Caroline Gatt (klarinett).**
**Quddiem mix-xellu: Elisa Cilia (flawt), Mro. Nicolas Vella (Surmast Direttur u għalliem tas-sezzjoni strumenti tal-qasba) u Kasey Muscat**
**Neqsin mir-ritratt:**
**Chris Abela, Joseph Muscat, Kristina Mifsud (klarinett), John Sammut (flawt), Deborah Zammit (flawt) u Adrian Bezzina.**

## Allievi tas-sezzjoni strumenti tar-ramm u perkussjoni

**Wara mix-xellug**
**Kurt Muscat (ewfonju), Sandro Muscat (baxx), Eżekjel Gauci (althorn).**
**Quddiem mix-xellug**
**Therese Quattromani (kornu), Mro. Tancred Grech (Assistent Surmast u għalliem tas-sezzjoni strumenti tar-ramm u l-perkussjoni), Andrew Abela (ewfonju).**
**Mhux fir-ritratt: Dr. Andrew Zammit (kurunetta) u Nigel Caruana (tanbur).**





**Klarinett li nxtara mid-donazzjoni li tana l-President Onorarju, in-Nutar Tony Abela**





**Myriah Muscat (kurunetta) u Samuel Muscat (kurunetta)**

# Manifestazzjoni Esterna

## Il-Ġimgħa 2 t'Awwissu, 2013

**8.00 pm** Waqt il-ħruġ tal-vara devota ta' Santa Marija min-niċċa jinħaraq salut.

**8.30 pm** Issir l-ikla bejn ir-ristoranti fit-toroq. Ikun hemm divertiment mużikali.

**8.30 pm** **Il-Banda "Marija Mtellgħa s-Sema", tal-Imġarr se torganizza ikla għand il-*United Bar & Restaurant* l-Imġarr. *Bookings* u dettalji mingħand il-membri tal-kumitat jew fuq 79674678.**

## Is-Sibt 3 ta' Awwissu, 2013

**7.00 pm** Quddiesa fuq iz-zuntier tal-knisja
*Nitolbukom biex ma tipparkjawx madwar iz-zuntier fil-ħin tal-quddiesa.*

## Il-Ħadd 4 ta' Awwissu, 2013

***Mid-9.00 am sa nofsinhar*** *it-Triq Mons. Orazju Vella se tkun riservata għall-karozzi tal-familji li se jippreżentaw it-trabi u t-tfal żgħar waqt il-quddiesa. Dawn il-familji huma mitluba jikkuntattjaw lil xi membru tal-kumitat tal-festa għall-permess speċjali.*
Filgħaxija jkun hemm il-Lejla Mġarrija.

## It-Tnejn 5 ta' Awwissu, 2013

**8.00 pm** *Treasure Hunt* għall-adulti bil-karozzi u ieħor għall-adolexxenti mħalltin bil-mixi. Il-gruppi jridu jikkonsistu minn 4 jew 5 u jibbukkjaw minn qabel. Ir-reġistrazzjoni tibda fit-7.45 pm. Din l-attività qiegħda tiġi organizzata bil-kollaborazzjoni ta' Edward Camilleri, Charles Camilleri u Malcolm Bartolo.

## It-Tlieta 6 ta' Awwissu, 2013

**8.00 pm** Kant Marjan fuq iz-zuntier. Din l-attività hi kkordinata minn Bernard Vella, Paul Said u Joan Vella.

## L-Erbgħa 7 ta' Awwissu, 2013

**6.30 pm** Kunċert Ġenerali tal-Banda "Marija Mtellgħa s-Sema", fi Triq Santa Marija.

**8.00 pm** *Line Dancing* fuq iz-zuntier mill-Imġarr *Line Dancing Group*. Attività kkordinata bejn Rita Vella, Anġela Sammut u Joe Mifsud.

## Il-Ħamis 8 ta' Awwissu, 2013

**8.00 pm** Wirja ta' karozzi *Ford* ikkordinata minn Salvu Cassar.

## Il-Ġimgħa 9 ta' Awwissu, 2013

**8.00 pm** Pellegrinaġġ bil-mixi, bir-roti u ieħor bil-karozzi. Jitilqu minn Triq l-Alwiża u

jispiċċaw il-pjazza fejn isir it-tberik. Attività kkordinata minn Daniel Grech u Malcolm Gauci.

### Is-Sibt 10 ta' Awwissu, 2013

**8.00 pm** L-ikla l-kbira tal-festa fejn is-salib tal-knisja. Ikun hemm divertiment mużikali. Biljetti għandhom jinxtraw mill-ħwienet. Aktar dettalji fuq il-*posters*.

### Il-Ħadd 11 ta' Awwissu, 2013

**9.00 am** Wirja ta' xogħol imtellgħa mill-Għaqdiet Reliġjużi, Soċjali, Politiċi u Kulturali taħt it-tinda fuq iz-zuntier. Attività kkordinata bejn Jane Deguara u Maria Vella.

**10.30 am** Quddiesa tal-għaqdiet ikkonċelebrata minn Fr Edgar Vella. Din il-quddiesa se tkun b'radd il-ħajr lil Alla f'għeluq il-25 sena saċerdozju tiegħu.

### It-Tnejn 12 ta' Awwissu, 2013

**7.45 pm** Logħob għal kulħadd fuq iz-zuntier. Attività kkordinata bejn Silvio Camilleri, Patrick Ebejer, Charles Micallef, Gino Vella, Elaine Vella u James Galea.

### It-Tlieta 13 t'Awwissu, 2013- Festa tat-tfal

**7.45 pm** **Wara li tintemm il-quddiesa, il-Banda "Marija Mtellgħa s-Sema", tal-Imġarr tieħu sehem bid-daqq ta' innijiet Marjani waqt il-purċissjoni bl-istatwa ta' Santa Marija li tkun animata mit-tfal. Il- purċissjoni tat-tfal bl-istatwa toħroġ mill-knisja sad-dar tal-kappillan.**

Wara fuq iz-zuntier ser ikun hemm logħob tradizzjonali għat-tfal. Attività kkordinata bejn Josephine Galea, Maryanne Deguara, Maryrose Schembri, Fiona Schembri u Anġela Portelli.

**Matul it-tlett ijiem tat-Tridu jinħarqu murtali tal-bomba u murtaletti fit-8.00 am u f'12.00 pm u waqt is-Santu.**

### L-Erbgħa 14 ta' Awwissu, 2013

**7.45 pm** Marċ mill-Banda tal-"Qawra Scouts Group", fuq iz-zuntier.

### Il-Ġimgħa 16 t'Awwissu, 2013 - L-Aħħar jum tat-Tridu

**8.30 pm** **Il-Banda tas-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema", tal-Imġarr tagħmel marċ brijuż li jgħaddi minn dawn it-toroq:**

**L-Ispikka, Il-Plejju, Il-Magħkuba, Il-Banjijiet Rumani, Fisher, Santa Marija, Ramiro Calì, Sir Harry Like, Pjazza tal-Knisja, Kurat Chetcuti, Dun Oraz, Vitale, Il-Kbira, Wesgħat il-Ġublew.**

**10.00 pm** Jinħarqu blalen u kaxxa infernali.

### Is-Sibt 17 t'Awwissu, 2013 - Lejlet il-Festa

8.00 am u f' 12.00 pm jinħarqu murtali tal-bomba u murtaletti

**6.00 pm** **Il-banda tas-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema" , tal-Imġarr tilqa' lill-Isqof u twasslu sal-knisja. Isir marċ sal-kappella tas-sorijiet u wara l-Banda takkumpanja t-transulazzjoni b'daqq ta'marċi u innijiet f' dawn it-toroq:**

**Wesgħat il-Ġublew, Dun Edgar, San Pawl, Santa Marija, Fisher, Wesgħat il-Ġublew sal-knisja.**

**8.00 pm** **Il-banda tas- Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema" , tal-Imġarr tagħmel marċ brijuż li jgħaddi minn dawn it-toroq:**
**Sir Harry Luke kantuniera ma Triq Għajn Tuffieħa,Wesgħat il-Ġublew.**

**8.30 pm** Il-banda mistiedna "Nicolò Isouard" tal-Mosta tagħmel marċ brijjuż li jgħaddi minn dawn it-toroq:
Fisher, San Pietru, San Filippu, Sir Harry Luke, San Pawl, Dun Edgar, Wesgħat il-Ġublew.

**9.00 pm** **Il-Banda "Marija Mtellgħa s-Sema" tesegwixxi programm vokali u strumentali fuq il-pjanċier. Jidderieġi l-banda s-Surmast Direttur Mro Nicholas Vella ALCM**

**9.45 pm** Ħruq ta' blalen, murtali tal-kulur, murtali tal-beraq, kaxxa infernali u baraxxi.

**11.30 pm** Jibda l-ispettaklu tan-nar tal-art fuq iz-zuntier mis-Soċjetà Spettaklu Marija Assunta Mġarr b'finali kif jixraq lill-Assunta.

## Il-Ħadd 18 t'Awwissu, 2013 - Jum il-Festa

8.00 am, fl-10.00 am u f'12.00 pm jinħarqu murtali tal-bomba u murtaletti.

**6.00 pm** Marċ mill-Banda Imperial tal-Mellieħa li jgħaddi minn Triq il-Kbira, Vitale, San Pawl, Sir Harry Luke u l-pjazza.

**7.30 pm** Jinħaraq salut
Wara l-innu tinħaraq kaxxa infernali, settijiet ta' murtali bil-logħob u murtaletti.

**7.00 pm** **Il-Banda tas-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema", tal-Imġarr tilqa' l-istatwa titulari ta' Santa Marija ħierġa mill-knisja bid-daqq tal-Innu "l-Imġarr iben Marija" u twassalha sal-planċier fejn minn fuqu l-Banda Imperial iddoqq l-innu. Imbagħad il-Banda Mġarrija takkumpanja l-purċissjoni bl-istatwa titulari ta' Santa Marija Mtellgħa s-Sema f'dawn it-toroq:**
**Wesgħat il-Ġublew, Il-Kurat Chetcuti, Il-Kbira, Vitale, San Pawl, Dun Edgar, Wesgħat il-Ġublew. Kif il-purċissjoni tasal fi Triq Sir Harry Luke, iż-żewġ baned jimxu wara xulxin bil-Kor Parrokkjali *Regina Coeli* bejniethom fejn jindaqqu Innijiet Marjani. Fi Triq San Pawl titqassam ix-xemgħa u wara l-purċissjoni tgħaddi minn dawn it-toroq Santa Marija, Fisher, Wesgħat il-Ġublew.**

**8.30 pm** Jinħarqu blalen, settijiet ta' murtali, beraq pront, sfejjer u murtali tal-kulur.

**10.30 pm** Mad-dħul tal-vara tinħaraq kaxxa infernali u baraxxi.

## Il-Ġimgħa 23 ta' Awwissu, 2013

**8.00 pm** Ikla ta' Ringrazzjament fejn is-Salib tal-Knisja għall-voluntiera kollha tal-Parroċċa u r-reffiegħa. Infakkru lill-voluntiera kollha biex jinkitbu fis-sagristija u jiktbu lil min se jġibu magħhom. Naturalment għall-voluntiera l-ikla tkun bla ħlas.

Dan il-programm hu suġġett għal xi tibdil li jseħħ fl-aħjar interess tal-festa ta' Santa Marija.



# L-Ewwel Programm Vokali u Strumentali mis-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema"

*taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Nicholas Vella*
*fuq il-pjanċier*
*f'Wesgħat il-Ġublew nhar Is-Sibt 17 t'Awwissu 2013*

| | | |
|---|---|---|
| Innu Popolari | 'L-Imġarr Iben Marija' | Mużika: Vincenzo Ciappara<br>Versi: Ġanni A.Cilia |
| Tema | 'La Vita è Bella' | Nicola Piovani |
| Marċ | 'March Militair-La Ronde' | Charles Gounod |
| Fantasia | 'Free World Fantasy' | Jacob De Haan |
| Song | 'Love Changes Everything' | Andrew Lloyd Webber,<br>Charles Hart u Don Black<br>Arr.: Raymond Cremona |
| Song | 'I will follow him' | Mużika:Frank Pourcel,<br>Paul Mauriat<br>Versi: Jacques Plante |
| Folklor | 'L-Imnarja' | Carmelo Pace |
| Overture | 'Orpheus in the Underworld' | Jacques Offenbach |
| Talba | 'Ave Maria' | Charles Gounod/Bach |
| Innu tal-Banda | 'Marija Mtellgħa s-Sema' | Mużika: Mro Mario Testa<br>Versi: Kav. Ġorġ Bianchi |

Ikantaw Michaela Galea, Alison Vella u kor tat-tfal u żgħażagħ.

Tippreżenta l-programm is-Sinjorina Claudine Muscat.

Ser ikun hemm is-siġġijiet biex wieħed ikun jista' jsegwi l-programm aħjar.

Kulħadd hu mitlub biex ikun f'postu fid-8.45pm.

Waqt il-Programm se jiġi mfakkar il-Kav. Ġorġ Bianchi li ħadem bis-sħiħ għas-Soċjetà.



# Tagħrif fuq il-mużika

## *li se tindaqq fil-Programm Vokali u Strumentali ta' lejlet il-festa mill-Banda 'Marija Mtellgħa s-Sema'*

**kitba ta' Joseph Caruana**

**Song** **'LA VITA È BELLA'** **Nicola Piovani**
**Arr. Lorenzo Bocci**




Il-film Taljan 'La Vita è Bella' ħareġ fl-20 ta' Diċembru 1997. Dan il-film kien suċċess tant li rebaħ bosta unuri. Il-kitba saret minn Roberto Beningi u Vincenzo Cerami. Beningi minbarra li kiteb dan il-film, ħa ħsieb id-direzzjoni tiegħu u saħansitra ħadem fih bħala wieħed mill-atturi prinċipali. Il-mużika kienet fdata f'idejn Nicola Piovani.

L-istorja ta' dan il-film tmur lura għal żmien It-Tieni Gwerra Dinjija, fejn insibu lil-Lhudi Taljan Guido Orifice jieħu grazzja mall-għalliema Dora, li kienet ġejja minn familja ta' aristokratiċi, tant li ma ħallewhiex tiżżewġu. Għalhekk, Guido u Dora ħarbu u żżewġu bil-moħbi. Minn dan iż-żwieġ twieled tifel Giosuè. Meta l-gwerra ħraxet. Guido flimkien ma' zijuh Eliseo u Giosuè ġew imkaxkra lejn kamp tal-konċentrament.

Guido kien jaħbi lil ibnu min-Nażisti u kien jgħidlu li din kienet biss logħba u jekk joqgħod kwiet jingħata premju, però jekk joqgħod jibki u jgħid li għandu l-ġuħ, kienu jnaqqsulu l-punti. Hu kien jirbaħ meta jgħaqqad l-elf punt. Meta l-Amerikani bdew javvanzaw, Guido kien mar jara jsibx lil martu Dora, però nqatel minn suldat Nażist. Meta l-kamp ġie lliberat, Giosuè ħareġ mill-moħba u mar jingħaqad m'ommu.

Dan il-film daħħal is-somma ta' $229,163.264 minn madwar id-dinja.

Il-kompożitur Nicola Piovani twieled Ruma fis-26 ta' Mejju 1946. Fl-1998 permezz tal-kompożizzjoni '*La Vita è Bella'* rebaħ l-Oscar għall-iktar silta drammatika oriġinali. Fis-sena 2000 bl-istess kompożizzjoni ġie nominat għall-*Grammy Award* fil-kategorija għall-aħjar silta mużikali miktuba għall-films.

Lorenzo Bocci li ħa ħsieb jagħmel l-arranġament għall-banda ta' din is-silta twieled fiċ-Ċeċina, it-Toscana l-Italja fl-1975.




**Marċ Militari** **LA RONDE** **Charles Gounod**

Il-marċ militari '*La Ronde'* għandu kompożizzjoni ta' Charles Gounod. Dan il-marċ melodjuż hu l-uniku marċ militari li kiteb dan il-kompożitur Franċiż li żgur għadu famuż għall-'*Ave Maria'*. Il-marċ '*La Ronde'* żgur li jogħġob lil kulħadd minħabba l-movimenti li fih.

## Overture **'ORPHEUS IN THE UNDERWORLD'** Jacques Offenbach




Jacques Offenbach twieled fl-20 ta' Ġunju 1819 f' *Cologne* , il-Ġermanja. Għalkemm ta' dixxendenza Ġermaniża, minħabba li trabba fi Franza u l-ammirazzjoni li kellu lejn Pariġi iktar huwa magħruf bħala kompożitur Franċiż. Il-kompożizzjonjijiet tiegħu kienu meqjusa sempliċi iżda melodjużi fl-istess waqt melankoniċi.

L-iktar xogħol popolari ta' Offenbach, bla dubju ta' xejn huwa l-'*Orpheus in the Underworld'*. Din is-silta kemxejn twila ndaqqet għall-ewwel darba fl-1858. Is-suġġett ewlieni huwa li jwaqqa' għaż-żuffjett in-nies prominenti u fil-poter ta' Franza ta' dak iż-żmien.

Bla ebda dubju, it-tieni xena tat-tieni att hi popolari anke ma' dawk li mhumiex midħla tal-mużika klassika. Dan għaliex din ix-xena tinkludi iż-żifna tal-'*Cancan'*, żifna allegra, enerġetika fuq stil karatteristika tagħha.

Jacques Offenbach jibqa' magħruf għax-xogħlijiet tiegħu. Fosthom insibu madwar 100 operetta. Offenbach għadda għall-ħajja eterna fil-5 ta' Ottubru 1880 fl-età ta' 61 sena.

## Fantasia **'FREE WORLD FANTASY'** Jacob De Haan




Jacob de Haan huwa kompożitur kontemporanju. Twieled fl-Olanda fit-28 ta' Marzu 1959. Hu studja l-mużika f' Leeuwarden fejn tħarreġ fid-daqq tal-orgni. Jacob, illum professur tal-mużika huwa ferm popolari għall-arranġamenti mużikali li jagħmel.

Għal bosta drabi hu kien mistieden biex jidderieġi orkestri barra minn pajjiżu fosthom fil-Ġermanja u l-Awstralja. Kiseb diversi suċċessi bil-kitbiet tiegħu, fost oħrajn bil-mużika li kkompona għall-film '*Oregon and Ross Roy'*.

*'Free World Fantasy'*, hija kompożizzjoni movimentata miktuba għall-banda. F'din is-silta, De Haan beda b'introduzzjoni qawwija bbażata fuq l-istrumenti tar-ram. B'dan il-bidu hu jirnexxielu joħloq ħoss pjaċevoli u tipikament bandistiku. Matul id-diversi temi li fiha din il-kompożizzjoni, insibu diversi movimenti u ħafna drabi jispikka x-xogħol li hemm fuq id-*drum kit*.

Is-silta '*Free World Fantasy'*, kienet ikkummisjonata mill-provinċja Olandiża ta' Groningen bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet biex ifakkru l-festi tal-liberta li saru fl-1987. F'din is-silta jispikka s-suġġett tal-ħolm li jkollna dinja mingħajr gwerer. Bħalma għamel f'diversi xogħlijiet oħra tiegħu, il-kompożitur irnexxielu jorbot il-mużika klassika ma' dik pop, fi stil li jfakkrek fil-mużika tal-films.

Fil-preżent De Haan joqgħod Rotterdam u jaqla' ħobżu bħala kompożitur.

## Song 'LOVE CHANGES EVERYTHING' **Andrew Lloyd Webber, Charles Hart u Don Black**

**Arr. Raymond Cremona**




Is-*song* '*Love Changes Everything'* tifforma parti mill-*musical* '*Aspects of Love'*.Il-mużika inkitbet min Andrew Lloyd Webber filwaqt li l-lirika hi ta' Charles Hart u Don Black. Tnediet bħala *single* fl-1989 minn Michael Ball. Din is-*single* damet fic-*charts* tal-Uk *top singles* għal 14-il ġimgħa u laħqet it-tieni post. Matul iż-żmien diversi kantanti popolari oħra ħarġu *cover version* ta' din is-*single*.

## Song 'I WILL FOLLOW HIM' **Mużika: Franck Poucel u Paul Mauriat**

**Lirika: Norman Gimbel**




Is-single '*I Will Follow him'* ġiet rrekordjata l-ewwel darba minn Paola Neri w iktar tard minn Little Peggy March. Din is-*single* kisbet bosta suċċessi b'lingwi differenti fosthom it-Taljan, il-Franċiż u l-Ispanjol. Il-verżjoni bl-Ingliż ħarġet mil-RCA Victor u fis-27 t'April 1963 laħqet il-quċċata tal-Billboard Hot 100. B'hekk għamlet lil Peggy March fl-età ta' 15-il sena l-iżgħar kntanta femminili li laħqet il-quċċata taċ-*charts* Amerikani. Bla dubju ta' xejn din is-song magħna hi l-iktar popolari u assoċjata mal-film 'Sister Act' li fih tkantat mill-famuż kor tas-sorijiet.

L-awtur Franck Poucel fl-1962 flimkien ma Paul Mauriat kkompona s-silta '*Charlot'* li iktar 'il quddiem reġgħet ġiet irrekordjata bit-titlu '*I will follow him'* li iktar tard saret it-tema prinċipali tal-film *Sister Act*. Hu miet fit-12 ta' Novembru 2000 fl-għomor ta' 87 sena bil-Parkinsons Disease ġewwa *Neuilly-sur-Seine* fi Franza.

Il-ko-awtur Paul Mauriat twieled fl-4 ta' Marzu 1925. Tul il-karriera tiegħu hu dderieġa diversi orkestri. Ħalla din id-dinja fit-3 ta' Novembru 2006, fi Perpignan Franza fl-età ta' 81 sena.

Norman Gimbel ħa ħsieb li jikteb il-verżjoni tas-silta bil-lingwa Ingliża. Hu kiteb diversi kanzunetti oħra. Gimbel twieled fi Brooklyn minn dixxendenza Lhudija. Hu kiteb il-lirika lil bosta kantanti popolari bħal Dean Martin, Kirk Douglas u Andy Williams. Qaleb diversi *songs* mill-ilsna Franċiżi u Brażiljani għal dak Ingliż. Tul il-karriera tiegħu Gimbel kiseb diversi unuri fosthom erba' nominazzjonijiet għall-'*Golden Globe'* . Il-films '*Shall we dance'*, '*Invincible'* u '*Catch me if you can'* kollha ħarġu mill-pinna ta' Gimbel.

**Folklor** ## ‘L-IMNARJA’ **Carmelo Pace**



L-Imnarja hija l-festa ta’ San Pietru u San Pawl. Din tiġi ċċelebrata fid-29 ta’ Ġunju. L-Imnarja l-aktar festa importanti fil-folkor Malti, bdiet fi żmien il-Kavallieri. F’din l-festa l-bdiewa jiċċelebraw tmiem ix-xogħol fl-għelieqi u jqattgħu sagħtejn mistrieħ u divertiment. L-istess isem ‘l-Imnarja’ ġej minn *Lunimarja* li tfisser imdawwal għaliex f’din il-festa fil-lejl ta’ bejn it-28 u d-29 ta’ Ġunju kienu jinxtegħlu s-swar tal-Imdna, il-Katidral u bnadi oħra tal-madwar. Din il-festa tkun imżewqa b’diversi tradizzjonijiet bħal ma hu l-ikel tipikament Malti, wirjiet ta’ frott, ħxejjex u bhejjem, it-tiġrijiet taż-żwiemel u bhejjem oħra, kif ukoll għana u żfin.

F’din is-silta mużikali l-kompożitur Belti Carmelo Pace elenka diversi movimenti biex idaħħalna fl-ispirtu ta’ din il-festa. ‘L-*Imnarja’* hija kapolavur korali li jitkanta *a cappella* (mingħajr akkumpanjament) minn bosta korijiet Maltin. ‘L-Imnarja’ fiha mużika mexxejja ħafna u tal-widna, tant li jġegħlek tkanta magħha.

**Talba** ## ‘AVE MARIA’ **Bach/Charles Gounod**




Din is-silta melodjuża hi miktuba mill-kompożitur romantiku Franċiż Charles Gounod.

Is-silta popolari ‘Ave Maria’ hi kurżità għall-istorja tal-mużika. Dan għaliex inkitbet b’kollaborazjoni bejn żewġ ġenji mużikali li ma għexux fl-istess żminijiet. Kanzunetta li l-melodija tagħha inkitbet madwar 130 sena wara li nkiteb l-akkumpanjament.

Din is-silta hi taħlita tal-kompożizzjonijiet ta’ Bach u Gounod, li dan tal-aħħar għaqqad il-Preludju in Do ta’ Bach b’tant kapaċità mal-melodija tiegħu biex tana din it-talba immortali. Gounod oriġinarjament kien għażel il-poeżija ta’ Alphonse de Lamartine “Vers écrits sur un album”. Għall-kompożizzjoni tiegħu. Imbagħad x’aktarx wara l-1859 għażel il-kliem tal-‘*Ave Maria*’.

Gounod ma kienx jikkonsidra l-‘*Ave Maria* ‘bħala waħda mill-iktar xogħlijiet importanti tiegħu. Forsi peress li l-melodija biss hi tiegħu jew għax hi silta qasira. Imma kien x’kien jibqa’ l-fatt li l-kompożizzjoni tal-‘*Ave Maria’* tibqa’ l-iktar silta popolari ta’ Gounod. Illum il-ġurnata din il-mużika tindaqq kullimkien l-iktar fi knejjes, waqt it-tiġijiet, il-funerali u l-akkademji mużikali.


C.GRECH MARBLES
Mdina Road, Attard
T: 21420538 M: 99770099 E-mail: grechmarbles@onvol.net
W: www.cgrechmarbles.com
15%
off on selected items
when presenting this advert
Various colours of Quartz, Marble, Granite and Resin.
Large selection of Gres Floor and Bathroom Tiles.
Also bathroom sets and accessories.
GRES FLOOR TILES from €6.70 / sq.m










# Servizz mill-Banda “Marija Mtellgħa s-Sema” tal-Imġarr

*fil-Festa ta’*
*Corpus Christi 2 ta’ Ġunju, 2013*









# Marċi li se jindaqqu mis-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema", L-Imġarr A.D. 2011

| | Isem il-Marċ | Kompożitur | Lirika |
|---|---|---|---|
| A | L-Imġarr iben Marija | Vincenzo Ciappara | Ganni Cilia |
| B | Innu tal-Banda | Mario Testa | Kav Ġorġ Bianchi |
| 1 | Lill-Ewwel President | Mario Testa | |
| 2 | It-Two | Michael Bugelli | |
| 3 | Is-Segretarju | Mario Testa | |
| 4 | Sorrento | Orazio Cachia | |
| 5 | Nigel | Mario Testa | |
| 6 | Ave Maria Stella | Hector Dalli | |
| 7 | Golden Jubillee | Joe Theuma | |
| 8 | Leona | David Caruana | |
| 9 | Victory | Vincenzo Ciappara | |
| 10 | Ġanni u Pawlu | John J. Pace | |
| 11 | St Petersburgh | David Caruana | |
| 12 | Munchengladbach | David Caruana | |
| 13 | Bernardette | Ronnie Pisani | |
| 14 | Il-Famuza Koppla | Willie Attard | |
| 15 | Come on the stripes | Maj Anthony Aquilina | |
| 16 | Pablito | Archibald Mizzi | |
| 17 | Peter Paul | Alexander Caruana | |
| 18 | Tal-Qalba | Joseph Busuttil | |
| 19 | Echo of the Emeralds | Luigi Bongaillas | |
| 20 | Nicolai | Nicholas Vella | |
| 21 | Life | Julius Tanti | |
| 22 | Il-Plikku | Francis Zammit | |
| 23 | Santos | David Agius | |
| 24 | L-Ajkla | Reno Busuttil | |
| 25 | Maria | Tonio Borg | |
| 26 | J C | Emanuel Spagnol | |
| 27 | Kumitat 2011-2013 | Mario Testa | |
| 28 | Nathan il-King | Tancred Grech | |
| 29 | Agrigento | Andrew Coleiro | |
| 30 | The King | Archibald Mizzi | |
| 31 | Tereżin | Sigmund Mifsud | |
| 32 | Sempre Vivo | Gordon Mayer | |



# Servizzi Mużikali

*mis-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema", L-Imġarr* A.D.2011

| Data | Attività | Lokal |
|---|---|---|
| 11 t'Awwissu, 2012 | Tberik u inawgurazzjoni tal-Banda | L-Imġarr |
| 2 ta' Ġunju, 2013 | Festa ta' *Corpus Christi* | L-Imġarr |
| 13 ta'Awwissu, 2013 | Jum it-tfal - Festa Santa Marija | L-Imġarr |
| 16 ta'Awwissu, 2013 | Marċ brijuż tal-aħħar jum tat-tridu-Festa Santa Marija | L-Imġarr |
| 17 ta'Awwissu, 2013 | Transulazzjoni - Festa Santa Marija | L-Imġarr |
| 17 ta' Awwissu, 2013 | Marċ u programm - Festa Santa Marija | L-Imġarr |
| 18 ta' Awwissu, 2013 | Purċissjoni - Festa Santa Marija | L-Imġarr |


Paper Dolls

Boutique & Shoes




Always the latest Fashion Clothes.

Ladies sports wear; Walking, Keepfit, Slimming, Gym, Zumba

**Sir Harry Luke Street, Mġarr**

**Tel: 21579073**

# TA' SOLDI
RESTAURANT

...the heart of good food!

**Triq iż-Żebbiegħ, Mġarr, Malta**
**Tel: 2157 2535, 2152 5815**
**Mobiles: 9949 5896, 9984 9961, 9943 7533**

***The True Taste of Malta***
***...our speciality is the Mixed Maltese Dish!***

**Restaurant • Pizzeria • Take Away**
**Bar Café • Dolceria**

***Il-Management u l-istaff jixtiequ jawguraw kull suċċess lill-banda tal-Imġarrin.***

Snow White
QUALITY MEAT & POULTRY MARKET

Snow White Meat & Poultry Market,
Zebbiegh Road, Mgarr
(next door to Ta' Soldi Restaurant)
**T:** 21 575 346 **M:** 99 475 131
**E:** snowhite@maltanet.net

# A CUT ABOVE THE REST!

**We specialise in all kinds of young, tender beef cuts & a wide range of marinated chicken & meat products**

**Also available daily fresh meat & poultry products at reduced prices. So its certainly worth the drive!**

• Ideal for BBQ's and parties • Deliveries all over Malta
• **FREE** delivery or **FREE** pork liver with every **€40.00**
• You can order online on: www.snowwhite.com.mt



**Opening hours:** Mon to Fri: 7.30am - 6.30pm, Sat: 7.30am - 1.00pm

JOHN DEERE

# Spiteri Plant Imports

McCORMICK

Malta's Leading Importers of John Deere Tractors
and agents for McCormick Tractors.






Also importers of Strautmann trailers,
Selvatici Bivanga, and genuine Maschio,
Massey Ferguson and Claas parts.

Tel. 79580337
e-mail: bensteph@maltanet.net

# Bħalma l-Madonna ttellgħet is-Sema bir-ruħ u bil-ġisem, hekk aħna li nsalvaw, għad immorru s-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem



**Kitba ta' Joe Chetcuti**
**Preżentatur tal-Programm 'Marċi u Bandalori' fuq Radju 101**

Forsi xi ħadd isaqsi u jgħid: Imma aħna l-bnedmin dgħajfa u midinbin nistgħu nipparagunaw ruħna mal-Vergni Marija fit-tlugħ tagħha fis-sema bir-ruħ u l-ġisem?

Qabel xejn ngħidu li huwa tagħlim tal-Knisja Kattolika li meta din id-dinja, kif nafuha aħna tispiċċa u l-aħħar bniedem imut, il-bnedmin kollha minn Adam sal-aħħar bniedem jiltaqgħu f'post bir-ruħ u l-ġisem sabiex l-Imħallef Etern jagħmel ħaqq minnhom. Dan fil-fatt inkunu ngħidu li meta nirreċitaw il-Kredu u ntennu: Nemmen fil-qawma mill-imwiet. Għad jiġi jum illi aħna d-devoti ta' Marija, l-istess bħalha nitgħollew lejn is-sema bir-ruħ u l-ġisem, imma l-ġisem tagħna ma jkunx iżjed debboli mimli mperfezzjonijiet, tqil u marradi, imma jkun ġisem glorjuż ħafif illi jgħaddi minn kullimkien bħallikieku mhux ġisem. Ikun l-istess bħalma huwa l-ġisem tal-Madonna issa li hija fis-sema.

Le f'dik li hija glorja u setgħa ma nistgħux nipparagunaw lilna nfusna mal-Madonna fl-Assunzjoni tagħha fis-sema wara l-Ġudizzju Universali. Il-merti personali tagħna huma żgħar wisq u l-merti tal-Madonna kienu kbar bil-wisq aktar. Hekk qalilha l-Anġlu Gabrijel meta kellimha fit-tħabbira tiegħu ġewwa Nazaret. Int mimlija bil-grazzja lissen l-Anġlu u mbierka int fost in-nisa kollha, anzi nistgħu nghidu illi l-Madonna mhux biss hija mimlija bil-grazzja imma fawwara ta' grazzji u minħabba din il-milja ta' grazzji, aħna msejkna bnedmin nistgħu nikkumentaw xi ftit tal-merti għas-sema.

Il-Verġni Marija, li tkun għalina 'Bieb tas-Sema' u port tas-Salvazzjoni għenitna biex insalvaw kif ukoll li tkun magħna u tifraħ meta binha Ġesù jaċċettana biex nidħlu ngawduh fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem.

Issa kif nafu bil-qawma mill-imwiet kif ngħidu fil-Kredu? Kristu stess qalilna li malajr wara d-diqa ta' dak iż-żmien, ix-xemx tiddallam u l-qamar ma jagħtix dawlu, il-kwiekeb jaqgħu mis-sema – imbagħad jidher fis-sema s-sinjal ta' Bin il-bniedem, u jaraw lil Bin il-bniedem ġej fuq is-sħab tas-sema b'setgħa u sebħ kbir. U jibgħat l-anġli tiegħu bi tromba li żżarżar bil-qawwa u jisimgħu il-maħturin mill-erbat irjieħ minn tarf tas-sema.

Ġesù jkompli jitkellem fuq jum il-ħaqq u jgħid: Meta jiġi Bin il-bniedem fil-Glorja kollha tiegħu u l-anġli kollha miegħu, jinġemghu quddiemu l-bnedmin kollha tal-art u jifridhom minn xulxin bhalma ragħaj jifred il-ħrief mill-gidien. Biex inkunu devoti ta' Marija bis-serjetà, il-festi esterni mhumiex biżżejjed. Il-banda, il-ħruq tan-nar, it-tiżjin fit-toroq, il-kant tal-innijiet jistgħu jgħinu ħafna imma l-importanti huwa l-ispiritwali. Il-Madonna tgħinna sabiex inkunu n-naħa tal-lemin tagħha meta l-ġisem jerġa' jingħaqad ma' ruħna u dan iseħħ jekk f'ħajjitna nagħmlu biss dak li jrid binha Ġesù u hi stess. Għaldaqstant Marija mhux biss tkun parti mill-ħajja tagħna, imma l-ħajja tagħna kollha kemm hi. Għad-devoti Nsara, il-festa tal-Assunta, Santa Marija, ma għandiex tkun biss fil-15 ta' Awwissu, imma tkun kuljum, lejl u nhar is-sena kollha. San Bernard ma kellu l-ebda dubju fuq dan u mingħajr tlaqliq qal: Ma hemm ħadd fis-sema li ma kienx devot ta' Marija u ma hemm ħadd fl-infern li kien devot ta' Marija. San Bonaventura fl-innu ta' tifħir lill-Madonna, jgħid hekk: 'Omm kbira tal-Maestà Divina – Omm

illi tajt verament lid-dinja s-Sultan tas-sema, inti s-sellum tas-Saltna u tal-glorja ta' hena. Inti tant u tant qawwija li tindaħal bejn Alla u l-bnedmin. Inti l-Avukata ħanina tal-fqar u r-refuġju tal-midinbin. Inti is-salvazzjoni ta' min jitolbok port ta' dawk illi sejrin jegħrqu u int li twassal il-ġusti għall-glorja.

Mela t-tlugħ ta' Marija fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem għandu jkun tama tagħna sabiex aħna, la darba salvi nkomplu bir-ruħ u bil-ġisem inkantaw it-tifħir lilha għall-eternità kollha, bil-menti u bil-vuċi tagħna. Imbagħad għall għejxien tagħna f'din id-dinja, nitolbu lill-Madonna sabiex tindenja ruħha li żżommna meħlusin minn kull dnub. Iva, lill-Verġni Marija nittamaw u kemm jistà jkun lilha nimitaw sabiex bħalma hi tinsab fil-Glorja ta' dejjem bir-ruħ u bil-ġisem, aħna wkoll għall-ġurnata waħda nithennew fil-glorja ta' dejjem bir-ruħ u l-ġisem.





QLED™
1.5W
Decorative Ball
Shape LED Lamps
FULLY WATERPROOF
- Consumes only 1.5W while producing the same illumination of a 15W incandescent lamp
- Average lifetime 30,000 hours
- Vivid Warm White, Cool White, Red, Blue, Yellow and Green colours
- Fully Waterproof
- Available in B22 (Bayonet) and E27 (Edison Screw) base cap
Available from all leading
Hardware Stores and Light Shops
Another product brought to you by:
Trade Enquiries:
your light source




PINKISHLINE

Pietru Xuereb Street

G.Mangia

27677212

www.pinkishline.com

http://www.facebook.com/Pinkishline



# L-Ideal Romantiku fil-Kitba tal-Kurunelli u l-Innijiet Popolari

**Kitba ta' Christopher Bonnici** B.A.(Hons); M.A.

Xi ħaġa li minn ċkuniti ġibditli l-attenzjoni kienet il-kitba tal-poeżija mmużikata, illi fit-terminoloġija tagħna nsejħulha *innu*. Matul l-innijiet popolari tagħna, nintlaqtu mill-kliem mimli tifħir lil dak il-qaddis li ad unuru tkun qed tiġi ċċelebbrata l-festa. L-ewwel poeżija bil-Malti kienet *il-Kantilena* miktuba minn Pietru Caxaru fis-Seklu Ħmistax. Madankollu, fis-Seklu Tnax, għalkemm m'għandniex poeżiji sħaħ, niltaqgħu ma' tliet poeti li għandhom xi biċċiet tax-xogħol tagħhom b'Malti ferm differenti minn kif nafuh illum.

Tnejn minnhom, as-Susi u al-Qasim użaw il-lirika tagħhom sabiex ifaħħru. As-Susi, f'Eleġija, li hi poeżija li tittratta s-suġġett tal-mewt inkella xi ħadd illi miet, faħħar il-kwalitajiet ta' wieħed mill-mexxejja Taljani li mietu, filwaqt li al-Qasim, li jidher li kien eżiljat fi Sqallija, bil-għan li jitħalla jiġi lura lejn Malta, kiteb xi versi ta' tifħir lil Ruġġieru II.

Il-poeżija, fl-imgħoddi aktar mil-lum, kienet meqjusa bħala xi ħaġa ta' qawwa u ssaħħaħ lis-soċjetà. Il-poeżija kienet xi ħaġa spiritwali, u l-poeta kien meqjus bħala xi ħadd privileġġjat u li jġib xorti tajba. Permezz tal-poeżija kien emmnut li jintrebħu l-battalji, tant li jekk xi sultan ma jkollux lil xi ħadd jgħannilu, kienu jemmnu li l-battalja se tintilef.

F'dan l-isfond nistgħu nifhmu aħjar il-kunċett romantiku fil-kitba tal-kurunella u l-innu popolari. Il-kitba tal-kurunella ttellgħet fuq livell letterarju minn Monsinjur Ludovik Mifsud Tommasi, illi beda jikteb il-kurunelli għal min ma jafx jaqra ħlief bil-Malti u jqassamhom sabiex il-poplu jitgħallem fuq Alla u l-qaddisin. F'pajjiżna għad hawn diversi parroċċi li jużaw il-kurunella tiegħu fl-okkażjoni tal-festa tagħhom, u b'hekk jaqdu l-ideal romantiku, dak illi jfaħħru lill-qaddis patrun tagħhom permezz tal-poeżija.

F'"Ferħ mas-Sultana tas-Sema u l-Art", Mifsud Tommasi jikteb:

> Ma' qaribtek mort tithenna
> u l-ferħ f'qalbek hemm ittenna,
> għaliex saret donnha Ġenna
> f'daqqa waħda dik id-dar.

Dan jurina kemm Mifsud Tommasi ħaddem l-ideal romantiku u b'hekk uża t-tifħir lill-Madonna, tant illi bil-preżenza tagħha, b'Ġesù Tarbija f'ġufha, id-dar ta' Santa Eliżabetta hija mxebbha mal-istat tal-perfezzjoni. Min-naħa l-oħra, il-glorja tinkiseb permezz tal-Martirju, u għalkemm joħroġ qawwi l-kunċett tad-demm, Mifsud Tommasi ma jiqafx mat-tbatija li twassal sal-mewt, imma aktar jenfasizza l-glorja li tinkiseb permezz tal-martirju. Mill-Kurunella lil Santa Katarina ta' Lixandra Verġni u Martri, ninnutaw dan il-fatt:

> Taħt ix-xabla minn tal-kiefer
> ċarċart demmek qalbenija;
> hekk ħsadt dik il-palma
> li ġibitlek wisq foħrija.

Hekk ukoll jagħmel fil-Kurunella lil San Ġorġ Martri:

> Iżda fl-aħħar sabiex taħsad

l-isbaħ palma minn tal-ġieħ
manigold jaħsadlek rasek
u għall-ġenna ttir rebbieħ.

F'dawn iż-żewġ kurunelli ninnutaw kemm il-martirju ma kienx it-tmiem ta' kollox, imma t-twelid għall-ħajja l-ġdida, kif wara kollox kienu jsejħu l-ewwel Insara lil jum il-martirju: *Dies Natalis*.

Qabel Mifsud Tommasi, madankollu, niltaqgħu ma' Dun Franġisk Uzzino, li wkoll jagħżel li jfaħħar lill-qaddis li ad-unuru jikteb il-poeżija:

Sant'Anna kollok qdusija
Bil-ħniena mimlija.

Il-lirika tat-tifħir tidher ukoll fil-kitba tal-innijiet popolari, fosthom permezz tal-Innu Popolari lil San Lawrenz ta' Patri Salvatore Mammana, tradott minn Dun Karm Psaila lejn nofs is-Seklu Għoxrin, fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija:

Għalhekk il-belt tiegħek
bis-saħħa ta' driegħek
mir-rebħ ħadet l-isem
li sar dakinhar.

Hekk ukoll iseħħ fl-Innu Popolari lil San Pietru Appostlu f'Birżebbuġa b'kitba ta' Dun Frans Camilleri:

Meta ċħadtu fit-tbatija
bkejt dnubietek f'wied ta' dmugħ;
kbira l-waqgħa, kbira l-ħniena,
riedek tkun mill-ġdid merfugħ.

Minkejja d-dnub illi San Pietru għamel meta ċaħad lil Sidna Ġesù Kristu fil-passjoni, minħabba li kif jgħidulna l-Evanġelji "ħareġ 'il barra jibki biki ta' qsim il-qalb", ladarba ddispjaċieh għal dak illi għamel, id-dnub kbir deskritt bħala l-*waqgħa*, inħafer u għalhekk il-maħfra, deskritta bħala l-ħniena, kienet kbira wkoll.

Il-qaddis jidher illi huwa omm jew missier il-komunità li tagħha huwa l-patrun, u għalhekk nistgħu nirreferu lejn l-innu "L-Imġarr Iben Marija":

Lilek **Ommna** nqimu
wassal faraġ f'ruħna
żommna sħaħ fil-fidi

Nittama li dan l-artiklu ġabna napprezzaw ftit aktar dak illi f'dawn il-jiem tal-festa nkunu qed inkantaw lil Ommna Marija Mtellgħa s-Sema, u għalhekk dak illi nkunu nkantaw b'ħeġġa, entużjażmu u devozzjoni nifhmuh aktar u napplikawh għall-kompożizzjonijiet ta' din il-parroċċa. Minn qalbi, lill-Kumitat u l-Membri tas-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema", lill-Kappillan u lill-Kleru, u lill-Imġarrin kollha, nifirħilhom u nawguralhom festa sabiħa, festa devota li tagħti ġieħ u qima lil Alla l-Imbierek, Sid il-Ħolqien kollu u lil Ommna Marija, il-ferħ u l-Konsolazzjoni tagħna lkoll.

**Referenzi:**

Anthony Mangion u Karmenu Zerafa; *Santa Katarina: Il-Festa u s-Soċjetà tagħha fiż-Żurrieq*; 1989
Ktieb tal-Festa ta' San Lawrenz 2001, Belt Vittoriosa
Cassar Pullicino G. *Il-Kitba bil-Malti sal-1870*; Pubblikazzjoni Indipendenza, Malta, 2002
Bonnici Christopher; *Kunċetti tal-Festa Popolari fil-Letteratura Maltija*; teżi mhix ippubblikata, imressqa lill-Fakultà tal-Arti għall-grad ta' Baċellerat bl-Unuri fl-2004















ARD discount

The Real Discount Store!!!

Mdina Road, Zebbug - MALTA
OPEN MON TO SAT - 7.30AM TILL 8.00PM

99838961
ardzebbug@gmail.com


RIGATONI n.54
PRODUCT OF ITALY
TREVALLI
PASTA DI SEMOLA DI GRANO DURO
QUINTEIRO
Jackson
BAGNO
schiuma
THREE HILLS
Malizia
UOMO
UNBEATABLE
LOW PRICE
GUARANTEE!
FRESH PRODUCE
DAIRY PRODUCTS
ARD
discount
The Real Discount Store!!!
Join us on facebook
Mdina Road, Zebbug - MALTA
OPEN MON TO SAT - 7.30AM TILL 8.00PM
99838961
ardzebbug@gmail.com

# Vella Supermarket

Triq San Pawl

Tel: 21574800

# Vella Mini Market

Triq il-Magħkuba

21575559



TWANNY ZAMMIT



Labardi, Standardi, Pilandri, Kurazzi eċċ.

Ilbies tar-Rumani, Kurazzi tar-Rumani, Ibbanjar bil-fidda, Tiswija ta' strumenti tar-ram

**2, Mejjilla Street, Qormi – Tel: 21498222 / 99867670**



# Liturġija, l-Assunzjoni tal-Verġni, u Papa Piju Tnax



Kitba ta' Mario Sant

## Mara liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha...

"Mara liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha" ... hekk jiddeskrivi s-sinjal li deher fis-sema San Ġwann Appostlu fil-Ktieb tal-Apokalissi. Nhar jum il-festa tal-Verġni Mqaddsa Marija Mtellgħa fis-Sema għall-ewwel qari tal-quddiesa jintuża l-Ktieb tal-Apokalissi, kapitlu 11, vers 19a u 12, 16a. 10ab. San Ġwann jara dil-viżjoni ta' mara ta' ġmiel liema bħalu. Min hi? Ħafna għorrief Kattoliċi jaħsbu li hi Marija, Omm Ġesù Kristu. Xi xebh bejn il-mara u Marija hemm, u huwa għalhekk li fil-kwadri u l-istatwi naraw lil Marija mżejna bir-raġġi warajha bil-kuruna ta' tnax-il kewkba u l-qamar taħt riġlejha. Imma l-eqdem għorrief u dawk kollha tal-lum iqabblu l-mara mal-Knisja kollha hemm hi, mill-eqdem żminijiet tal-patrijarki sal-aħħar żminijiet tad-dinja. It-tixbih tal-poplu ta' Alla ma' mara kien magħruf tajjeb. Iżda nistgħu wkoll inqabblu b'xi mod il-mara ma' Marija.

It-tbatija tal-mara waqt il-ħlas mhix it-tbatija ta' Marija fit-twelid ta' Ġesù, imma t-tbatija tal-Knisja biex tnissel Insara ġodda. Fis-sema deher sinjal ieħor flimkien ma' dak tal-mara – dragun. Dragun hawn ifisser mostru li jwaħħax, bħal dawk li skont il-ħrejjef antiki kienu jeżistu fil-bidu tad-dinja. Lewnu kien lewn in-nar, sinjal ta' kefrija. Kellu sebat irjus u seba' kuruni, li jfissru setgħa kbira. Kien ta' kobor tal-għaġeb, tant li b'denbu kines waħda mit-tlieta tal-kwiekeb.

Id-dragun, jew ix-xitan, wieqaf quddiem il-mara lest biex jeqred lit-tarbija malli titwieled. It-tarbija hi Kristu, il-Messija, bħalma jidher mill-kelmiet: "għad jirgħa l-ġnus kollha b'xettru tal-ħadid", meħudin misSalm 2,9. Ix-xitan ried jeqred 'il Kristu biex ifixkel il-fidwa tal-bniedem, u kull ħin jonsob lill-Insara, magħqudin ma' Kristu, biex jaqbadhom u jiblagħhom. Malli twieldet it-tarbija kienet maħtufa fis-sema ħdejn it-tron ta' Alla. Dan ifisser it-tlugħ ta' Kristu fis-sema. It-tarbija kienet il-Messija (Salm 2,9). Kristu tela' s-sema bħala ras tal-Knisja, imma l-bidu tal-Knisja hu Kristu tarbija għadha titwieled.

"Il-mara ħarbet fid-deżert ..." Il-mara, jew il-Knisja, matul il-ħajja tagħha fl-art hi mħarsha minn Alla, u x-xitan ma jistax għaliha. Id-deżert hu din id-dinja fejn il-Knisja tgħix bil-kelma ta' Alla u bl-Ewkarista.

## F'lemintek is-Sultana mżejna b'deheb ta' Ofir

Marija hija l-għarusa magħżula u mbierka minn Alla, nimxu warajha lejn il-Mulej li ġej u ngħannulu t-tifħir tagħna. Dan huwa dak li jgħidu l-versi 11, 12 u 16 tas-Salm 44 li nużaw bħala Salm Responsorjali fil-jum tal-festa tal-Verġni Marija Mtellgħa s-Sema.

Is-Sultan imur biex iġib l-għarusa lejn il-palazz tiegħu. Ix-xebbiet ta' madwar l-għarusa, kollha wlied il-kbarat, joħorġu jilqgħuh; imbagħad toħroġ l-għarusa, imżejna kollha deheb mill-ifjen, u toqgħod maġenbu. Ofir huwa l-post li minnu kienu jġibu deheb fin. Jissemma wkoll aktar kmieni fil-Bibbja, meta fl-Ewwel ktieb tas-Slaten, kapitlu 9, vers 28 naqraw hekk; "Dawn marru sa Ofir mnejn ħadu erba' mija u għoxrin talent deheb, u ħaduh għand is-sultan Salamun."

Intant, f'dan is-Salm 44 il-poeta issa jdur fuq l-għarusa u jgħidilha biex tinsa 'l niesha u

tirrispetta lis-sultan bħala żewġha. Bħala sultana tkun imweġġħa minn kulħadd. Sal-barranin jiġu jagħtuha r-rigali u jitolbu l-għajnuna tagħha.

## L-ewwel Kristu; wara, dawk li huma ta' Kristu

Sabiħ dan it-tieni qari li nisimgħu f'jum il-festa. San Pawl jikteb l-ewwel ittra tiegħu lill-Korintin. F'din is-silta juri kif il-qawmien ta' Kristu mill-mewt jiġbor fih il-qawmien tagħna wkoll. Bħalma wara l-frott bikri jiġi l-frott l-ieħor, hekk wara l-qawmien ta' Kristu jiġi l-qawmien tagħna. Kristu rebaħ il-mewt għalkollox u dan jurih mhux biss billi neħħielha s-setgħa minn fuqu iżda wkoll billi jneħħilha s-setgħa minn fuq dawk kollha li jagħmlu sehem mill-ġisem tiegħu.

Mela ma jistax ikun li t-tagħlim tagħna u l-fidi tagħna huma fiergħa; mhux tassew li l-Insara mejta ntilfu. Kristu qam tassew mill-mewt u qam l-ewwel wieħed biex jiftaħ it-triq lilna. Niftakru li Pawlu hawn qiegħed jitkellem fuq il-qawwa tat-tajbin li, billi huma magħqudin ġisem wieħed miegħu, huma wkoll iqumu mill-mewt.

Il-bniedem jidneb u jmut, imma dawk li, bil-fidi u l-magħmudija, twieldu mill-ġdid minn Kristu, jieħdu mingħandu l-grazzja u l-qawma mill-mewt. Kulħadd iqum, imma kulħadd f'postu. L-ewwel Kristu, imbagħad fl-aħħar tad-dinja, meta Kristu jerġa' jiġi, it-tajbin, dawk li huma tiegħu. Imbagħad, wara li jkun qered l-għedewwa kollha tas-saltna tiegħu, jiġifieri t-tfixkil kollu tax-xjaten u tal-ħżiena, Kristu jrodd is-saltna tal-Knisja Rebbieħa lil Alla Missieru.

Kristu hu s-Sultan tal-Knisja sa ma jeqred l-għedewwa kollha. Fl-aħħar tinqered il-mewt ukoll, billi t-tajbin iqumu għall-ħajja ma' Kristu.

## Is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar

Il-Vanġelu ta' jum il-festa meħud minn San Luqa, l-ewwel kapitlu, versi 3956. Marija, mgħarrfa mill-anġlu, marret iżżur il-qariba tagħha Eliżabetta biex tifirħilha u tgħinha. Eliżabetta kienet toqgħod, kif jaħsbu, f'Għajn Karim, raħal fuq għolja, xi ħames mili 'l isfel minn Ġerusalem u fuq sittin mil bogħod minn Nazaret.

Ġesù u Ġwanni, it-tnejn f'ġuf ommhom, ġew l-ewwel darba qrib xulxin. It-tarbija ta' Eliżabetta, kif ħasset 'il Ġesù, Bin Alla, fil-qrib, tħarrket u tqanqlet bħallikieku tifraħ b'Ġesù, u ommha, imnebbħa mill-Ispirtu Santu ssellem lil Marija bħala omm Alla.

Għanja ta' tifħir lil Alla li fil-kobor tiegħu jħares lejn iż-żgħar u l-umli u jrażżan il-kburin. Għolla 'l Marija billi għamilha omm il-Messija, u ħenn għall-poplu tiegħu billi żamm il-kelma li kien ta lil Abraham u l-Patrijarki.

Il-barka ta' Alla fuq dawk li għandhom il-biża' tiegħu, li jħarsu l-liġi tiegħu, li jħobbuh. Għalhekk Alla jgħolli ż-żgħar u jċekken il-kburin. Alla wera l-ħniena tiegħu mal-poplu tiegħu billi sa jibgħatlu l-Messija, bħalma wiegħed lill-Patrijarki.



Il-laqgħa bejn Marija u Eliżabetta

## L-Assunzjoni tal-Verġni

Dan hu l-isem ta' pittura kbira, il-ġmiel tagħha, xogħol l-artist Taljan, ta' żmien ir-Rinaxximent,

Tiziano Vecellio. Tinsab fuq l-artal tal-Bażilika ta' Santa Maria Gloriosa dei Frari f'Venezja, l-Italja, proprjetà tal-patrijiet Franġiskani. Dan ix-xogħol kiseb fama u popolarità kbira lil Vecellio. Jingħad li għall-inawgurazzjoni ta' din il-pittura kien hemm preżenti rappreżentant tal-Imperatur Karlu V, li kif sema' li l-Franġiskani kellhom xi ftit tad-dubju dwar dan ix-xogħol, qalilhom li hu kien lest li jixtriha jekk dawn jiddeċiedu li jneħħuha.

Fl-1818, din il-pittura ċċaqalqet minn fuq l-artal għall-Gallerie dell'Accademia, mużew tal-arti ta' qabel is-seklu 19, f'Venezja. Madanakollu mitt sena wara reġgħet sabet postha fejn kienet. Jingħad li meta kienet fil-mużew kien qed iżur dan il-post id-drammaturgu Irlandiż Oscar Wilde li kif ra dan ix-xogħol issaħħar u esklama li bla dubju ta' xejn dik kienet l-isbaħ u l-aqwa pittura fl-Italja kollha.



Kwadru tal-Assunzjoni

Huwa fatt magħruf li Tiziano Vecellio tħarreġ bħala artist tal-mużajk, u l-isfond dehbi ta' dan ix-xogħol huwa omaġġ għat-tradizzjoni tal-mużajk Venezjan. Ħafna huma tal-fehma li l-eqreb preċedent għal dan ix-xogħol hija t-Trasfigurazzjoni ta' Raffaello Sanzio da Urbino "Raffaello" .

Figuri erojċi u ta' dak il-kobor ċertament li kienu ideat ġodda f'dak iż-żmien meta din il-pittura tqegħdet fil-Bażilka. B'dik id-dimensjoni kbira, Vecellio seta' faċilment juri dan ix-xogħol tiegħu minn diversi naħiet differenti. Għaraf li b'distanzi varji ta' minn fejn persuna tħares lejn l-Assunzjoni, akbar il-pittura, aktar hemm angoli differenti.

Dan ix-xogħol juri tliet saffi. Fl-aktar saff fil-baxx għandek l-Appostli. Hawnhekk, dawn huma mpittra f'diversi pożizzjonijiet differenti, min iħares iċċassat kważi mbeżża' imma bl-akbar qima, u min kważi b'idejh irid jilħaq is-smewwiet. Fis-saff tan-nofs tidher il-Verġni Marija, impittra hawnhekk f'libsa ħamra b'mantell blu. Hija, bilwieqfa fuq sħaba, qed tiġi mgħollija fis-sema minn qatgħa kerubini. Fis-saff ta' fuq, Vecellio jagħtina l-figura artistika ta' Alla l-Missier, kif imdorrijin narawh fis-santi u l-kwadri, bħala raġel xwejjaħ b'daqna bajda twila. Hawn narawh jistenna lill-Verġni Marija flimkien ma' żewġ anġli, b'wieħed minnhom lest biex jinkurunaha.

## Il-Papa Piju XII

Bi grazzja speċjali, Alla ried li dak li għad jiġri fl-aħħar jum lil dawk li jmutu fi Kristu, iseħħ sa mill-bidu tal-mewt tagħha f'dik li *emmnet li jseħħ kull ma bagħat jgħidilha l-Mulej*. Huwa twemmin sod tal-Knisja, imwettaq bħala domma tal-fidi mill-Papa Piju XII fl-1 ta' Novembru 1950, li l-Omm ta' Alla, Marija Immakulata u dejjem Verġni, kellha mill-bidu tgawdi l-frott tal-fidwa ta' Kristu, billi wara mewtha ma tarax it-taħsir ta' ġisimha, iżda tkun meħuda bir-ruħ u l-ġisem fil-glorja tal-ġenna.

Kien jixraq fuq li jixraq li r-rabta ta' Marija ma' Kristu bħala l-Eva l-ġdida ma' Adam il-ġdid, titwettaq bir-rebħa sħiħa tagħha fuq il-qerda tal-mewt. Kien jixraq li bħala n-Nisranija Ewlenija u bħala l-mudell tal-Knisja kollha, hija tibda tgawdi sa mill-bidu l-frott kollu tal-fidwa ta' Kristu.

F'Marija Mtellgħa s-Sema bir-ruħ u l-ġisem, aħna l-Insara naraw rahan kbir ta' tama mill-aktar qawwija li dak li Alla għamel mal-ewwel Nisranija għad ukoll jagħmlu magħna li bħalha

nemmnu u ngħixu skont dak li ntqal lilna min-naħa tal-Mulej.

Id-devozzjoni personali lejn il-Verġni Mbierka, u l-konvinzjoni li Marija hija t-tarka kontra l-Komuniżmu ateu, ġiegħlu lil Piju XII jiddefinixxi d-domma tal-Assunzjoni ta' Marija bl-Enċiklika tiegħu "Munificentissimus Deus" tal-1 ta' Novembru 1950. Xtaqt nagħti ftit informazzjoni dwar dan il-Papa, Piju Tnax.



Papa Piju XII

Ismu kien Eugenio Pacelli, iben avukat, studja fl-Università Gregorjana Pontifiċja, fil-Kulleġġ Capranica u fl-Istitut San Apollinare, f'Ruma. Kien orndat saċerdot f'Ħadd il-Palm, fit-2 ta' April 1899 u serva bejn l1904 u l1916 bħala assistent tal-Kardinal Pietro Gasparri fil-preparazzjoni tal-Kodiċi tal-Liġi Kanonika mixtieq minn Piju X.

Eugenio Pacelli kien lingwista famuż u għamel viżti uffiċjali fl-Arġentina, Franza, l-Ungerija u l-Amerika fejn kellu laqgħa mal-President Franklin D. Roosevelt.

Bit-Tieni Gwerra Dinjija mdendla, Eugenio Pacelli, li kellu esperjenza vasta li kienet bżonjuża f'dak iż-żmien, ġie elett papa fit-2 ta' Marzu 1939 fl-iqsar konklavi ta' ġurnata. Dakinhar għalaq 63 sena. Ħa l-isem ta' Piju XII. Ir-Rumani kienu ferħanin bl-elezzjoni tal-Papa Pacelli għax kien "romano de Roma, l-ewwel Ruman wara Innoċenzu XIII fl-1721.

Fl-24 ta' Awwissu 1940 il-Papa għamel appell fuq ir-radju lid-dinja kollha dwar il-paċi. L-Italja kienet ilha diġà xahrejn li daħlet fil-gwerra (10 ta' Ġunju, 1940). Meta l-isforzi tal-Papa sfaw fix-xejn u l-gwerra kienet fl-aqwa tagħha, Piju XII żamm newtralità kbira. Meta Hitler okkupa Ruma fl1 ta' Settembru 1943 il-Belt tal-Vatikan saret is-santwarju ta' ħafna refuġjati, fosthom il-Lhud.

Piju XII bit-tagħlim tiegħu żgur li kien qiegħed jagħmel il-pedament għat-tiġdid straordinarju li kellu jsir fil-Konċilju Vatikan II (1962-1965). Huwa ħareġ b'kollox 41 enċiklika. Fi żmien il-pontifikat tiegħu saru riformi fil-liturġija tal-Ġimgħa Mqaddsa, it-tneħħija tas-sawma Ewkaristika (minn nofsillejl sakemm wieħed jitqarben), u l-introduzzjoni tal-quddies fil-għaxija li sar bżonjuż minħabba ċ-ċirkustanzi tal-gwerra. Il-Papa ppromwova wkoll id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Fatima, u ddikjara s-Sena Marjana fl-1954, li bħas-Sena Mqaddsa fl-1950, attiraw eluf ta' pellegrini.

Dan il-Papa kkanonizza tlieta u tletin qaddis fosthom Piju X, Marija Goretti, u Gemma Galgani. Huwa nnomina numru mhux tas-soltu ta' kardinali minn ħafna pajjiżi tad-dinja – 32 fis-sena 1946, u 24 fis-sena 1953. Ħadem kemm felaħ biex ikun hemm relazzjonijiet tajbin mal-Knejjes tal-Lvant, iżda bi ftit jew xejn suċċess.

Huwa miet f'Castel Gandolfo fid-9 ta' Ottubru 1958 u ġie midfun fil-kripta ta' San Pietru. Fit-18 ta' Novembru 1965 il-Papa Pawlu VI fetaħ il-kawża tal-kanonizzazzjoni ta' Piju XII u fit-2 ta' Settembru 2000, fil-pontifikat tal-Papa Ġwanni Pawlu II, Piju XII ġie mogħti t-titlu ta' Venerabbli.

Wasalt fi tmiem dan l-artiklu tiegħi għall-programm tal-festa. Kien ta' pjaċir kbir għalija li nwasslilkom dan il-ftit tagħrif u xi kummenti tiegħi. L-hena tiegħi nagħmel bosta riċerka, imbagħad il-pjaċir ikbar tiegħi jkun meta niġi mistieden għal xi okkażjoni bħal din, li nikteb xi artiklu, u fih erħilni naqsam ħafna mit-tagħrif li nkun ġbart, kif għamilt magħkom din is-sena. Grazzi talli għoġobkom taqraw dak li kelli xi ngħid u mill-qalb nawgura lil kull wieħed u waħda minnkom il-festa t-tajba.

Viva Santa Marija Mtellgħa s-Sema.

CUTS, BLOW DRIES, COLOURS, LIGHTS, UP STYLES,
PERMS, STRAIGHTENINGS, HAIR TREATMENTS

BLINK BY ANN MARIE

3, Triq Kurat Chetcuti, Mġarr
Tel: 2158 4492 / 7909 3569



SHAMBA
Fresh Fruit & Vegetables

63, Triq Fisher, Mġarr
Tel: 2152 4055

Stitch by Stitch

*Fr. Edgar Street, Mġarr*
*Mob: 9989 1105*
**Outerwear, Underwear, Footwear, Accessories,
Household Goods & Home Furnishings.**

L & R Excavations
Tal-Palmier

Mobile: 7947 2898, 9949 8688



# Mitt Sena miċ-Ċentinarju tal-Kungress Ewkaristiku



Kitba ta' Max Farrugia

Hija ħaġa żgura li wieħed mill-isbaħ u l-akbar unuri li kellha l-Knisja Maltija, minbarra dik ta' meta Dun Ġorġ Preca ġie ddikjarat qaddis, u l-miġja taż-żewg Papiet f'pajjiżna huwa ż-żamma tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali f'Malta li nżamm bejn it-22 u 27 ta' April 1913. Dan il-Kungress kien inżamm b'ħeġġa kbira ta' fidi u ġieħ lejn Ġesù Sagramentat kif kienu esprimew fi kliemhom il-biċċa l-kbira tal-Kungressisti barranin, fosthom diversi kardinali u isqfijiet, minn numru ta' pajjiżi.

Tajjeb ngħid li dan il-Kungress kien sar f'Malta meta kien hawn qawmien tar-Reliġjon protestanta f'pajjiżna. Mal-mewġa antiklerikali li kienet qabdet trabbi għeruq sodi fil-pajjiż b'mod speċjali fuq postijiet tax-xogħol fejn kien hemm massa ta' nies jaħdmu flimkien. Mhux biss, għax kien hemm magħhom ukoll oħrajn li jħaddnu reliġjonijiet oħra għajr dik Kattolika.

Tajjeb ngħid li dan il-Kungress Ewkaristiku kien sar permezz ta' talba li l-Isqof Pietru Pace għamel lill-Papa dak iż-żmien Piju X, magħruf aktar bħala l-Papa tal-Ewkaristija. Il-ħsieb nibet nista' ngħid xi sentejn qabel, meta f'Ruma bejn is-27 ta Novembru u 30 ta' Novembru kien hemm festi kbar għal promulgazzjoni ta' 18-il kardinal ġdid. Dan kien sa dak iż-żmien it-tieni l-aktar numru ta' kardinali li sar f'daqqa sa mill-1816 meta dakinhar tat-8 ta' Marzu saru 30 f'daqqa.

Fost il-kardinali ġodda kien hemm il-Kardinal Francis Bourne, li meta kien sejjer lura l-Ingilterra fejn serva bħala l-Isqof ta Westminister, għadda Malta, mingħajr xejn ma kien ippreparat minn qabel. Il-poplu Malti laqa' lil dan il-Kardinal b'festi kbar u impressjonanti. Huwa ntebaħ li l-poplu Malti kien veru propju minkejja tagħwiġ tal-fatti, tmermir tar-reliġjon u gwerer ma' dawk li kienu anti Kattolici. Sabu ma wiċċhom ukoll persekuzzjonjiet mill-ħakkiema lejn ħaddiema li kienu fuq quddiem kontra l-ġlieda kontra l-antikristjaneżmu u żammu sħiħ. Baqa' magħqud mal-Imgħallem waħdieni Ġesù Kristu. Meta ra dan kollu l-Kardinal Bourne kien qal lill-Isqof Pietro Pace " Hawn hu xieraq li jsir Kungress Ewkaristiku." Il-kliem ta' dan il-Kardinal kien iż-żerriegħa li waqgħet fl-għalqa Maltija ghal bidu ta' dan il-Kungress. Tajjeb ngħid li l-Kardinal Bourne diġà kellu kuntatt indirett ma' Malta peress li kien wieħed mill-għalliema ta' xi saċerdoti Maltin fl-Università Vatikana, fosthom Dun Nerik Dandria, aktar 'il quddiem insibuh bħala l-aqwa u l-akbar difensur tal-Knisja Kattolika Maltija. L-Isqof Pace bl-għajnuna ta' dan il-Kardinal ħadem bis-sħiħ sabiex finalment il-Kungress Ewkaristiku tal-1913 isir f'Malta. Wara il-Kungress ta' qabel dan, li kien sar fi Vjenna beda x-xogħol għal dak ta' Malta. Għal stedina li kienet intbagħtet wieġbu li se jattendu 4 Kardinali li huma Bourne l-Arċisqof ta' Westminister fl-Ingilterra, Lauldi l-Arċisqof ta' Palermo, Nava Arċisqof ta' Catania, u Almaras y Santos Arċisqof ta' Sevilja fi Spanja. Barra dawn kien hemm ukoll 53 Monsinjur kollha Isqfijiet



**Il-Kardinal Domenico Ferrata li kien il-Legat tal-Papa matul dan il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali.**

minn diversi pajjiżi fosthom l-Italja, Ungerija, Alġier, Tunes, Awstrija, Sirja, Ġerusalem, Kanada, Skozja, Rumanija, Franza, Portugal, Australja, Polonja, Arġentina u Spanja. Ma' dawn kien hemm ukoll il-Kardinal Domenico Ferrata li nħatar sabiex ikun il-Legat tal-Papa għal dan il-Kungress. Sabiex jgħinuh kien hemm ukoll il-Kardinal Federiku Tedeschini, u l-Kommendatur Gughlielmu Humphrey, li t-tnejn kellhom kariga għolja fil-Vatikan.

Il-Kungress kien presedut ukoll minn Monsinjur Heylen li kien il-President tal-Kumitat permanenti tal-Kungressi Ewkaristiċi. Huwa kien wasal Malta flimkien ma' numru kbir ta' mistiedna oħra fuq il-vapur Carola fejn sabu dinjitajiet lokali u folol kbar ta' nies jilqgħuhom fix-xatt tal-Belt fost ċapċip u d-daqq tal-Innu tal-Papa li kien indaqq bil-parteċipazzjoni ta' sitt baned lokali. L-għada tal-wasla ta' dawk li kienu se jieħdu sehem, beda l-Kungress Ewkaristiku f'pajjiżna uffiċjalment. Waqt li numru kbir ta' tfal attendew għall-quddiesa u t-tqarbin li saru fil-Knisja tal-Ġiżwiti il-Belt. Fil-Palazz tal-Isqof, il-Belt il-Kardinal Legat kien qiegħed jilqa' numru kbir ta' reliġjużi, saċerdoti u sorijiet flimkien ma' uffiċjali tal-Pajjiż għal żjara ta' kortesija. Monsinjur Ferrata, u Monsinjur Tedeschini aktar tard fil-ġurnata kienu l-mistiedna tal-unur tal-Gvernatur Rundle u s-sinjura tiegħu għall-ikla ta' nofsinhar fil-Palazz il-Belt. Dak il-ħin il-pjazza tal-palazz kienet miżgħuda bin-nies sabiex jilqgħu lil dawn il-mistednin distini.



**L-ittra li l-Kardinal Domenico Ferrata, il-Legat tal-Papa bagħat lill-Papa Piju X waqt il-Kungress Ewkaristiku**

Il-Kungress ġie miftuħ fil-knisja tal-Mosta f'nofsinhar f'din l-istess ġurnata. Huwa dokumentat li filwaqt li l-karozzi u l-karozzini li kienu qed iġorru lil dawn il-kardinali u monsinjuri kienu għaddejja mit-toroq prinċipali li mill-Belt jagħtu għal Mosta, kien hemm folol kbar ta nies jistennewhom. Riedu jagħtuhom merħba sabiħa. L-aktar li nġabru nies kienu fil-Furjana, Ħamrun, u Birkirkara u sintendi fit-triq u l-pjazza prinċipali tal-Mosta. Tajjeb wieħed jgħid li l-bliet u l-irħula li d-delegati attendew fihom għal xi attività kienu kollha mżejna għall-okkażjoni. F'kull okkażjoni ħadet sehem ukoll il-banda ta' dawn l-irħula.

Mal-wasla tiegħu fil-Mosta l-Legat tal-Papa ġie milqugħ mill-Kardinali Nava u Luadi flimkien mal-Isqof, membri tal-kumitat u l-Arċipriet tal-Mosta li flimkien ħarġu fuq iz-zuntier isellmu lill-poplu Malti. Mad-daħla fil-knisja fost id-daqq tal-Innu tal-Papa, il-Kardinal Legat ha post fuq tribuna li ġiet imwaqqfa apposta fil-knisja. Intqalet talba mill-

Kardinal Heylen, li kien il-President tal-Kungress Internazzjonali li permezz tagħha ngħata bidu uffiċjali għal dan il-Kungress Ewkaristiku li kien l-24 wieħed li kien inżamm sa dak iż-żmien.

Għad-diskors tal-okkażjoni tal-Kardinal Heylen irrisponda l-Kardinal Ferrata. Imbagħad kien imiss lill-Monsinjur Pawlu Gauci, is-segretarju tal-Isqof ta' Malta sabiex jaqra l-messaġġ li kien bagħat il-Papa Piju X. Fi tmiem dan il-messaġġ il-kungressisti u dawk mistiedna nfexxew f'ċapċip kbir, waqt li l-Kardinal Heylen għal tliet darbiet għajjat 'Viva il-Papa'.

Il-Legat tal-Papa għamel l-ewwel diskors uffiċjali tiegħu, fejn fost affarijiet oħra tkellem dwar l-istorja glorjuża tar-Reliġjon Kattolika f'Malta. Għal dan id-diskors irrisponda l-Isqof awżiljarju ta' Malta għan-nom tal-Isqof Pietru Pace, il-Monsinjur Anġelo Portelli O.P. Wara l-Isqof Portelli tela' fuq it-tribuna l-avukat A. Mattei, il-President ta' dan il-kungress f'Malta li bħal ta' qablu laqa' fostna lil mistiedna distini u l-kungressisti. L-ewwel jum ta' dan il-kungress ingħalaq b'diskors minn Monsinjur Emard, tal-Kanada fejn għan-nom tal-kungressisti kollha rringrazzja lil kulħadd preżenti għal merħba kbira li ngħataw f'din il-Gżira daqshekk ċkejkna fid-daqs imma kbira fil-fidi.

Tajjeb ngħid li dawn il-mstiedna distini kienu qed joqogħdu f'diversi bliet u irħula Maltin ġo diversi kunventi tar-reliġjużi. Kien hemm oħrajn li kienu qed jabitaw fil-palazz tal-Isqof fil-Belt Valletta.

Matul il-jiem li nżamm dan il-kungress f'Malta ġew organizzati diversi attivitajjiet mal-pajjiż. Fl-24 ta April kienet il-ġurnata ddedikata għat-tfal fejn eluf ta' tfal inġabru fil-knisja ta' San Publiju fil-Furjana għall-quddiesa u t-tqarbina. Fost dawn kien hemm numru sabiħ minnhom li kienu se jirċievu l-Ewkaristija għall-ewwel darba. Ftit wara li spiċċat din il-funzjoni kien hemm quddiesa pontifikali fil-Katidral ta San Ġwann iċċelebrata mill-Kardinal Laudli, Arċisqof ta' Palermo. Mill-Furjana l-eluf ta' tfal imxew wara l-istandardi tagħhom sal-Belt Valletta. Tajjeb wieħed jgħid li b'kollox ħadu sehem madwar 15,000 tifel u tifla li kien hemm fosthom, minn għadd tal-istituti lokali. Dakinhar stess kien hemm quddies pontifikali wkoll fil-kolleġjata ta' Birkirkara, u l-Isla. Il-briju min-nies tal-lokal u l-madwar, flimkien mal-baned, u l-gwardja tal-Unur mill-*Boys Brigade* ħolqu atmosfera ta' festa.

Matul l-istess jum fid-diversi knejjes tal-Belt Valletta nżammu taħdidiet u diskussjoni bl-Ingliż, Taljan, Spanjol, Grieg, Ġermaniż, u Franċiż. Għalihom attendew il-kungressisti u anki l-istudenti, r-reliġjużi, l-membri tal-kleru, u d-dami tal-lokal.

L-għada reġa' kien hemm laqgħat kbar li saru għal darba oħra fil-Mosta. Għal dawn il-laqgħat il-mistieden speċjali kien id-Duka ta' Norfolk, u d-Dukessa, li waslu flimkien mal-Kardinal Bourne u l-mistiedna distini l-oħra. Huma ġew milqugħa għal darba oħra b'entużjażmu kbir. Il-laqgħat ta' dan il-jum kienu ndirizzati minn Mons. Heylen, peress li l-Legat tal-Papa kellu laqgħat ma' uffiċjali għolja tal-pajjiż. It-taħdida prinċipali f' dan il-jum kienet dik ta' Monsinjur Luigi Farrugia, li tkellem dwar il-Kungress Ewkaristiku f'Malta u l-iskopijiet tiegħu. Is-seduta ta' din il-ġurnata ngħalqet mill-Kardinal A.F. Leynaud, li tkellem dwar il-quddiesa fl-istorja tal-Knisja fl-Afrika.

Barra l-Kungress prinċipali li sar fil-Mosta, bħal f'kull Kungress Ewkristiku ieħor kien hemm kungressi fuq skala iżgħar skont in-nazzjon li jkunu ġejja minnu l-kungressisti. Dawn bdew b'pontifikal li sar fl-Imdina. Il-Legat tal-Papa sab jistennewh is-Saqqajja lill-Kapitlu tal-Katidral li ħareġ mill-knisja ta' Santu Wistin. Mal-kapitlu kien hemm ħafna mistiedna distinti. Saru diskorsi mill-Kardinal Ferrata, u mill-Markiż Apap Bologna.

Il-ġemgħat iż-żgħar tal-kongressisti ltaqgħu f'diversi knejjes fil-belt u fl-irħula l-oħra, iżda l-biċċa l-kbira saru fil-knisja ta' Ġieżu fil-Belt. F'dawn il-kungressi żgħar ġew diskussi temi differenti dwar iċ-Ċiviltà Kattolika.

It-tielet laqgħa tal-ġemgħa l-kbira bdiet bil-qari ta' telegramm li l-Papa bagħat, fejn minbarra li faħħar ix-xogħol siewi li kien qiegħed isir f'dan il-kungress bagħat il-barka Appostolika lill-kungressisti preżenti u lill-poplu Malti. Dan it-telegram ġie milqugħ b'għajjat kbir ta' viva l-Papa u ċapċip minn dawk kollha preżenti. Fid-diskorsi li saru matul din il-ġurnata kien hemm fost oħrajn, wieħed dwar l-Ewkaristija u l-Familja, mll-Kardinal Akrauha, L-Ewkaristija u t-tfal, diskors minsuġ tajjeb ħafna mill-Avukat Arturo Mercieca, aktar 'il quddiem sar diskors ieħor sar minn Monsinjur Gemelli dwar l-Ewkaristija u Lourdes, u l-aħħar diskors kien dak tat-Tabib Ġian Feliċ Inglott bis-suġġett L-Ewkaristija fl-aħħar siegħa qalila tal-ħajja. Il-ġurnata ngħalqet minn Monsinjur Heylen. Kien hemm tifħir kbir għad-diskors li għamlu d-diversi Maltin minn kardinali w isqfijiet barranin. Dakinhar filgħaxija nżammet laqgħa għal dawk li jitkellmu bit-Taljan fil-Katidral ta' San Ġwann li kienet indirizzata mill-Papa Grieg Monsinjur G. Schiro, Arċisqof ta' Neocesarea. Dan il-jum partikulari ngħalaq b'adorazzjoni fil-knisja ta' Ġieżu li bdiet fl-għaxra ta' billejl u damet sa l-għada fl-erbgħa ta' filgħodu.



Il-pontifikal matul il-Kungress Ewkaristiku fil-Kon-katidral ta' San Ġwann

Matul l-aħħar jum tal-Ġmgħa il-Kbira saret quddiesa pontifikali fil-Katidral ta' San Ġwann il-Belt, filwaqt li fil-knisja kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu saret tqarbina ġenerali minn idejn l-Isqof ta Malta Pietro Pace. Quddies ieħor sar fil-knisja ta' Porto Salvo tad-Dumnikani, u dik ta Gieżu. F'dawn il-quddies ħadu sehem monsinjuri w isqfijiet minn diversi pajjizi. Festa kbira saret fl-Isla fejn il-Kardinal Almarez y Santos qaddes fil-Kolleġġjata dedikata lill-Vittorja. Qabel dan il-pontifikal saret purċissjoni mill-knisja ta' San Filippu li kienet imexxija mill-kapitlu tal-paroċċa tal-Isla. Fl-irħula kien hemm funzjonijiet oħra. Is-Siġġiewi, iż-Żurrieq, Ħal-Safi u l-Imqabba għamlu attività konġunta. L-aħħar pontifikal sar fil-knisja arċipretali tal-Mosta li kien immexxi mill-Kardinal Bourne. Huwa kien milqugħ b'pompa kbir mill-Mostin u minn nies tal-madwar li tawh merħba kbira bis-sehem tal-Banda Nicolò Isouard. Fil-pontifikal ħadu sehem l-awtoritajiet tal-pajjiż dawk militari, u reliġjużi.

IL-Kungress ġie fi tmiemu bil-barka sagramentali tal-Baħar Malti li saret fil-Port il-Kbir minn fuq tribuna speċjali li ntramat fil-Barrakka ta' Fuq. Is-swar taż-żewġ naħat tal-port kienu miżgħuda bin-nies. Il-purċissjoni aħħarija ħarġet mill-Katirdal ta' San Ġwann u fiha ħadu sehem minbarra diversi fratellanzi l-ogħla awtoritajiet tal-pajjiż u mistiedna distini.

Il-mod kif ġie organizzat dan il-Kungress Ewkaritstiku kellu tifħir kbir mhux f'Malta biss, u min dawk li ġew mistiedna, imma anke minn diversi ġurnali barranin, inkluż l-*Osservatore Romano*, li qal li għalkemm Malta huwa pajjiż żgħir fid-daqs kien kapaċi

jorganizza daqs bliet kbar bħal Pariġi. Londra, Madrid u oħrajn.

Fl-aħħar jum tal-kungress saru attivitajiet fir-Rabat ta' Malta fejn sa mis-sebgħa ta' filgħodu bdew jasalu l-mistiedna li kienu milqugħa minn folol kbar u l-Banda Konti Ruġġieru li daqqet l-Innu tal-Papa. Kienu saru diskorsi fil-kolleġġjata ta' San Pawl mill-Isqof Portelli, u mill-Isqof Emard. Il-mistiedna kienu żaru wkoll l-Għar ta' San Pawl.



Waqt li kienet qed tingħata l-Barka matul il-ftuħ tal-Kappella ta' Santa Sabina fir-Rabat Għawdex.

L-attivitajiet kollha għalqu billi l-Kardinal Legat Ferrata, għamel żjara fil-Gżira ta' Għawdex hu kien milqugħ mill-Isqof Giovanni M. Camilleri u diversi membri distinti oħra li organizzaw din iż-żjara. It-toroq ta' Għawdex sal-Palazz tal-Isqof fil-belt Victoria kienu miżgħuda bin-nies. Fil-Katidral ta' Għawdex tkanta it-Te Deum u Tantum Ergo, u saret il-Griżma tal-Isqof lil Feliċ Nazzareno Cremona, iben il-Maġrstrat G. Cremona. Il-parrinu kien proprju ħu l-Legat tal-Papa l-Avukat Nazzareno Ferrata.

L-iskop ewlieni ta din iż-żjara ġo Għawdex kien li l-Kardinal Legat kellu l-inkarigu tal-ftuħ u t-tberik ta' knisja dedikata lil Santa Sabina li ġiet imkabbra u użata għall-adorazzjoni perpetwa.

B'hekk ġie fi tmiemu dan il-Kungress Ewkaristiku f'Malta, li jibqa' jissemma fl-istorja reliġjuża ta' pajjiżna.


Bid-donazzjoni tiegħek nimxu 'l quddiem

Grazzi mill-qalb

Il-Kumitat





# L-importanza tal-eżerċizzju fiżiku għal saħħa aħjar



**Malcolm Bartolo** Dip.Sport & Leis.Studies(Melit)

Fiż-żmien li qegħdin ngħixu llum, kulħadd jagħmel dak kollu li huwa possibli biex ngħixu aħjar. Kull persuna tixtieq li tgħix ħajja komda mingħajr wisq problemi. Imma huwa fatt magħruf li persuna trid tistinka u tagħmel sagrifiċċji sabiex din ix-xewqa ssir realtà. Mhix xi ħaġa impossibli. Anzi, jekk wieħed jew waħda tkun determinata li tgħix aħjar, din il-ħaġa tista' ssir realtà.

Fattur importanti ħafna biex persuna tgħix aħjar hija meta dik l-istess persuna tibda tagħmel eżerċizzju fiżiku b'mod regolari. Issib xi wħud li jaħsbu li jekk għal żmien qasir u temporanju huma jieklu biss ħxejjex, allura huma jkunu qed jagħmlu ġid lilhom infushom. Imma din hija mentalità żbaljata. L-ewwelnett qabel ma persuna tiddeċiedi li taqbad rutina ta eżerċizzju fiżiku, dejjem aħjar jekk tieħu parir mingħand it-tabib tal-familja. Ir-raġuni għala dan isir huwa biex jekk jkun hemm xi problemi mediċi, żgħar jew kbar, it-tabib (jew persuna oħra kwalifikata), jkun jista' jissuġġerixxi xi miżuri li jkun hemm bżonn li jsiru rigward l-eżercizzji li l-individwu jkun se jagħmel. Mela jekk persuna ta' 35 sena, tkun ilha xi 5 snin ma tagħmel eżerċizzju fiżiku, ma tistax tippretendi li tqum l-għada filgħodu u tagħmel mixja ta' 3 mili. Ejjew ħa nkunu realistiċi u nieħdu l-affarijiet bil-mod. Bħalma jgħid il-qawl malti, "Il-qattusa għaġġelija frieħ għomja għamlet". Allura l-aħjar ħaġa dejjem għandha tkun li jsir pjan individwali li jkun jirrifletti il-bżonnijiet ta' dik il-persuna.



Persuna għandha l-ewwel tibda b'mixja ta' 30 minuta għal 4 darbiet fil-ġimgħa għal xahar sħiħ. Mhux daqshekk importanti jekk il-mixja ssirx filgħodu kmieni jew filgħaxija. L-importanti hija li issir u li ssir b'mod regolari. Fattur importanti huwa li persuna ma tmurx timxi eżatt wara li tkun kielet. Ir-raġuni għala dan ma jservix ta' ġid hija għax il-ġisem irid il-ħin biex il-metaboliżmu jaħraq l-ikel li jkollu fl-istonku. Mhux kulħadd għandu l-istess metaboliżmu; hawn min għandu metaboliżmu li jaħraq l-ikel b'mod mgħaġġel u jeżistu nies li jkollhom metaboliżmu b'inqas saħħa.

Wara xahar, dik il-persuna tkun tista' tmur għall-*jogging* minflok mixja. Kemm għal mixi u anke għall-*jogging*, tkun ħaġa tajba ferm li l-persuna tibdel ir rotta u mhux dejjem tgħaddi mill-istess triq. Naf li forsi mhux kulħadd ikun jista', imma konvint li din id-deċiżjoni twassal biex l-eżerċizzju fiżiku ma jsirx xi ħaġa monotona jew tedjanti.

Jien konvint li kull persuna hija lesta li tagħmel dak kollu li jkun hemm bżonn sabiex

tgħix aħjar. U dan jgħodd ukoll għal dawk li forsi ma jkunux iridu jmorru jimxu għal xi raġuni jew oħra. Din żgur li mhix problema. Persuna tista' tħossha aktar komda jekk tibda tagħmel eżerċizzji fid-dar tagħha stess. Jekk persuna tiddeċiedi li se tibda tagħmel eżerċizzji fiżiċi f'darha stess, din il-persuna trid tkun konxja li ma tużax makkinarju jew oġġetti oħra li jistgħu ikunu ta' periklu għaliha. Kif ukoll, trid tqis li jekk ċertu eżerċizzji jsiru mingħajr ma wieħed jew waħda titkellem ma' persuna f'dan il-qasam, tkun qiegħda iżżid il-probabbiltà li aktar issir ħsara milli ġid. Aktar kemm persuna tibda tħossha kunfidenti f'dak li qiegħda tagħmel għall-ġid tagħha stess, aktar se tkun apprezzata hi bħala persuna u aktar tapprezza s-sagrifiċċji li hi tkun għamlet qabel.

Is-saħħa għandha titqies bħala investiment li sar f'kull persuna. Hija r-responsabbiltà tagħna li naraw li nieħdu ħsieb saħħitna u li nkunu konxji minn dak li jkun qed jiġri madwarna li jista' jaffetwa b'mod ħażin is-saħħa tagħna. Illum il-ġurnata l-maġġoranza tan-nies huma familjari ma' ħafna affarijiet bħal tagħmir elettroniku, diversi kotba u rivisti, siti fuq l-*internet* li minnhom persuna tkun tista' tkun taf aktar fuq l-importanza li l-eżerċizzju fiżiku għandu. Ma rridux ninsew li it-*training* huwa forma oħra ta' proċess sabiex persuna tħossha aħjar. Xi ħaġa li forsi ftit nies jagħtu kas tagħha hija li waqt li persuna tkun qed tagħmel xi eżerċizzju, fattur important huwa li tieħu gost b'dak li qiegħda tagħmel. Ir-raġuni hija li għax persuna tieħu gost tagħmel xi eżerċizzju partikolari jew f'xi ħin partikolari, b'hekk tkun qed iżżid iċ-ċansijiet li tirrepeti għal drabi oħra dak li jkun qed isir.



Sfortunatament ħafna nies jaqtgħu qalbhom malajr. Din tgħodd kemm għall-irġiel u anke għan-nisa. Dan jiġri għax huma jaħsbu li fi żmien qasir, huma jkunu ċerti li jiġu għall-piż mixtieq. Ir-realtà hi mod ieħor. Il-ġisem irid jidra r-rutina l-ġdida, speċjalment jekk dik il-persuna tkun ilha żmien twil ma tagħmel xi forma jew oħra ta' eżerċizzju. Meta l-ġisem jaċċetta l-kambjament, dan jieħu ż-żmien tiegħu biex jaddatta għal din ir-rutina msemmija. Għalhekk huwa importanti ħafna li l-persuna ma taqtax qalbha. Ir-riżultati jiġu, imma ħadd m'għandu jistenna riżultati kbar fi żmien qasir. Dan ma jfissirx li wieħed jew waħda trid dejjem iżżid il-ħin jew tvarja ħafna l-eżerċizzji li jsiru. Kull persuna matura taf sa fejn għandha tasal. Jekk hemm xi dubju, wieħed jista' faċilment isaqsi lil xi ħadd ikkwalifikat f' dan is-suġġett. Tista' issir ħsara kbira b'mod permanenti jekk wieħed jabbuża jew jesaġera fl-eżerċizzji fiżiċi li jagħmel. Persuna tista' tuża l-ħin liberu li jkollha fil-ġurnata biex twettaq xi eżerċizzju fiżiku. Hemm nies li sfortunatament iqattgħu ħin twil esaġerat jaraw it-televiżjoni. Kieku jużaw parti minn dan il-ħin għal xi attività fiżika, ħajjithom tkun ħafna aħjar. Ma rridx ngħid li huwa ħażin tara xi ftit televiżjoni. Imma kulħadd jaf li waħda mil-kawżi li persuna tibda tbati minn obeżità hija proprju l-ħafna ħin statiku li dik il-persuna tagħmel matul il-ġurnata.

M'hemmx għalfejn li persuna tonfoq ħafna flus f'apparat li jintuża għall-eżerċizzju fiżiku. Ħafna mill-eżerċizzji bażiċi jistgħu faċilment isiru mingħajr ma persuna jkollha għalfejn tixtri oġġetti relatati ma' dak li se tkun tagħmel. Ovvjament ċerti affarijiet huma essenzjali bħal żraben tajbin. L-importanti hija li noqgħodu attenti dejjem f'dak li nagħmlu.

Bħalma diġà semmejna, aħjar nibdew bil-mod u sew, milli ngħaġġlu u wara xahar nieqfu. Aktar kemm inkunu pożittivi f'dak li nkunu qed nagħmlu għall- ġid ta' saħħitna, aktar inkunu qed noqorbu lejn stil ta' ħajja aħjar. L-eżerċizzju fiżiku jista' jsir fuq bażi individwali jew bħala grupp. B'mod ġeneriku ma jagħmel l-ebda differenza. Hemm min jieħu gost jimxi jew jiġri waħdu ħalli jimxi skont il-pass li jkun irid hu jew hi. Issib min aktar iħossu motivat jekk l-eżerċizzji jagħmilhom ma' xi ħbieb jew nies oħra. Kollha fihom il-vantaġġi tagħhom. L-importanti huwa li dak li jsir, isir sewwa u li bl-ebda mod ma joħloq xi problema għal xi persuni oħra.

Tkun idea tajba jekk wieħed jagħmel forma ta' *summary* ta' x'ikun għamel bħala eżerċizzji, il-ħin involut u dettalji oħra. Dawn iservu biex fil-futur il-persuna konċernata tkun taf x'diġà sar u fejn tista' żżid u meta żżid fl-attivitajiet tagħha.

Ħaġa oħra importanti li persuna, kemm jekk mara jew raġel, għandha tkun taf minn qabel ma tibda sessjoni ta' taħriġ fiżiku hija x'tip ta' ikel jgħin għal dak li tkun ser tagħmel. Huwa importanti li jekk persuna tkun ħadet id-deċiżjoni li tibda tmur timxi f'xi ġranet partikolari matul il-ġimgħa, qatt m'għandha tmur timxi fuq stonku vojt speċjalment jekk il-mixi jsir filgħodu kmieni mas-sebħ tal-ġurnata. Wara lejl ta' rqad li għal raġunijet ovvji l-ġisem ikun mistrieħ, ikun hemm bżonn li nieklu xi ħaġa ħafifa qabel il-mixja. Ħadd ma jrid li waqt li jkun qed jimxi jagħtih ħass ħażin jew sturdament. Huma affarijiet li jiġru imma bi ftit attenzjoni nistgħu faċilment nevitaw. Kull ikel li nieklu huwa xi forma ta' karboidrati (*carbohydrates*), proteini (*proteins*) jew xaham (*fats*). Dawn dejjem irridu jittieħdu b'mod bilanċjat u b'sens ta' moderazzjoni. Dejjem niftakru li dak kollu li nieklu u nixorbu ġisimna se jużah b'xi mod jew ieħor. Jista' jintuża b'mod tajjeb. Iżda jista' jagħti l-każ li ċertu ikel jagħmel aktar ħsara milli ġid. Mela persuna tista' tieħu xi tazza *orange juice* jew tazza ħalib qabel ma tmur timxi jew *jogging*. Mhux ideali li nieħdu kolazzjon sħiħ qabel sessjoni ta' taħriġ. Dan għax jekk l-istonku jkun mimli u tqil, il-ġisem ma jkunx jiflaħ għal ammont ta' movimenti żejda.

Jekk persuna tkun ħadet id-deċiżjoni li tagħmel eżerċizzji fiżiċi filgħaxija xorta trid toqgħod attenta x'tiekol u liema huwa l-aħjar ħin biex tiekol. Forsi għal ħafna nies din tinstemà bħala xi ħaġa ovvja. Imma huwa fatt li jeżistu nies li qabel ma jmorru jimxu filgħaxija, jieħdu deċiżjoni żbaljata u jieklu ikla. Dan mhuwiex il-mod tajjeb jekk aħna rridu li saħħitna tkun aħjar. Il-metaboliżmu mhux ta kulħadd huwa l-istess. Hemm differenzi kbar bejn ta' kemm il-ġisem idum biex jaħraq l-ikel, ta' kemm il-muskoli jieħdu il proteini meħtieġa ħa jkunu preparati għall-eżerċizzju u anke fatturi fiżiċi oħra. Hemm min jagħżel li jieħu xi frotta qabel ma jibda f'dak li jkun ippjana. Hemm min jieħu ftit *dried fruit* imma jixrob ħafna ilma.

Dawn huma affarijiet tajbin li żgur li jgħinuna ħafna għall-eżerċizzju. Kemm qabel, waqt u wara li jkunu sar dak li kellna ppjanat, huwa utli ħafna li nixorbu ħafna ilma. Huma bosta l-benefiċċji li l-ilma jagħmel. L-ilma li nixorbu jgħin fl-ammont ta' kaloriji li l-ġisem għandu bżonn u minn liema ikel dawn jittieħdu.

L-ilma huwa għodda importanti ghall-muskoli kif ukoll jgħin biex innaddfu ġisimna minn dawk l-affarijiet li ma jkunux qed jagħmlulna l-ġid. Persuna adulta għandha tixrob medja ta' tliet litri ilma kuljum. Dan għandu jsir mhux fis-sajf biss li minħabba raġunijiet ta' temperatura għolja nibdew inħossu s-sħana, iżda anke fix-xitwa. Aktar kemm indarru lilna nfusna minn età żgħira nixorbu l-ilma, inqas problemi jkollna meta nibdew nikbru fl-età. Għalhekk meta nkunu se nibdew nagħmlu xi eżerċizzju fiżiku tkun ħaġa għaqlija jekk

magħna dejjem ikollna mqar flixkun ilma żgħir ħalli dejjem insibu x' nixorbu.

Għal dawk il-persuni li għad għandhom xi dubji ta' kemm vera huwa effettiv l-eżerċizzju fiżiku meta dan isir b'mod regolari, wieħed jew waħda għandha tiftakar li nofs siegħa ta' eżerċizzju kuljum ghal 5 darbiet fil-ġimgħa jaħraq bejn 700 u 1000 kalorija. U dan qed insemmu biss 150 minuta ta' eżercizzji fil-ġimgħa għal persuna li tiżen 60 kilogramma. Qed insemmi l-piż tal-individwu għax dak huwa fattur importanti ħafna. Huwa fatt magħruf u li diversi studji urew li hemm relazzjoni soda ħafna bejn persuna li tagħmel eżerċizzju fiżiku b'mod regolari u r-rata baxxa ta' riskji li jwasslu għal xi marda jew oħra. Bl-ebda mod ma rrid infisser li mara li tagħmel it-*training* kuljum ifisser li ma timrad qatt. Irridu nkunu saqajna mal-art u ngħidu li l-mard huwa xi ħaġa li ħadd u xejn m'għandu kontroll totali fuqu. Imma il-fatt li persuna tkun involuta f'eżerċizzju fiżiku huwa mod li jwassal li ċertu mard ikun evitat. Billi nieklu ikel bħal ħxejjex u frott biss, ma nkunux qed nagħmlu ġid biżżejjed lil ġisimna. Biex il-ġisem jaħdem aħjar, hemm bżonn ta pjan realistiku ta' eżerċizzju fiżiku. Meta persuna tħossha aħjar dak ikun ifisser li anke l-atteġjament tagħha jkun aħjar. Dan għaliex wieħed mill-benefiċċji tal-isport u eżerċizzju fiżiku huwa li anke mentalment inkunu qed nissaħħu. F'Malta r-rata ta' nies li jbatu minn xi forma jew oħra ta' dipressjoni mhix baxxa.



Jeżistu diversi kuri għal din ir-realtà. L-eżerċizzju fiżiku huwa kura li żgur tħalli mpatt pożittiv fuq dik il-persuna li tkun tbati minn din il-kundizzjoni. Apparti minn hekk, l-eżerċizzju fiżiku hija xi ħaġa ta' b'xejn. Kulma hemm bżonn huwa li persuna tkun determinata u konvinta minn dak li se tkun qed tagħmel.

Il-prevenzjoni hija dejjem aħjar mil-kura. Aktar kemm nibdew kmieni fil-ħajja tagħna li nkunu nvoluti f'xi sport jew eżerċizzju fiżiku, aktar inkunu qed inkabbru i-ċansijiet tagħna li ngħixu stil ta' ħajja li żgur inkunu kuntenti biha. Kull attività fiżika li nagħmlu dejjem tkun qed tgħinna b'xi mod jew ieħor. Dejjem inżommu f'moħħna li rridu nkunu aħna stess li niddeċiedu li nagħmlu l-ewwel pass. Persuni ottimisti jgħixu aħjar. Dan huwa frott ta' ħajja li tinkludi diversi attivitajiet fiżiċi. Meta nkunu qed nagħnlu xi eżerċizzju fiżiku, hemm bżonn li nkunu qed nieħdu pjaċir f'dak li jkun qed isir għax ħadd ma jieħu gost jagħmel xi ħaġa kontra qalbu. Dik il-persuna li tkun ħadet deċiżjoni għaqlija li twassal għal stil ta' ħajja bbażat fuq eżerċizzju fiżiku jew xi forma oħra ta' sport fuq bażi regolari, żgur li ma tħosshiex iddispjaċuta bid-deċiżjoni li tkun ħadet għax il-benefiċċji huma ħafna u li jwasslu għal ħajja aħjar.

Kun parti mill-banda tiegħek u ssieħeb membru fis-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema" biex tgħinna nkomplu mexjin 'il quddiem għall-ġid tiegħek u tal-Imġarr kollu


SOGNO BAGNO
Offers on Bathrooms and Floor Tiles
157, College Street, Rabat, Malta.
Tel. No. 2145 1032
Mobile No. 9947 2750
jg375@maltanet.net


RFL
TOWING SERVICE
24-hour service
Mob: 99579240
99451593
Email: rflt@go.net.mt
www.rfltowingmalta.com




**P & C Galea (il-Palmier)**

General Excavation & Demolition
Works. Suppliers of Beams
& Old Building Stones.

**99494154**
**99473250**



# MĠARR SPECIALITY FRESH

Triq il-Kbira, L-Imġarr
Mob: 79305097
Fejn issib frott u ħaxix frisk kuljum kif ukoll groceries.

Ħinijiet tal-ftuħ: Mit-Tnejn sas-Sibt:
7am san-12.30pm u 4pm sas-7pm
Il-Ħadd mid-9am sa nofsinhar.
Sibna fuq facebook **Tal-Gabillot Local Fruit & Vegetables**



# MIFSUD BROTHERS

81-83 TRIQ BASKAL BUHAGIAR - MOSTA

BUILDING CONSTRUCTION
BUILDING ALTERATIONS & RESTORATIONS
LARGE AND SMALL MACHINERY
DRUM CUTTER
DEMOLITION
TRENCH WORKS
CONCRETE BREAKING
DIGGING OF SWIMMING POOLS,
BASEMENTS & ROTTARY CUTTING WORKS
EXCAVATION (bi-idejn u bil-magni)



**JACKHAMMER WORKS**

99470861
99458658
79422025



# MUSCAT

## POOL CONSTRUCTION

*Specialising in Pool & Spa Construction, Finishing & Repairs*
*Roof Top or In-ground Pools*

• PENTAIR Pool Equipment • REVIGLASS Mosaic glass
• Copings & Tiles – Marble or Ceramic
• Naturalchlor Salt Chlorination Systems
• HIDROTEN Pool Fittings

**MUSCAT POOLS CONSTRUCTION & SUPPLIES LTD.**

**Phone:** 21 582761 **Fax:** 21 586242 **Mob:** 99457491 / 79258227
**Email:** pools@muscatpools.com **Web:** muscatpools.com

natural chlor
AIS EUROPEAN BRANCH











LINK
... the link between music and musicians
SONOR
Have you always wished to learn the piano?
ROLAND DIGITAL PIANOS is your answer!


NENU THE ARTISAN BAKER
ST. FREDERICK
MERCHANT'S STREET
ST. PAUL'S STREET
ST. URSULA STREET
ST. DOMINIC STREET
WE ARE HERE
Nenu The Artisan Baker is a unique outlet serving traditional Maltese Dishes using fresh ingredients, in the ambience of an original restored bakery.
Go back in time and get a feel of how the bread was produced in the old days. One can also participate in practical demonstrations to prepare the Ftira, baked in an authentic stone oven.
Nenu the Artisan Baker is part of MAYPOLE group
Nenu The Artisan Baker - 143, St. Dominic Street, Valletta T: 22581535
E: info@nenuthebaker.com www.nenuthebaker.com


Hair-a-Holic
Unisex Hair Salon
by Adèle City & Guilds Qualifications
15, Fisher Road, Mġarr - Malta.
Tel: 2157 0949 • Mob: 9986 5219
We ❤ your hair!

EXCAVATIONS

www.nmexcavations.com

## Neville Montebello

for all types of

## Demolitions and Excavations

Trench Works | Rotary Cutting

t. 21414960 m. 79448023

nmexcavations@yahoo.com

Bien Aimee, Incoronation Street, Mosta MST 1627, Malta

HBR hairdressing, was founded nearly 15 years ago by Rose Marie Camilleri. There's nothing intimidating about Rose eponymous salon, It is a friendly home away home. Stylist **Cymthia Muscat** and clients like gabbing away to each other over a cup of tea and biscuits, or a drink on Friday eve, when we close at 9 pm.
A complete designer classy look atmosphere while you can relax on a cool leather basin having a facial and scalp treat. If you need of a one off transformation, her make over is worth the €50. It includes a cut, full colour and finishing.
Rose is also known for setting bridals hair, complete the red carpet look with some serious luxurious hair extensions.
A good special offer is the restyle by Cynthia. This cost only few euros and service is offered on Mondays, Tuesdays and Wednesday mornings till 2 pm.
A good discount applies as well to those who make their hairstyle weekly or simply mention the feast of 2013.



**HBRhairdressing**
Rose Marie Camilleri
**Triq il-Majjistral L-Imġarr**
**Tel: 21570810 Mob:99879263**
Find us on Facebook HBRhairdressing


NEWWES
Newwes Garage
Prop. Horace Spiteri
A Wide range of Wedding Cars for Hire • Taxi Service • Mini Bus Service 24 Hours a Day • Rent Cars
NEWWES
NEWWES
NEWWES
NEWWES
Triq Alfred Cachia Zammit, Żejtun Tel: 21 693247 / 21 694212 • Mobile: 9949 8829

# Old Trafford Garage

## Minibus Services & Taxi Service



Ramiro Cali Street, L-Imġarr.

*Prop. Joe Schembri*

**Mob: 99498730**



# PET STATION

Pet Shop

Tel: 2157 9379 Mob: 9928 0082

email: jeffs@onvol.net 39, Fisher Road, Mgarr


The Exiles
The Exiles, Tower Road,
Sliema, SLM 1601
t. 21344771
m. 79442223
e. info@thexiles.com.mt
w. www.thexiles.com.mt




**Hear more out of life!**





Choosing a hearing aid is easy when you ask the experts. We give free advice!

DRUGSALES
LIMITED
Russell Buildings, Naxxar Road, Lija.
Tel. 21 419070/1/2

**SALARY** ACCOUNT

# JIENA NEMMEN **F'AKTAR BENEFIĊĊJI MAS-SALARJU TIEGĦI**



**RATI PREFERENZJALI FUQ KONTIJIET TA' DEPOŻITU U SELF**

## BANIF BANK JOFFRILI PAKKETT FINANZJARJU BIEX NAGĦTI AKTAR VALUR LIS-SALARJU TIEGĦI

Uħud mill-vantaġġi tas-Salary Account jinkludu:
- Interessi ogħla fuq il-kont kurrenti;
- Rati preferenzjali fuq kontijiet ta' depożitu u ta' tfaddil;
- Rati favorevoli fuq self; u
- Banif Credit Card b'xejn għall-ewwel sena.

www.banif.com.mt

BANIF BANK

*The power of believing*


Debono CAR CENTRE
Your Car Your Way
Carmel Str., Fgura FGR 2109 - Malta
(Opp. Bulebel Industrial Area)
Tel: 2189 5775 - Mob: 9949 0775 - 79278232
Email: info@debonocarcentre.com
WWW.DEBONOCARCENTRE.COM
At Debono Car Centre we specialise in high-graded UK Imports. A vast range of vehicles at fantastic prices guaranteeing you will receive Great Value for money.
We stock a variety of types of second hand vehicles for every use, always in excellent condition and reasonably priced. Whether you want to part-exchange your car or purchase a high quality second hand vehicle a visit at our showroom should not be missed where stock is received on regular basis.


Carol Garage
Auto Car Centre
99853309
Car Mechanic - Panel beater &
Sprayer - AC/Car Diagnostic
Toyota and Lexus Diagnostic
(Intelligent Tester)

# Il-Kunsillier **Clayton Gauci**



Jixtieq jawgura
l-festa t-tajba
lill-Imġarrin
kollha.



Kull min jixtieq jagħmel kuntatt ma' Clayton jista' jagħmel dan
fuq 9987 1185
jew claytongauci86@gmail.com




AutOmax
PANEL BEATING & SPRAY PAINTING

Gudja Industrial Estate,
Tarxien Road,
Gudja
**Tel: 2166 1149**
**Mob: 9947 2196**

e-SCAPE
TOTAL LANDSCAPING SOLUTIONS

create attractive
**outdoor environments.**

A WIDE SELECTION OF PAVING AVAILABLE FROM OUR NATURALSTONES & FLEXIPAVE RANGE



Mikesand, Industrial Zone, Ta' Qali, ATD 4000
Free consultation 99 446 294
e. info@attardbros.com w. www.e-scapemalta.com

ATTARD BROS
GROUP OF COMPANIES
HARD LANDSCAPING



# ANNA MART JOE FALZON UNDERTAKER
# TAL-FUNERALI TAL-MOSTA
# NIGHT & DAY SERVICE

| | |
|---|---|
| **Garage Hire Service:** | **10, 14, Bridge Street, Mosta.** |
| **Undertaker Service:** | **29, 31, 33, Bridge Street, Mosta.** |
| **Residence:** | **Rosemarie, 35, Bridge Street, Mosta.** |
| **Office:** | **39, Bridge Street, Mosta.** |

**Telephone: 21411207 - 21411828**
**Fax: 21420877**
**Mobile: 99490142 - 99498056**




framegrip LTD
Mosta Road, Lija, LJA 9010, Malta
tel: +356 2141 9787/8 - 2143 4948
fax: +356 2141 9862
Architectural Aluminium
web: www.framegrip.com
email: frameind@maltanet.net


ZEBRA
WATER TANKS
Zebra Tanks
your LIFETIME water tank
Available at all leading
ironmongers and
stores in Malta and Gozo.
NEW
GAS COVERS
€39
Lm16.75
Promotional Price
€99.00
Lm42.49
500L
Trade inquires tel .......79090309


DESANA
GRANITE & MARBLE WORKS
www.desanamarbles.com
A Buskett Road, Dingli.
@ info@desanamarbles.com
M 99487776


OPENING SOON IN MĠARR
USASFUSO
DETERSIVI ALLA SPINA
Detergenti bl'uzin:
Laundry Detergents /Kg
Washing Powder /Kg
Fabric Softeners /Kg
Floor Detergents /Kg
Dishwashing liquids /Kg
Sgrassatore /Kg
And much more.........
GIB
IL-FLIXKUN MIEGHEK
TIFFRANKA INT !! U JIFFRANKA L-AMBJENT
Essentials – 65, St. Rita Street, Rabat, Malta - 21450910

# Żammitellu – Il-Leġġenda, il-Personalità u l-Kastell

Kitba ta' Mario Vassallo

## Daħla

Fl-inħawi tal-punent tal-Imġarr, mat-triq li mir-raħal twasslek għall-Ġnejna hemm binja għaliha waħida magħrufa bħala l-Kastell ta' Żammitellu. Forsi wieħed jistaqsi min seta' kien dan Żammitellu jew dwar l-arkittettura ta' dan il-kastell. Però l-aktar li hu magħruf, il-kastell ta' Żammitellu hu minħabba leġġenda ħelwa li tingħad dwaru.

## Il-Leġġenda

Il-leġġenda tgħidilna kif dan il-kastell kien bnieh u mar joqgħod fih wieħed baruni mlaqqam Żammitellu. Bħala familja, dan kellu tifla waħda, Luċija. Din kienet miġjuba minn kulħadd fir-raħal għax minbarra li kienet gustuża, kienet ta' qalb tajba w umli. Meta bdiet titfarfar ħafna ġuvintur mir-raħal u m'humiex kienu xtaqu jiżżewġuha imma hi qatt ma aċċettat. Mill-banda l-oħra, missierha kien xi ftit jew wisq xħiħ u ħsiebu biex ikabbar il-ġid li kellu. Fil-fatt kien ta' spiss jgħidilha biex tiżżewweġ lil xi żagħżugħ għani.

Meta wasal iż-żmien tajjeb, missierha qalilha li xtaqha tiżżewweġ lil wieħed minn ħbiebu, Sqalli, negozjant tal-qamħ u l-qoton. L-aħbar malajr xterdet mar-raħal u bdew il-preparamenti tat-tiżjin kemm fil-kastell kif ukoll fir-raħal. Kulħadd kien ferħan minbarra Luċija li baqgħet ma tistax taċċetta dan iż-żwieġ.

Wasal il-jum tat-tieġ. In-negozjant ġie minn Sqallija flimkien ma xi qraba u ħbieb tiegħu. Fil-kastell kollox kien lest u ċ-ċerimonja waslet biex tibda. Kulħadd kien qiegħed jistenna lil Luċija li f'dik il-għodwa ma kienet dehret imkien. Marru jfittxuha f'kamritha u ma sabu lil ħadd. Fittxew ukoll fil-ġnien imma kien għalxejn. Luċija kienet għosfrot. Kien hemm min ħaseb li setgħu serquha xi furbani li kienu niżlu l-Ġnejna dak il-lejl. Il-festa tat-tieġ sfaxxat u n-negozjant Sqalli reġa' telaq minn fejn ġie.

Għaddew il-ġimgħat u anke x-xhur. B'Luċija nieqsa mill-kastell, il-baruni għamel f'qalbu, marad u miet. Ġara li għodwa waħda nstemgħet il-qanpiena tal-knisja ddoqq. L-irġiel ħarġu jaraw x'ġara għax ħasbu li kienu niżlu l-furbani u kienu telgħin lejn ir-raħal biex jisirqu kull ma jsibu. Iżda dan ma kienx il-każ. Minflok indunaw li mill-knisja kien ħiereġ raġġ ta' dawl qawwi u x'ħin marru jittawlu jaraw li dan kien ġej min-naħa tal-artal. Resqu eqreb lejn id-dawl u ndunaw li f'nofs id-dija kien hemm



Il-Faċċata tal-ktejjeb tal-Leġġenda ta' Żammitellu

soru li ma kienet ħadd għajr Luċija, it-tfajla tal-kastell.

Din qaltilhom dwar kif dakinhar tat-tieġ kienet ħarbet u daħlet mas-sorijiet. Bħala soru ntbagħtet f'artijiet imbiegħda fejn kien hemm il-gwerer. Hemm hekk kienet tikkura u ssabbar lill-feruti. Damet tagħmel dan ix-xogħol sakemm laqtitha vleġġa u ħallietha mejta.

X'ħin Luċija qaltilhom ġrajjietha, kemm xbihetha u kemm id-dija għebu. In-nies baqgħu mbellħin b'din il-ġrajja tant li baqgħu jirrakkuntawa sal-ġurnta tallum.[1]

Din hi l-leġġenda ta' Kastell Żammitellu. Ta' min jgħid hawn hekk kif din il-leġġenda tista' tqajjem ċertu kurżitajiet dwar kif issawwret. Per eżempju, ġie nnotat li għalkemm din il-leġġenda ġiet ippubblikata fi ktejjeb u anke bħala artikli f'xi rivisti, l-anzjani Mġarrin ftit li xejn jafu dwarha jekk mhux minħabba li rrakkuntawhielhom fl-iskola. Dan iffiser li din il-leġġenda ma oriġinatx mir-raħal imma minn fost il-klassi tal-għonja.

Kurżità oħra hija dwar il-baruni li bena l-kastell. Dan għaliex ma kien hemm ebda baruni mlaqqam Żammitellu. Mela min kien Żammitellu li bena l-kastell?

## Personalità

Joseph Nicola Zammit twieled fl-1771. Dak iż-żmien il-gżejjer Maltin kien għadhom taħt il-ħakma tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann. Dan l-Ordni ċediet Malta lill-Franċiżi ta' Napuljun Bonaparti fl-1798. il-Franċiżi ma damux wisq jaħkmu lil Malta għax wara sentejn ġew imkeċċija mill-Maltin stess. Fl-1800 il-Gżejjer Maltin għaddew taħt il-ħakma Ingliża. Kien minn hawn 'il quddiem li Zammit, li kien magħruf ukoll bhala Żammitellu, beda jkun magħruf mal-awtoritajiet.



(meħud mill-ktieb ta' A. E. Abela 'The Order of St Michael and St. George in Malta')

Fl-ewwel snin tal-ħakma Ingliża, nsibu li Zammit kien inħatar pro-segretarju tal-kummissarji ċivili (għax Malta kienet għadha ma saritx kolonja Ingliża) Sir Alexander Ball (1799 – 1809) u Sir Hildebrand Oakes (1810 – 1813 ). Zammit kompla f'dan ix-xogħol anke mal-gvernatur Sir Thomas Maitland (1813 – 1824 ). Meta fl-1814 Maitland kien għamel riforma fil-qrati tal-ġustizzja, hu ħatar lil Joseph Nicola Zammit bħala mħallef fil-Qorti Superjuri.[2]

Fl-1818, il-Gvernatur Maitland waqqaf l-Ordni ta San Mikiel u San Ġorġ bil-għan li jingħata ġieħ u mertu lill-persuni li jkunu ddistingwew ruħhom f'xogħolhom. Fis-16 ta' Diċembru 1818, l-imħallef Sir Joseph Nicola Zammit kien it-tielet Malti fost l-ewwel grupp ta' żewġ Ingliżi u tliet Maltin li ġie msejjaħ għall-investitura u maħtur *Knight Commander* (KCMG) f'din l-ordni.[3]

Wara dan, Maitland, li kellu stima kbira għall-Imħallef Zammit, innominah għal membru tal-Kunsill Suprem tal-Ġustizzja u fl-1820 Viċi President tal-Qorti tal-Appell.[4]

F'Jannar tal-1822, Sir Joseph Nicola Zammit kien inħatar wieħed minn żewġ kummissarji biex jistħarrġu l-fatturi relatati ma xi każi ta' fallimenti. Fl-istess sena, mar l-Ingilterra mal-Gvernatur Maitland biex jiddiskutu mal-Awtoritajiet Ingliżi xi riformi meħtieġa fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja. F'Jannar tal-1823, Maithland ħatar lill-Imħallef Zammit bħala membru fil-Kummisjoni li kellha tistħarreġ l-istat tal-Università.[5]

Sir Joseph Nicola Zammit miet fid-dar tiegħu, fejn illum jinsab il-*Wembley Stores*,[6] fil-Belt Valletta, nhar is-7 ta' Settembru 1823, fl-età ta' 52 sena. Fuq ix-xewqa tal-familjari



L-irħama li turi l-post fejn hu midfun Żammitellu

tiegħu u bil-permess tal-awtoriitajiet ekklesjastiċi, hu jinsab midfun fil-kappella ta' San Sebastjan li tinsab fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, fil-belt Valletta. Ta' min jgħid li l-Imħallef Zammit hu wieħed minn erbgħa Maltin biss midfuna fil-Kon-Katidral u l-aħħar wieħed li ndifen f'dan it-tempju maestuż.[7]

Meta miet Zammit, inzerta li l-Gvernatur Maitland ma kienx Malta, iżda meta sar jaf mal-wasla tiegħu f'Novembru, ordna li jsirlu monument minn fondi pubbliċi. Il-monument, li twaqqaf fl-1824, jinsab fil-Barrakka ta' Fuq. Dan jirrappreżenta lil Sir Joseph Nicola Zammit fuq siġġu tad-dinjitarji qiegħed ifisser il-liġi. Dan is-siġġu jinsab merfugħ 'il fuq fuq bazi kwadrata li fuq kull naħa tagħha hemm iljun. Dawn l-iljuni kienu ġew ikkupjaati minn fuq wieħed ta' Canova li jinsab f'Ruma. Dan il-monument, li kien iddisinjat minn George Whitmore inħadem mill-iskultur Vincenzo Dimech (1758 – 1831) għall-istatwa u minn kuġinuh Ferdinand Dimech għall-iljuni.[8]

## Il-Kastell

Kien dan Żammitellu li f'xi żmien qabel tmiem is-seklu tmintax bena l-kastell li baqa jġib ismu. Xi għidut tan-nies tal-post kienu jgħidu li dan il-kastell inbena mix-xjaten u għajdut iehor jgħid li nbena f'lejl. Il-ġebel għall-bini tiegħu hu magħruf li nqata' mill-post jiġifieri l-ġebel tiegħu hu ġebel tal-qawwi.[9] L-arkittetura tal-kastell hija fuq stil Romanesk u d-dehra tiegħu tagħtik x'tifhem li nbena bħal xi residenza ffortifikata minħabba li għandu twieqi żgħar tondi fil-għoli, erbgħa gardjoli (waħda f'kull kantuniera) u turretta fuq il-bejt. Kien mifhum li dan il-kastell nbena fuq dan l-istil biex jilqa' għall-



Il-Kastell Żammitellu



attakki tal-furbani li kienu jinżlu l-Ġnejna, kemm għalih u kemm għar-raħal. Iżda l-istudjuż tal-fortifikazzjonijiet Maltin Stephen C. Spiteri jgħidilna xorta oħra.

Il-kastell Żammitellu, għalkemm mibni b'arkittetura ta' fortifikazzjoni qatt ma ntuża għal dan il-għan. Kienet il-mentalità ta' dak iż-żmien li s-sinjuri tal-artijiet kienu xewqana li fuq l-oqsma tagħhom ikollhom xi torri jew binja ffortifikata, kemm jekk sħiha jew anke mġarrfa, biex arthom tiġi stmata li kellha parti mill-istorja ta' Malta. Bara minn hekk il-ħitan tiegħu mhumiex b'saħħithom biżżejjed biex jifilħu għall-isparar tal-kanuni li normalment ikunu fuq il-bejt ta' xi torri tal-għassa.[10]

Però, kollox ma kollox, il-Kastell Żammitellu xorta għadu jiddomina x-xaqliba tal-punent tar-raħal tal-Imġarr u joħloq ċertu awtorità fuq l-inħawi. Il-preżenza tiegħu hija ħolqa oħra fil-katina tal-istorja li sawru lir-raħal tagħna, l-Imġarr.

**Referenzi**


1 Pawlu Mizzi, (2001) Leggendi Maltin: It-Tfajla ta' Kastell Zamitellu, Klabb Kotba Maltin
Gorg Mallia, (1980) Maltese Folk Tales – The Legend Of Castel Zamitello, in Heritage 32 Miodsea Books Ltd, pg 638-640

2 Michael J. Schiavone, (2009) Dictioary of Maltese Biographies, Pubblikazzjoni Indipendenza, pg 1675

3 A. E. Abela, (1988), The Order of St. Michael and St. George in Malta and Maltese Knights of the British Realm. Progress Press, Malta pg 15,16

4 Winston Zammit, (1979), Portrait Gallery, Sir Joseph Nicholas Zammit f'Heritage Magazine No 26, Midsea Books Ltd, pg 522

5 Ibid, pg 522

6 Taghrif orali minn Dr. Mario Buhagiar,

7 Michael Galea, (2011) Valletta, Allied Publications, Progress Press, pg 102-104

8 Ibid. pg 104

9 Taghrif orali minn membri tal-familja tal-konti. Carmel Testa, 1997, The French in Malta, Middsea Books Ltd, pg 70

10 Stephen C. Spiteri, (2007) Fortress Malta 360 Degrees, Miranda Publishers, Malta, photo 56



Inħarsu l-festa tagħna b'dinjità u devozzjoni lejn il-Patruna tagħna

Santa Marija Mtellgħa s-Sema





Nails by Alison

**Mob: 99465229 Tel. 27465229**

Sir Temi Zammit Street, Żebbiegħ. L/O L-Imġarr

Specialising in gel extensions, Pedicures & Manicures
Gelish on hands & Toes

Open by appointment nicleah@hotmail.com

tomabnina@gmail.com
(+356) 99855261 / 99479721

Tomabnina
WINE
Room

NO.2, TRIQ DUN EDGAR C/W SQAQ NRU. 1,
MGARR, MALTA

# TAL-QIEGHA

SNACK BAR

***Specialising in Appetizers***

**Clint Zahra**

*proprietor*

**100, Tal-Qiegħa, Fisher Road,**
**Mġarr MGR 1537 – Malta.**
**M: 9986 2746**
**T: 2157 0076**

# Ir-Raħal Ta' Skorba



Kitba ta' John Sarè

Fil-Ktieb tan-Noti nru lV, Temi Zammit kiteb, li hu, flimkien mas-Sur Carmel Rizzo, żaru Skorba u ħa nota ta' ħaġra kbira li kienet feġġet fuq wiċċ l-art.

Indunaw ukoll li kien hemm ġebel ieħor, aktarx megalitiku, li wkoll kien jidher ħiereġ minn taħt l-art. Ġabru xi fuħħar li kien imxerred l'hawn u l'hinn. Man-nota ta' fuq żied din is-sentenza "li jkun interessanti ħafna kieku kellu jiġi skavat". Dan kollu ġara lejn l-aħħar tas-sena 1914. Fis-snin 1914-1915, Temi kien għaddej bl-iskavi tat-Tempji ta' Ħal Tarxien.



Qatt s'issa, daqs Skorba, l-kxif ta' fdalijiet tal-Qedem ma' wrew importanza daqshekk kbira, daqs kemm tatna din il-biċċa art. Dan il-qasam kien użat wisq qabel ma' nbnew it-tempji, qed nitkellmu bejn l-5200 u l-4500 sena Q.K., żmien li hu magħruf bħala Fażi Għar Dalam. Mhux talli hekk, imma baqa' ukoll jintuża fi Żmien il-Bronż Tardiv. L-aktar li nistgħu nitkellmu fuqu huwa n-Neolitiku Tardiv. Kif ser naraw aktar 'il quddiem, żewġ għarajjex li jmorru lura bejn l-4500 sa 4100 Q.K., għadhom magħna. Qabel it-tempji kien hemm raħal, li l-għamla tiegħu sparixxiet maż-żmien. Ir-raġuni hi li fuq dan l-irħajjel, inbnew it-tempji u wkoll minħabba t-twaqqif tal-għelieqi.

Skorba hu isem ta' grupp ta' għelieqi li jinsabu fin-niżla tal-għolja taż-Żebbiegħ, fil-Majjistral ta' Malta. It-tempji tal-Imġarr jinsabu 290 metru 'l bogħod minn Skorba. Il-bajja tal-Ġnejna hi biss 1170 metri l-bogħod. L-għażla ta' dan il-post kienet influwenzatha mill-ħamrija fertili li kienu joffru dawn l-inħawi u minn nixxiegħa ta' ilma li kienet għaddejja ftit 'il bogħod mill-għelieqi.

L-ewwel ma' laqat l-attenzjoni ta' dan is-sit kienet ħaġra ta' 4 metri għoli li meta nkixfet instab li kienet menhir. Fl-1937, il-Kaptan Charles Zammit, it-tifel ta' Temi Zammit, mar fuq il-post u beda l-iskavi fuq parti żgħira madwar il-Menhir. Tħaffret trinka u mill-ewwel bdiet tagħti riżultati tajba minħabba l-biċċiet tal-fuħħar li beda jitfaċċa. Beda jħaffer trinka oħra ftit 'il bogħod mill-menhir. Waqt it-tħaffir tat-trinka, tfaċċat blata kbira minduda u li kienet imżejna b'dekorazzjonijiet preistoriċi. Min din il-blata il-Kaptan Zammit induna li taħt il-ħamrija kien hemm mirduma strutturi megalitiċi.

Il-pass li kien jmiss, kien li l-Gvern jieħu taħt idejh dak is-sit. Fil-fatt hekk sar. Minħabba li fil-baġit li kien diġà ġie ppreżentat, ma kienx hemm ivvutati fondi għal dan l-iskop, it-trinka

reġgħet intradmet u l-art ġiet ikklassifikata bħala sit potenzjali ta’ strutturi megalitiċi.

Kellhom jgħaddu kważi 30 sena biex Skorba terġ’ tiġi fl-aħbarijiet. Fl-1961, il-Professur David Trump, li kien il-Kuratur tal-Mużew tal-Arkeoloġija, beda l-iskavi li ġew maqsuma fi tliet oġġettivi prinċipali. Dawn kienu li

a) dawn l-iskavi kellhom jagħtu ndikazzjoni fuq ir-reliġjon u l-kult ipprattikat fit-tempji Maltin
b) li nsiru nafu fil-fond fuq il-fażi bikrija tal-Preistorja Maltija li ma kinitx murija kif jixirqilha fil-Mużew tal-Arkeoloġija (dak iż-żmien)
ċ) li jinstab materjal biżżejjed biex dan ikun jista jiġi datat permezz tar-“Radio-carbon”.

Trump beda jħaffer mingħajr ma’ kien hemm il-flus. Iżda wara biss tliet xhur ta’ skavi tfaċċa tempju fil-forma tat-tliet werqiet – trefoil.. Mhux dan biss, iżda mill-ewwel kellna ndikazzjoni ċara li dan it-tempju kien użat minn tliet komunitajiet differenti, li flok ma’ ħattew u bnew għalihom, għamlu użu minn dak li diġa kien hemm. Dawn iċ-ċiviltajiet kienu mill-Fażi tal-Ġgantija; mill-Fażi ta’ Ħal Tarxien u mill-Fażi taċ-¬imiteri ta’ Ħal Tarxien. Aktar ma saru skavi aktar instab fuħħar ta’ Żmien Għar Dalam u Fażi Żebbuġ. Għaldaqstant il-fuħħar ta’ Għar Dalam u l-Fażi Żebbuġ ġie kklassifikat bħala Fuħħar ta’ Skorba. Ix-xogħol tat-tħaffir tkompla minħabba għotjiet ta’ flus minn individwi u organizzazzjonijiet, kemm Maltin u kemm barranin.



Skorba ħolqot il-problema ta’ min ġie l-ewwel, jiġifieri Skorba jew Imġarr jew Kordin lll jew Santa Verna. Għalhekk ix-xogħol fuq Skorba waqaf u beda it-tħaffir fuq is-siti msemmija. Imma fi Skorba sar it-tindif meħtieġ li s-soltu jġib miegħu tħaffir tat-trinek. F’Ottubru tal-1962, reġa’ beda it-tħaffir tat-trinek fi Skorba u wara ħames ġimgħat, Skorba tatna tempju ieħor u akbar li kien fuq in-naħa tal-Lvant.

F’April tal-1962, skavi ’l hemm mit-tempju kienu kixfu ħajt li kien qabel it-tempji mibnija. Kien ħajt twil ħafna li minnu 11-il metru biss setgħu jinkixfu. Instabu żewġ nagħġiet moderni midfuna f’tarf il-ħajt. Ma kienx possibbli li jsiru skavi aktar fuq il-ħajt minħabba li kien ikollha titwaqqa’ apside mit-tempju. Instab ħafna materjal li kieku jiġi eżaminat bit-teknika u x-xjenza moderna li għandna llum, kieku żgur li jagħtu tagħrif imprezzabbli dwar il-Preistorja Maltija u dwar l-ewwel bniedem li rifes fuq artna.



Taħt il-ħajt instabu midfuna żewġ nagħġiet moderni. Ma humiex taż-Żmien Preistoriku. Il-ħajt kien 80 ċm wiesa’, kien dobblu u fin-nofs taż-żewġ ħitan kien mimli bil-mazkal (frak ta’ ġebel u laqx). Instabu wkoll żrieragħ karbonizzati u faħam tal-kannol. Dan it-tip ta’ faħam jinqata’ bħala minerali

minn taħt l-art. Jiġi maqtugħ f'daqs ta' lapsijiet jew ġibs u jinbiegħ għan-nar. Dan it-tip ta' faħam idum jaqbad u idum jarmi sħana għall-ħin twil. Inqalgħu xi diffikultajiet mas-sidien tal-għelieqi, li fl-aħħar kienet instabet soluzzjoni u allura x-xogħol seta' jitkompla. Sorpriża oħra kienet li fi struttura barra minn fejn hemm illum il-"wire-netting", instabet " refuse dump ".

Dan il-ħajt kien mibni minn ġebel kbir, mhux maħdum u poġġut b'mod irregolari. Mit-tip tal-art ta' madwaru jista' jagħti l-kas li din kienet kamra waħda kbira fejn kien jiltaqa' kulħadd, fejn kien isir it-tisjir, fejn kien isir ix-xogħol ta' kuljum min-nisa u fejn kien isir l-irqad. Dawn it-tipi ta' kmamar komunali għadhom jeżistu sallum f'irħula Afrikani. B'xorti ħażina, illum ma baqa' xejn minn dan il-ħajt.

L-ewwel tempju li nkixef kien dak magħruf bħala t-trifolju, jiġifieri kellu l-forma tat-tliet werqat. Kien il-Kaptan Charles Zammit li fil-bidu tal-iskavi kien fehem li taħt dik il-ħamrija kien hemm strutturi megalitiċi. Warajh ġie David Trump u kompla fejn ħalla Zammit. Dan kien ifisser li kellu apside fuq kull naħa u kamra fit-tond fuq wara. Kont tidħol għalih minn passaġġ biċ-ċangaturi tal-ġebla li minnhom kien hemm sitta. Kellu faċċata nofs tond li minħabba li l-bdiewa żarmaw dan it-tempju, ma nistgħux inkunu nafu iżjed fuqu. Minn dak li baqa' minn dan it-tempju jidher li dan kien jingħalaq b'xi forma ta' xi bieb. Kellu wkoll numru ta' menhirijiet, li minnhom kollha, wieħed biss baqa'. L-art tat-tempju kienet kollha torba. Illum ftit li xejn baqa' minnha, minħabba li qabel kienu jidħlu n-nies u jduru mat-tempju kollu. B'hekk it-torba spiċċat.



It-tempju l-ieħor kien fil-forma li nafuha llum, jiġifieri għandek 4 apsidi u kamra tonda f'ras it-tempju. Il-ħitan ta' dan it-tempju ma għandhomx x'jaqsmu xejn mal-ħitan li naraw illum fit-tempji l-oħra. Fil-waqt li tal-lum huma fil-kwadru u maqtugħin b'ċerta finezza, dawn ta' Skorba kienu maqtugħin kif ġie ġie u sempliċiment poġġuti waħda fuq l-oħra. Meta tħares lejn dan it-tempju tinduna kemm hu fqir fil-kostruzzjoni tiegħu u ma' għandu x'jaqsam xejn mat-tempji tal-ġirien tiegħu, jiġifieri tal-Imġarr u tal-Imnajdra. L-art ta' dan it-tempju kienet magħmula minn tafal, imma l-anqas hawn ma' tara xogħol sewwa. Imma l-aktar li laqat l-għajn kienu menhirijiet poġġuti fil-ġenb ta' waħda mill-apsidi li żgur kienet tiffunzjona bħala niċċa għal dawn il-menhirijiet. Dawn kienu weqfin, dritti għall-aħħar u kellhom simetrija tal-għaġeb. Ħdejn dawn instab l-iskeletru ta' għasfur kbir ħafna u ħdejh bieqja li nqalbet wiċċha l-isfel maż-żmien. Minn dawn il-menhirs wieħed biss baqa' f'postu.

Meta spiċċa x-xogħol fuq l-iskavi u b'hekk inkixfu t-tempji u ġew eżaminati d-depożiti, ġie stabbilit mingħajr ebda dubju li Skorba kienet mgħammra bin-nies wisq qabel ma' nbnew it-tempji. Dan ifisser li dan is-sit kien diġà raħal. Il-ħasra hi, li bil-bini tat-tempji, intilef kważi għal kollox il-mezz li bih stajna nkunu nafu kemm ilu li dawn in-nies ġew Malta. Jista' jagħti l-kas li jekk isir tħaffir barra l-enclosure tat-Tempji, jiġifieri l-post fejn illum hemm it-triq, żgur li jinstabu traċċi ta' dan il-villaġġ.

Skorba hu l-uniku post f'Malta fejn nafu fiż-żgur li hu eqdem minn Żmien il-Bronż. Li wieħed ma jistax jifhem hu l-fatt li fil-waqt li dawn in-nies bikrin kienu jafu li l-ħamrija kienet

skarsa ħafna u li mill-banda l-oħra kellhom ħafna ġebel madwarhom, dawn in-nies għażlu li jiksu l-art tagħhom bil-briks magħmulin mill-ħamrija u tajn.

Fi ftit kliem Skorba biddlet is-sekwenza taż-żmien li biha konna mdorrijin. Is-sekwenza taż-Żmien illum qiegħda kif ser ngħid:

Għar Dalam
Skorba l-Griża (żmien ta' għaks)
Skorba l-Ħamra (żmien ta' ġid kbir)
Fażi Żebbuġ
Fażi Mġarr u Ġgantija – kien f'dan iż-żmien li t-tempji tal-Ġgantija biddlu l-kult reliġjuż tagħhom u bnewh kollu kemm hu fuq il-fertilità.

Hawn irrid ngħid li l-konfini tat-tempji ta' Skorba mhumiex kif jidhru llum; iżda huma akbar u jaslu sal-għalqa ta' ma' ġenbhom. It-trejqa li hemm hija parti mill-villaġġ ta' Skorba. Fl-għalqa ta' taħt il-ħajt li tmiss mat-trejqa, hemm fdalijiet ta' żewġ għarajjex, li l-art tagħhom tiġi taħt it-triq. Dawn l-għarajjex huma magħqudin flimkien permezz ta' passaġġ bl-art mgħottija bil-ġebel u ċ-ċagħak. L-għarix il-kbir kien 8.40 metri tul u 5.40 metri wiesa' Iż-żgħir kien 5.60 metru fit-tul u 3.20 metru fil-wisa'. L-art ta' dawn kienet fuq blat mikxuf minkejja li l-blat kien imħarbat. Il-ħitan kienu magħmulin minn ġebel ta' għamla rregolari sa għoli ta' 70ċm. Minn dan il-għoli 'l fuq kien mibni bi bricks tat-tajn li naturalment biż-żmien tfarfar u spiċċa għalkollox.



Kienu affarijiet misjuba fl-art ta' dawn l-għarajjex li taw lil Skorba l-Ħamra l-isem venerabbli ta' "l-Kappella ta' Skorba l-Ħamra " u lil dan is-sit. Dawn l-affarijiet li nstabu ma kienux ta' natura domestika li normalment insibu f'għarix li wieħed jgħix fih. Lanqas ma' kienu ta' natura funerarja għax ma nstabx għadam uman jew fdalijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ġisem tal-bniedem. Iżda dawn l-artifakts urew kult reliġjuż ibbażat kollu kemm fuq is-sess.

L-artifakts kienu sinjali sesswali taż-żewġ sessi li juru l-kult tal-fertilità. Billi kien hemm il-biża fost dawn l-ewwel abitanti tal-Gżejjer Maltin li kienu ser jibqgħu mingħajr tfal, dawwru ħajjiethom ma' kult reliġjuż sesswali. Din il-pre-okkupazzjoni tidher ukoll fit-tempji ta' Ħal Tarxien fejn hemm issib figura ta' animal femminili bi tlettax il-figura taħt iż-żaqq li jiffiguraw l-għerq tar-raġel. Barra minnhekk it-tlettax għandu x'jaqsam maċ-ċiklu tal-qamar u maċ-ċiklu tal-mara li t-tnejn għandhom tlettax fis-sena. Dawn kienu bdiewa u l-għajxien tagħhom kien jiddependi mill-fertilità tal-art, mill-fertilità tal-annimali u mill-fertilità tan-nisa kollha li kien hemm fil-komunità Parti kbira mill-artifakts li nstabu f'dawn l-għarajjex tinsab għall-wiri fil-kamra tal-istatwi fil-Mużew tal-Arkeoloġija. Dawn l-għarajjex ma kinux ħlief kappella fejn il-membri tal-komunità ta' Skorba l-Ħamra kienu jpoġġu offerti votivi, (partijiet intimi ta' ġisimhom) għas-sopravivenza tagħhom infushom.

## Skorba

Minħabba l-fatt li Malta kienet daqshekk viċin ta' Sqallija, ma setax jonqos li l-ewwel nies ma jiġux minn hemm. Ta' min jgħid li fil-qedem ma kienx hawn tniġġis fl-arja u b'hekk Malta kienet tidher sew minn Ragusa u minn Capo Passero.

Dawn in-nies ta' Sqallija qasmu lejn Malta fuq ċattri. Kienu bdiewa u kaċċaturi. Dawk li kienu jgħixu minn fuq is-sajd waslu aktar tard. Ġabu magħhom annimali domestiċi għall-għajnuna fix-xogħol. Dawn l-annimali ġew mgħammra hawn Malta. Minnhom ħadu laħam għall-ikel, ħalib u xi prodotti mill-ħalib u ġlud. Ġabu wkoll magħhom fuħħar u għodod. F'Malta sabu art għammiela u ħafna siġar selvaġġ. Bdew iqaċċtu s-siġar biex ikollhom irqajja fejn setgħu jiżirgħu ż-żrieragħ li ġabu magħhom. Dawn kienu qamħ, xgħir, silla u qamħirrun. Mill-ezami tal-ħamrija nstabu traċċi taċ-ċereali u siġar taċ-ċitru.

## Skorba l-Griża

Fil-ġirjiet tagħhom għall-kaċċa, dawn in-nies bilfors li ġew f'kuntatt man-nies tar-raħal ta' Skorba. Hemm sabu ħamrija għammiela u fertili bejn żewġ għoljiet, bil-widien fuq iż-żewġ naħat. Il-post kien mogħni b'nixxiegħat ta' ilma. Indunaw li kien post tajjeb biex jgħammru fih bla tbatija.

F'din l-ewwwel fażi, f'Malta ma kienx hawn nagħaġ, mogħoż, barrin, baqar jew il-majjal. Dawn l-annimali ġew man-nies. Qasmu l-baħar fuq ċattra li telquha mal-kurrent. Kienu nies li setgħu jafdaw fil-kurrenti għax kienu jafuhom sewwa. F'xi ġranet tas-sena, dawn il-kurrenti kienu jieħdu dritt lejn dik l-art li kienu ta' spiss jaraw u jixtiequ.



Minħabba t-tqaċċit bla rażan tas-siġar, il-ħamrija bdiet tintilef mal-ilma tax-xita u tnaqqas ħafna mis-sustanzi li kellha. Ħafna mill-ilma tal-widien kien jintilef fil-baħar. Dan ġiegħelhom jikkuntentaw b'irqajja iżgħar ta' raba'. Bdew jibnu rħajjel biex jgħixu fihom. Bdew ifittxu għerien għall-istess skop. Imma mhux dejjem sabu l-għerien kbar biżżejjed biex jgħixu huma flimkien mal-annimali tagħhom. Maż-żmien Skorba saret raħal. Ġara hekk għax dawn l-abitanti bdew joqogħdu ħdejn ir-roqgħa raba' li sabu biex jipproteġuha u fl-istess ħin bdiet tifforma komunità madwar l-għalqa żgħira tagħhom. Milli jidher dawn in-nies kienu jibżgħu mill-ħallelin u l-annimali selvaġġi. Bnew ħitan kbar u ħoxnin bħala fortifikazzjoni.



L-għarajjex kellhom bażi kwadra u saqaf tond. L-art kienet imħaffra 'l isfel u l-bini tiegħu kien ħuxlief u zkuk. Is-saqaf kien tat-tajn imnixxef fix-xemx. Illum fi Skorba fadal biss żewġ eżemplari. Il-bidwi wasal sa ħdejhom bis-serer. Ma jdumux ma jgħibu. Hemm bżonn ta' kontrol spiss.

Dawn in-nies huma l-ewwel Neolitiċi li l-għodod tagħhom kien tal-ħaġar. F'dik li hi biedja mxew ħafna l-quddiem għax żergħu ħxejjex u siġar tal-frott. Kienu jrabbu bhejjem, jieklu l-laħam u jixorbu l-ħalib. Mill-annimali kienu jieħdu suf, ġild u għadam li dan tal-aħħar kien jinħadem f'għodod. Milli jidher l-art kienet tipproduċi aktar milli kien hemm bżonn, għax kien

isir tpartit ma' Pantellerija u Lipari. Minn hawn ġie ż-żnied u l-ossidjana. L-ossidjana hi ġebla tal-ħġieġ ta' lewn iswed li x-xifer tagħha jaqta' ħafna. Dan it-tpartit kien isir permezz ta' traġitti bil-baħar. Hawn għandna għax naħsbu li xi ġild ta' annimali sab użu bħala qlugħ.

Instabu statwetti żgħar tal-fuħħar minn barra waħda li kienet ukoll tal-franka. Kienet figura ta' mara wieqfa, rasha żgħira u tawwalija. L-ewwel u l-unika statwa li ltqajna magħha fejn il-figura tal-mara kienet imnaqqxa fid-dettall. Kemm Evans, kemm Trump, kemm Bonanno huma tal-fehma li dawn in-nies ħolqu tip ta' kult jew rit reliġjuż għall-bżonnijiet tagħhom. Seta' kellhom alla-mara tal-fertilità li kienu jaduraw biex ikollhom art fertili u wċuh tar-raba' bl-abbundanza.

Fuq dawn l-istatwetti sar studju kemm mill-Maltin kif ukoll mill-istudjużi tal-Greċja u ta' Sqallija. Jidher li dawn in-nies kellhom rit partikulari tagħhom. Ma kienx hawn ieħor bħalu fil-Mediterran. F'kelma waħda, dan ir-rit ma interitx la mill-Isqallin u lanqas mill-Griegi. Kienu nies maqtugħin għalihom weħidhom, fuq dil-gżira żgħira li ma bdietx tagħti prodotti, frott, annimali u tfal kif kienet tagħmel qabel. Riedu jirrikorru lejn xi ħadd. Jidher li t-tama tagħhom waqgħet fuq il-Mara, dik li l-istatwetta tagħha saru ħafna kopji. Minn hawn 'l quddiem saret l-alla tagħhom.

Man-nuqqas ta' prodotti mill-għelieqi, beda jinħass in-nuqqas tat-twelid tal-annimali. Jekk ma hemmx x'tiekol ma tnissilx. La darba ma kienx hemm tnissil tal-annimali, l-komunità seta' ma kellhiex biżżejjed x'tiekol. Allura r-rata tat-twelid tbaxxiet ħafna jew ma kien hemm xejn aktar. Kien hemm klima xotta ħafna u xita skarsa li ġabet nixfa fuq l-art. Fi ftit kliem: jekk komunita' ma kellhiex tfal, ma kinitx komunita sinjura. Skorba ftaqret. Dan iż-żmien hu magħruf bħala Skorba l-Griża.

Skorba l-Griża hi l-aktar parti qadima u tinsab fit-Tramuntana tas-sit. Instab ħafna għadam ta' għarqub ta' barrin u baqar li kienu maqtugħin fil-lixx u b'tali mod li l-artifakt seta' jieqaf. Fil-fehma tal-arkeoloġisti, la darba nstabu fi kwantitajiet kbar, juri li kien rit reliġjuż. Fiż-żewġ għarajjex li nstabu, kien hemm post li llum insejħulu " niċċa " F'din in-niċċa l-familja kienet tpoġġi l-offerti tagħha fiha.

Il-fuħħar li nstab kien griż, juri melankolija, bla kulur, bla ħajja. Kien żmien fejn din il-komunità kienet għaddejja minn żminijiet diffiċli ħafna.

## Skorba l-Ħamra

It-tieni fażi ta' Skorba kienet Skorba l-Ħamra li żmienha kien bejn l-4500 sa l-4000 sena Q.K. Kien żmien ta' ġid għall-komunità kollha.

Il-fuħħar kien jinżeba' b'qoxra fina ħamra ċara. Beda jiżżejjen b'figuri u disinji. Fost il-fuħħar li nstab hemm kazzola bil-widnejn, borom bil-maqbad, forom ta'furketta li tispiċċa bil-ponta. Dawn il-frieket qanqlu interess fost l-istudjużi ta' Skorba. Reġa' beda jintuża ż-żnied u l-ossidjana biex l-għodda seta' jkollha xafra taqta' jew bil-ponta. Dawn in-nies bdew jibnu mill-ġdid, imma ma ħattewx li kien hemm. Radmu l-fdalijiet u bnew fuqhom. It-tempju bnewh fuq id-disinn tal-werqa tas-silla. Maż-żmien dan iġġarraf għax l-art ċediet. Naturalment hemm x'juri li meta ġara dan, bnew ieħor f'naħa oħra.

Il-fuħħar li nstab juri żminijiet differenti. Dan is-sit dam okkupat għal aktar minn 500 sena. Allura bilfors li l-bini qadim bata ħafna. Dan inqered kważi għal kollox. Hu magħruf li Skorba hu l-aktar bini qadim fl-Ewropa.

## Alla-Mara ta' Skorba

Din l-istatwetta hi magħrufa wkoll bl-isem " triple-triangular goddess ". Jekk tħares bir-

reqqa lejn din l-istatwa tinduna li hi mnaqqxa fi tlett triangoli. Il-figura ma tħalli l-ebda dubju li mhix mara. Bonanno u Trump jaqblu li Skorba l-Ħamra kienet kappella għall-qima tal-Mara li l-figura tagħha nstabet fil-post. Din l-istatwetta hi l-ewwel figura dettaljata tal-ġisem femminili. F'Malta qatt iżjed u mkien ma' nstabet bħalha. Waħda biss kien hemm tal-ġebel. L-oħrajn kienu tal-fuħħar u nstabu fi kwantitajiet kbar. Allura wieħed jikkonkludi li tal-fuħħar kienu persunali u dik tal-ġebel kienet għall-qima ta' kulħadd. 500 sena wara nstabet statwetta ta' mara tqila, ukoll dettaljata u kienet vero-simili.



Kellha rowl importanti ħafna għax dan ir-rit reliġjuż qajjem fil-komunità r-rieda li jgħixu, rieda li jerġgħu jibdew mill-ġdid. Skorba l-Griża kienet kważi nqerdet għal kollox. Ta' min ifakkar li fil-Preistorja tkun sinjur jekk kien ikollok ħafna tfal ħalli jkun hemm min jieħu ħsieb l-għelieqi, l-annimali, l-prodotti li tieħu minnhom, u kaċċa jew sajd.

L-istatwetta hi ffurmata minn tlett trijangoli li huma dawn:

a) il-parti t'isfel fejn ma hemmx saqajn imma koxox
b) il-parti tan-nofs fejn hemm is-sider iżomm **V**
ċ) il-parti tar-ras

Fil-preistorja is-sinjal V ifisser nuqqas ta' ilma. Is-simboliżmi f'din l-istatwa huma 3 – nuqqas ta' tfal – nuqqas ta' ilma – biedja wieqfa. Fin-Neolitiku, s-simboliżmu hu qawwi ħafna. Minnu biss nistgħu nifhmu sitwazzjonijiet u ninterpretaw tifsiriet.

F'wieħed mill-għarajjex ta' Skorba nstab għadam tax-xedaq tal-bniedem bis-snien u dras. L-eżami ta' dan l-għadam sar mill-Professur Kirurgu J J Mangion tal-Università ta' Malta. Is-snien u d-dras kienu għadhom ma ffurmawx l-għeruq fil-ħanek.

Il-ħanek wera li kienu żewġt iħniek ta' nies differenti imma ma setax jgħid jekk kinux aħwa. It-tnejn kienu jieklu laħam nej. Sab ukoll li l-qoxra tal-kristall fis-snien kienet bdiet tifforma. Ir-riżultat tal-eżami juri li kienu żewġt itfal ta' 7 snin u 4 snin u sitt xhur.

Din hi l-ewwel stawetta ta' alla tal-Fertilità. Magħha l-kultura ta' Skorba sbieħet. Il-fuħħar beda jinżeba' aħmar. Bdew jinħadmu statwetti żgħar. Fost il-figurini u t-tpinġija ta' Żmien Skorba l-Ħamra hemm it-tpinġija tal-ġuf; statwetti ta' għerq ir-raġel, u minn dawn instabu ħafna. Inħadmu wkoll koxox biss tal-istatwetta. Kollox kellu skop wieħed: dak li jħajjar lill-mara u lir-raġel jingħaqdu ħalli jkollhom it-tfal. Dan il-programm irnexxa għax insibu li Skorba l-Ħamra kien żmien fertili ħafna; kien hemm prodotti agrikoli kif ukoll ir-rata tat-twelid għoliet. Hekk wieħed jifhem ukoll li anke dik tal-annimali kibret ukoll. Ma rridux ninsew li komunità preistorika kienet sinjura min-numru ta' tfal li kien hemm fil-komunità. Kien hemm bżonn min jaħdem l-art, min jieħu ħsieb l-prodotti li tagħti l-art, min jieħu ħsieb l-annimali u l-prodotti li tieħu minnhom. Ħafna tfal kien ifisser ħafna xogħol u ħafna xogħol ifisser risq u ġid.

**Referenzi**


Deguara Mons Alwiġ: L-Imġar; 1999
Mifsud Anton & Charles Savona Ventura: Facets of Maltese Prehistory; Prehistoric Society, 1999
Mifsud Anton et al: Malta, Plato's Island; Prehistoric Society; 2000
Museum of Archaeology, Valletta.
Sultana Shjaron: Welcome to Bronze Age; Museum of Archaeology; 2011
Trump David: Malta, Prehistory and Temples;Midseabooks; 2002





FX Garage Co. ltd.

Van & Car Hire and Leasing

Vehicles available for hire and leasing:
Light Small Cars
Executive Cars
Minivans
Panel Vans
Pick-up Trucks
Refrigerated Vans
Freezer Vans
Box Trucks

We also do repairs on truck boxes and build all types of truck boxes.

Contacts: 21665209 • 99497979 • 79497979
info@fxgarage.com • www. fxgarage.com
FX Garage, Dejma Road Tarxien

# Lazzaro Pisani

## *L-awtur tal-Kwadru Titulari ta' Santa Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr Malta*



**Tagħrif miġbur mill-Kavallier Mario Coleiro OSJ**

Lazzaro Pisani twieled nhar il-15 ta' Diċembru 1854 f'Ħaż-Żebbuġ Malta. Huwa studja ġewwa l-Liċeo u l-ewwel professur tal-arti li tgħallem għandu kien Mikele Bellanti. Privatament kompla jistudja l-arti għand il-professur Carlo Ignazio Cortis. Fil-1870 huwa mar jistudja Ruma f'l-*Accademia di San Luca*. Wara kompla jistuda fl-*Academy of Art* ġewwa Londra. Kellu jirritorna lura lejn Malta fil-1878 għax inħakem minn marda serja. Meta fieq inħatar assistent għalliem tal-arti ġewwa l-iskola tal-Gvern tal-Kottonera. L-ewwel darba li esebixxa xogħol minn tiegħu barra minn Malta kien fil-1885 meta pparteċipa bil-kwadru 'Il-Mewt ta' Abel' ġewwa il-*Colonial Exhibition* f'Londra fejn kien rebaħ midalja tal-fidda. Dan il-kwadru sabiħ illum jinsab esebit fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti l-Belt Valletta. Fil-1890 inħatar għalliem ewlieni tal-iskola sekondarja tal-Belt Valletta u fil-1885 mar jgħallem l-arti l-Liceo.



Lazzaro Pisani ma damx ma sar magħruf għal xogħlu tant li kien imfittex hafna għal-xoghol fil-knejjes , ritratti ta' persuni distinti u kwadri oħrajn. Fil-1915 beda x-xogħol kolossali tal-pittura tas-soqfa kollha, kuppletti, lunetti u l-koppla tal-Bażilika tan-Nadur Għawdex. Dan ix-xogħol ħadlu madwar tnax-il sena u huwa meqjus bħala il-kapolavur tiegħu. B'kollox f'din il-knisja għandu 240 biċċa xogħol ta' pittura. Fil-1929 kien ikummisjonat ipitter is-saqaf tal-knisja tal-Patrijiet Franġiskani Minuri tal-Imġarr t'Għawdex u fil-1930 ħadem is-saqaf tal-knisja parrokkjali ta' San Nikola tas-Siġġiewi. Fil-1924 kien premjat bil-midalja tal-fidda fil-*British Empire Exhibition* ġewwa Londra. Fil-waqt li kien għaddej b'dan ix-xogħol kollu huwa kien qiegħed jaħdem xogħlijiet oħrajn għal diversi knejjes. Fost dawn insibu il-kwadru ta' San Ġużepp fil-knisja ta' Stella Maris ta' tas-Sliema u l-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu fil-knisja ta' raħal twelidu Ħaż-Żebbuġ. Għandu wkoll il-kwadru ta' San Pawl fil-knisja tal-Imsida, Il-Madalena f'Ħal Balzan, San Rafel fil-Birgu. Kwadri oħrajn jinsabu f'Birkirkara, fil-Furjana, Ħal Għargħur, Il-Ħamrun, Il-Gżira, L-Isla, Il-Kalkara, Ħal Kirkop, Ħal Lija, Il-Marsa, Marsaxlokk, Il-Mellieħa, L-Imdina, Il-Mosta, Ħal Qormi, Raħal Ġdid, Santa Venera, is-Siġġiewi, Valletta, Wied il-Għajn, iż-Żejtun u ż-Żurrieq. Fil-gżira t'Għawdex għandu xogħol fil-Fontana, Għajnsielem, l-Għasri, il-Munxar u Ta' Sannat.

Ma' dawn il-ħafna kwadri f'dan iż-żmien huwa pitter ukoll il-kwadru titulari tal-knisja ta' Santa Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr ta' Malta. Dan il-Kwadru tqiegħed f'postu



Il-kwadru titulari tal-knisja parrokkjali tal-Imġarr.

fil-1920 meta l-kor tal-knisja kien lest mill-bini. F'dan il-kwadru Lazzaro Pisani wera il-kapaċità tiegħu fil-kompożizzjoni ta' kwadri li fihom jidħlu ħafna figuri. Il-mod kif żviluppa s-suġġet irnexxielu joħloq prospettiva tridimensjonali li biha bniedem jistà jgħaraf is-suġġett tal-kwadru anke minn distanza imbiegħda. Il-figura dominanti hija dik ta' Marija tiela' lejn is-sema li tinsab fil-parti ta' fuq tal-kwadru bil-figuri tal-appostli mistgħaġba, bil-fatt li Marija ttelgħet is-sema bir-ruħ u l-ġisem jinsabu fil-parti t'isfel tal-kwadru.

Dan il-kwadru sabiħ huwa bla dubju ta' xejn wieħed mill-aħjar xogħlijiet li ħarġu minn idejn Lazzaro Pisani u żgur li huwa wieħed mill-isbaħ teżori artistiċi li jżejnu l-knisja parrokkjali ta' Santa Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr. Dan il-Kwadru ġie rrestawrat fl-2012 fl-okkażjoni tal-mitt sena mit-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-knisja parrokjali u d-disgħin sena mill-miġja tal-vara titulari ta' Santa Marija.





# Messaġġi minngħand ħutna l-emigranti Mġarrin fl-Amerika



Il-kumplament tal-festa t-tajba lil kulħadd. Awwissu reġa' magħna u jum il-festa ta' Santa Marija tal-Imġarr jibqa' jum tant mistenni u tant għażiż għalina l-Imġarrin. Nixtiequ lil kulħadd festa mil-isbaħ imdawwrin ma' djul il-patruna tagħna. Nitolbuha tibqa' tħares fuqna u tbiegħedna minn kull inkwiet.

Mary Abela nee' Deguara minn "Tal-Orbu"



L-isbaħ xewqat lil ħutna Mġarrin f'dan iż-żmien sabiħ tal-festa ta' Santa Marija. Nixiequ lil kulħadd festa kbira, sabiħa, ferreħija taħt il-ħarsien ta' ommna Marija Assunta patruna tagħna l-Imġarrin li tagħha konna, għadna u nibqgħu devoti. Viva Santa Marija Patruna tal-Imġarr

Charles Abela. "Ta' Zuba"



Speċjalment f''dawn iż-żminijiet sbieħ tal-festa għażiża ta' Santa Marija l-ħsieb tagħna jmur fuq ir-raħal pittoresk u b'qalb li ma tispiċċa qatt l-Imġarr. Minkejja li noqogħdu 'l bogħod minnkom, u mill-familji tagħna fl-Imġarr, aħna minn qalbna nixtiequ lill-komunità Mġarrija l-festa t-tajba u divertiment mill-isbaħ. Jalla l-Madonna tkompli tħares u tindokra r-raħal għażiż u sabiħ tal-Imġarr. Viva Marija Assunta.

Vanna Borg. neè Muscat "Tal-Qasbi"



F'dawn il-jiem noħlom li qiegħed magħkom fl-iktar raħal ħelu ta' Malta l-Imġarr, għall-isbaħ festa. Nixtieq nawgura kull suċċess lis-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema" fis-sehem tagħha f'din il-festa għażiża għalina. Jalla tkomplu mexjin fit-triq it-tajba.

Viva Marija Assunta Patruna tal-Imġarr.

Joe Muscat "Tal-Qasbi"

Il-festa t-tajba. F'Ġunju, jien, il-familja u xi ħbieb, qattajna vakanza ta' ftit ġimgħat memorabbli fir-raħal tant sabiħ tal-Imġarr. Smajna l-ewwel darba quddiesa bil-Malti fil-knisja parrokjali. Il-knisja meraviljuża tal-Imġarr u apprezzajna immens il-ħlewwa u l-ġentilezza tal-Imġarrin kollha li ltqajna magħhom. Kemm nixtiequ li qegħdin magħhom f'dawn iż-żmenijiet għeżież tal-festa ta' Santa Marija. Id-dehra u s-sbuħija glorjuża tax-xbieha devota tal-Madonna li rajna fin-niċċa fil-knisja, żgur li ma ninsewha qatt. Nixtiequ l-festa t-tajba lill-Imġarrin kollha huma fejn huma u nawguraw sehem attiv u mill-aqwa lis-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema", tal-Imġarr. Viva L-Imġarr u Viva l-Patruna tiegħu, Santa Marija.



Jerry Schembri wieħed mit-tfal ta' Mary Schembri neè Zammit (ta' Ġanni s-Sagristan)

The Hatch
cafe-bar

Kurat Chetcuti Street,
**Mġarr**
**Mob: 79592170 – 99457629**





# Victoria Lines – Fortifikazzjonijiet Inġliżi li ma ntużawx fil-Gwerra



**Tagħrif miġbur min Max Farrugia Dip. LIS**

Min iħobb idur fil-kampanja Maltija mod speċjali fin-naħa ta' fuq ta Malta żgur li xi darba jew oħra ltaqa' ma' linji ta' fortifikazzjonijiet militari tal-perjodu Inġliż li jibdew nista' ngħid mill-inħawi tal-Kunċizzjoni/Fomm ir-Riħ u jibqgħu sejrin san-naħa l-oħra ta' Malta fejn l-akkwata tal- Madliena/Baħar iċ-Ċagħaq. Litteralment jaqsmu Malta fi tnejn.

Din is-sistema ta' fortifikazzjoni b'kollox hija twila madwar 12-il kilometru, u tikkonsisti prinċipalment f'erba' fortizzi, numru ta batteriji għall-kanuni, u linja ta' ħitan li għalkemm kellhom l-iskop sabiex jintużaw biex is-suldati jistkennu warajhom waqt xi attakk mill-għadu, jkunu jistgħu jiddefendu l-akkwata ta' fejn ikunu. Dawn il-linji kienu jaqdu dawn il-fortizzi flimkien. Biex tlestiet kollha din is-sistema ta difiża ħadet madwar 29 sena, u b'riżultat ta' hekk l-iżvilupp fl-armamenti matul dan il-parjodu għamilha mhux daqshekk effiċjenti f'kas ta' invażjoni. Huwa dokumentat li din is-sistema militari qatt ma ntużat f'xi gwerra.

Jekk wieħed ikun jixtieq li jimxi matul dawn il-linji militari mhux dejjem huwa faċli li jagħmel hekk, minħabba li jkun irid jinżel u jitla' f'diversi widien. Min-naħa l-oħra imma dawn huma viżibbli ħafna sabiex wieħed jarahom minn diversi nħawi ta Malta.

Wieħed jistaqsi x'kien l-iskop ta dawn il-fortifikażżjonijiet u l-linji ta ħitan li jaqduhom. Kif nafu meta l-Ingliżi bdew imexxu l-pajjiż wara t-tkeċċija tal-Franċiżi minn Malta fl-1800, l-uniċi mezzi ta fortifikażjonijiet li kien hawn fil-pajjiż kienu prinċipalment is-swar tal-Belt Valletta, il-Kottonera, u l-Imdina. Kien hawn ukoll numru ta' fortizzi żgħar, u anke torrijiet. Dawn kienu jinsabu l-aktar fl-inħawi ta' isfel ta' Malta u allura jagħtu ċerta serħan il-moħħ dawn l-inħawi. In-naħa ta' fuq kien hawn xi torrijiet. Jekk kellu jkun hemm invażjoni u żbark f'parti lejn in-naħa ta' fuq ta Malta, kienet tkun faċli ħafna għall-għadu sabiex iniżżel it-truppi tiegħu. Barra minn hekk, kif nafu, Malta saret ukoll bażi navali tal-flotta Inġliża fil-Mediterran u kompliet kabbret l-importanza tagħha meta infetaħ il-Kanal tas-Suez fis-sena 1869. Wara li ġew



**Parti mill-linji tad-Dwejra**

studjati diversi alternattivi fl-aħħar nett ġie deċiż li l-parti ta' fuq ta Malta tiġi fortifikata b'dan il-mod.

Ix-xogħlijiet fuq din is-sistema militari ta' difiża kienu bdew għall-ħabta tas-sena 1874. L-ewwel ma ġew mibnija kienu tliet fortizzi li nsibu fil-Mosta, il-Madliena u Binġemma fil-limiti tal-Imġarr. Wara dawn inħasset il-ħtieġa li tinbena il-fortizza ta' Pembroke li tinsab ftit 'il bogħod mill-Madliena. Għaddew madwar sitt snin u fl-1881 inħasset il-ħtieġa li l-parti ta fejn hemm id-Dwejra ftit 'il bogħod minn Binġemma tiġi nfurzata wkoll għax kienet vulnerabbli ħafna f'każ ta' xi attakk u allura kien tħaffer foss, u anki ġew kostruwiti linji ta' ħitan li jagħqdu din il-parti tal-Gżira ma' dawk diġà eżistenti. Qed nirreferi għal dak li llum huma magħrufa minn kulħadd bħala l-Linji ta' difiża tad-dwejra. Hawnhekk ħadu ħsieb li jkun hawn ukoll batterija tal-kanuni u anki mezzi ta *searchlights*. Mat-tlestija tax-xogħol fid-Dwejra, fl-1895 beda x-xogħol fuq it-tgħaqqid tal-fortizzi kollha flimkien permess ta' linji ta' ħitan. L-għan kien li l-mezzi ta' komunikazzjoni jkunu aħjar bejn il-fortizzi kollha u l-protezzjoni tad-difiża tkun waħda effettiva kontra l-għadu. Is-saħħa ta' din is-sistema ta' fortifikazzjoni sa fejn huwa magħruf qatt ma ġiet ippruvata matul xi gwerra.



**Ħerba**

Huwa dokumentat li l-ewwel fortizza li ġiet mibnija hija dik ta' Binġemma fl-1874 li kif nafu tagħmel parti mill-inħawi tal-Imġarr. Wara din il-fortizza kienu tlestew dik tal-Mosta u l-Madliena li bdew fl-1878. Jekk wieħed jagħti ħarsa sewwa lejn il-fortifikazzjonjiet kollha li jagħmlu parti mill-*Victoria Lines* insibu li dawn l-ewwel tlieta għandhom disinn differenti ħafna minn dawk li ġew mibnija warajhom li komplew jiżvilluppaw skont il-ħtieġa ta' kif kienu qed jiġu żviluppati l-armi. Li nsibu f'dawn il-fortizzi komuni hija li kollha kienu imdawra b'foss li kien jagħmilha diffiċli għall-għadu jippenetra ġo fihom u aktar faċli sabiex jattakkaw lill-għadu f'każ ta' bżonn.



**Parti mill-linji tal-fortizza tal-Mosta.**

Kollox kien beda għall-ħabta tal-1858 meta Franza għamlet qabżiet kbar fejn jidħlu l-vapuri u l-Gvern Ingliż kien qed jaħseb li l-Ingilterra tista' titlef kontra l-qawwa tal-baħar. Bdew isieru studji kbar mhux fil-mediterran biss imma anke fl-Ingilterra. Fl-1866 il-Prim Ministru Palmerson kien bagħat lill-Kurunell Jervois, responsabbli mid-difiża sabiex jipprepara rapport kif Malta tista' tiġi protetta aħjar. Dan ikkonċentra l-aktar fuq il-Port il-Kbir, u d-*dockyard* u sar titjib madwar il-kosta. Sitt snin wara kien ġie Malta l-Ġeneral John Adye, biex jeżamina s-sitwazzjoni fil-pajjiż mill-punt di vista tad- difiża. Huwa kien għamel xi tibdil fil-pjanijiet oriġinali u l-parti ta' fuq ta' Malta ngħatat aktar attenzjoni. Huwa kien favur li tinbena din il-linja u s-sistema ta' difiża li skont dokumenti antiki tas-seklu tmintax,



**Ritratt antik meħud mill-fotografu R. Ellis waqt training camp fil-bidu tas-Seklu 20, bis-suldati viċin il-Victoria Lines**

il-Kavallieri ta Malta fl-1722 kienu diġà bnew xi tip ta sistema bejn Torri Falka u San Pawl tat-Tarġa; fil-limiti tan-Naxxar. Dan l-iżvilupp fi żmien l-Ordni ma kienx tkompla u ġie abbandunat minħabba li ma kellhomx nies biżżejjed sabiex iħaddmu din is-sistema u l-ispiża kienet waħda kbira ħafna wkoll.

Tajjeb wieħed jgħid li dawn il-fortizzi u linji tal-infanterija kienu armati bl-aqwa sistema li kienet teżisti dawk iż-żminijiet u kellhom il-bżonnijiet kollha meħtieġa mill-infanterija. Minbarra li kienu mezz ta' difiża mill-awqa kienu wkoll xogħol sabiħ ta arkitettura militari Ingliża li wieħed jista' jammira anki f'dawn iż-żminijiet.



**Il-Victoria Lines f' Wied Faħam, il-Għargħur wieħed mill-isbaħ eżempji li baqa bħala linji.**

Matul il-korsa kollha ta' dawn il-linji insibu dawn il-mezzi ta fortifikazzjonijiet kollha. Il-Fortizza ta Binġemma, il-linji magħrufa bħala 'tad-dwejra', il-batterija tat-Tarġa, il-Fortizza tal-Mosta, il-Batterija ta' San Ġiovanni, il-Batterija tal-Għargħur, il-Fortizza tal-Madliena, il-Fortizza ta' Pembroke, il-Batterija ta' Pembroke, il-Batteija ta' Spinola, il-Batterija tal-Ponta ta' Tas-Sliema, u l-Fortizza Cambridge.

Minħabba kif diġà għid l-iżvilupp fl-armamenti kien qed jikber b'rata mgħaġġla ħafna. F'dan il-perjodu l-Gvern Ingliż ried li din is-sistema tkun armata tajjeb ħafna wkoll. It-tip ta' kanuni li bihom kienu armati dawn il-fortifikazzjonijiet, jiġifieri dawk tas-6 pulzieri u ta' 9.2 pulzier sfortunatament ma baqax lanqas wieħed f'pajjiżna. Dan minkejja li f'kull fortizza kien hawn mill-inqas tnejn minnhom. Dan minħabba l-fatt li l-Gvern Ingliż tal-ħamsinijiet meta Malta kienet għadha mhux Indipendenti kien ħa d-deċiżjoni li dawn jinbiegħu għall-ħadid u tqattgħu kollha.



**Il-Victoria Lines li hemm fil-limiti ta Binġemma Tidher ukoll il-Kappella ddedikata lill-Madonna tal-Itrea.**

Nistgħu ngħidu li llum il-ġurnata l-*Victoria Lines* ma għandhom ebda skop militari u l-użu tagħħom spiċċa mat-

twelid tagħhom. Iżda min-naħa l-oħra nistgħu ngħidu li f'kull ktieb li nkiteb f'dawn l-aħħar snin li jservi bħala gwida turistika nsibu tagħrif dwar dawn il-linji ta' fortifikazzjoni minn angolu differenti. Nista' ngħid li saru attrazzjoni turistika mhux għall-Maltin biss li jħobbu jħufu fil-kampanja Maltija, imma anki fost dawk il-viżitaturi li jħobbu jimxu fil-kampanja Maltija. Ħafna mill-partijiet ta' dawn il-linji wieħed jista jimxi magħhom, għalkemm hemm partijiet oħra li huwa diffiċli. Minbarra l-arkitettura ta' dawn il-postijist militari wieħed jista jammira il-kampanja Maltija, il-flora u l-fawna li hemm fl-inħawi tagħhom. Dawn joffru spettaklu mill-isbaħ fix-xhur ta' April, Mejju, Settembru u Ottubru mod speċjali meta n-natura Maltija tkun fl-aqwa tagħha. Biex wieħed iżur dawn il-linji hemm diversi nħawi minn fejn jista jibda. Dawn il-linji għalkemm huma taħt il-protezzjoni tal-Gvern Ċentrali jagħmlu parti mill-konfini ta' tmien Kunsilli Lokali differenti li huma, l-Imġarr, San Pawl il-Baħar, il-Mosta, Ħal Għargħur, Pembroke, is-Swieqi, in-Naxxar, u r-Rabat. Dawn il-linji jistgħu faċilment jiġu milħuqa minn dawn il-postijiet kollha li semmejt. Li kieku dawn il-Kunsilli Lokali flimkien mal-Gvern Lokali jimbarkaw fuq proġett turistiku għal dawn il-mezzi ta fortifikazzjonijiet u l-madwar żgur ikunu ta' benefiċċju kbir għall-industrija turistika, b'mod speċjali fix-xhur meta l-indusrija tat-turiżimu tkun fil-perjodu baxx tagħha. Naħseb li għall-proġetti bħal dawn jistgħu anki jinġiebu flus mill-Unjoni Ewropeja minn fondi differenti li jeżistu. Għall-proġetti bħal dawn jistgħu japplikaw anke numru ta' kunsilli lokali flimkien.



**Spezzjoni viċin ħafna tal-Victoria Lines li hemm viċin ta' Tarġa Gap. Ritratt tal-fotografu R. Ellis**



**Parti mill-Victoria Lines batterija ta'San Giovanni f'Wied Faħam, il-Għargħur.**

Wieħed jistaqsi imma x'jista' jsir sabiex dan il-proġett jirnexxi? Il-ħsieb ewlieni huwa li tinħoloq sistema ta' mixjiet li jkunu aċċessibli. Dan jista' jsir billi ċerta mogħdijiet jitnadfu mingħajr ma ssir ħsara lill-ambjent sabiex il-viżitatur jkun jista' jgħaddi minnhom mingħajr diffikultà. Matul dawn il-mixjiet jitpoġġew tabelli b'informazzjoni mhux dwar il-fortifikazzjonjiet u dwar il-linji tal-infanterija imma ukoll dwar il-flora, il-fawna, u postijiet oħra ta' interess bħal kappelli, raddett ir-roti, irziezet tipiċi Maltin u għamara oħra li nsibu fil-kampanja Maltija. Matul dawn il-mixjiet, f'xi kmamar li wieħed isib jista' jiftaħ kamra ta informazzjoni jew inkella fejn wieħed jista' jieqaf jistriħ u jiekol xi ħaġa. Hemm mitt ħaġa x'wieħed jista' jagħmel. Xejn xejn lit-turisti u lill-Maltin nofrulhom xi ħaġa totalment differenti minn dak li għandhom sa issa.

L-eko-turiżmu f'Malta nista' ngħid għadu ma qabadtx art u dan jista' jkun wieħed mill-ewwel proġetti tax-xorta tiegħu.

# Carmelo Pace (1906 – 1993)

Tagħrif miġbur minn Joe Julian Farrugia



Meta nitkellmu dwar l-opra, ħafna drabi nirreferu għal kompożizzjonijiet barranin, l-aktar Taljani u x'uħud Franċiżi, Spanjoli, Russi, Awstrijaċi jew Ġermaniżi. Iżda opri b'kompożizzjoni u libretti Maltin ghandna wkoll. U dawn ma jagħmlux għajb lil dawk barranin. Is-Surmast Carmelo Pace kiteb erba' opri minbarra ħafna u ħafna mużika klassika oħra. Ix-xogħlijiet tiegħu huma magħrufa f'ħafna pajjiżi fejn għadhom jindaqqu sa llum. Anzi, nażżarda ngħid illi kieku Pace kien ġej minn xi pajjiż li semmejt aktar 'il fuq kien ikun magħruf ħafna aktar.



Carmelo Pace twieled fil-Belt Valletta nhar is-17 ta' Awwissu 1906. Huwa kien l-akbar wild fost tlieta ta' Anthony u Maria Carmela mwielda Ciappara, oħt is-Surmast Vincenzo Ciappara li kien joqghod fl-istess appartament mal-familja Pace fi Triq Merkanti.

Carmelo ħa l-edukazzjoni tiegħu b'mod privat u fil-Kulleġġ ta' Santu Wistin fil-Belt. Il-ħajra li jitgħallem il-mużika bdiet minn kmieni. Matul l-Ewwel Gwerra Dinjija meta f'Malta kien hawn ħafna nies tas-servizzi stazzjonati, kien jieħu pjaċir jisma' l-baned reġimentali jdoqqu marci militari u funebri. Zijuh Vincenzo kien beda jgħallmu l-mużika fid-dar stess, u fil-kulleġġ, kien ingħażel biex imexxi l-kor tal-istudenti.

Meta żijuh Vincenzo induna bil-progress kbir li kien qed jagħmel Carmelo fil-mużika, huwa ntroducieh mal-Professur Carlo Fiamingo li beda jgħallmu l-vjolin. Aktar tard kien tħarreg ukoll fl-armonija, kontrapunt, kompożizzjoni u orkestrazzjoni taht Thomas Mayne.

Ommu, Maria Carmela, kienet ħafna drabi tibgħatu b'xi qadja għand missieru li kien jaħdem fiċ-ċinema *Commerce* fi Strada Rjali. F'dik is-sala kien hemm kwartett li kien idoqq matul il-wiri ta' films *silent*. U Carmelo ma damx ma beda jdoqq hemm. Zijuh Vincenzo kien jibgħatu wkoll għand il-kopjisti ghal xi partituri ta' kompozituri bhal Carlo Diacono u Paolino Vassallo. B'dak il-mod, Carmelo kien sar familjari wkoll ma' dik it-tip ta' mużika.

Fl-1931, Carmelo kiseb id-diploma ta' għalliem tal-mużika mir-*Royal School of Music* ta' Londra u beda jagħti l-lezzjonijiet. Iżda kif feġġet it-Tieni Gwerra Dinjija, it-taghlim ma setax jibqa' għaddej, u Carmelo sar *Shelter Supervisor* fejn kien jieħu ħsieb madwar 600 refuġjat li ma kellhomx saqaf fuq rashom.

Wara kien daħal skrivan mal-*Air Force* fejn xogħlu kien li jsib il-*codes* tal-movimenti tal-ajruplani. Huwa kien stazzjonat f'uffiċċju l-Belt fejn l-attakki kienu jkunu kontinwi. Darba daqq *air raid*, Carmelo webbes rasu u dam ma ħareġ mill-bini. Meta ddeċieda li



**Carmelo fuq il-vjola flimkien ma' Tessie Briffa fuq il-pjanu, Helen DeGabriele vjolin u Joseph Micallef vjolinċell waqt kunċert għall- kwartett għall-Malta Cultural Institute b'kompożizzjoni ta' Carmelo stess.**

joħrog u jmur ifittex kenn, ġiet bomba quddiem il-bieb tal-uffiċċju u ħelisha biss bi żbrixx.

Il-gwerra, iżda, ma qatgħetx qalb Carmelo li jkompli fil-mużika. Huwa kien waqqaf orkestra zgħira u kien jagħmel kunċerti ghar-refugjati. Kien ukoll imur jgħallem wara l-ħin tax-xogħol fil-*Command School of Education* li kien hemm fi Triq l-Ifran.

Dak iż-żmien, il-familja Pace kienet iċċaqalqet minn Triq Merkani ghal Triq Żekka. Iżda din l-aħħar dar kienet waqgħet bil-bombi. Ghalhekk huma marru joqgħodu f'Tigne u aktar tard fi Triq San Duminku f'Tas-Sliema fejn Carmelo għex u ħadem għal aktar minn 50 sena.

Il-kompożizzjonijiet ta' Pace bdew minn meta kellu għoxrin sena, meta kiteb partitura għall-pjanu, vjolin u vjolinċell. Fl-1931, ħoloq fantasija ghall-banda fuq mużika tradizzjonali Maltija bl-isem ta' Maltesina. Din kienet mod originali kif Carmelo addatta l-għana Malti għal strumenti aktar kontemporanji Din il-Maltesina kienet indaqqet għall-ewwel darba mill-banda Skoċċiza tal-*Highland Fusiliers* f'Misrah il-Palazz il-Belt.

Mill-pinna ta' Pace insibu wkoll oratorji, kantati, innijiet sagri lill-ħafna qaddisin patruni madwar Malta u Għawdex, 2 balletti, muzika tal-baned, tliet kunċerti għall-pjanu u ħafna xogħol klassiku ieħor.

Il-poema sinfonika '**Jubilamus**' kienet ingħażlet biex tindaqq mill-Orkestra Sinfonika ta' Kyoto fil-Gappun fl-Expo 70. Minbarra fil-Gappun, xogħlijiet tas-Surmast Carmelo Pace indaqqu wkoll f'pajjiżi bħal Ingilterra, Wales, ir-Russja, n-Norveġja, Svezja, Franza, l-Italja, l-Ġermanja, l-Polonja, l-Eġittu, l-Indja, l-Argentina u l-Istati Uniti tal-Amerika.

Huma erba' l-opri li jġibu l-firma ta' Carmelo Pace u huma kollha dwar ġrajjiet lokali. Dawn huma **Caterina Desguanez** li kiteb fl-1965 b'librett ta' Ivo Muscat Azzopardi. Din titratta ġrajja ta' skjav Tork li jaqleb ghar-religjon Nisranija u jsir iħobb lil bint sidu. Opra oħra hija **I Martiri** li nkitbet fl-1967 b'librett ta' Vincenzo Maria Pellegrini fuq l-istorja tal-qawmien li kien sar kontra l-Francizi fi tmiem is-seklu tmintax. Fl-1973, Carmelo kien kiteb **Angelica** b'librett tal-istess Pellegrini u li tirrakkonta l-leġġenda tal-għarusa tal-Mosta. **Ipogeana** hija r-raba' opra ta' Pace u nkitbet fl-1976. Din ukoll għandha librett ta' Pellegrini u hija dwar konflitt bejn il-qassis il-kbir Barbani u Maħbuba fi żmien Malta preistorika meta ħafna tfajliet sbieħ kienu jkunu sagrifikati lill-allat. Carmelo kien qiegħed jikteb opra oħra bil-librett ta' Ġużè Cardona fuq il-ħajja ta' San Frangisk ta' Assisi, iżda din ma tkomplietx minħabba l-mewt ta' Ġużè.

Fl-1946 kien ippubblika ġabra ta' xandiriet li kien jagħmel fuq ir-*Rediffusion* dwar l-apprezzament tal-mużika u erba' snin wara ħareg ukoll *A Handbook of Musical Forms*. Huwa waqqaf l-orkestra u l-kor tal-*Malta Cultural Institute* u għamel madwar 40 sena jorganizza kunċerti u serati varji ta' muzika għall-istess entitá.

Carmelo rebaħ għal erba' snin wara xulxin (1955 – 1958) il-kompetizzjoni għall-kompożizzjoni mnedija mill-kumpanija *Rediffusion* madwar id-dinja. Rebaħ ukoll

kompetizzjonijiet għall-mużika *Chamber* tal-*Performing Right Society* ta' Londra fl-1962 u l-1972. Tliet snin wara, Carmelo ġie l-ewwel u t-tieni b'żewg kompożizzjonijiet ta' mużika *Chamber* f'kompetizzjoni mtellgħa mit-Teatru Manoel.

Carmelo baqa' ma żżewwiġx. Huwa kellu karattru kwiet u umli; raġel paċenzjuż u onest b'qalb tad-deheb u dejjem lest jagħti pariri siewja. Huwa la kien isuq, la jpejjep u lanqas jixrob.



Carmelo jiddiskuti partitura mużikali mas-Surmast Joseph Sammut

Bħala passatempi kien iħobb ħafna l-annimali. Id-dar dejjem kien jieħu ħsieb xi qattus jew tnejn u anke fuq it-televiżjoni kien jippreferi jara xi dokumentarju dwar il-ħajja tal-annimali u n-natura. Kien ukoll dilettant tal-fotografija u għamel zmien jiżviluppa r-ritratti tiegħu stess.

Fl-1964, Carmelo sar Kavallier tal-Ordni ta' San Ġwann u sentejn wara kien mogħti l-midalja tad-deheb mis-Soċjetà tal-Arti, Manifattura u Kummerc. Fl-1971 ingħata midalja oħra mingħand il-Konfederazzjoni ta' Kunsilli Ċiviċi. Kien ippremjat bil-*Pheonicia Award* fl-1986 mill-President Barbara u fl-1992 sar Uffiċjal tal-Ordni Nazzjonali ta' Mertu mill-President Tabone.

Is-Surmast Carmelo Pace miet nhar l-20 ta' Mejju 1993 fl-età ta' 86 sena. L-arkivji mużikali tiegħu huma miżmumin fil-Muzew tal-Katidral fl-Imdina, f'kamra msemmija għalih, filwaqt li l-manuskritti tal-opri li kiteb jinsabu fit-Teatru Manoel.

Sal-lum għadna ma nsibu ebda triq f'pajjiżna msemmija għal Carmelo Pace, lanqas l-istess triq fejn qatta' 50 sena minn ħajtu f'Tas-Sliema. Nittamaw li ma ndumux ma naraw rikonoxximent għall-ħidma ta' dan il-ġenju ġentlom.



F'dan ir-ritratt jidher il-karru tal-katuba fi stadju avvanzat. Dan il-karru ġie ġentilment irregalat mid-ditta V.M.S. Ix-xogħol sar mis-Sinjuri Jimmy Vella u Frans Galea.



# L-istatwarju James Azzopardi u x-xogħlijiet tiegħu



L-istatwa tal-Pieta lesta u armata fil-Ġimgħa Mqaddsa.

James Azzopardi, iben Nazzarenu u Mary, twieled *in-Nadur Għawdex* fit-12 ta' Frar tal-1972.

Minn dejjem kien juri li kellu ġibda għall-arti, tant, li minn tfulitu, waqt li kien ikun ma' nanntu u nannuh f'xi festa ta' xi raħal jew belt, kien jogħxa jammira l-opri artistiċi li kienu jżejnu t-toroq li jkunu qed iżuru.

Minn mindu kien ċkejken, waqt li kien ikun fil-klassi tal-iskola primarja, kien ta' spiss itajjar moħħu fuq xi statwa li kienet tkun laqtitu f'xi waħda mill-ħarġiet man-nanniet u l-ġenituri tiegħu' Bil-moħbi tal-għalliem, kien iħażżiżha fuq il-pitazz tas-somom jew tal-Ingliż; kienet taffaxxinah l-arti barokka u l-figura, speċjalment dik li kienet tesebixxi l-anatomija umana.

Għadda ż-żmien u James beda jattendi l-iskola tal-Arti u sussegwentement, għamel korsijiet ta' speċjalizzazzjoni fl-iskola Salvatore Dimech, fejn rebaħ mhux għal darba, l-ewwel post f'diversi kompetizzjonijiet. Hawnhekk, wieħed jistudja l-arti fid-diversi forom tagħha, bħal kif tapplika l-kulur, kif-tpinġi l-figura umana, l-astratt u d-dimensjonijiet l-oħra.

L-ewwel biċċa xogħol li James Azzopardi għamel għall-pubbliku, kienet statwa ta' daqs uman ta' Ġesù Kristu għas-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. tar-raħal tiegħu. Din ġiet esebita għall-ewwel darba bħala statwa unika fis-sena 1998. Rawha n-nies u tant apprezzaw dan ix-xogħol, li s-Soċjetà ġiet mitluba biex tagħmel l-appostli l-oħra kollha, u hekk sar, sena wara l-oħra żdiedu l-Appostli kollha madwar Kristu biex ġew jirrappreżentaw l-aħħar Ċena, magħrufha aħjar bħala "Iċ-Ċena tas-Sinjur" li għadha tintrama kull sena fil-M.U.S.E.U.M. fin-Nadur, Għawdex.

Minn hawnhekk, James Azzopardi ma ħarisx lura: għamel diversi Anġli għall-diversi rħula f'Malta u Għawdex u bosta xogħlijiet għall-privat. F'Ħal-Lija, James Azzopardi għamel l-istatwa tas-"Sejħa ta' Sant' Andrija" u fil-parroċċa tal-Imġarr f'Malta, fost xogħol



Dehra ġenerali tal-istatwa ta' Sant Antnin ta' Padova



Wieħed mill-anġli tal-festa qabel beda jinżebaħ.



Anġlu mis-sett li jintrama fuq z-zuntier tal-knisja tal-Imġarr armat għall-festa ta' Santa Marija



Il-Kappillan Fr Antoine Borg flimkien mal-President tal-Fondazzjoni Kultura Mġarr jaraw ix-xogħol fuq ir-Redentur



L-Artist James Azzopardi waqt il-ħidma tiegħu fuq l-istatwa tar-Redentur tal-Imġarr



Ir-Redentur armat fil-Knisja Parrokkjali tal-imġarr fil-ġranet tal-Ġimgħa Mqaddsa



L-artist James Azzopardi jaħdem l-istatwa ta' San Ġwakkin li żżanżnet fil-Milied 2012.L-istess statwa se tikkumplimenta l-armar tl-festa.



L-istatwa ta' San Ġwakkin lesta.



L-istatwa tal-Pieta lesta biex tibda tinebaħ.



L-itatwarju James Azzopardi jaħdem fuq l-istatwa tal-Pieta

ieħor, James Azzopardi għamel presepju, sett anġli li jintramaw fil-festa u dan l-aħħar biċċtejn xogħol sbieħ, li huma r-'Redentur' u l-'Pietà' li ntlaqgħu tajjeb ħafna mill-Imġarrin u anke minn min kien għall-festi tagħhom.

L-aħħar biċċa xogħol li James Azzopardi għadu kif lesta hija statwa ta' 'Sant'Antnin ta' Padova' għar-raħal sabiħ ta' Għajnsielem, Għawdex, għall-knisja tal-Patrijiet Franġiskani.

# It-Trobbija tan-Naħal

Kitba ta' Charles Camilleri Dip.Agric,BSc(Hons)



In-naħal għandu l-oriġini tiegħu minn nofsinhar u mix-xlokk tal-Asja li jinkludi wkoll il-Filippini. Dan grazzi għall-istudju li sar fuq fossili li nstabu f'din iż-żona. Matul is-snin in-naħal beda jiġi domestikat u mrobbi għal żewġ prodotti mill-iktar li kienu mfittxija li huma l-għasel u x-xama'. L-isem xjentifiku tan-naħal domestiku huwa "*Apis mellifera*". In-naħal ma ġiex ikklassifikat biss ġeneru (genus) u l-ispeċi imma wkoll bir-razza. Normalment ir-razza tkun marbuta mat-territorju minn fejn tkun oriġinat.

Waħda mill-iktar razez komuni li nsibu hawn Malta bla dubju hija r-razza *"Apis mellifera rutnerii"* li fuqha għadu għaddej studju u anke programm ta' konservazzjoni minn naħa tad-Dipartiment tal-Agrikoltura. Din in-naħla għandha kulur iswed. Hija addattata ħafna għal klima tagħna b'temperaturi għoljin u niexfa fis-sajf, u anke għat-temp kiesaħ tax-xitwa. Għalhekk bħala produzzjoni hi tajba mhux ħażin. Il-kolonja kapaċi tipproduċi duqqajs is-sena kollha skont kif ivarjaw l-istaġuni matul is-sena. Għandhom it-tendenza li jipproduċi ħafna frieħ. Għandu kapaċità kbira li jiddefendi l-bejta tiegħu miż-żunżan, ġrieden u ħanfus però jista' jkun aggressiv għal min irabbi jew xi ħadd għaddej maġenb il-kaxxa tiegħu.



**Bejta tan-naħal**

Razza komuni oħra li insibu hija "*Apis mellifera ligustica*" magħrufa l-iktar bħala n-naħla Taljana li hija mifruxa sew madwar id-dinja bħal l-Amerika, l-Awstralja u f'bosta pajjiżi Ewropej. Ma' min irabbi n-naħal, id-differanza biex jagħraf dawn ir-razez huwa mill-kulur peress li n-naħla Maltija hija totalment sewda filwaqt li n-naħla Taljana għandha ċrieki ta' kulur isfar fuq żaqqha u normalment huma iktar kalmi meta tkun qed taħdem fuq il-kolonja tagħhom. Kummerċjalment hija mfittxija ħafna minħabba l-produzzjoni tal-għasel speċjalment fl-ambjent tal-Mediterran peress li tħobb klima sħuna. Minħabba f'hekk ma tantx tmur tajjeb f'postijiet kesħin.

Razza oħra komuni hija dik li rnexxielu jagħmel Patri Adam ġewwa kunvent fl-Ingilterra. Madwar mitt sena ilu kien hemm problema kbira bl-imwiet tan-naħal kaġunat mill-marda "Isle of Wight". Din il-kundizzjoni kienet imsejħa akkarina wara li s-sintomi ta' dan l-parassita kien qed jinvadi s-sistema respiratorju tan-naħal. Għalhekk eluf ta' kolonji kienu mietu f'dan il-perjodu. Fil-miġbħa tal-kunvent kien fadal biss 16-il kolonja ta' naħal b'razez

differenti għalhekk beda jisperementa biex ħoloq ir-razza '*Buckfast'* li hija taħlita Taljana "*Apis mellifera liguistica*", Ingliża "*Apis mellifera mellifera*", Franċiża "*Apis mellifera mellifera*", Torka "*Apis mellifera anatolica*" u Griega "*Apis mellifera cecropia*". Wara li għamel vjaġġ fl-Afrika kien irnexxielu juża żewġ razez oħra li huma kalmi. Dawn kienu "*Apis mellifera sahariensis*" u "*Apis mellifera monticola*". Din ir-razza hija magħrufa ħafna fil-produzzjoni tal-għasel, kalma ħafna, tirreżiżti għal ċertu mard u ma tantx tofrogħ.


Tilar bl-għasel issiġillat

## Formazzjoni tal-Kolonja

F'kolonja naħal jgħixu tliet tipi, ir-reġina li hija l-omm u tbid il-bajd, il-bgħula (irġiel) li xogħlhom hu li jitgħammru ma' rġejjen verġni, ma għandhomx xewka u mhumiex kapaċi jieklu waħedhom u l-ħaddiema, fejn minnhom jkun hemm bl-eluf. Il-ħaddiema huma nisa sterili li jagħmlu x-xogħol kollu tal-kolonja.

Ir-reġina tbid il-bajd fiċ-ċelloli tax-xehda li hija mibnija mix-xama'. Dan il-bajd ifaqqas wara tlett ijiem. Il-ħaddiema jibdew jitimgħu lil dan id-dudu (duqqajs) u f'dan l-istadju jiġi determinat jekk dan id-dudu żgħir hux se jiżviluppa reġina, bagħal jew ħaddiem. Id-dudu tar-reġina jagħtuh jiekol *royal jelly* għal-perjodu kollu sakemm jifforma l-pupa kif ukoll wara li tfaqqas. Id-dieta tar-reġina tibqa' fuq ir-*royal jelly* tul il-ħajja tagħha. Ir-*royal jelly* huwa prodott li n-naħal biss kapaċi jipproduċi minn glandoli li għandu f'rasu u sal-ġurnata tal-lum ix-xjenza ma kinitx kapaċi tagħmlu fil-laboratorju. Ir-reġina tagħżel hija meta tbid il-bajd jekk ikunx fertilizzat biex jiffurmaw il-ħaddiema jew mhux biex jiġu l-bgħula u jkun determinat mid-daqs taċ-ċelloli. Iċ-ċelloli tal-bgħula jkunu ikbar u din t-tip ta' xehda n-naħal jippreferiha anke għall-ħażna tal-għasel.

L-ikel li jingħata lid-dud tal-bgħula u l-ħaddiema jkun l-istess l-ewwel tlett ijiem jiġifieri *royal jelly* però mbagħad jingħataw taħlita ta' trab tal-fjura u għasel. Il-perjodu ta' żvilupp ta' dawn it-tliet tipi huwa differenti kif tindika din it-tabella fi ġranet:

| Tip | Bajda | Larva | Pupa | Adult |
|---|---|---|---|---|
| Reġina | 3 | 8.5 | 5.5 | 16 |
| Ħaddiema | 3 | 9 | 9 | 21 |
| Bgħula | 3 | 10 | 11 | 24 |

## L-Istaġun tal-Frieħ

B'mod naturali n-naħal għandu perjodu meta jipproduċi ruħu biex ma jispiċċax iżda jiġġedded. Il-perjodu tar-rebbiegħa bejn Marzu u April huwa żmien meta n-naħal jofrogħ. Din it-terminoloġija tintuża minn min irabbi n-naħal meta jkollok madwar nofs in-naħal li jitlaq u jfittex bejta ġdida. Normalment reġina tgħix għall-perjodu ta' bejn sentejn u tliet snin. Ir-reġina tipproduċi kimika (*pheromone* jew *queen substance*) li tkun unika għal kull reġina. In-naħal jiekol minnha u titqassam bejn kulħadd. B'hekk jkun jista' jiddistingwi ruħu minn kolonja għal oħra. Din il-kimka hija fattur ewlieni fil-mekkanIżmu biex in-naħal

jofrogħ flimkien m' oħrajn:

Wara sentejn ir-reġina tnaqqas l-ammont tal-kimika li tipproduċi u ma jkunx biżżejjed għal kulħadd

Din il-kimika tista' ma tasalx għand kulħadd minħabba konġestjoni fil-kaxxa;

Ma jkunx hemm spazju fil-kaxxa;

Sorsi ta' trab tal-fjura u meraq tal-fjuri jkunu abbundanti;

Dan il-fatturi kollha huma ideali biex il-kolonja tofrogħ. Għalhekk in-naħal jibni ċelloli forma ta' beżżul biex minnhom jiġu pprodotti rġejjen ġodda. Ftit qabel ma dawn ifaqqsu r-reġina omm tiddeċiedi li titlaq hi biex tibda bejta ġdida. Jista' jagħti l-każ li matul l-istaġun ir-reġina tiġi nieqsa, eżempju meta min irabbi qed jagħmel l-ispezzjoni tal-kolonja joqtol lir-reġina b'mod aċċidentali jew taqa' fl-art u ma jindunax, din ma tkunx kapaċi terġa' tidħol fil-kaxxa f'postha, in-naħal jinduna u jibni wkoll dawn iċ-ċelloli biex jagħmel reġina ġdida.

Hemm fenominu ieħor fit-trobbija tan-naħal li jgħidulu "supersedure" meta n-naħal jiddeċiedi li jibdel ir-reġina għal diversi raġunijiet, fosthom qed tixjieħ, ġiet immankata jew mhix tbid biżżejjed. F'dan il-każ ukoll in-naħal jibni dawn iċ-ċelloli appposta. Issa d-differenza meta n-naħal ikun qed jaħseb biex jofrogħ jew jibdel ir-reġina hija fl-ammont ta' bżieżel li jinstabu. Fil-każ ta' meta jofrogħ fil-kolonja jinstabu ħafna bżieżel filwaqt li fil-każ ta' "supersedure" l-ammont ikun ta' bejn tnejn u tlieta u anke d-daqs jkun ikbar. Matul dan il-perjodu jista' jagħti l-każ li kolonja jkollha żewġ irġejjen u n-naħal jistenna li r-reġina ż-żgħira tibda tbid qabel jelimina lill-omm.

## Xogħol in-Naħal (Ħaddiema)

Ix-xogħol kollu tal-kolonja jsir mill-ħaddiema. L-ewwel xogħol tan-naħla jkun li tnaddaf iċ-ċellola min fejn tkun faqqset u terġa' tlestiha biex ir-reġina tkun tista' tbid fiha. Wara dan il-perjodu n-naħla tibda timmatura u l-glandoli li jipproduċu l-ikel "*royal jelly*" jibdew jiffunzjonaw għalhekk tibda tagħti ikel lid-duqqajs kif ukoll tkun kapaċi tagħti ikel lir-reġina u l-bgħula peress li dawn mhumiex kapaċi jieklu waħedhom.


Tilar bid-duqqajs

Wara ħmistax il-ġurnata l-glandoli tax-xama' li jinstabu fuq in-naħa t'isfel taż-żaqq tan-naħla jibdew jiffunzjonaw. Għalhekk tkun waslet f'perjodu fejn tista' tibni x-xehda, tissiġilla ċ-ċelloli tad-duqqajs jew inkella tissiġilla l-għasel meta jkun immatura. In-naħla tagħmel perjodu ta' għassa mal-kolonja biex ma tħallix naħal li mhux tagħhom jidħol kif ukoll insetti oħrajn. F'każ li jidħol insett jew mammiferu kbir dan jiġi attakkat bix-xewk u joqtluh. Peress li jkun kbir ħafna għalihom biex joħorġuh barra l-bejta, in-naħal imbagħad jagħti dan l-oġġett bix-xama' u propolis (reżin li jinġabar mis-siġar) biex jevita li jkollu xi kontaminazzjoni fil-kolonja mid-dekompożizzjoni.

Xogħol ieħor li tagħmel in-naħla, li f'dan l-istadju tkun meqjusa bħala *housekeeper,* huwa li tirċievi l-meraq tal-fjuri mingħand in-naħal li jkunu qegħdin jaħdmu fuq barra l-kolonja biex tibda t-trasformazzjoni ta' din il-ħlewwa f'għasel. Fil-meraq tal-fjuri jkun

hemm 80% ilma filwaqt li l-għasel ikollu 18% ilma u l-kumplamnet jkunu glukożi u fruttożi, vitamini, minerali u enżemi. Ix-xogħol ta' ġewwa l-kolonja normalment ikun ta' tliet ġimgħat, imbagħad tibda taħdem xogħol ta' barra li jkun jikkonsisti li tiġbor il-meraq tal-fjuri (nectar), trab tal-fjuri (pollen), ilma u reżin tas-siġar (biex jagħmlu propolis fil-kolonja).

Il-meraq tal-fjuri huwa l-prodott li minnu jsir l-għasel, filwaqt li trab tal-fjuri huwa s-sors ta' proteini li huwa importanti fl-iżvilupp tad-duqqajs u anke tan-naħal adult. L-ilma jintuża għal żewġ affarijiet, fl-aħħar tax-xitwa u bidu tar-rebbiegħa, in-naħal ikollu għasel magħqud fix-xehda tiegħu għalhekk iħallat l-ilma miegħu biex ikun jista' jieklu. L-ilma jintuża wkoll biex ibaxxi t-temperatura tal-kolonja fil-perjodu sħun tas-sena speċjalment fis-sajf. Ir-reżin tas-siġar, in-naħal jiġbru biex jissiġilla sewwa l-bejta tiegħu fejn jkun hemm ix-xquq, fix-xehda biex jagħtiha iktar saħħa w anke dan il-prodott għandu l-benefiċċju li l-infezzjonijiet jonqsu ghax jaħdem bħala disinfettant. Illum il-ġurnata dan huwa prodott ieħor li l-kolonja tan-naħal qed tagħmel u hemm użu għalih minn naħa tal-bniedem. Jekk trid li tiġbor il-propolis trid tagħmel xibka (bħal tan-nemus) fuq it-tilari tan-naħal qabel l-għatu, in-naħal jibda jimla din ix-xibka u x'ħin tkun mimlija din titqiegħed ġo friża biex il-materjal jibbies u jkun jista' jitfarrak minn ġox-xibka.

Prodott ieħor li jinstab maħżun fil-kolonja huwa t-trab tal-fjura. In-naħal għandu funzjoni prinċipali fl-ambjent fejn tidħol id-dakra tal-fjuri. Ħafna prodotti agrikoli bħal bettieħ, dulliegħ, qarabagħli u siġar tal-frott kollha għandhom in-naħal biex il-fjuri tagħhom jiddakru u jipproduċu l-frott. Il-meraq tal-fjuri huwa l-inċentiv għan-naħla biex tmur fuq il-fjura. Meta n-naħla tmur fuq il-petali tal-fjuri, din trid tidħol 'il ġewwa u toħroġ ilsinha biex tiġbed dan il-meraq. Fl-istess waqt li n-naħla tkun qiegħda tħokk mal-anther tal-fjura li jkunu mimlija trab tal-fjura u jeħel max-xagħar tagħha. Peress li n-naħla żżur mijiet ta' fjuri qabel terġa' lura lejn il-bejta dan jagħmilha possibli li ssir id-dakra tal-fjuri u tirnexxi "il-*cross pollination*" għax trab tal-fjura oħra jħokk ma l-"istigma" tal-oħra.

In-naħla għandha wkoll il-kapaċità li tiġbor t-trab tal-fjuri u ġġorru ma saqajha ta' wara fejn għandha xagħra iebsa li magħha jitwaħħal forma ta' ballun żgħir. Dan isir possibli billi n-naħla tibda tpoġġi t-trab tal-fjuri b' ilsienha fuq din ix-xagħra u żżidlu l-meraq tal-fjura biex jagħqad flimkien. Fil-fatt min irabbi n-naħal ikun jista' josserva n-naħal tiegħu li qed jaħdem it-trab tal-fjura għax ikun evidenti meta jkun dieħel lura fil-bejta. Dan ix-xogħol tal-ġbir tal-prodotti *foraging* normalment in-naħla għandha s-saħħa li tagħmlu għal tlett ġimgħat waqt l-istaġun attiv. Għalhekk huwa possibli li ngħidu li l-ħajja tan-naħla hija ta' madwar sitt ġimgħat waqt li jkun hemm ix-xogħol ta' barra fl-aqwa tiegħu. Matul l-istaġun tax-xitwa n-naħla tgħix iktar peress li ma tkunx qiegħda taħdem barra, imma tibqa' fil-kolonja ġewwa u tikkonsma l-għasel li tkun ipproduċiet hi. In-naħla għandha l-kapaċità li ġġorr materjal daqs il-piż tagħha u jaf iddum iktar minn siegħa barra qabel terġa' lura fil-bejta. Il-kesħa u r-riħ qawwi jagħmilha iktar diffiċli għan-naħla għalhekk ikun iktar stressat u jmut qabel.

## L-Istaġuni tal-Għasel

F'Malta nisgħtu ngħidu li għandna tliet staġuni tal-għasel. L-ewwel staġun huwa tal-fjuri tar-rebbiegħa li fih jiġbor l-akbar varjazzjoni ta' fjuri. Normalment dan l-għasel jinġabar bejn April u Mejju. F'Jannar fl-ambjent tagħna jkollna ħafna ħaxixa Inġliża – *Cape sorrel* – *Oxalix pes-caprae*, li hija sors tajjeb għat-trab tal-fjura. Meta t-temperatura ta' barra titla'

għal 16ºc din tagħmila possibli li n-naħal joħroġ jirgħa fuq din il-fjura. Fi Frar jibda jkollna l-fjuri tal-berwieq – *Branched asphodel – Asphodelus aestivu*, din hija arbuxella li tikber fuq il-blat. Wara li joħorġu l-weraq, din il-pjanta ttella' bastun li fuqu jiftħu ħafna fjuri li kapaċi ddum madwar tliet ġimgħat tiftaħ ftit ftit. F'dan il-perjodu wkoll jibda jkollna il-fjuri tas-silla – *Sulla – Hedysarum caranarium*, li tkun telgħet mal-ewwel xita ta' Settembru. Però il-lum hawn min qed jiżra' żerriegħa tas-silla lejn Ottubru u anke Novembru li din imbagħad twarrad aktar tard u jaf iddum anke sa Mejju jiddependi skont l-ammont tax-xita li tagħmel. Fjuri oħrajn li jkollna fl-istaġun tar-rebbiegħa huma tas-siġar tal-frott irqiq, siġar taċ-citru, fidloqqom – *Common Borage – Borago officinalis*, xewka bajda – *Mediterrenean Thistle-Galactitis tamentosa*, klin – *Rosemary – Rosemary officinalis*, ġarġir isfar – *Perennial wall rocket – Diplataxis tenuifolis*, Ġargir Abjad – *White wall rocket – Diplataxis erucoides*.

Staġun ieħor huwa dak tas-sajf li aħna l-Maltin magħrufin għall-għasel bnin li jkollna. Fil-perjodu ta' Ġunju u Lulju jispikka is-sagħtar – *Mediterranean Thyme – Thymbra capita*, li hija arbuxella aromatika li tikber fuq il-blat fix-xagħri. Din l-arbuxella tinstab ħafna fin-naħa ta' fuq tal-gżira ta' Malta, f'Kemmuna u partijiet minn Għawdex. Fejn tkun preżenti bl-abbundanza tista' taraha bħal tapit vjola. L-għasel ta' din il-pjanta għandu riħa tfuħ ħafna u l-iktar wieħed ħelu. Il-kompożizzjoni taz-zokkor tiegħu tikkonsisti f'iktar fruttosi milli glukosi għalhekk jagħmlu iktar ħelu u jdum iktar biex jikkristallizza (jagħqad) minn għasel ieħor. Fjura oħra li jieħu minnha f'dan il-perjodu hija tal-kappar – *caper bush – Capparis orientalis*. Din l-arbuxella wkoll kapaċi tikber fuq il-blat u fi xquq mil-ħitan. Normalment l-għasel ta' dan l-istaġun jinġabar l-aħħar ġimgħa ta' Lulju jew kif inhu magħruf għal żmien Sant Anna.

Staġun ieħor li jista' jkollna huwa wkoll tal-ħarifa fejn din darba jiddependi fuq żewġ siġriet waħda tal-ewkaliptu – *Red Gum* Eucalyptus – *Eucalyptus comoldulensis* u s-siġra tal-ħarrub – *carob tree – Ceratonia siliqua*. Il-fjuri tal-ewkaliptu normalment jibdew jiftħu f'Awwissu u f'Settembru filwaqt li dak tal-ħarrub għal Ottubru. L-għasel ta' dan l-istaġun normalment jinġabar għall-bidu ta' Novembru u jkun ta' kulur skur ħafna minn kannella għal kważi iswed. Il-kulur sewdieni jiġi mil-fjuri tal-ħarrub u karatteristika li jkollu ħafna iktar minerali minn għasel ieħor. Anke t-togħma hija differenti u mhux kulħadd sa togħġbu. Dan l-għasel simili wkoll tar-rebbiegħa jkollu iktar glukosi għalhekk jikkristalizza iktar malajr.

Dan il-proċess naturali huwa wkoll mezz biex jippreserva aħjar. L-għasel għandu l-karatteristika li jiġbed l-umdità u għalhekk importanti li jkun issiġillat tajjeb. Jekk il-persentaġġ tal-ilma jogħla iktar minn 18% hemm riskju kbir li jiffermenta u ma jkunx tajjeb għal konsum ħlief għat-tisjir tal-pasti. Il-valur nutrittiv tal-għasel huwa wkoll bil-preżenza ta' enżemi li fih għalhekk dan hu prodott ħaj. Hawnhekk il-konsumatur Malti għandu bżonn jitgħallem iktar kif jixtri l-għasel Malti peress li meta jara vażett ta' għasel li qed jikkristalizza jaħseb li dan mhux tajjeb. Meta l-għasel jkun ġol-vażett permezz ta' kuċċarina jkun possibli li tieħu anke meta jkun magħqud. Jekk il-preferenza hija ta' għasel likwidu dan irid jiġi msaħħan permezz ta' banjumarija biex ma jkunx hemm nar dirett fuq l-għasel u t-temperatura ma taqbiżx l-40ºc biex l-effett tal-enżemi ma tantx jitnaqqas. L-effett tal-enżemi jonqos meta dawn jiġu esposti għas-sħana. Għalhekk punt importanti ieħor huwa fejn iżżomm il-vażett tal-għasel. L-aħjar jinżamm fid-dlam bħal fil-bank tal-kċina, 'il bogħod mis-sħana tal-forn u d-dawl.

## Xogħol ta' Matul is-Sena

It-trobbija tan-naħal fiha xogħol tista' tgħid is-sena kollha. Matul l-istaġun tax-xitwa l-interventi diretti fuq il-kolonji huma ħafna inqas, però tista' taħseb biex tagħmel il-manutenzjoni tal-kaxxi u tagħti ż-żebgħa fejn ikun hemm bżonn.



Sagħtar

Ir-rebbiegħa huwa l-iktar staġun attiv peress li l-kolonji jkunu qegħdin fil-popolazzjoni tagħhom. Ikun hemm bżonn bdil ta' parti mit-tilari tad-duqqajs mill-bejta, kif ukoll jingħataw iż-żidiet minn fejn min irabbi n-naħal ikun jista' jieħu l-għasel għalih. Għassaħħa tan-naħal mhux prattiku li tieħu t-tilari bl-għasel mil-bejta tiegħu għax inkella n-naħal jiġi stressat u jkollok problemi tal-mard tan-naħal. F'dan il-perjodu wkoll jista' jinġabar l-ewwel għasel. Bħalissa jkun żmien tajjeb biex tipproduċi rġejjen u frieħ ġodda għas-sena ta' wara. Kull sena trid taħseb għal dawn peress li jkun hemm numru ta' kolonji li jmutu minħabba diversi raġunijiet.

Fis-sajf ix-xogħol prinċipali huwa li jinġabar l-għasel u jingħata l-ewwel trattament għal kontra il-marda tal-*Varroa*. Dan it-trattament isir wara li jinġabar l-għasel kif ukoll f'Jannar meta ż-żidiet tal-għasel ikunu vojta ħalli tevita li tħalli xi traċċi tal-mediċina fl-għasel. Din il-marda ġiet fil-gżejjer Maltin fl-1992 u għamlet ħerba totali minn-naħal ta' Malta li madwar 10% biss kienu salvaw. Id-Dipartiment tal-Agrikoltura ta' dak iż-żmien kien importa naħal minn *New Zealand* biex jerġa' jkabbar il-popolazzjoni. In-naħal kien inxtara minn daqshekk 'il bogħod peress li dak il-pajjiż f'dak iż-żmien ma kienx maħkum minn din il-marda.

Fil-ħarifa jista jkun li nieħdu ftit għasel imma mhux kull sena peress li dan jiddependi ħafna mit-temp jekk ikunx favorevoli għal fjuri tal-ewkaliptu u tal-ħarrub jew le. F'dan il-perjodu min irabbi irid joqgħod attent li l-kolonja jkollha biżżejjed għasel x'tiekol għax ikun ġej l-istaġun tax-xitwa u jaf ikun hemm bżonn li jingħata l-għalf neċessarju biex jgħix.

---

*Fil-Festa*
*għid ir-Rużarju*
*mal-Familja*
*u tkun tajt*
*l-isbaħ rigal*
*lil Santa Marija*





“Today’s ovens...
Yesterday’s taste”
Indoor and Outdoor
wood burning
ovens & stoves
martin grima ltd.
Ghajn Astas,
St. Pauls Bay
21574474 / 99471982




Manuel Bezzina Co Ltd
MALTESE FALCON
IMPORT - EXPORT
ŻERRIEGĦA TAL-PATATA U
FERTILIZZANT ĠERMANIŻ TA’ L-AQWA KWALITÀ
DERBY
Bikrija
SLANEY
Bajda
DRUID
Ħamra
ALPHA
Safra
SAVANNA
Bajda
CARA
Ta’ Għajnha
Ħamra
DERBY
Patata bikrija, reżistenti għall-mard u
għammiela ħafna li ser tiġi esportata
lejn il-Ġermanja u l-Olanda.
ARRAN BANNER
LISETA
Aktar Tagħrif Manuel Bezzina Co Ltd
‘Springfield’, 24, Excelsior Street, Għargħur NXR 1112
Tel: (Res) 21410204, (Ta’ Qali) 21418192
Mob: 99497346 • Fax: 21412587
E-mail: manuelbezzina@hotmail.com




Some buses are friendly

# maltasightseeing

hop on hop off

The Best Way to Visit Malta & Gozo's Main Attractions using the Largest Maltese Transport Company on the Islands!

SUPREME Travel

Supreme Travel Ltd, Kastellan Road,
Zejtun ZTN 4400, MALTA
T: (356) 21694967, 21677197
F: (356) 21695856
W: www.maltasightseeing.com
E: info@maltasightseeing.com

- Hop On Hop Off Tours in 16 Languages
- Wheelchair access on most tour buses
- FREE Day Harbour Cruise with any bus tour
- FREE Transport from any location in Malta to our Terminus
- FREE RETURN Transport from Sliema
- Over 45 Stops

TOP QUALITY GUARANTEED

SUPREME Travel

# Daily Comino & Blue Lagoon Cruises

Adults Eur 25
Children Eur 17
Under 5 years: Free



We cruise directly to the Island of Comino where we spend the day soaking up the sun, swimming in the crystal clear waters of the Blue Lagoon, relaxing on the boat or lying on the beach. The boat will be anchored at the Blue Lagoon so you will have full use of the facilities on board such as bar (serving snacks and beverages), fresh water showers, snorkeling equipment, toilet and air-conditioned area.

Cave Tours by Speedboat
Eur 10.00 per person

This is your unique opportunity to set off on a 20 mins thrilling powerboat ride around Comino, giving you an in-depth tour into the Exotic



SUPREME Travel

Supreme Travel Ltd
Kastellan Road,
Zejtun ZTN 4400,
MALTA

T: (356) 21694967, 21677197
F: (356) 21695856
E: info@suprememalta.com
W: www.suprememalta.com

# SUPREME Coaches

## Vehicles for hire for all occasions!



SUPREME Travel

Supreme Travel Ltd
Kastellan Road,
Zejtun ZTN 4400,
MALTA

T: (356) 21694967, 21677197
F: (356) 21695856
E: info@suprememalta.com
W: www.suprememalta.com

TOP QUALITY GUARANTEED

# Rev. Dr Edgar Vella

*Fil-25 anniversarju tal-ordinazzjoni*
*1988-2013*

Kieku xi ħadd kellu jistaqsini kif tħares lejn dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena ta' saċerdozju, inwieġeb bla tlaqliq li għaddew qishom ħolma. Meta dħalt is-seminarju fl-1980, wieħed mis-seminaristi kien qalli li ser nara ż-żmien twil sal-Milied u mbagħad itir flimkien mas-snin ta' wara. Jien niftakar kont għedt bejni u bejn ruħi li dan qalu biex jagħmilli kuraġġ… biss kellu raġun, għax l-ewwel sena taret u magħha l-kumplament. Mal-ordinazzjoni fit-8 ta' Lulju 1988 is-snin gerbu, u din is-sena qed infakkar il-ħamsa u għoxrin sena, snin ta' esperjenzi diversi fil-mandati afdati lili mill-Ordinarju.



Dakinhar tal-ordinazzjoni ta' Fr.Edgar Vella fil-Konkatidral ta' San Ġwann.

L-ewwel esperjenza kienet bħala viċi fil-parroċċa tal-Mosta fejn bdejt ħidma pastorali li nvolvietni f'attività mad-diversi setturi fil-parroċċa.

Wara ftit iżjed minn sena, Mons. Arċisqof reġa' sejjaħli għall-mandat ieħor, din id-darba bħala viċi fil-parroċċa tal-Mellieħa. Meta mort hemm sibt ruħi fil-qalba tal-preparazzjonijiet għall-miġja tal-Papa Gwanni Pawlu II, esperjenza li nibqa' ngħożż f'qalbi. Il-ħidma f'din il-parroċċa laqqgħatni ma' ħafna nies li għadhom ħbieb tiegħi sal-lum avolja għadda ħafna żmien li kont hemm. Is-servizz fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa kien mezz biex nissieħeb ma' tant nies fl-iżjed mumenti diffiċli u mnikkta flimkien ma' mumenti sbieħ u ħienja.



Waqt iż-żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II fil-Mellieħa nhar is-26 ta' Mejju,1990.

Għaddew tliet snin u nofs u ġejt imsejjaħ biex mill-Mellieħa nibda xogħol ieħor, din id-darba bħala assistent kuratur fil-mużew tal-katidral fl-Imdina. Barra l-uffiċċju fil-mużew kont nassisti fil-parroċċa tal-Imġarr kif ukoll bħala assistent ekklesjastiku tal-Oratorju, u hawn niftakar lill-mibki Dun Ġużepp dejjem preżenti biex jagħtini pariri siewja fit-treġija tal-post tant għal qalbu. Kien żmien ta' attività memorabbli

meta l-parroċċa tagħna fakkret l-ewwel ċentinarju tagħha.

Wara xi erba' snin erġajt ġejt imsejjaħ biex naħdem fil-parroċċa tal-Mosta bħala viċi Arċipriet; il-kobor tal-parroċċa u l-għadd kbir ta' parruċċani daħħalni f'attività impenjattiva u responsabbli li għenitni nassorbi esperjenzi validi li għallmuni ħafna. Minħabba l-interess fl-istorja u l-arti, ġejt mitlub nibda wkoll ix-xogħol ta' inventarista tad-djoċesi f'ħidma interessanti u importanti lejn il-patrimonju artistiku tal-knisja f'Malta. Nammetti li proprju waqt il-ħidma f'dan il-kamp kont għoddni ħallejt ħajti b'inċident gravi li wkoll tani esperjenza ġdida ta' dak li jkollhom jgħaddu minnu pazjenti li jiġu anke għal xi żmien partikulari f'dipendenza totali minn ħaddieħor.



Iċ-ċerimonja tad-Dottorat, 22 ta' Novembru, 2012

Minn hawn erġajt ġejt imsejjaħ biex insib posti bħala kuratur fil-mużew tal-katidral, l-attività u l-ħeġġa ħajruni biex napprofondixxi iżjed fir-riċerka u wara diversi snin wasalt biex iggradwajt b'dottorat mill-Università ta'Malta, kisba li tatni sodisfazzjon kbir fil-kamp professjonali tiegħi.

Meta nħares lura xorta ngħid li stajt għamilt iżjed…wara kollox l-esiġenzi dejjem jirrekjedu involvement u parteċipazzjoni fl-orarju tal-impenji.

Ma nistax f'din iċ-ċirkostanza ta'radd il-ħajr lil Alla ma niftakarx b'għożża kbira f'ommi u missieri li kienu dejjem hemm għalija u li l-memorja tagħhom tibqa' f'moħħi u f'qalbi u magħhom iż-żewġ neputijiet li ħallewna f'qasir l-għomor. F'mumenti speċjali n-nuqqas tagħhom jinħass iżjed imma l-preżenza tagħhom tibqa' hemm magħna.

F'dan l-anniversarju nrodd ħajr lil Alla ta'dak kollu li għamel miegħi u nitolbu l-għajnuna u jidħol għalija biex inkun ta' ġid għal dawk kollha li jenħtieġu s-servizz tiegħi.




Summer Sale
NOW ON
OPEN ALL DAY
JB STORES
SALE ON
HOME TEXTILES | CURTAIN FABRICS | FASHION FABRICS | FASHION WEAR FOR ALL THE FAMILY AND MUCH MORE!
We Make Living Affordable
IKLIN
HAMRUN • SAN GWANN • FGURA • ST PAUL'S BAY
WWW.JBSTORES.COM E: INFO@JBSTORES.COM T: 2331 4301/3

Jesper's™
Danish Bakery

Danish Bakery Quality Product

# Il-ħobża favorita tiegħek b'għażla akbar u b'dehra ġdida




Trade enquiries: 2248 3600 / jespers@danishbakery.net

danishbakery.net



# Aktar ħidma u riżultati pożittivi mill-‘Mġarr Karate Club’ (MKC)

*MĠARR KARATE CLUB*
*(1999-2013)*
*It-Tieni Post għall-MKC fil-Kampjonati Nazzjonali tal-Karate, 16-17 Marzu, 2013:*
*10 l-ewwel, 11 it-tieni u 7 it-tielet post*




Kata L-ewwel post: Sarah Marie Scerri, Deborah Zammit, Owen Galea, Luke Galea, Gabriel Camilleri, Lara Buttigieg

Kata t-tieni post: Neil Galea, Anthea Baldacchino, Ella Fiorini, Maria Galea, Sarah Galea, Maria Muscat, Carl Muscat, Team Kids Yellow (Miguel-Ella-Sarah Marie), Team Kids Blue (Sarah-Owen-Daniel), Team Browns (Luke-Carl-Gabriel)



Kata t-tielet post: Alexandra Gatt, Isaac Pisani, Miguel Chetcuti, Daniel Mifsud, Kurt Camilleri, Mark Fenech

Kumite l-ewwel post: Carl Muscat, Luke Galea, Benjamin Zammit, Mġarr Team Kumite A (Luke-Carl-Gabriel)

Kumite it-tieni post: Gabriel Camilleri

Kumite it-tielet post: Sarah Galea

Grazzi mill-qalb lill-ġenituri kollha tas-sapport kontinwu tagħhom u b’mod partikulari lil Audrey Zammit, Joe u Stpehen Grima, Lucienne u Jean-Pierre Mifsud, Charmaine Chetcuti, Rita Galea, Miriana Vella, Michael Groves, Kenneth Abela u oħrajn għall-għajnuna tagħhom waqt il-kompetizzjoni. Morna tajjeb grazzi għat-TEAM EFFORT kollu li sar. (T.E.A.M. = Together Everyone Achieves More)

## Ngħinu lid-Dar tal-Providenza - Maratona Sports 2013

Kull sena, MKC jagħti s-sehem tiegħu fil-Maratona Sports b’risq id-Dar Tal-Providenza. Din is-sena ppreżentajna s-somma sabiħa ta’ € 2,740 għal dan il-għan nobbli.

MKF President, Mr Kenneth Abela, jagħti din d-donazzjoni lill-Mrs Mary Vella, Presidenta





'Oratorju Qalb bla Tebgħa ta' Marija' tal-Imġarr, waqt sessjoni tat-taħriġ tal-klabb, il-Ħamis, 21[ta'] Marzu 2013. B'kollox ġbarna 'l fuq minn € 24, 500 tul dawn l-aħħar 14-il sena.

## Skozja – Edinburgh Open Karate Competition - 27/28 April 2013: 1 Deheb, 3 Fidda, 8 Bronż għat-Tim Malti

Wirja tajba ħafna mit-tim Malti tal-Karate, f'li Skozja Open Karate Champs, 27-28 April, 2013.

Fost it-tim Malti kellna 4 membri mill-MKC: Sensei James Galea bħala wieħed mill-kowċis u kompetitur veteran kiseb it-tielet post, Luke Galea kiseb it-tielet post fil-Kata u t-tielet post fil-Kumite, Sarah Galea kisbet it-tielet post fil-Kata filwaqt li Daniel Mifsud kiseb it-tieni post fil- Kumite.



## Excellence Trophy Award – Għall-Studenti b'Attitudni mill-aqwa, Ħabrieka, Eżemplari, Persistenti u Dixxiplinati





Nifirħu mill-qalb lir-Rebbieħa riċenti tagħna tal-Excellence Trophy Award

Sarah Galea – wirjiet tajbin ħafna u persistenti f'Basel – Switzerland (Settembru 2012), fil-Kampjonati Nazzjonali (Marzu 2013), u f'Edinburgh – L-Iskozja (April 2013), flimkien ma' Daniel Mifsud u Luke Galea, li wkoll rebħu l-Excellence Trophy fil-passat, għall-progress qawwi li għamlu bħala atleti w anke akkademikament. Bravi tassew!

Deborah Zammit – Prestazzjoni mill-aqwa fil-Kampjonati Nazzjonali (Marzu 2013) fejn rebħet l-Ewwel Post fil-Kata, wara li kienet ilha tibni ħafna f'kompetizzjonijiet passati, mingħajr ma taqta' qalbha. Brava ħafna!

## 23 Atleta mill-Imġarr Karate Club li laħqu Black Belts (Malta Karate Federation – World Karate Federation) tul dawn l-ahhar 14-il sena:

1st Dans: Rita Galea, Clinton Galea, Matthew Schembri, Joanne Grima, Caroline, Roberta Abela, Maria Cascun, Bernice Vella, Michael Apap Bologna, Kris Muscat, Roger Grima, Denise Vella.

Black Belts Ġodda Lulju 2013: Brian Abela, Carl Muscat, Gabriel Camilleri, Luke Galea.

2nd Dans: Sandro Muscat, Stephen Bugeja, Alexander Chircop, David Pulis (Lulju 2013).

3rd Dans: Joe Grima, Kenneth Abela, Stephen Grima (Lulju 2013)



JARDINLAND
AGRIPRODUCTS LTD
Ghajn Tuffieha Road, St Paul's Bay.
Tel: 21521559, 21570215.
E-mail: jardin@maltanet.net




BLAUGRANA
CERAMICS
Importers of Tiles from Italy & Spain
Specializing in Bathrooms and Floor Ceramics
Johann Said
mob: 99728174
• Tile Laying
• Bathroom Accessories
• Mixers
90, Main Street, Mgarr, Malta
info@blaugrana.com.mt
www.blaugrana.com.mt


LIQUIGAS
Ph. Borg Ltd
FUEL & LPG
Supplier
FUEL SUPPLIER
Diesel
Kerosene
Heating Gas Oil
BioDiesel
Bulk LPG
LPG Transporter
for LIQUIGAS
Mob: 9949 1177
Fax: 2152 3215;
Email: info@phborgltd.com
www.phborgltd.com


Pullicin Developers Ltd
Għal kull xogħol ta' Bini
For more information give us a call on
99477323/99427324/99477324.
Or visit our website www.pullicin.com
Bargain Prices guaranteed!
Pullicin Skip Hire
We are a Skip Hire, Mini
Skip Hire & Commercial
Waste Disposal Company.
Mini Skip Hire, Waste Disposal, Rubbish Removal
Service & Commercial Waste Disposal.

# Il-Ħidma tal-Mġarr United F.C.

**Il-Kumitat**

Qabel kollox f'isem l-amministrazzjoni tal-Imġarr United F.C. nixtieq nirringrazzja lill-kumitat tas-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr, talli tawna l-opportunità niktbu messaġġ f'din il-pubblikazzjoni.

Għadda staġun ieħor u bħalissa kull wieħed minna jkun qiegħed jagħmel l-evalwazzjoni ta' dan l-istaġun li għadu kemm spiċċa. Kif ukoll nibdew il-preparazzjonijiet għall-istaġun li ġej.

Bħala amministrazzjoni kellna staġun verament impenjattiv li kien jinvolvi ħafna deċiżjonijiet u xogħol amministrattiv. Fil-kompetizzjonijiet b'sodisfazzjon kbir rajna lit-tim tan-nisa jżomm postu fl-ogħla diviżjoni b'wirjiet ferm tajbin kontra timijiet iktar kwotati minna. Barra minn hekk kellna wkoll żewġ plejers, Brenda Borg u Antoinette Sammut fl-azzjoni mat-tim Nazzjonali. Dawn riċentament kisbu riżultati ferm prestiġjużi.

It-tim tal-irġiel kellu staġun li fih kien hemm bdil ta' kowċ, għadd ta' *injuries* kif ukoll waqfien mill-logħob ta' diversi plejers. Għalhekk it-tim safa relegat wara biss staġun fit-tieni diviżjoni.

It-tim ta' taħt id-19-il sena żamm postu f'Sezzjoni Ċ, u ta' min isemmi li ħafna membri ta' dan it-tim kienu involuti ħafna fit-tim tal-kbar.

Fi tmiem ta' dan l-istaġun il-kumitat jixtieq jirringrazzja lill-kowċ Ray Vella u martu Mariella tal-għajnuna fit-tim tan-nisa kif ukoll magħhom lil Sandra Sammut u Mary Muscat. Żgur li mingħajr dawn in-nies it-tim ma kienx jagħmel dawn is-suċċessi. Nirringrazzjaw ukoll lil Vesko Petrovic u Dickson Gill għat-tmexxija tagħhom fit-tim tal-kbar u ta' taħt id-19-il sena.

It-Kumitat jixtieq iħabbar li għamel ftehim ma' Robert Magro u Gordon Camilleri biex għall-istaġun li ġej imexxu t-tim tal-kbar u dak ta' taħt id-19-il sena rispettivament. Nawguraw liż-żewġ kowċis kull suċċess fl-ewwel staġun tagħhom mal-Imġarr United F.C.

Grazzi kbira ma tistax ma tmurx ukoll lis-sapporters li dejjem baqgħu wara t-timijiet tagħna, kemm fil-bnazzi kif ukoll fil-maltemp.

**www.mgarrutd.com**



# It-Tim tat-Tfajliet tal-Imġarr United F.C.

Kitba ta' Mary Muscat

It-Tim tat-Tfajliet għadu kif spiċċa l-istaġun fl-ogħla diviżjoni ta' Malta. Kien staġun iebes wara li dan kien l-ewwel wieħed wara l-promozzjoni mit-tieni diviżjoni. Dan it-Tim tmexxa mill-veteran Raymond Vella (il-Mundu) flimkien ma' martu Mariella.

L-Istaġun ma setax jibda aħjar meta l-ewwel darba kontra Gozo F.C ħareġ rebbieħ bl-iskor ta' 3-1. Dan ta ħafna kuraġġ għal-logħob ta' wara u għalkemm tilfu ma' timijiet kbar bħall-Mosta , Birkirkara u Hibernians, l-iskor kien baxx u l-logħob kien wieħed ferm sodisfaċenti. L-Imġarr rebħu wkoll kull konfront kontra Ħamrun u Tarxien waqt li rebħu waħda kontra Pembroke. Fit-tieni rawnd, il-punti tqassmu u l-Imġarr spiċċaw punti ndaqs ma' Gozo F.C. Peress li t-tim Għawdxi kellu konfronti aħjar mit-tim Imġarri kellna nilagħbu l-kumplament tal-istaġun f'dik li tissejjaħ '*relegation pool*'. Hawn irbaħna l-logħob kollu biex spiċċajna l-ewwel fil-klassifika. B'hekk kienu salvi kmieni qabel l-aħħar tliet logħbiet.



Fin-*Knock-out* il-polza kienet diffiċli. Ġejna kontra Hibernians, però t-tim Imġarri wera l-kapaċitajiet tiegħu b'partita missielta u ferm bilanċjata. L-iskor finali kien dak ta' 3-2.

Dan jawgura tajjeb biex inħarsu lejn il-futur ta' dan it-tim b'aspirazzjoni li nkomplu nimmaturaw u nġibu unur lill-Klabb u lir-raħal tagħna.

Filwaqt li nirringrazzjaw lil kull min għoġbu jirreklama f'din il-pubblikazzjoni, nappellaw lil kulħadd sabiex jagħmel użu mill-prodotti u s-servizzi reklamati.


Is-Segretarju Parlamentari L-Onor. Ian Borg
jawgura l-festa tajba
lill-Imġarrin kollha.
IB
IAN BORG
facebook.com/followianborg
22957404 | 22957406 | 22957407







**St Francis, Triq Il-Fortizza, Mosta MST 4000**
**Tel: 21 422 624/5 • Fax: 21 423 084 • Mob: 99 490 877**

J. Bonavia & Nephews Ltd. provides both engineering works and waste management services. The following is a list of our services in relation to each respective field:

**Civil Engineering Works:**

- Demolition of Buildings
- Excavation Works
- Trenching Works
- Plant Hire – Earth Moving Machines Services
- Supply of Aggregate and Sand

**Waste Management Services:**

- Open Skip Services
- Skip on Wheels Services
- Waste Services
- Shredding Services



# Mġarr Volleyball Club

L-Imġarr Volleyball Club għadu kif temm it-tielet staġun minn mindu twaqqaf fl-2010. It-tim tal-irġiel kompla jikseb aktar suċċessi billi tejjeb il-pożizzjoni fil-klassifika tal-lig nazzjonali u spiċċa l-istaġun fir-raba' post. Ix-xogħol siewi tal-kowċ Silvio Camilleri żgur li qed iħalli riżultati pożittivi. L-Imġarr Volleyball Club għal dan l-istaġun daħal għal sfida ġdida bit-tnedija ta' tim tan-nisa.




Fid-29 ta' Mejju 2012, il-kowċ Silvio Camilleri flimkien ma' grupp ta' tfajliet bdew jaħdmu bis-serjetà sabiex dan it-tim il-ġdid jitgħallem il-logħba tal-*volleyball* mill-bidu nett. Kienet sfida kbira però l-klabb jinsab kuntent bis-suċċess li kiseb dan it-tim għaliex lagħab fit-tieni diviżjoni u kklassifika fir-raba' post. L-għan ewlieni tal-klabb hu li kemm it-tim tan-nisa kif ukoll dak tal-irġiel ikomplu jimxu 'l quddiem sabiex jinkisbu riżultati aħjar.



Il-klabb jiltaqa ma' bosta diffikultajiet, ewlenin fosthom il-finanzjament, u għaldaqstant il-kumitat jixtieq jieħu l-okkażjoni biex jirringrazzja lill-isponsers kollha. Mingħajr l-għajnuna ta' dawn l-isponsers, żgur li l-klabb ma jistax jibqa' miexi 'l quddiem u jibni fuq is-suċċessi li kiseb.

Grazzi ukoll lill-Kunsill Lokali Imġarr li dejjem tagħna l-appoġġ tiegħu matul is-snin. Grazzi ukoll lil dawk kollha li xi darba jew oħra ġew jagħtu s-sapport tagħhom waqt il-logħob. L-atmosfera li ħolqu is-sapporters waqt dawn il-logħbiet kienet tassew unika! It-tim kollu japprezza okkażjonijiet bħal dawn u minn hawn inħeġġu lis-sapporters ikomplu jgħinu lit-tim fl-istaġuni li ġejjin.

Inħeġġukom issegwuna fuq il-paġna ta' Facebook bl-isem Imgarr Volleyball Club (http://www.facebook.com/MgarrVolleyballClub) sabiex iżżommu ruħkom aġġornati mal-attivitajiet li l-klabb jorganizza minn żmien għal żmien. Kull min hu interessat jissieħeb mal-Imġarr Volleyball Club, jista' jikkuntatjana fuq mgarrvolley@gmail.com.

Il-kumitat jixtiequ jieħdu din l-opportunità biex jawgura il-festa t-tajba lill-Imġarrin kollha!

Mgarr
y.n.f.c.

**SPORTS BAR CAFÉ**
GENUINE FOOD AND DRINKS
FRIENDLY ATMOSPHERE
LIVE SPORTS T.V.

**CONTACT NO - 21574209  MOB - 99491017**

# Saviour Bugeja
**Tile Layer**

For all kinds of tile laying
@ reasonable prices.
Call **99281490**
Free quote estimate



A NEW ADDRESS
FOR DESIGN & STYLE

MARBLE | GRANITE | TERRAZZO | COMPOSITE STONE | HARD STONE | QUARTZITE

**Showroom:** The Factory, Mosta Road, Lija LJA 9016 - Malta **Tel:** +356 21 433636 **Fax:** +356 21 412499 **E-mail:** info@halmannvella.com

Halmann VELLA
www.halmannvella.com

*L-Onorevoli*

# *Godfrey Farrugia*

## *Ministru għas-Saħħa*

### *jawgura l-festa t-tajba lil kulħadd*



**Email: godfrey.a.farrugia@gov.mt**
**Mobile - SMS: 7900 0633**
**www.facebook.com/farrugiagodfrey**



# *Salve Reġina*

Nota: It-talba tas-Salve Reġina minsuġa f'dan l-innu ta' tifħir lil Ommna Marija. Mitmum f'Jum il-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni.

**Sliem għalik** b'ġieħ u qima ngħannulek,
B'qalbna mħeġġa **sultana** nfaħħruk,
B'**omm tal-ħniena** nagħrfuk aħna wliedek,
Li f'kull ħtieġa malajr infittxuk.

**Ħajja w ħlewwa** fl-imrar tkun għalina,
F'dak li nġarrbu f'did-dinja, mjassrin,
B'**tama tagħna** ngħodduk għalenija,
Billi Int qatt ma nqastna mas-snin.

Norbtu fuqek omm tagħna Marija
U ntennulek bil-ferħ **sliem għalik**.
**Lilek ngħajtu** biex m'Ibnek tħabbibna
**Għaliex aħna** nafdaw ilkoll fik.

Hawn qegħdin midinbin, **turufnati,**
**Ulied Eva**, bla ragħaj u bla lqugħ,
Sikwit **lilek nitniehdu** Omm Alla,
Għax il-kenn fik tassew insibuh.



**Nibku w nolfqu** sa nilħqu l-għan tagħna:
Ħelsien niksbu minn dal-**wied tad-dmugħ**,
Hekk kif nemmnu int tidħol għalina,
U lil Ibnek mat-tmiem inħaddnuh.

**Ejja mela, avukata tagħna**,
Fuq din l-art nistennewk ħerqanin,
Sabiex tkun driegħ u tarka għalina,
Għax mingħajrek ilkoll mitlufin.

**Dawwar lejna** mis-sema bla heda,
**l-għajnejn tiegħek tal-ħniena** f'kull ħin,
biex taħt ħarstek it-triq tajba nżommu
U noħorġu minn hawn meħlusin.

U kif naslu qrib tiegħek **urina**,
**Wara dan it-turufnament** sħiħ,
**Lil Ġesù,** l-għan ewlieni f'ħajjitna,
Tabilħaqq **frott imbierek**, sabiħ.

**Tal-ġuf tiegħek** dal-frott **O Ħanina**,
Li narawh fl-ogħla sebħ tinsiniex,
Lejk induru **O Pija, O Ħelwa**,
Għaliex ħliefek b'dis-setgħa m'għandniex.

Għalhekk mela **O Verġni Marija**,
Żommna miegħek ilkoll magħqudin,
Tħalli qatt li nitbiegħdu minn ħdanek
Biex noħorġu minn hawn rebbiħin.

Ħal Qormi 08.XII.2009
Ġorġ Bianchi



# L-Imġarr Iben Marija

Wara l-ħidma qalb dar-raba
Ix-xjuħ tagħna lilek faħħru
Kbira u ħelwa ommna Marija
Bnewlek dar u biha ssaħħru

Fl-Imġarr żgħir li int ħarrist
U b'imħabbtek fis wennist X2

Lilek ommna nqimu
Wassal faraġ f'ruħna
Żommna sħaħ fil-fidi,
Rażżan drawwiet artna,
Ħelwa saltan fuqna
Issa w għala dejjem.

Fejn ta' Pawlu l-gżira tilmaħ,
L-aħħar raġġ imur fil-baħar,
In-nies kotru żiedu l-qima
Lejk sultana kollok faħar.

Qalb il-ħdura knisja bnew
Għal barkietek bla għadd ġew.X2

Lilek ommna nqimu
Wassal faraġ f'ruħna
Żommna sħaħ fil-fidi,
Rażżan drawwiet artna,
Ħelwa saltan fuqna
Issa w għala dejjem.

L-għadu jaħtaf minna jrid
Dan il-ħajr li għandna lejk;
B'riġlejk irfes ras il-lifa,
Twarrab qatt lilna minn ħdejk;

Mit-tiġrib li ġej eħlisna,
U b'qawwietek int libbisna X2

Lilek ommna nqimu
Wassal faraġ f'ruħna
Żommna sħaħ fil-fidi,
Rażżan drawwiet artna,
Ħelwa saltan fuqna
Issa w għala dejjem.

Mużika Mro. Vincenzo Ciappara
Lirika: Ġanni A.Cilia





# GIOVANNI GATT

jawgura l-festa t-tajba lill-Imġarrin kollha.

Giovanni  jixtieq jirringrazzja lil dawk kollha li sena wara sena tawh l-appoġġ tagħhom u eleġġewh fil-kunsill lokali tal-Imġarr.
Minkejja li  m'għadux kunsillier,
xorta għadu dispost li jagħti l-għajnuna tiegħu.

**Mob.99441502**

# GAUCI & FORMOSA

MARBLE, GRANITE & QUARTZ WORKS



WE SPECIALIZE IN
STAIRCASES,
KITCHEN TOPS,
VANITY UNITS,
FIREPLACES, FLOORS,
FAÇADES, MONUMENTS,
SCULPTURES, STATUES,
MEMORIALS
AND MORE.

16 TRIQ TAS-SRIEDAK
LIMITI TAL-MOSTA

79707643 – 99443863



# Bħalma l-pont jgħaqqad lil San Francisco max-xaqliba l-oħra tal-baħar hekk ukoll l-imħabba u x-xewqa u n-nostalġija ta' ħafna Maltin fosthom ukoll ħafna Mġarrin jgħaqqduna ħaġa waħda



**Louis Vella**
**President Onorarju u Konslu tal-Amerika**

Is-Segretarju ħabrieki tas-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa S-Sema", tal-Imġarr issa ilu xi ġimgħat li talabni nħarbex erba' kelmiet tal-okkażjoni. Iż-żmien igergbeb u f'kemm ilna ngħidu tasal il-festa. Issa ilni ngħid bejni u bejn ruħi, aħjar nara kif nagħmel u nibda nħarbex xi ħaġa. Imma fuq x'hiex se naqbad nikteb? Aħseb u ġib lil min jaħseb domt ftit imberren ġo moħħi biex insib suġġett addattat għal dan iż-żmien tal-festa ta' Santa Marija. Żmien tant għażiż għall-poplu tal-Imġarr.

Sikwit kont intella' u nniżżel f'moħħi. Jum fost l-oħrajn waqt li kont qiegħed waħdi fl-uffiċċju tiegħi, naħseb u nikkontempla u nħares mit-tieqa 'l barra filwaqt li nitpaxxa bil-veduta u bil-ġurnata sabiħa li għannqet lill-belt maestuża ta' *San Francisco*, nhewden daqqa fuq ħaġa u daqqa fuq oħra, l-attenzjoni tiegħi waqgħet fuq il-pont, li jidher sew mit-tieqa tiegħi. Dan inzerta l-ikbar pont minn numru ta' pontijiet li jgħaqqdu l-belt ta' *San Francisco* man-naħat l-oħrajn tal-bajja ta' din il-belt kbira u sabiħa. U bħal-leħħa għedt bejni u bejn ruħi, x'qiegħed nistenna? Is-suġġett jinsab quddiem għajnejja u minhiex nintebaħ! Iva, dan se jkun is-suġġet li se nikteb fuqu… il-pont. Il-pont li jgħaqqad. Il-pont li jwassal. Il-pont li jistieden. Il-pont li jġib fil-qrib il-ħsieb u x-xewqat tal-Imġarrin li jgħixu barra minn Malta mal-Imġarrin li jgħixu fil-gżira maħbuba tagħna.

Bħal mall-pont jgħaqqad lil *San Francisco* max-xaqliba l-oħra tal-baħar hekk ukoll l-imħabba u x-xewqa u n-nostalġija ta' ħafna Maltin fosthom ukoll ħafna Mġarrin jgħaqqduna ħaġa waħda ma' ħutna li jgħixu Malta, b'mod speċjali waqt l-istaġun tal-festi. Xejn ma jonqos li waħda mill-għeżeż festi fost il-ħafna festi sbieħ li jiġu ċċelebrati ġo Malta u Għawdex, hi dik ta' Marija Assunta, patruna tar-raħal pittoresk tal-Imġarr u li tiġi ċċelebrata kull sena f'Awwissu.

Ħafna huma l-għaqdiet Maltin madwar id-dinja li b'xi mod jew ieħor jiċċelebraw u jfakkru t-tlugħ fis-sema ta' Marija u li għaliha ġiet imsemmija s-Soċjetà Filarmonika tal-Imġarr. M'huwiex il-lok li noqogħdu nitkellmu fuq dawn kollha għax ma nispiċċaw qatt. Se nsemmi biss kif tiġi ċċelebrata Santa Marija fil-kommunità Maltija ta' *San Francisco*. Kif permezz ta' din iċ-ċelebrazzjoni nħossuna magħqudin bħall -pont, magħkom fl-Imġarr u ma' dawk l-inħawi l-oħra f'Malta fejn tiġi ċċelebrata din il-festa kbira.

Il-festa ta' Santa Marija ġo *San Francisco* x'aktarx li kull sena tiġi organizzata nhar ta' Sibt u li aktarx jinzerta s-Sibt lejlet il-festa ta' Santa Marija tal-Imġarr. Naturalment għall-

Imġarrin dan ifisser li l-konnessjoni mal-festa tal-Imġarr tkun iktar sinifikattiva u mil-qrib. Il-festa tiġi organizzata fil-Klabb tal-Maltin li jismu, "Maltese American Social Club of San Francisco" li m'hemmx għalfejn ngħidu jkun imżejjen għall-okkażjoni. Fost il-ferħ u d-devozzjoni, l-istatwa sabiħa ta' Santa Marija tidħol fis-sala prinċipali mdawwra bit- tfal żgħar, libsin l-abjad tal-praċett. Il-purċissjoni bl-istatwa u t-tfal timxi bil-mod minn naħa ta' wara tas-sala sa ma tasal quddiem nett waqt li jitkantaw innijiet Marjani. Mal-wasla tal-istatwa fuq quddiem tas-sala, l-istatwa tal-Madonna tiddawwar faċċata tal-folla li tkun ħonqot is-sala. In-nies tinfexx f'ċapċip u għajjat ta' ferħ u ta' "Viva Santa Marija". Il-mużika ta' marċi brijużi tkompli timla l-post u l-folla preżenti timtela' bil-ferħ u ġġedded in-nostalġija u tibda taqsam ma' xulxin esperjenzi tal-festi tal-belt jew raħal minn fejn ikunu trabbew.

Ħaġa kurjuża li tiġri kull sena u li jien niggosta ħafna hi li meta n-nies jibdew jirrakkontaw il-ġrajjiet, l-esperjenzi u l-memorji tagħhom tal-festa ta' Santa Marija, x'aktarx li kulħadd ikun qiegħed jirreferi għal-festa ta' raħal twelidu. U ħaġa tal-iskantament meta wieħed per eżempju jirrakkonta l-memorji tiegħu tal-festa tal-Imġarr, l-oħra twieġbu bil-memorji tagħha tal-festa ta' Ħ'Attard. Jew meta waħda tirrakkonta l-memorji tagħha tal-festa tal-Mosta, l-ieħor joħroġ bil-memorji tiegħu tal-festa tal-Imqabba. U oħroġ il-għaġeb kulħadd jiftiehem u kulħadd jieħu pjaċir għalkemm ftit li xejn ikunu tgħallmu fuq festi oħrajn ħlief li ġeddew il-memorji tal-festa ta' pajjiżhom stess. Ħawwad u ġib lil min iħawwad u l-fatt jibqa' li dan hu li jagħmel sabiħ, dan hu li jnissel il-ferħ, dan hu li jġedded in-nostalġija, dan hu li jqajjem il-memorji u dan hu li jgħaqqadna bħala pont fil-ħsieb u fix-xewqa magħkom Maltin… Imġarrin li tgħixu Malta u li kull sena f'Awwissu ġġeddu l-fidi, d-devozzjoni, u l-imħabba lil Marija Mtellgħa S-Sema, patruna tal-Imġarr. Nawguralkom il-festa t-tajba, festa sabiħa, festa mingħajr inkwiet miġburin taħt il-patronċinju ta' Marija.

Viva Santa Marija.


**Ixtri tifkira tal-Festa 2013**
għalik u għal qrabatek imsifrin.
**T-shirt €10**

**CD bil-kant €10**
Offerta limitata.
Jekk tixtrihom
flimkien tħallas
**€15 biss!**

*Nirringrazzjaw lill-isponsers kollha*








Dejjem fil-qrib biex insebbħulek il-ġurnata
GasanMamo
www.gasanmamo.com



**Dr. Gavin Gulia, Chairman tal-Awtorita' Maltija ghat-Turiżmu, jawguralkom il-festa t-tajba.**

Tel: 79422916 | E-mail: gavin.gulia@gov.mt | Facebook: Gavin Gulia

**Mob no: 9906 1916 or www.jgpublishers.com**




**Now you can get these set of books for the price of €100.00 instead of €130.00**



# Vella Wholesalers

**Groceries, Toileteries, Detergents & Pet Shop**

1, 2 St. Michael Street, Żebbiegħ l/o L-Imġarr

Tel: 21522805 Mob. 99837837




Għal kull tip ta' ikel u għalf għall-annimali u l-bhejjem

Ikollna għalf għaż-żwiemel

Nidħnu l-ful għall-vopi

# Vassallo Self Service

**Variety of Fruit, Veg,
Groceries and Delicatessen**

Main Street, L-Imġarr, Malta

Tel: 21579357

7905 3790

7961 9291



# Xewqati!!

Cecilia Borg Sammut

Kif nixtieq l itkun is-Soċjetà tal-Banda "Marija Mtellgħa s-Sema"! Żgur li mix-xhur kollha tas-sena, ix-xahar tal-festa jkun l-iktar wieħed impenjat għal kull każin, mod speċjali għal dak tal-banda. Anke għall-attività li ġġib magħha l-festa. Il-preparamenti jkunu ilhom għaddejjin ġmielhom biex fil-festa kollox imur kif mixtieq. Dan joħloq uġigħ ta' ras biex is-suċċess jintlaħaq. Huwa xieraq li waqt li nagħmlu sewwa nattendu għal dawn l-attivitajiet tal-festa, inżommu quddiem għajnejna l-iskop ewlieni li għalih twaqqfu l-każini tal-banda fil-gżejjer tagħna. L-iskop huwa dejjem li jgħin u jsebbaħ l-festi reliġjużi. Għalhekk l-iskop huwa tajjeb, imma dejjem irridu noqogħdu attenti li ma mmorrux 'il barra minn dan il-għan.

Irridu nbiegħdu l-każini tal-banda mill-politika. Fl-istess waqt irridu noqogħdu attenti li waqt l-entużjazmu żejjed u minħabba l-ferħ li ġġib l-festa ma nesaġerawx f'dak li nagħmlu u ngħidu xi kliem li bihom inweġġgħu lil ħaddieħor.

Xorb żejjed ukoll għandu jiġi evitat għax filwaqt li hu ħażin għas-saħħa dan ma jagħmilx ġid f'dak li ngħidu. Kif din l-għaqda mużikali għadha fil-bidu tagħha, sew li tkompli tinbena fuq prinċipji sodi, għax il-pedament huwa importanti ħafna u delikat kif jgħid il-Malti "ħu l-fama u mur orqod", għalhekk l-impressjoni ewlenija trid tkun tajba ħafna.

Jien billi għandi esperjenza ta' 50 sena kif jitmexxew il-każini tal-banda, nifhem, li qatt ma rridu nneħħu minn quddiem għajnejna li għalkemm l-għaqda tal-banda hija awtonoma, fl-istess ħin qatt ma rridu ninsew li din l-għaqda hija wkoll f'Parroċċa. Biex timxi fl-armonija trid tkun konformi mal-għaqdiet l-oħra. Dan jabbik b'responsabbiltà, li biex torganizza xi attività huwa xieraq li jkun hemm ftehim mal-għaqdiet l-oħra għall-ġid ta' kulħadd. Għax in-nies li jattendu dawn l-attivitajiet ħafna drabi jkunu l-istess nies, u jekk isir ftehim kull attività tmur aħjar.

Jien nemmen li l-biċċa l-kbira tal-Imġarrin jixtiequ r-rispett bejn għaqda u oħra kif nawgura minn qalbi. Jiena bħala membru ta' din l-għaqda nixtieq li fil-ġranet tal-festa nattendu għall-funzjonijiet tal-knisja u nersqu għall-qrar u t-tqarbin. Inħeġġu ukoll lil qrabatna jagħmlu bħalna. Dan biex tassew tkun festa sabiħa kompluta b'kollox għax flimkien mal-marċi u l-mużika li nisimgħu ma jkun jonqosna xejn, ħlief li nifirħu ma' Santa Marija li qiegħda fis-sema, biex twassalna fejn binha Ġesù.

Il-festa t-tajba.

## Il-festa tiegħi titlob is-sehem tiegħi!

Ma ngergirx, imma nkun pożittiv meta nitkellem fuq il-festa
Ngħin b'mod finanzjarju bl-aħjar mod li nista'
Ngħin jekk nista' b'mod manwali
Inħajjar nies biex jiġu għall-festa
Nipprepara ruħi sewwa bi Qrara u Tqarbina
Nattendi għall-funzjonijiet li jsiru fil-knisja fil-ġranet tal-festa
B'hekk il-festa tiegħi niċċelebraha s-sena kollha.


Fida Feeds
A Guarantee of Nutrition & Well-Being
Horse, Pig, Sheep
Layers, Dog Food
& a wide range of
Rabbit feeds
MANGIMI
LEONE
Indri Psaila street, Handaq, Qormi QRM 4000
Tel +356 21494694 Fax +356 21441799 Mobile +356 79797757
Email info@fidafeeds.com Web www.fidafeeds.com


Ta' Falzon Landrovers Ltd.
VALLEY ROAD, MSIDA. MALTA. MSD 9022
Tel: 2149 2186 - Fax: 2148 7504
James Falzon - 9949 2387 Colin Falzon - 9942 8383
email: colfal@onvol.net
www.jcfalzon.com
LAND ROVER
After you have seen the rest,
Come and buy it from the best!


WE'VE GOT WHAT YOU'RE LOOKING FOR!
MATERIAL FOR FLAGS, BANNERS AND ALL RELATED ACCESSORIES
WOOL, COTTON, POPLIN, TREVIRA, CRYPLENE, NYLON TAPE, SWIVELS, ROPES, GEORGE CROSSES AND LOTS MORE
BIBAS
YOU'LL FIND IT ALL AND MORE AT BIBAS, HOMPESCH ROAD, FGURA.
Tel: 2169 1269 E-mail: bibas@go.net.mt
5% DISCOUNT
ON PRESENTATION OF THIS ADVERT



# Ir-Riżenja li ħadd ma kien qed jistenna tal-Papa Beneditti XVI



**Kitba tal-Kav. Ġorġ Bianchi**

Fil-11 ta' Frar 2013, bħal sajjetta fil-bnazzi faqqgħet il-bomba. Il-Papa Benedittu XVI ħass li kellu jħalli t-tron ta' Pietru minħabba li ma baqax f'saħħtu biżżejjed biex jikkumbatti kontra l-ħalel kbar li qed jinħolqu minn ħin għall-ieħor. Kulħadd jifhimha li meta nħatar Papa, iż-żmien kien daħal fuqu sew u lejn l-aħħar snin saħħet 'Ir-Ragħaj Ewlieni' qabdet tnin tabilħaqq. Ħabbar li sa jtemm il-papat tiegħu fit-28 ta' Frar 2013 fit-8.00 ta' filgħaxija.

Il-Papa Joseph Ratzinger sar l-ewwel papa li rriżenja f'600 sena. F'elfejn sena tal-istorja tal-Knisja, kien hemm oħrajn li għamluha. L-aħħar wieħed li ħalla t-tron kien Gregorju XII fis-seklu 15. Il-bqija huma dawn:



**Il-Papa Benedittu XVI**

Il-Papa Pontian inħatar fis-sena 230, imma spiċċa mill-kariga wara ħames snin, minħabba li kif huwa allegat kien eżiljat lejn Sardenja.

Fi żmien l-Imperatur Ruman Diokleżjanu, il-Papa Marcellinus sab dahru mal-ħajt u xeħet ir-riżenja tiegħu fis-sena 304. Jingħad li wara ħatra li bdiet fis-sena 296, il-Papa wettaq dak li ried l-imperatur imsemmi billi offra sagrifiċċji lill-allat pagani.

L-Imperatur Kostantin II kellu sehem kbir fir-riżenja tal-Papa Martin I (649 – 655). Kien eżilja lil dan ir-Ragħaj Ewlieni tal-Knisja lejn il-Krimea u ma kellux triq oħra.

Fis-sena (964) il-Papa Benedittu V twarrab mill-Imperatur li kien fil-ħakma għax ried floku kandidat ieħor. Hawn tidher id-dittatura fl-aqwa tagħha.




**Il-Papa Pontian**

Fil-kas tal-Papa Benedittu IX li mexxa l-Knisja bejn 1032-45 seħħet ħaġa li ma tistennihiex, għall-anqas hekk hu magħruf. Biegħ il-papat tiegħu lill-Papa Gregorju VI. Min-naħa tiegħu dan il-Papa ftit dam isaħħan is-siġġu għax fis-sena ta' wara 1045/46 sab kappell jiġih fil-Papa Enriku III talli allegatament biegħ maħfriet u karigi fil-Knisja.

Il-Papa Ċelestinu V (1294) sab ruħu bħala mexxej tal-Knisja meta kellu 80 sena. Irriżenja ftit wara biex aktar tard intbagħat il-ħabs mis-suċċessur tiegħu stess.

Daħal fl-istorja tal-Knisja papa ieħor li ma ssokktax fil-kariga sakemm wasal biex jagħlaq għajnejh. Kien Gregorju XII (1406-15). Il-ħsieb ewlieni bir-riżenja bikrija tiegħu kienet biex jgħin itemm ix-Xiżma Kbira tal-Punent fi żmien li kien hemm diversi papiet.



**Il-Papa Benedittu IX**



**Il-Papa Benedittu V**




**Il-Papa Martin I**



**Il-Papa Marcellinus**



Il-Papa Gregorju VI



Il-Papa Ċelestinu V



Il-Papa Gregorju XII

***Tajjeb nagħtu xi tagħrif dwar il-Papa Benedittu XVI:**

Ma' twelidu fis-16 ta' April 1927 f'Marktl, fil-Bavarja, il-Ġermanja, ingħata l-ismijiet ta' Joseph, Aloisius Ratzinger.

Fi żmien it-tmexxija tar-reġim ta' Adolf Hitler, fl-età ta' erbatax-il sena kellu jingħaqad bħaż-żgħażagħ kollha ta' żmienu mal-fergħa *Hitlerjugend*.

Matul it-Tieni Gwerra Dinjija ħtieġlu jieqaf mill-istudji fis-seminarju ta' Traunstein għax kellu jservi mat-taqsima tad-difiża kontra l-ajruplani fi Munich. Lejn tmiem il-gwerra seħħlu jaħrab mill-armata u fis-sena 1945 inżamm għal xi żmien mill-Alleati bħala priġunier tal-gwerra.

Fid-29 ta' Ġunju 1951 kiseb l-ordni saċerdotali u nħatar kardinal f'Ġunju tal-1977.

Kien imdaħħal f'għadd ta' karigi sakemm kiseb it-Tronn ta' Pietru kif sa naraw: Bejn is-snin (1977 u 1982) serva bħala Arċisqof ta' Munich u Freising; Kardinal-qassis ta' Santa Marija Consolatrice al Tiburtino (1977 – 1993); Matul is-snin (1981 - 2005) insibuh f'diversi karigi, President Tal-Kummissjoni Teoloġika Internazzjonali,Prefett tal-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal- Fidi, President Tal-Kummissjoni Bibblika Pontifikali; Bejn 1993 u 2005 narawh Kardinal-Isqof ta' Velletri-Segnosephi, Dekan tal-Kulleġġ tal-Kardinali(2002-2005) u fl-istess waqt kien ukoll Kardinal/Isqof ta' Ostia.

Joseph Ratzinger ħa l-isem ta' Benedittu XVI meta laħaq Papa fid-19 ta' April tal-2005, biex sar wieħed mill-aktar Kapijiet tal-Knisja anzjani fl-istorja. Ta' min jgħid li qabel il-mewt tal-Papa Woytila, l-Kardinal Tedesk kien qed jaħseb biex jirtira. Min kellu jgħidlu li kellu jkun is-suċċessur ta' Papa Ġwanni Pawlu II? Bis-saħħa t'hekk sar it-tmien Papa Ġermaniż.

Matul il-papat tiegħu Benedittu seħħlu jmexxi lill-Kattolċi fi żmien diffiċli meta d-dinja nħakmet minn bidliet spissi u drammatiċi li l-Knisja kellha tħabbat wiċċha magħhom. Knisja li kif kulħadd jaf, hija istituzzjoni bi tradizzjonijiet li jmorru lura elfejn sena.

Ilkoll nafu li aħna bnedmin u xi għeltijiet iwettaqhom kulħadd f'xi ħin jew ieħor. Nemmnu bis-sħiħ li minkejja kollox qatt ma għandna nonqsu mir-rispett tagħna lejn il-Knisja li waqqafha Kristu nnifsu. Il-Papa jibqa' nfallibli fejn jidħlu d-dommi tal-fidi.

Naħtaf l-okkażjoni biex f'isem is-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema" u f'isem l-Imġarrin kollha rroddu ħajr lill-Papa Emeritus, li bla mistenni temm il-pontifikat tiegħu. Fl-istess waqt insellmu lill-eks Kardinal Arġentin bl-isem ta' Jorge Mario Bergoglio li huwa s-suċċessur tiegħu.Wara li nħatar Papa għażel l-isem ta' Franġisku I. Fil-ftit jiem mill-ħatra tiegħu bħala r-Ragħaj Spiritwali l-ġdid, l-Arġentin seraq il-qlub tal-insara madwar id-dinja. Jispikkaw fih l-umiltà, it-tjubija u l-imħabba li għandu lejn min hu fqir. Verament il-bniedem ideali għaż-żminijiet tallum.

It-tnejn li huma nwegħduhom it-talb tagħna. Nitolbu lil Alla biex jgħinhom f'dak kollu li jeħtieġu u jislifhom għomor itwal, mimli saħħa.

Viva Santa Marija, Omm l-Imġarrin.

*Referenzi: In-Nazzjon Tagħna 12.02.2013

Intom mitluba tiftakru fit-talb tagħkom fil-Kav. Ġorġ Bianchi Membru Onorarju tas-Soċjetà li mar jingħaqad mal-Mulej fid-19 ta' Lulju 2013. Il-ħidma li wettaq f'dan il-ktieb kienet l-aħħar biċċa xogħol tul il-karriera tiegħu.
Agħtih O Mulej il-Mistrieħ ta' Dejjem



# David Vella ~ 99849907

## Construction Works eċċ ...

**Bini ta' postijiet, *flats* u *farmhouses* ~ ġdid u antik**
**Bini ta' pedamenti għal serer u ġibjuni**
**Xogħol ta' alterazzjonijiet bħal tqegħid ta' travi**
**tranġar ta' *front gardens*, gallarijiet eċċ.**

* * *

**Xogħol ta' tħaffir bl-inġenji u bl-idejn**
**Ġarr ta' ħamrija u terrapien ( b'servizz ta' *hook loader* )**
**Xogħol ta' twaqqigħ ta' postijiet, kmamar, soqfa eċċ.**

* * *

**Xogħol bil-*powerflout***
**Xogħol ta' kontrabjut**
**Xogħol ta' soqfa ġodda**
**Rampi ta' garaxxijiet**
**Turġien**

* * *

**Bini u tranġar ta' *swimming pools***



# Micallef Joe Travel

93, Triq San Tumas, Ħamrun
Tel: 2122 8586 / 2722 8586 • Fax: 2122 8587 • Mob: 9947 1167
Email: info@micallefjoetravel.com
www.micallefjoetravel.com

## Micallef Joe Travel – Ġiti 2013/2014

- Ġiti ta' Ġurnata lejn Sqallija fosthom Xiri mis-Suq ta' Catania Taormina / Etna / Ragusa Ibla / Agrituriżmu Etnaland / Lago Santa Rosalia…
- Erbat ijiem lejn Taormina
- Sitt ijiem lejn Reggio Calabria
- Ħamest ijiem / Tlett ijiem / Ġurnata għal Fiera Dei Morti
- Tlett ijiem / ġurnata għal Christmas Shopping
- Tour għall-festa ta' Sant'Agata fi Frar







Kopja tal-ġiti jinġabru mill-aġenzija

**Ħadd ma' jista jurik Sqallija Aħjar!**


Vehicle
AIR-CONDITIONING
REPAIRS & SERVICING
CALL US ON
9944 3588
VZ Lines Ltd.
Garage 95 St George's Road
St Paul's Bay, SPB 3475
M: +356 99443588
VZ Lines Ltd.
Servicing and Repairs of Air-conditions


maltatransfer.com
Get on board
Hotel Transfers directly to the
doorstep of your accommodation
Airport
Shuttle
Hotel
€5
Prices starting from only €5
per person / each way
Tel: +356 21332016 • Mob: +356 79646481
E-mail: sales@maltatransfer.com • Web: www.maltatransfer.com


KopTaCo
Coaches Cooperative
Airport transfers
Point - Point transfers
School transport service
Day outings
Tours
Contact us on
79338667
21338667
info@koptaco.com


VZ Lines Ltd.
Coaches, Mini Buses & Chauffeur Driven Cars
Point - Point transfers, Airport transfers,
Tours, School transport service, Day outings
VZ Lines Ltd.
Garage 95 St George's Road
St Paul's Bay, SPB 3475
M: +356 99239663


GIB
GLOBAL INSURANCE BROKERS LTD
Home
Travel
Life
Motor
Health
Business
Marine
Liability
FREE TOWING SERVICE AVAILABLE WITH PURCHASE OF MOTOR POLICY
TERMS & CONDITONS APPLY
NOW ALSO OPEN IN B'BUGIA
'Emjo', 89, Triq Zaren Dalli, Birzebbugia
Tel: +356 21652538 / 27652538
Mob: +356 79659311
Email: jofarrugia@globalinsbro.com.mt
Global Insurance Brokers Ltd. is enrolled to carry on business of insurance broking
and regulated by the Malta Financial Services Authority



L-ewwel kunċert tal-Banda "Marija Mtellgħa s-Sema", bi preparazjoni għall-festa. Dan il-kunċert sar f'garaxx privat fi Triq Santa Marija nhar it-Tlieta 16 ta' Lulju, 2013





Just Jeans
Near the Traffic Lights
4a, Valley Road B'Kara BKR10. Tel: 21444113
Savoy Shopping Arcade, Level 2, Valletta. Tel: 21234253
Just Jeans has NO connection
with any other shops


Style with a Tile
pave your way.
Francesco Darmanin
Specialising in all types of tiling, floor wall & bathrooms
cesco@melita.com
M. 99192914
M: 79298468




the sporting suite
the healthy food shop

Gluten-free
Lactose-free
Sodium-free
Wheat-free
Maltese Agri
Diabetic

**All the above products can be found at The Sporting Suite.**

*increasing the quality of your life*

7, Father Edgar Street, Mgarr, Malta
tel:27330185 mob:79252574 email: malcolm@thesportingsuite.com
www.thesportingsuite.com

# Komplejna niktbu l-istorja…



**Bdejna nitkattru**
**L-ewwel grupp ta' bandisti frott is-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema", tal-Imġarr**
**Wara mix-xellug: Nicholas Apap Bologna (kurunetta), Matthew Vella (kurunetta), Owen Galea (kurunetta), Luca Galea (kurunetta), Maylene Muscat (klarinett), Semira Galea (flawt) u Rosemary Abela (flawt).**
**Quddiem mix-xellug: Onishia Muscat (Tanbur), Jade Marie Falzon (Alto Sax), Mro.Nicholas Vella (Surmast Direttur), Mro.Tancred Grech (Assistent Surmast), Joelle Marie Sammut (kwartin) u Andrè Muscat (Tanbur).**



# Innu tal-Banda
# Soċjetà Filarmonika
# ‘Marija Mtellgħa s-Sema’

F’jum li jnissel ferħ u hena,
F’nisġa sħiħa magħqudin,
Waqt li b’fommna ġieħ illisnu,
Tleħħen noti sbieħ ħelwin.

U b’Marija Mtellgħa s-Sema,
Lilek għammdu n-nies għaqlin,
Isem sbejjaħ ferm għal qalbna,
Għasel bnin għall-imseħbin,

Ritornell:
**Dakkar ħiltek f’leħen l-anġli,**
**Hawn fl-Imġarr niftaħru bik,**
**Bħala l-ewwel banda fostna,**
**L-ulied kollha moħħna fik.**

**Għax tfakkarna fl-Omm tas-Sema,**
**Biex ngħannulha ferħanin:**
**Sliem għalik O Verġni Mbierka,**
**L-għaxqa w ġieħ tal-Imġarrin.**

Bi twelidek stagħna r-raħal,
M’għadd ta’żgħażagħ tħalltu x-xjuħ,
Dritt fi ħdanek għall-kenn tiegħek,
Għax li twettaq b’ġid jagħrfuh.

Tħarsek sewwa l-‘Ġawhra’ tagħna,
Il-patruna tul iż-żmien,
Tgħani lilek, tieqaf miegħek,
B’dik l-imħabba bla waqfien.

Ritornell:
**Dakkar ħiltek f’leħen l-anġli,**
**Hawn fl-Imġarr niftaħru bik,**
**Bħala l-ewwel banda fostna,**
**L-ulied kollha moħħna fik.**

**Għax tfakkarna fl-Omm tas-Sema,**
**Biex ngħannulha ferħanin:**
**Sliem għalik O Verġni Mbierka,**
**L-għaxqa w ġieħ tal-Imġarrin.**

Ħal Qormi — Kav. Ġorġ Bianchi

VMS

# Vella Mechanical Services

Co. Ltd.







## CUSTOMISED SOLUTIONS

**Leading Suppliers and Stockholders of:**

- All types of hydraulic, industrial, medium & high pressure hoses
- Hydraulic & pneumatic custom made cylinders and power units
- Various types of hydraulic pumps, motors, oil coolers and control valves
- Pressure seals and o rings
- Lifting chains & belts, wire ropes/slings, ratchet straps etc...
- Computerised testing machine with certification printout of wire slings, chains etc...
- Truck part, air brake components, engine parts, clutch parts, gaskets etc...
- Repairs of truck gearbox
- Custom made mechanical cables for various cars and trucks


80's 90's & MORE
BACK IN
Time
DJ CHARLES FENECH
SAT 10TH AUGUST 2013
CLUB L.A.X.
(NUMERO UNO) TA'QALI
TICKETS €6 AT THE DOOR // HOTLINE: 7988 3311 // PHOTOS & MORE INFO ON FACEBOOK


CREATIVITY DESIGN PRINTING
sharp eye for detail
BEST
Print

Il-President u l-Kumitat
tas-Soċjetà Filarmonika
"Marija Mtellgħa s-Sema",
tal-Imġarr
jixtiequ jawguraw

# il-Festa t-Tajba

lill-poplu kollu

# tal-Imġarr

l-Accountant

# Antoine Borg

jawgura l-festa t-tajba
lill-Imġarrin kollha



tista' tagħmel kuntatt ma' Antoine Borg
fuq tel: **79030583**
email: **antoine@antoineborg.com**






**V&C**
**Contractors Ltd**
GENERAL CONTRACTORS
Vincent & Charles Borg (Directors)

*Your Trustworthy Construction Partner on the Maltese Islands*

**Excavation works | Demolition | Road works | Trenching works**
**Hire of plant and machinery | Property developers**

V&C Contractors Ltd. 'Whyte Harte' Triq il-Kostinjuz, Naxxar, NXR 6352 | Email: info@vccontractors.com
Tel: 21433086 | Fax number: 2141 5322 | Mobile Number: 7949 4951



# Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni


Abela Grocery ................................25
Add & Alt Ironmongery &
Household Goods........................17
Agius Agricultural Trading Ltd.......24
Anna Mart
Joe Falzon Undertaker ..............126
ARD discount.................................94
ARD discount.................................95
Automax Panel Beating &
Spray Painting..........................125
B. Grima & Sons Ltd ......................30
Ballut Blocks Ltd ............ inside back
Ballut Farm ..................................125
Banif Bank ...................................122
Best Print Co. Ltd .........................204
Bibas ............................................191
Blau Grana Ceramics ....................170
Blink.............................................101
BOV ...............................................16
C. Grech Marbles ...........................82
Care Cuts Unisex Salon ..................19
Carol Garage ................................123
Cavett Place ...................................18
Central Cement Limited.................39
Ciapella Garage..............................20
Clayton Gauci (Kunsillier)............124
David Agius ...................................36
David Vella Construction Works...194
David Woodworks..........................34
Debono Car Centre .......................123
Desana Granite &
Marbles Works..........................128
Dinewest ........................................34
DJ Charles Fenech ........................203
Dr Gavin Gulia.............................187
Drugsales Limited.........................121
E-scape (Attard Bros) ...................126
Eclipse Stationery ..........................50
Elio Fenech Minibus Services ......121
Elmo Insurance (Rabat Branch)......50
Fida Feeds ....................................190
Framegrip .....................................127
FX Garage Co. Ltd........................141
GasanMamo Insurance..................186
Gauci & Formosa Marble,
Granite & Quartz Works ...........183
Giovanni Gatt...............................182
Global Insurance Brokers Ltd.......196
Hair-a-Holic Unisex Hair Salon....116
Hallmann Vella.............................178
HBRhairdressing..........................117
Horace Enterprises Ltd ..................37
Il-Barri Restaurant .........................64
J & J Gauci Granite Ltd .................72
J. Bonavia & Nephews Ltd ...........175
James Debono Floor Polisher &
Floor Maintenance .....................65
Jardinland Agriproducts Ltd .........170
JB Stores ......................................166
Jesper's Danish Bakery ................167
JG Publishers ...............................187
Jimmy Vassallo (Ta' Fellusa) ..........64
JJC Construction
Services Ltd .............. outside back
Just Jeans......................................198
Karmenu Mifsud Funeral Service.199
L & R Excavations .......................101
Malta Poultry Producers .................31
Maltasupermarket.com...................30
Manuel Bezzina Co Ltd ...............162
Mario Calleja Crane Services
for Hire......................................21
Mario Sammut (Kunsillier)............23
Maritim Antonine Hotel & Spa.......22
Martin Grima Ltd.........................162
Mġarr Daily Fresh..........................66
Mġarr Farmers Snack Bar &
Bennej Restaurant....................112
Mġarr Snack Bar ............................33
Mġarr Speciality Fresh.................113
Mġarr y.n.f.c. Sports Bar Café ......177
Micallef Joe Travel .......................194
Michael Galea & Sons Ltd...........143
Mifsud Brothers ...........................113
Modern Butcher ...........................106
Muscat Pool Construction............114
Music Link ...................................115
Nails by Alison.............................132
Nenu The Artisan Baker...............116
Newwes Garage ...........................118
NM Excavations...........................117
Nutar Dr Tony Abela .......................2
Old Trafford Garage.....................119
Onor. Godrey Farrugia MP ...........179
Onor. Ian Borg (Segretarju
Parlamentari)............................174
Onor. Antoine Borg (MP).............206
Onor. Joe Cassar MP......................66
Onor. Tony Agius Decelis MP ........31
P & C Galea ................................112
Paper Dolls Boutique & Shoes .......85
Pet Station Pet Shop.....................119
Ph. Borg Ltd.................................171
Pinkishline......................................91
President Sur Giovanni Gatt ...........11
Pullicin Developers Ltd ...............171
Pullicin Skip Hire.........................171
QLED ............................................90
Raymond Muscat Photography.......26
RFL Towing Service ....................111
RPJ Tyres .........................................4
Sammut Concrete Supplies ............14
Saviour Bugeja Tile Layer ...........177
Shamba Fresh Fruit &
Vegetables ...............................101
Sheet Metal Art Works ...................28
Smart Supermarket...........................3
Snow White Meat &
Poultry Market ...........................87
Sogno Bagno ................................111
Spiteri Plant Imports ......................87
Stitch by Stitch .............................101
Style with a Tile ...........................198
Sun Island Nurseries Ltd..............175
Sunripe ........................................145
Supreme Travel ............................163
Swan Laundry &
Dry Cleaning Co. Ltd ................15
Ta' Falzon Landrovers Ltd...........191
Ta' L-Ingliż Fenkata Restaurant......16
Ta' Soldi Restaurant .......................86
Taċ-Ċanti Bar & Restaurant............16
Tal-Metalla (JGS Co. Ltd) .............18
Tal-Plitt ..........................................27
Tal-Qiegħa Snack Bar ..................133
Tal-Vaxxel Mini Excavation &
Demolition Works........inside front
The Exiles ....................................120
The Hatch café-bar.......................145
The Professionals .........................197
The Sporting Suite .......................199
Tomabina Wine Room .................133
Twanny Zammit .............................96
United Bar & Restaurant.................89
Upward Door Systems Ltd............141
USASFUSO .................................128
V & A Detergent Shop ...................50
V&C Contractors Ltd...................207
Vassallo Self Service....................188
Vella Mechanical Services ...........202
Vella Mini Market ..........................96
Vella Supermarket ..........................96
Vella Wholesalers.........................188
VZ Lines Ltd ................................195
Zebra Watertanks .........................127